EBA Public

EBA/GL/2022/03

18 ta’ Marzu 2022

# Linji gwida

## dwar il-proċeduri u l-metodoloġiji komuni għall-proċess ta’ reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP) u l-ittestjar tal-istress superviżorju

# Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 [1]. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk ikunux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 27.12.2022. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2022/03". Notifiki għandhom jintbagħtu minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus tal-konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# Titolu 1: Suġġett, definizzjonijiet, livell ta' applikazzjoni u implimentazzjoni

## 1.1 Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw il-proċeduri u l-metodoloġiji komuni għall-funzjonament tal-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP) imsemmi fl-Artikoli 97 u 107(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE[2], inklużi dawk għall-valutazzjoni tal-organizzazzjoni u t-trattament tar-riskji, inklużi l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, imsemmija fl-Artikolu 76 sa 87 ta' dik id-Direttiva u l-proċessi u l-azzjonijiet imwettqa b'referenza għall-Artikoli 98, 100, 101, 102, 104, 104a, 104b, 104c, 105, 107(1)(b) u 117 ta' dik id-Direttiva. "Barra minn hekk, dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jipprovdu metodoloġiji komuni li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti meta jwettqu testijiet tal-istress superviżorji fil-kuntest tal-SREP tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 100(2) tad-Direttiva 2013/36/UE."

6. Dawn il-linji gwida ma jistabbilixxux metodoloġiji għat-testijiet tal-istress imwettqa mill-EBA f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010; madankollu, dawn jiddeskrivu l-firxa tat-testijiet tal-istress u jgħinu biex jiġi stabbilit il-kuntest xieraq għall-kunsiderazzjoni ta' testijiet tal-istress futuri tal-EBA bħala parti waħda mit-testijiet tal-istress superviżorji.

7. Dawn il-linji gwida jindirizzaw lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punti (i) u (viii), tar-Regolament tal-EBA.

## 1.2 Definizzjonijiet

8. "Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u ddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013[3], fid-Direttiva 2013/36/UE, fid-Direttiva 2014/59/UE[4] jew fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet[5], għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida". Għall-finijiet tal-linji gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

---

[2] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

[4] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

[5] Linji Gwida tal-EBA dwar l-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet (EBA/GL/2018/04)

“Superviżur fil-qasam tal-AML/CFT” tfisser awtorità kompetenti responsabbli mis-superviżjoni tal-konformità tal-istituzzjonijiet mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849.

“Rekwiżiti ta’ bafer kapitali” tfisser ir-rekwiżiti ta’ fondi proprji speċifikati fil-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE.

“Istituzzjoni konsolidanti” tfisser istituzzjoni li hija meħtieġa tosserva r-rekwiżiti prudenzjali abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata skont il-Parti 1, Titolu 2, Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.”

“Riskju ta’ imġiba” tfisser ir-riskju attwali jew prospettiv ta’ telf lil istituzzjoni li jirriżulta minn każijiet ta’ imġiba ħażina volontarja jew negliġenti, inkluż il-forniment mhux xieraq ta’ servizzi finanzjarji.

“Kapaċità ta’ kontrobilanċ” tfisser il-kapaċità tal-istituzzjoni li żżomm likwidità eċċessiva fuq perjodu ta’ żmien qasir, medju u fit-tul, jew li jkollha aċċess għal din il-likwidità, b’reazzjoni għal xenarji ta’ stress.

“Riskju ta’ firxiet tal-kreditu” tfisser ir-riskju li ġej minn bidliet fil-valur tas-suq tal-istrumenti finanzjarji tad-dejn minħabba varjazzjonijiet fil-firxa tal-kreditu tagħhom.

“Riskju ta’ finanzjament” tfisser ir-riskju li l-istituzzjoni mhux ser ikollha sorsi stabbli ta’ finanzjament fit-terminu medju u fit-tul, li jirriżulta fir-riskju attwali jew prospettiv li ma tkunx tista’ tissodisfa l-obbligi finanzjarji tagħha, bħall-pagamenti u l-ħtiġijiet kollaterali, meta dawn ikunu dovuti fuq terminu ta’ żmien medju sa fit-tul, kemm kompletament jew mingħajr ma jiżdiedu l-ispejjeż tal-finanzjament b’mod mhux aċċettabbli.

“Self FX” tfisser self lil mutwatarji, irrispettivament mill-forma ġuridika tal-faċilità ta’ kreditu (eż. inklużi ħlasijiet differiti jew akkomodazzjonijiet finanzjarji simili), f’muniti li mhumiex dawk tal-valuta legali tal-pajjiż li fih huwa domiċiljat il-mutwatarju.

“Riskju ta’ self FX” tfisser ir-riskju attwali jew prospettiv għall-qligħ tal-istituzzjoni u l-fondi proprji li jirriżultaw mis-self FX lil mutwatarji mhux iħħeġġjati.

“Proċess ta’ valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital (ICAAP)” tfisser il-proċess għall-identifikazzjoni, il-kejl, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-kapital intern implimentat mill-istituzzjoni skont l-Artikolu 73 tad-Direttiva 2013/36/UE.

“Proċess ta’ valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-likwidità (ILAAP)” tfisser il-proċess għall-identifikazzjoni, il-kejl, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-likwidità implimentat mill-istituzzjoni skont l-Artikolu 86 tad-Direttiva 2013/36/UE.

“Kategorija tal-istituzzjoni” tfisser l-indikatur tal-importanza sistemika assenjata tal-istituzzjoni bbażata fuq id-daqs tal-istituzzjoni u l-kumplessità u l-kamp ta’ applikazzjoni tal-attivitajiet tagħha.

"Riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax" (IRR) tfisser ir-riskju attwali jew prospettiv għall-qligħ tal-istituzzjoni u l-fondi proprji li jirriżultaw minn movimenti negattivi fir-rati tal-imgħax.

"Likwidità dakinhar stess" tfisser il-fondi li jistgħu jiġu aċċessati matul il-jum tan-negozju biex l-istituzzjoni tkun tista' tagħmel pagamenti fil-ħin reali.

"Riskju ta' likwidità dakinhar stess" tfisser ir-riskju attwali jew prospettiv li l-istituzzjoni mhux ser jirnexxielha timmaniġġja l-ħtiġijiet ta' likwidità dakinhar stess tagħha b'mod effettiv.

"Riskju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT)" tfisser riskju ta' telf minħabba l-ksur tal-kunfidenzjalità, in-nuqqas ta' integrità ta' sistemi u *data*, l-inadegwatezza jew in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' sistemi u data, jew in-nuqqas ta' kapaċità għall-bdil tal-IT fi żmien u bi spejjeż raġonevoli meta r-rekwiżiti tal-ambjent jew tan-negozju jinbidlu (jiġifieri l-aġilità)."

"Rekwiżit makroprudenzjali" jew "miżura" tfisser rekwiżit jew miżura imposti minn awtorità kompetenti jew nominata biex jindirizzaw riskju makroprudenzjali jew sistemiku.

"Munita materjali" tfisser munita li fiha l-istituzzjoni jkollha karta bilanċjali materjali jew pożizzjonijiet barra l-karta bilanċjali.

"Riskju ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu (ML/TF)" tfisser ir-riskju kif definit fil-Linji Gwida tal-EBA ta' Superviżjoni Bbażata fuq ir-Riskju[6].

"Rekwiżit kapitali ġenerali (OCR)" tfisser is-somma tar-rekwiżit kapitali totali SREP (TSCR), ir-rekwiżiti ta' bafer kapitali u r-rekwiżiti makroprudenzjali, meta espressi bħala rekwiżiti ta' fondi proprji.

"Rekwiżit ġenerali tal-proporzjon ta' ingranaġġ (OLRR)" tfisser is-somma tar-rekwiżit totali tal-proporzjon ta' ingranaġġ SREP (TSLRR) u r-rekwiżit ta' bafer tal-proporzjon ta' ingranaġġ ta' G-SII f'konformità mal-Artikolu 92(1a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

"Valutazzjoni SREP ġenerali" tfisser il-valutazzjoni aġġornata tal-vijabbiltà ġenerali ta' istituzzjoni bbażata fuq valutazzjoni tal-elementi SREP.

"Punteġġ SREP ġenerali" tfisser l-indikatur numeriku tar-riskju ġenerali għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni bbażat fuq il-valutazzjoni SREP ġenerali.

"Gwida tal-pilastru 2 (P2G)" tfisser il-livell u l-kwalità tal-fondi proprji li l-istituzzjoni hija mistennija li jkollha 'l fuq mill-OCR tagħha, iddeterminati skont il-kriterji speċifikati f'dawn il-linji gwida."

[6] Linji gwida tal-EBA dwar il-karatteristiċi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u s-superviżjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu, u l-passi li għandhom jittieħdu meta titwettaq is-superviżjoni bbażata fuq is-sensittività għar-riskju skont l-Artikolu 48(10) tad-Direttiva (UE) 2015/849 (li temenda l-Linji Gwida Konġunti ESAs 2016 72) ("il-Linji Gwida ta' Superviżjoni Bbażata fuq ir-Riskju") (EBA/GL/2021/16).

"Gwida tal-pilastru 2 għar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv (P2G-LR)" tfisser il-livell u l-kwalità tal-fondi proprji li l-istituzzjoni hija mistennija li jkollha 'l fuq mill-OLRR tagħha, iddeterminati f'konformità mal-kriterji speċifikati f'dawn il-linji gwida.

"Rekwiżit tal-pilastru 2 (P2R)" jew "rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji" tfisser ir-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji imposti f'konformità mal-Artikolu 104(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE biex jiġu indirizzati riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv.

"Rekwiżit tal-Pilastru 2 għar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv (P2R-LR)" jew "rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv" tfisser ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali imposti f'konformità mal-Artikolu 104(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv.

"Riskju reputazzjonali" tfisser ir-riskju attwali jew prospettiv għall-qligħ, il-fondi proprji jew il-likwidità tal-istituzzjoni li jirriżultaw minn dannu lir-reputazzjoni tal-istituzzjoni.

"Aptit għar-riskju" tfisser il-livell aggregat u t-tipi ta' riskji li l-istituzzjoni lesta li tieħu fi ħdan il-kapaċità tagħha tar-riskju, b'mod konformi mal-mudell tan-negozju tagħha, sabiex tilħaq l-objettivi strateġiċi tagħha.

"Punteġġ tar-riskju" tfisser l-espressjoni numerika li tiġbor fil-qosor il-valutazzjoni superviżorja ta' riskju individwali għall-kapital, il-likwidità u l-finanzjament billi tirrappreżenta l-probabbiltà li riskju se jkollu impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni (pereżempju telf potenzjali) wara li tqis il-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju u qabel il-kunsiderazzjoni tal-kapaċità tal-istituzzjoni biex timmitiga ir-riskju permezz ta' riżorsi tal-kapital jew tal-likwidità disponibbli."

"Riskji għall-kapital" tfisser riskji differenti li, jekk jimmaterjalizzaw, ser ikollhom impatt prudenzjali sinifikanti fuq il-fondi proprji tal-istituzzjoni matul it-12-il xahar li jmiss. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, riskji koperti mill-Artikoli 79 sa 87 tad-Direttiva 2013/36/UE.

"Riskji għal-likwidità u l-finanzjament" tfisser riskji differenti li, jekk jimmaterjalizzaw, ser ikollhom impatt prudenzjali sinifikanti fuq il-likwidità tal-istituzzjoni fuq perjodi ta' żmien differenti.

"Element SREP" tfisser waħda minn dawn li ġejjin: analiżi tal-mudell tan-negozju, valutazzjoni tal-governanza interna u kontrolli tar-riskju fl-istituzzjoni kollha, valutazzjoni tar-riskji għall-kapital, valutazzjoni tal-kapital SREP, valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament, jew valutazzjoni tal-likwidità SREP.

"Riskju FX strutturali" tfisser ir-riskju li jirriżulta mill-ekwità miżmuma li ntużat f'fergħat lil hinn mill-kosta u sussidjarji f'munita differenti mill-munita tar-rapportar tal-impriża prinċipali.

“Punti ta’ riferiment superviżorji” tfisser għodod kwantitattivi speċifiċi għar-riskju żviluppati mill-awtorità kompetenti sabiex tipprovdi stima tal-fondi proprji meħtieġa biex ikopru riskji jew elementi ta’ riskji mhux koperti mir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

“Perjodu ta’ sopravivenza” tfisser il-perjodu li matulu l-istituzzjoni tista’ tkompli topera taħt kundizzjonijiet ta’ stress u xorta tissodisfa l-obbligazzjonijiet ta’ ħlas tagħha.

“Ammont ta’ skopertura totali għar-riskju (TREA)” tfisser l-ammont ta’ skopertura totali għar-riskju kif definit fl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

“Rekwiżit kapitali totali SREP (TSCR)” tfisser is-somma tar-rekwiżiti ta’ fondi proprji kif speċifikat fl-Artikolu 92(1), il-punti (a) sa (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-rekwiżiti addizzjonali ta’ fondi proprji ddeterminati f’konformità mal-kriterji speċifikati f’dawn il-linji gwida biex jiġu indirizzati riskji għajr ir-riskju ta’ ingranaġġ eċċessiv.

“Rekwiżit totali tal-proporzjon ta’ ingranaġġ SREP (TSLRR)” tfisser is-somma tar-rekwiżiti ta’ fondi proprji kif speċifikat fl-Artikolu 92(1), il-punt (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-rekwiżiti addizzjonali ta’ fondi proprji ddeterminati f’konformità mal-kriterji speċifikati f’dawn il-linji gwida biex jiġi indirizzat ir-riskju ta’ ingranaġġ eċċessiv.

“Mutwatarji mhux iħħeġġjati” tfisser mutwatarji bl-imnut u ta’ SMEs mingħajr ħeġġ naturali jew finanzjarja li huma esposti għal diskrepanza fil-munita bejn il-munita tas-self u l-munita tal-ħeġġ; il-ħeġġijiet naturali jinkludu, b’mod partikolari, każijiet fejn il-mutwatarji jirċievu introjtu f’munita barranija (pereżempju rimessi/irċevuti ta’ esportazzjoni), filwaqt li l-ħeġġijiet finanzjarji normalment jippreżumu li jkun hemm kuntratt ma’ istituzzjoni finanzjarja.

“Punteġġ tal-vijabbiltà” tfisser l-espressjoni numerika li tiġbor fil-qosor il-valutazzjoni superviżorja ta’ element SREP u tirrappreżenta indikazzjoni tar-riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni li jirriżulta mill-element SREP ivvalutat.

## 1.3 Livell ta’ applikazzjoni

9. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw dawn il-linji gwida f’konformità mal-livell ta’ applikazzjoni determinat fl-Artikolu 110 tad-Direttiva 2013/36/UE b’mod konformi mar-rekwiżiti u r-rinunzji użati skont l-Artikoli 108 u 109 tad-Direttiva 2013/36/UE.

10. Għall-impriżi prinċipali u s-sussidjarji inklużi fil-konsolidazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġustaw il-fond u l-livell tal-granularità tal-valutazzjonijiet tagħhom biex jikkorrispondu mal-livell ta’ applikazzjoni stabbilit fir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 speċifikati fl-Ewwel Parti, it-Titolu II ta’ dak ir-Regolament, b’mod partikolari rikonoxximent ta’ rinunzji applikati skont l-Artikoli 7, 10 u 15 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2013/36/UE.

11. Meta istituzzjoni jkollha sussidjarja fl-istess Stat Membru, iżda ma jkunu ngħataw l-ebda rinunzji speċifikati fl-Ewwel Parti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, approċċ proporzjonat għall-

valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital u tal-likwidità tista' tiġi applikata billi tiffoka fuq il-valutazzjoni tal-allokazzjoni tal-kapital u tal-likwidità fl-entitajiet u l-impedimenti potenzjali għat-trasferibbiltà tal-kapital jew tal-likwidità fi ħdan il-grupp.

12. Għal gruppi transfruntiera, ir-rekwiżiti proċedurali għandhom jiġu applikati b'mod koordinat fi ħdan il-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri stabbiliti skont l-Artikolu 116 jew 51 tad-Direttiva 2013/36/UE. It-Titolu 11 jispjega d-dettalji ta' kif dawn il-linji gwida japplikaw għall-gruppi transfruntiera u l-entitajiet tagħhom.

13. Meta istituzzjoni tkun stabbiliet sottogrupp ta' likwidità skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-valutazzjoni tagħhom tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament, u japplikaw miżuri superviżorji, għall-entitajiet koperti minn tali sottogrupp fil-livell tas-sottogrupp ta' likwidità.

## 1.4 Data ta' applikazzjoni

14. Dawn il-linji gwida aġġornati japplikaw mill-1 ta' Jannar 2023. []

## 1.5 Tħassir

15. Il-Linji Gwida tal-EBA dwar proċeduri u metodoloġiji komuni għall-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP) u l-ittestjar tal-istress superviżorju tad-19 ta' Diċembru 2014 (EBA/GL/2014/13) u l-linji gwida emendatorji tad-19 ta' Lulju 2018 (EBA/GL/2018/03) jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2023. Ir-referenzi għal-Linji Gwida mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenza għal dawn il-linji gwida.

# Titolu 2: L-SREP komuni

## 2.1 Prospett tal-qafas komuni tal-SREP

16. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-SREP ta' istituzzjoni jkopri l-oqsma li ġejjin:

a. kategorizzazzjoni tal-istituzzjoni u reviżjoni perjodika ta' din il-kategorizzazzjoni;

b. monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin;

c. analiżi tal-mudell tan-negozju (BMA);

d. valutazzjoni tal-governanza interna u kontrolli fl-istituzzjoni kollha;

e. valutazzjoni tar-riskji għall-kapital;

f. valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità;

g. valutazzjoni tal-adegwatezza tal-fondi proprji tal-istituzzjoni;

h. valutazzjoni tal-adegwatezza tar-riżorsi ta' likwidità tal-istituzzjoni;

i. valutazzjoni ġenerali tal-SREP; u

j. miżuri superviżorji (u miżuri ta' intervent bikri, fejn meħtieġa).

### 2.1.1 Kategorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet

17. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkategorizzaw l-istituzzjonijiet kollha taħt il-mandat superviżorju tagħhom fil-kategoriji li ġejjin:

- Kategorija 1 – l-istituzzjonijiet kollha definiti bħala "istituzzjonijiet kbar" skont l-Artikolu 4(1), il-punt (146) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u, kif xieraq, istituzzjonijiet oħra ddeterminati minn awtoritajiet kompetenti, abbażi ta' valutazzjoni tad-daqs u tal-organizzazzjoni interna tal-istituzzjoni u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jikklassifikaw "istituzzjonijiet kbar" taħt l-Artikolu 4(1)(146) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li ma humiex G-SIIs jew O-SIIs bħala istituzzjonijiet tal-Kategorija 2, kif xieraq, abbażi tal-valutazzjoni tal-profil tar-riskju tal-istituzzjoni.

- Kategorija 2 – istituzzjonijiet medji sa kbar għajr dawk inklużi fil-Kategorija 1 li ma humiex "istituzzjoni żgħira u mhux kumplessa" kif definit fil-punt (145) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u joperaw domestikament jew b'attivitajiet transfruntiera mdaqqsa, f'diversi linji tan-negozju, inklużi attivitajiet

mhux bankarji, u joffru prodotti ta' kreditu u finanzjarji lil klijenti fil-livell tal-konsumatur u dawk korporattivi; istituzzjonijiet speċjalizzati mhux sistemikament importanti b'ishma sinifikanti tas-suq fil-linji tan-negozju jew tas-sistemi ta' pagament tagħhom, jew skambji finanzjarji; istituzzjonijiet meqjusa importanti, minħabba d-daqs, l-attivitajiet, jew il-mudell tan-negozju tagħhom (eż. istituzzjonijiet ċentrali ta' IPS, CCPs, CSDs, banek kooperattivi ċentrali jew banek ta' tfaddil ċentrali), għall-ekonomija (eż. f'termini tal-assi totali fuq il-prodott domestiku gross – TA/PDG) jew għas-settur bankarju fi Stat Membru partikolari.

- Kategorija 3 – istituzzjonijiet żgħar sa medji għajr dawk inklużi fil-Kategoriji 1 u 2, li ma humiex "istituzzjoni żgħira u mhux kumplessa" kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (145) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u li joperaw domestikament jew b'operazzjonijiet transfruntiera mhux sinifikanti, u li joperaw f'għadd limitat ta' linji tan-negozju, li joffru fil-biċċa l-kbira prodotti ta' kreditu lil klijenti fil-livell tal-konsumatur u dawk korporattivi b'offerta limitata ta' prodotti finanzjarji; istituzzjonijiet speċjalizzati b'ishma tas-suq inqas sinifikanti fil-linji tan-negozju jew tas-sistemi ta' pagament tagħhom, jew skambji finanzjarji.

- Kategorija 4 – l-istituzzjonijiet kollha definiti bħala "istituzzjoni żgħira u mhux kumplessa" skont l-Artikolu 4(1), il-punt (145) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-istituzzjonijiet żgħar mhux kumplessi l-oħrajn kollha li ma jaqgħux fil-Kategoriji 1 sa 3 (eż. b'ambitu limitat tal-attivitajiet u ishma tas-suq mhux sinifikanti fil-linji tan-negozju tagħhom).

18. Il-kategorizzazzjoni għandha tirrifletti l-valutazzjoni ta' riskju sistemiku maħluq mill-istituzzjonijiet għas-sistema finanzjarja. Għandha tintuża mill-awtoritajiet kompetenti bħala bażi għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif speċifikat fit-Taqsima 2.4, u mhux bħala mezz biex tirrifletti l-kwalità ta' istituzzjoni.

19. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibbażaw il-kategorizzazzjoni fuq *data* ta' rapportar superviżorju u fuq informazzjoni derivata mill-analiżi preliminari tal-mudell tan-negozju (ara t-Taqsima 4.2). Il-kategorizzazzjoni għandha tiġi riveduta perjodikament, jew fil-każ ta' avveniment korporattiv sinifikanti, bħal ċessjoni, fużjoni jew akkwist kbir, azzjoni strateġika importanti, eċċ.

### 2.1.2 Valutazzjoni kontinwa tar-riskji

20. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kontinwament ir-riskji li l-istituzzjoni hija jew tista' tkun esposta għalihom permezz tal-attivitajiet li ġejjin:

   a. monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin kif speċifikat fit-Titolu 3;

   b. analiżi mudell tan-negozju kif speċifikat fit-Titolu 4;

c. valutazzjoni tal-governanza interna u l-kontrolli fl-istituzzjoni kollha kif speċifikat fit-Titolu 5;

d. valutazzjoni tar-riskji għall-kapital kif speċifikat fit-Titolu 6; u

e. valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament kif speċifikat fit-Titolu 8.

21. Il-valutazzjonijiet għandhom jitwettqu f'konformità mal-kriterji ta' proporzjonalità speċifikati fit-Taqsima 2.4. Il-valutazzjonijiet għandhom jiġu riveduti fid-dawl ta' informazzjoni ġdida.

22. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li s-sejbiet tal-valutazzjonijiet deskritti hawn fuq:

a. ikunu dokumentati b'mod ċar fis-sommarju tas-sejbiet;

b. ikunu riflessi f'punteġġ assenjat f'konformità mal-gwida speċifika mogħtija fit-titolu speċifiku għall-elementi ta' dawn il-linji gwida;

c. jappoġġjaw il-valutazzjonijiet ta' elementi oħrajn jew iwasslu għal investigazzjoni fil-fond tal-inkonsistenzi bejn il-valutazzjonijiet ta' dawn l-elementi;

d. jikkontribwixxu għall-valutazzjoni u l-punteġġ tal-SREP ġenerali; u

e. iwasslu għal miżuri superviżorji, fejn ikun xieraq, u jinformaw id-deċiżjonijiet li ttieħdu għal dawn il-miżuri.

### 2.1.3 Valutazzjoni perjodika tal-adegwatezza tal-kapital u tal-likwidità

23. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu perjodikament l-adegwatezza tal-fondi proprji u l-likwidità tal-istituzzjoni biex jipprovdu kopertura soda tar-riskji li l-istituzzjoni hija jew tista' tkun esposta għalihom permezz tal-valutazzjonijiet li ġejjin:

a. Valutazzjoni tal-kapital tal-SREP kif speċifikat fit-Titolu 7; u

b. Valutazzjoni tal-likwidità tal-SREP kif speċifikat fit-Titolu 9.

24. Il-valutazzjonijiet perjodiċi għandhom jitwettqu f'konformità mal-kriterji ta' proporzjonalità speċifikati fit-Taqsima 2.4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu valutazzjonijiet aktar frekwenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-valutazzjoni fid-dawl ta' sejbiet ġodda materjali mill-valutazzjoni tar-riskju tal-SREP fejn l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw li s-sejbiet jista' jkollhom impatt materjali fuq il-fondi proprji u/jew ir-riżorsi ta' likwidità tal-istituzzjoni.

25. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li s-sejbiet tal-valutazzjonijiet:

a. ikunu dokumentati b'mod ċar f'sommarju;

b. ikunu riflessi fil-punteġġ assenjat għall-adegwatezza tal-kapital u l-adegwatezza tal-likwidità tal-istituzzjoni, f'konformità mal-gwida pprovduta fit-titolu speċifiku għall-elementi;

c. jikkontribwixxu għall-valutazzjoni u l-punteġġ tal-SREP ġenerali; u

d. iqisu r-rekwiżit superviżorju, u jinformaw dwaru, biex l-istituzzjoni żżomm fondi proprji u/jew riżorsi ta' likwidità fl-eċċess tar-rekwiżiti minimi speċifikati fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew għal miżuri superviżorji oħrajn, kif xieraq.

### 2.1.4 Valutazzjoni SREP ġenerali

26. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kontinwament il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u l-vijabbiltà tagħha permezz tal-valutazzjoni SREP ġenerali kif speċifikat fit-Titolu 10. Permezz tal-valutazzjoni SREP ġenerali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-potenzjal li r-riskji jikkawżaw il-falliment tal-istituzzjoni skont l-adegwatezza tal-fondi proprji u r-riżorsi tal-likwidità, il-governanza, il-kontrolli u/jew il-mudell tan-negozju jew l-istrateġija tagħha, u minn dan, il-ħtieġa li jittieħdu miżuri ta' intervent bikri, u/jew li jiġi ddeterminat jekk l-istituzzjoni tistax titqies li qed tfalli jew aktarx tfalli.

27. Il-valutazzjoni għandha tiġi riveduta kontinwament fid-dawl tas-sejbiet mill-valutazzjonijiet tar-riskju jew l-eżitu tal-kapital tal-SREP u l-valutazzjonijiet ta' likwidità tal-SREP.

28. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li s-sejbiet tal-valutazzjonijiet:

a. ikunu riflessi fil-punteġġ assenjat għall-vijabbiltà ġenerali tal-istituzzjoni, f'konformità mal-gwida pprovduta fit-Titolu 10;

b. ikunu dokumentati b'mod ċar f'sommarju tal-valutazzjoni SREP ġenerali li tinkludi l-punteġġi assenjati tal-SREP (ġenerali u għal elementi individwali) u kwalunkwe sejba superviżorja magħmula matul it-12-il xahar ta' qabel; u

c. jiffurmaw il-bażi għad-determinazzjoni superviżorja ta' jekk l-istituzzjoni tistax tiġi kkunsidrata bħala "qed tfalli jew aktarx tfalli" skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE.

### 2.1.5 Djalogu ma' istituzzjonijiet, applikazzjoni tal-miżuri superviżorji u s-sejbiet tal-komunikazzjoni

29. Skont il-mudell ta' inkarigu minimu, kif speċifikat fit-Taqsima 2.4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jidħlu fi djalogu mal-istituzzjonijiet biex jivvalutaw l-elementi individwali tal-SREP, kif ipprovdut fit-titoli speċifiċi għall-elementi.

30. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni SREP ġenerali u skont il-valutazzjonijiet tal-elementi individwali tal-SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu miżuri superviżorji kif speċifikat fit-Titolu 10. Il-miżuri superviżorji f'dawn il-linji gwida huma miġbura kif ġej:

a. miżuri kapital;

b. miżuri ta' likwidità; u

c. miżuri superviżorji oħrajn (inklużi miżuri ta' intervent bikri).

31. Meta s-sejbiet mill-monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin, il-valutazzjoni tal-elementi SREP jew kwalunkwe attività superviżorja oħra jeħtieġu l-applikazzjoni ta' miżuri superviżorji biex jindirizzaw tħassib immedjat, l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jistennew li titlesta l-valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP u l-aġġornament tal-valutazzjoni SREP ġenerali, iżda jiddeċiedu dwar il-miżuri meħtieġa biex is-sitwazzjoni vvalutata tiġi rrettifikata, u mbagħad jgħaddu għall-aġġornament tal-valutazzjoni SREP ġenerali.

32. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jidħlu fi djalogu bbażat fuq l-eżiti tal-valutazzjoni SREP ġenerali, flimkien ma' miżuri superviżorji assoċjati, u jinformaw lill-istituzzjoni fl-aħħar tal-proċess dwar il-miżuri superviżorji li hija obbligata li tikkonforma magħhom kif deskritt fit-Taqsima 2.4.

## 2.2 Punteġġ fl-SREP

33. "L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassenjaw punteġġi tar-riskju u tal-vijabbiltà biex jiġbru fil-qosor l-eżiti tal-valutazzjoni ta' diversi kategoriji u elementi tar-riskju fil-qafas SREP.

34. "Fil-valutazzjoni tal-kategoriji tar-riskju individwali u l-elementi tal-SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw firxa ta' punteġġi – 1 (riskju baxx), 2 (riskju medju baxx), 3 (riskju medju għoli) u 4 (riskju għoli) – li jirriflettu l-perspettiva superviżorja abbażi tat-tabelli tal-punteġġi rilevanti f'kull titolu speċifiku għall-element.' L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-"kunsiderazzjonijiet" ta' akkumpanjament mogħtija f'dawn it-tabelli bħala gwida biex jappoġġjaw il-ġudizzju superviżorju (jiġifieri, ma huwiex meħtieġ li l-istituzzjoni tissodisfa l-"kunsiderazzjonijiet" kollha marbuta ma' punteġġ ta' "1" biex tikseb punteġġ ta' "1"), u/jew jiżviluppawhom aktar jew iżidu kunsiderazzjonijiet addizzjonali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassenjaw punteġġ ta' "4" biex jirriflettu l-agħar valutazzjoni possibbli (jiġifieri anke jekk il-pożizzjoni tal-istituzzjoni tkun agħar minn dik prevista mill-"kunsiderazzjonijiet" għal punteġġ ta' "4", xorta għandu jingħata punteġġ ta' "4").

35. Meta jimplimentaw il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jintroduċu punteġġ aktar granulari għall-iskopijiet interni tagħhom, bħall-ippjanar tar-riżorsi, sakemm jiġi rrispettat il-qafas ta' punteġġ ġenerali mogħti f'dawn il-linji gwida.

36. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li dawn il-punteġġi kollha jiġu riveduti b'mod regolari, tal-anqas bil-frekwenza definita fit-Taqsima 2.4 u mingħajr dewmien żejjed fuq il-bażi ta' sejbiet materjali jew żviluppi ġodda.

### 2.2.1 Punteġġi tar-riskju

37. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassenjaw punteġġi tar-riskju għar-riskji individwali għall-kapital skont il-kriterji speċifikati fit-Titolu 6, u punteġġi għar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament skont il-kriterji speċifikati fit-Titolu 8. Dawn il-punteġġi jirrappreżentaw il-probabbiltà li riskju se jkollu impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni (pereżempju telf potenzjali), wara li titqies il-kwalità tal-kontrolli tar-riskju biex jiġi mmitigat dan l-impatt (jiġifieri riskju residwu), iżda qabel ma titqies il-kapaċità tal-istituzzjoni li tnaqqas ir-riskju permezz tar-riżorsi tal-kapital jew tal-likwidità disponibbli.

38. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-punteġġ tar-riskju b'mod predominanti permezz ta' valutazzjoni tar-riskju inerenti, iżda dawn għandhom jirriflettu wkoll kunsiderazzjonijiet dwar il-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju. B'mod partikolari, l-adegwatezza tal-ġestjoni u tal-kontrolli tista' żżid jew – f'xi każijiet – tnaqqas ir-riskju ta' impatt prudenzjali sinifikanti (jiġifieri l-kunsiderazzjonijiet relatati mar-riskju inerenti jistgħu jissottovalutaw jew jivvalutaw iżżejjed il-livell tar-riskju skont l-adegwatezza tal-ġestjoni u l-kontrolli). Il-valutazzjoni tar-riskju inerenti u tal-adegwatezza tal-ġestjoni u tal-kontrolli għandha ssir b'referenza għall-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabelli 4 sa 7 u 9 u 10.

39. Fl-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw metodi differenti biex jiddeċiedu dwar punteġġi tar-riskju individwali. Il-livelli tar-riskju inerenti u l-kwalità tal-ġestjoni u tal-kontrolli tar-riskju jistgħu jingħataw punteġġi b'mod separat (li jirriżultaw f'punteġġ intermedju u finali) jew b'mod aggregat. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jintroduċu wkoll metodoloġiji ta' aggregazzjoni li jippermettu l-aggregazzjoni tal-punteġġi relatati mar-riskji individwali tal-kapital u tal-likwidità kif ukoll tal-finanzjament.

### 2.2.2 Punteġġi tal-vijabbiltà inkluż punteġġ SREP ġenerali

40. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassenjaw b'mod separat punteġġi sabiex jiġbru fil-qosor il-livell ta' riskju impost fuq il-vijabbiltà tal-istituzzjoni abbażi tal-eżiti tal-valutazzjoni tal-erba' elementi SREP:

    a. il-mudell tan-negozju u l-istrateġija, skont il-kriterji speċifikati fit-Titolu 4;

    b. il-governanza interna u l-kontrolli fl-istituzzjoni kollha, skont il-kriterji speċifikati fit-Titolu 5;

    c. l-adegwatezza tal-kapital, skont il-kriterji speċifikati fit-Titolu 7; u

    d. l-adegwatezza tal-likwidità, skont il-kriterji speċifikati fit-Titolu 9.

41. Għall-adegwatezza tal-kapital u l-adegwatezza tal-likwidità, dawn il-punteġġi jirrappreżentaw il-perspettiva superviżorja tal-kapaċità tar-riżorsi tal-kapital u tal-likwidità tal-istituzzjoni biex jimmitigaw/ikopru r-riskji individwali għall-kapital u l-likwidità u l-finanzjament, kif stabbilit fit-

Titoli 6 u 8, u/jew elementi oħrajn li għalihom ikunu ġew iddeterminati fondi proprji addizzjonali kif stabbilit fit-Titolu 7.

42. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassenjaw ukoll punteġġ SREP ġenerali skont il-kriterji speċifikati fit-Titolu 10. Dan il-punteġġ għandu jiġi assenjat abbażi ta' ġudizzju superviżorju u għandu jirrappreżenta l-perspettiva superviżorja tal-vijabbiltà ġenerali tal-istituzzjoni.

43. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-punteġġi tal-mudell tan-negozju, tal-governanza interna u tal-kontrolli fl-istituzzjoni kollha, tal-adegwatezza tal-kapital, tal-adegwatezza tal-likwidità u l-punteġġ SREP ġenerali jilħqu l-objettivi li ġejjin:

    a. jindikaw il-probabbiltà li jista' jkun meħtieġ li jittieħdu miżuri superviżorji sabiex jiġi indirizzat it-tħassib skont il-kriterji speċifikati fit-Titolu 10;

    b. jaġixxu bħala skattatur għad-deċiżjoni dwar jekk għandhomx jiġu applikati miżuri ta' intervent bikri skont il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-iskattaturi għall-użu ta' miżuri ta' intervent bikri[7]; u

    c. jgħinu fil-prijoritizzazzjoni u l-ippjanar ta' riżorsi superviżorji u l-istabbiliment ta' prijoritajiet fil-programm ta' eżaminazzjoni superviżorja (SEP).

44. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-punteġġ SREP ġenerali assenjat abbażi tal-perspettiva aggregata tat-theddid mill-erba' elementi SREP jipprovdi indikazzjoni tal-vijabbiltà ġenerali tal-istituzzjoni, inkluż jekk l-istituzzjoni hijiex "qed tfalli jew aktarx tfalli" skont it-tifsira tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE, wara kunsiderazzjoni wkoll tal-Linji Gwida tal-EBA dwar "qed tfalli jew aktarx tfalli"[8]. Meta l-eżitu tal-valutazzjoni SREP ġenerali jissuġġerixxi li istituzzjoni tista' titqies bħala qed "tfalli jew aktarx tfalli", l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw punteġġ ta' "F" u jsegwu l-proċess ta' involviment mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni kif speċifikat fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE.

## 2.3 Arranġamenti organizzazzjonali

45. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li, għat-twettiq tal-SREP, l-arranġamenti organizzattivi tagħhom għandhom jinkludu tal-anqas dan li ġej:

    a. deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-persunal superviżorju tagħhom fir-rigward tat-twettiq tal-SREP, kif ukoll il-linji ta' rapportar rilevanti, kemm f'sitwazzjonijiet normali kif ukoll f'dawk ta' emerġenza;

    b. proċeduri biex jiġu dokumentati u rreġistrati s-sejbiet u l-ġudizzji superviżorji;

[7] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-iskattaturi għall-użu ta' miżuri ta' intervent bikri (EBA/GL/2015/03).

[8] Linji gwida tal-EBA dwar l-interpretazzjoni taċ-ċirkostanzi differenti meta istituzzjoni għandha titqies bħala li qed tfalli jew aktarx tfalli skont l-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2014/59/UE (EBA/GL/2015/07)

c. arranġamenti għall-approvazzjoni tas-sejbiet u l-punteġġi, kif ukoll proċeduri ta' eskalazzjoni meta jkun hemm opinjonijiet kuntrarji fl-awtorità kompetenti, kemm f'sitwazzjonijiet normali kif ukoll f'dawk ta' emerġenza;

d. arranġamenti għall-organizzazzjoni ta' djalogu mal-istituzzjoni skont il-mudell tal-inkarigu minimu kif stipulat fit-Taqsima 2.4 biex jiġu vvalutati l-elementi individwali tal-SREP; u

e. arranġamenti għall-konsultazzjonijiet ma' istituzzjoni u l-komunikazzjoni tal-eżiti tal-SREP lill-istituzzjoni, li jirriflettu wkoll l-interazzjoni fi ħdan il-kulleġġi tas-superviżuri għal gruppi transfruntiera u l-entitajiet tagħhom, ukoll f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 710/2014[9].

46. Meta jiġu ddefiniti arranġamenti għal djalogu mal-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll l-implikazzjonijiet tal-forniment tal-punteġġi lill-istituzzjonijiet fir-rigward tal-obbligi ta' żvelar tagħhom skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 596/2014[10] u d-Direttivi 2014/57/UE[11] u 2004/109/KE[12].

## 2.4 Proporzjonalità u inkarigu superviżorju

47. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-prinċipju ta' proporzjonalità fil-kamp ta' applikazzjoni, il-frekwenza u l-intensità tal-inkarigu superviżorju u d-djalogu ma' istituzzjoni, u l-aspettattivi superviżorji tal-istandards li għandha tilħaq l-istituzzjoni, f'konformità mal-kategorija tal-istituzzjoni. Fil-każijiet kollha, il-valutazzjoni tar-riskji għall-kapital u r-riskji għal-likwidità u l-finanzjament għandha tinkludi valutazzjoni ta' mill-inqas l-aktar riskji individwali materjali.

48. Irrispettivament mill-kategorija tal-istituzzjoni, meta jinformaw dwar l-eżitu tal-valutazzjoni SREP ġenerali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu b'mod partikolari:

a. dikjarazzjoni dwar il-kwantità u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji li l-istituzzjoni hija meħtieġa żżomm b'eċċess tar-rekwiżiti speċifikati fir-Regolament (UE) Nru

[9] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 710/2014 tat-23 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet uniformi tal-applikazzjoni tal-proċess ta' deċiżjonijiet konġunti dwar ir-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjonijiet skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 188, 27.6.2014, p. 19).

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

[11] Id-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 179).

[12] Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

575/2013 u fil-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402[13], relatata ma' elementi ta' riskji u riskji mhux koperti minn dawn ir-Regolamenti;

b. dikjarazzjoni dwar il-kwantità u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji li l-istituzzjoni tkun iggwidata li żżomm f'eċċess tar-rekwiżiti speċifikati fil-punt (a) u fil-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE;

c. dikjarazzjoni dwar il-likwidità miżmuma u kwalunkwe rekwiżit ta' likwidità speċifiku stabbilit mill-awtorità kompetenti; u

d. dikjarazzjoni dwar miżuri superviżorji oħrajn, inklużi kwalunkwe miżura ta' intervent bikri, li l-awtorità kompetenti beħsiebha twettaq.

49. Għall-frekwenza u l-intensità tal-aspett tal-proporzjonalità tal-inkarigu superviżorju, meta jippjanaw l-attivitajiet SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom isegwu livell minimu tal-mudell ta' inkarigu, kif ġej (u kif deskritt fit-Tabella 1):

### 2.4.1 Istituzzjonijiet tal-Kategorija 1

50. Sabiex tiġi żgurata frekwenza xierqa ta' attivitajiet superviżorji relatati mal-SREP għall-istituzzjonijiet tal-Kategorija 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

a. jimmonitorjaw indikaturi ewlenin fuq bażi trimestrali;

b. jipproduċu sommarju dokumentat tal-valutazzjoni SREP ġenerali tal-anqas kull sena;

c. jaġġornaw il-valutazzjonijiet tal-elementi individwali tal-SREP tal-anqas kull sena;

d. jinformaw lill-istituzzjoni bl-eżitu tal-valutazzjoni SREP ġenerali tal-anqas darba fis-sena;

e. ikollhom inkarigu u djalogu kontinwu mal-korp maniġerjali tal-istituzzjoni u mal-maniġment superjuri, kif definit fil-paragrafu 3(9) tad-Direttiva 2013/36/UE, biex jivvalutaw kull element tal-SREP.

### 2.4.2 Istituzzjonijiet tal-Kategorija 2

51. Sabiex tiġi żgurata frekwenza xierqa ta' attivitajiet superviżorji relatati mal-SREP għall-istituzzjonijiet tal-Kategorija 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

a. jimmonitorjaw indikaturi ewlenin fuq bażi trimestrali;

---

[13] Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

b. jipproduċu sommarju dokumentat tal-valutazzjoni SREP ġenerali tal-anqas kull sena;

c. jaġġornaw il-valutazzjonijiet tal-elementi individwali tal-SREP tal-anqas kull sentejn;

d. jinfurmaw lill-istituzzjoni dwar l-eżitu tal-valutazzjoni ġenerali tal-SREP tal-anqas kull sentejn;

e. ikollhom inkarigu u djalogu kontinwu mal-korp maniġerjali u mal-maniġment superjuri tal-istituzzjoni biex jivvalutaw kull element tal-SREP.

### 2.4.3 Istituzzjonijiet tal-Kategorija 3

52. Sabiex tiġi żgurata frekwenza xierqa ta' attivitajiet superviżorji relatati mal-SREP għall-istituzzjonijiet tal-Kategorija 3, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

a. jimmonitorjaw indikaturi ewlenin fuq bażi trimestrali;

b. jipproduċu sommarju dokumentat tal-valutazzjoni SREP ġenerali tal-anqas kull sena;

c. jaġġornaw il-valutazzjonijiet tal-elementi individwali kollha tal-SREP tal-anqas kull tliet snin, jew qabel fid-dawl ta' informazzjoni ġdida materjali emerġenti dwar ir-riskju maħluq;

d. jinfurmaw lill-istituzzjoni dwar l-eżitu tal-valutazzjoni ġenerali tal-SREP tal-anqas kull tliet snin;

e. ikollhom inkarigu u djalogu bbażat fuq ir-riskju mal-korp maniġerjali u mal-maniġment superjuri tal-istituzzjoni (jiġifieri fejn meħtieġ) biex jivvalutaw kull element(i) tar-riskju materjali tal-SREP.

### 2.4.4 Istituzzjonijiet tal-Kategorija 4

53. Sabiex tiġi żgurata frekwenza xierqa ta' attivitajiet superviżorji relatati mal-SREP għall-istituzzjonijiet tal-Kategorija 4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

a. jimmonitorjaw indikaturi ewlenin fuq bażi trimestrali;

b. jipproduċu sommarju dokumentat tal-valutazzjoni SREP ġenerali tal-anqas kull sena;

c. taġġorna l-valutazzjonijiet tal-elementi individwali kollha tal-SREP mill-inqas kull tliet snin, jew aktar kmieni fid-dawl ta' informazzjoni materjali ġdida li tirriżulta dwar ir-riskju ppreżentat, filwaqt li tfassal l-ambitu u l-profondità tar-reviżjoni ta' tali aġġornament għall-profil tar-riskju speċifiku tal-istituzzjoni;

d. jinfurmaw lill-istituzzjoni dwar l-eżitu tal-valutazzjoni SREP ġenerali tal-anqas kull tliet snin;

e. ikollhom inkarigu u djalogu mal-korp maniġerjali u mal-maniġment superjuri tal-istituzzjoni tal-anqas kull tliet snin.

### 2.4.5 Rekwiżiti minimi għall-inkarigu superviżorju

**Tabella 1: Applikazzjoni tal-SREP għal kategoriji ta' istituzzjonijiet differenti**

| Kategorija | Monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin | Valutazzjoni tal-elementi kollha SREP (tal-anqas) | Sommarju tal-valutazzjoni SREP ġenerali | Livell minimu ta' inkarigu/djalogu |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Trimestrali | Annwali | Annwali | Inkarigu kontinwu mal-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni; inkarigu mal-istituzzjoni għall-valutazzjoni ta' kull element. |
| 2 | Trimestrali | Kull sentejn | Annwali | Inkarigu kontinwu mal-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni; inkarigu mal-istituzzjoni għall-valutazzjoni ta' kull element. |
| 3 | Trimestrali | Kull tliet snin | Annwali | Inkarigu bbażat fuq ir-riskju mal-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni; inkarigu mal-istituzzjoni għall-valutazzjoni tal-element(i) tar-riskju materjali. |
| 4 | Trimestrali | Kull tliet snin bl-ambitu u l-profondità tar-reviżjoni mfassla għall-profil tar-riskju speċifiku tal-istituzzjoni | Annwali | Inkarigu mal-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni tal-anqas kull tliet snin. |

54. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw li l-istituzzjonijiet għandhom profili ta' riskju simili, jistgħu jwettqu valutazzjonijiet SREP tematiċi dwar istituzzjonijiet multipli bħala valutazzjoni waħda (eż. tista' ssir BMA fuq il-mutwatarji żgħar tal-ipoteki kollha peress li x'aktarx tidentifika l-istess kwistjonijiet ta' vijabbiltà tan-negozju għal dawn l-istituzzjonijiet kollha). L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw ukoll metodoloġiji mfassla apposta għall-

applikazzjoni tal-SREP għal istituzzjonijiet bi profili ta' riskju simili, bħal mudelli tan-negozju simili jew il-post ġeografiku tal-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 97(4a) tad-Direttiva 2013/36/UE.

55. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw livell addizzjonali ta' inkarigu bbażat fuq is-sejbiet minn valutazzjonijiet preċedenti ta' element SREP wieħed jew aktar, fejn għandhom ikunu meħtieġa riżorsi superviżorji aktar estensivi u intensità u frekwenza aktar għolja ta' inkarigu, imfassla għas-sitwazzjoni tal-istituzzjoni individwali f'termini ta' riskji u vulnerabbiltajiet, irrispettivament mill-kategorija tal-istituzzjoni, għal istituzzjonijiet b'punteġġ SREP ġenerali dgħajjef (tal-anqas fuq bażi temporanja).

56. Għall-istituzzjonijiet koperti mill-programm ta' eżami superviżorju meħtieġ mill-Artikolu 99 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-livell ta' inkarigu u applikazzjoni tal-SREP ikun determinat minn dak il-programm.

57. Meta jippjanaw l-attivitajiet SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-koordinazzjoni ta' attivitajiet ma' partijiet oħra involuti direttament jew indirettament fil-valutazzjoni, b'mod partikolari meta jkun meħtieġ kontribut mill-istituzzjoni u/jew awtoritajiet kompetenti oħra involuti fis-superviżjoni ta' gruppi transfruntiera kif speċifikat fit-Titolu 11 ta' dawn il-linji gwida.

### 2.4.6 Fokus u granularità tal-valutazzjoni

58. Għar-raġuni ta' proporzjonalità, meta jwettqu l-SREP billi japplikaw dawn il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu li l-elementi differenti, l-aspetti metodoloġiċi u l-komponenti ta' valutazzjoni kif previst fit-Titoli 4, 5, 6 u 8 m'għandhomx l-istess rilevanza għall-istituzzjonijiet kollha; l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fejn rilevanti, japplikaw livelli differenti ta' granularità għall-valutazzjoni skont il-kategorija li l-istituzzjoni tkun ġiet assenjata fiha u sal-firxa adattata għad-daqs u l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni, u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha.

59. Wara li jitqiesu l-paragrafi 57 u 58, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw ukoll il-fokus speċifiku tal-SREP, fejn titwettaq valutazzjoni aktar dettaljata f'oqsma magħżula, filwaqt li jkun hemm inqas skrutinju, iżda suffiċjenti għal valutazzjoni sinifikanti, li jkun iddedikat għall-elementi l-oħra kollha tal-SREP. Tali fokus tal-SREP jista' jkun ibbażat fuq ippjanar pluriennali, ċirkostanzi ekonomiċi jew sitwazzjoni speċifika ta' istituzzjoni. Fid-determinazzjoni tal-fokus u l-granularità tal-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni, il-materjalità tar-riskji differenti, u kwalunkwe bidla fihom, inklużi dawk osservati fil-monitoraġġ ta' indikaturi ewlenin kif deskritt fit-Titolu 3, l-ittestjar tal-istress kif deskritt fit-Titolu 12 jew fl-eżitu tal-valutazzjonijiet tal-SREP preċedenti.

# Titolu 3: Monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin

60. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipparteċipaw f'monitoraġġ regolari tal-indikaturi finanzjarji u mhux finanzjarji ewlenin biex jissorveljaw bidliet fil-kundizzjonijiet finanzjarji u l-profili tar-riskju tal-istituzzjonijiet. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw ukoll dan il-monitoraġġ biex jidentifikaw il-ħtieġa għal aġġornamenti fil-valutazzjoni tal-elementi tal-SREP fid-dawl ta' informazzjoni materjali ġdida barra mill-attivitajiet superviżorji ppjanati. Meta l-monitoraġġ juri bidla materjali fil-profil tar-riskju tal-istituzzjoni, jew kwalunkwe anomalija fl-indikaturi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinvestigaw il-kawżi, u, fejn rilevanti, jirrevedu l-valutazzjoni tal-element SREP rilevanti fid-dawl tal-informazzjoni ġdida.

61. Permezz tal-mudell ta' inkarigu minimu diskuss fit-Titolu 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw l-indikaturi finanzjarji u mhux finanzjarji ewlenin tal-anqas fuq bażi trimestrali għall-istituzzjonijiet kollha. Madankollu, skont il-karatteristiċi speċifiċi tal-istituzzjonijiet jew is-sitwazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu monitoraġġ aktar frekwenti, filwaqt li titqies id-disponibbiltà tal-informazzjoni sottostanti (eż. *data* tas-suq).

62. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu sistemi u mudelli ta' monitoraġġ li jippermettu l-identifikazzjoni ta' bidliet materjali u anomaliji fl-imġiba tal-indikaturi, u għandhom jistabbilixxu limiti minimi, fejn rilevanti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu wkoll proċeduri ta' eskalazzjoni għall-indikaturi rilevanti kollha (jew kombinazzjonijiet ta' indikaturi) koperti mill-monitoraġġ biex jiġi żgurat li l-anomaliji u l-bidliet materjali jkunu investigati.

63. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu s-sett ta' indikaturi u l-limiti tagħhom skont il-karatteristiċi speċifiċi tal-istituzzjonijiet individwali jew gruppi ta' istituzzjonijiet b'karatteristiċi simili (gruppi ta' pari). Il-qafas ta' indikaturi, mudelli ta' monitoraġġ u l-limiti għandu jirrifletti d-daqs, il-kumplessità, il-mudell tan-negozju u l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u għandu jkopri ġeografiji, setturi u swieq li l-istituzzjoni topera fihom.

64. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw l-indikaturi li għandhom jiġu rintraċċati permezz ta' monitoraġġ regolari primarjament minn rapportar superviżorju regolari u billi jużaw definizzjonijiet mill-istandards komuni ta' rapportar. Fejn rilevanti, tabelli operattivi tal-EBA jew indikaturi li qegħdin jiġu ssorveljati mill-EBA jistgħu jintużaw bħala sors ta' informazzjoni li l-istituzzjonijiet individwali jistgħu jiġu ssorveljati abbażi tagħhom.

65. Il-qafas tal-indikaturi stabbiliti u l-eżiti tal-monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin għandu jintuża wkoll bħala kontribut għall-valutazzjoni tar-riskji għall-kapital u r-riskji għal-likwidità u l-finanzjament taħt l-elementi rispettivi tal-SREP.

66. Indikaturi użati għall-monitoraġġ għandhom jinkludu tal-anqas l-indikaturi speċifiċi għall-istituzzjonijiet li ġejjin:

   a. indikaturi finanzjarji u ta' riskju li jindirizzaw il-kategoriji kollha tar-riskju koperti minn dawn il-linji gwida (ara t-Titoli 6 u 8);

   b. il-proporzjonijiet kollha derivati mill-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u mil-liġi nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 2013/36/UE għall-kalkolu tar-rekwiżiti prudenzjali minimi (eż. Grad 1 (CT1), proporzjon ta' kopertura tal-likwidità (LCR), proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett (NSFR), eċċ.);

   c. ir-rekwiżiti minimi għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) kif speċifikat bid-Direttiva 2014/59/UE;

   d. indikaturi rilevanti bbażati fuq is-suq (pereżempju prezz ta' ekwità, firxa ta' swap ta' inadempjenza ta' kreditu (CDS), firxiet ta' bonds, eċċ.);

   e. fejn disponibbli, indikaturi ta' rkupru użati fil-pjanijiet ta' rkupru tal-istituzzjoni stess; u

   f. fejn disponibbli, indikaturi bbażati fuq informazzjoni kwantitattiva jew kwalitattiva mir-rapportar ipprovdut lill-awtoritajiet kompetenti li jistgħu jindikaw riskju ML/TF.

67. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jakkumpanjaw indikaturi speċifiċi għall-istituzzjoni b'indikaturi makroekonomiċi rilevanti, fejn disponibbli, fil-ġeografiji, is-setturi u s-swieq li l-istituzzjoni topera fihom.

68. L-identifikazzjoni ta' bidliet materjali jew anomaliji fl-indikaturi, speċjalment fil-każijiet fejn il-bidliet huma iżolati mill-prestazzjoni tal-grupp bejn il-pari, għandha tiġi kkunsidrata mill-awtoritajiet kompetenti bħala impetu għal aktar investigazzjoni. B'mod speċifiku, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

   a. jiddeterminaw il-kawża u jagħmlu valutazzjoni tal-materjalità tal-impatt prudenzjali potenzjali fuq l-istituzzjoni;

   b. jiddokumentaw il-kawża u l-eżitu tal-valutazzjoni; u

   c. jirrevedu l-valutazzjoni tar-riskju u l-punteġġ tal-SREP, fejn rilevanti, fid-dawl ta' kwalunkwe sejba ġdida.

69. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll li jissupplimentaw il-monitoraġġ regolari tal-indikaturi finanzjarji u mhux finanzjarji ewlenin b'reviżjoni u analiżi tar-riċerka tas-suq indipendenti, fejn disponibbli, li jistgħu jkunu sorsi utli ta' perspettivi alternattivi.

# Titolu 4: L-analiżi tal-mudell tan-negozju

## 4.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

70. Dan it-titolu jispeċifika kriterji għall-valutazzjoni tal-mudell tan-negozju u l-istrateġija tal-istituzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw din il-valutazzjoni għal istituzzjoni fl-istess livell bħall-valutazzjoni SREP ġenerali, iżda din tista' tiġi applikata wkoll fuq il-livell tan-negozju jew tal-linja ta' prodott, jew fuq bażi tematika.

71. Mingħajr ma jimminaw ir-responsabbiltà tal-korp maniġerjali tal-istituzzjoni għat-tmexxija u l-organizzazzjoni tan-negozju, jew jindikaw preferenzi għall-mudelli speċifiċi tan-negozju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu b'mod regolari analiżi tal-mudell tan-negozju (BMA) biex jivvalutaw ir-riskji tan-negozju u strateġiċi u jiddeterminaw:

   - il-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju attwali tal-istituzzjoni fuq il-bażi tal-kapaċità tagħha biex tiġġenera redditi aċċettabbli matul it-12-il xahar sussegwenti; u
   - is-sostenibbiltà tal-istrateġija tal-istituzzjoni fuq il-bażi tal-kapaċità tagħha li tiġġenera redditi aċċettabbli fuq perjodu progressiv ta' mill-anqas tliet snin, fuq il-bażi tal-pjanijiet strateġiċi u l-previżjonijiet finanzjarji tagħha.

72. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw l-eżitu tal-BMA biex jappoġġjaw il-valutazzjoni tal-elementi l-oħrajn kollha tal-SREP. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw aspetti speċifiċi tal-BMA, b'mod partikolari l-valutazzjoni kwantitattiva tal-mudell tan-negozju, bħala parti mill-valutazzjoni ta' elementi SREP oħrajn (eż. il-fehim tal-istruttura ta' finanzjament tista' tkun parti mir-riskji għall-valutazzjoni tal-likwidità).

73. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw ukoll il-BMA biex jappoġġjaw l-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet ewlenin tal-istituzzjoni, li huma aktar probabbli li jkollhom impatt materjali fuq l-istituzzjoni/iwasslu għall-falliment tagħha fil-futur.

74. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw ukoll il-BMA biex jivvalutaw l-implikazzjonijiet prudenzjali tar-riskji tal-ML/TF li jkunu jafu bihom, marbuta mal-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-kontribut riċevut mis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT, b'mod partikolari l-valutazzjonijiet tagħhom tar-riskji tal-ML/TF u kwalunkwe sejba relatata ma' dgħufijiet materjali fil-kontrolli tal-AML/CFT ta' istituzzjoni, biex jikkomplementaw is-sejbiet tagħhom minn superviżjoni kontinwa, u jevalwaw jekk jagħtux lok għal tħassib prudenzjali relatat mar-riskju tal-ML/TF. Meta l-valutazzjoni tindika li l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni jwassal għal tħassib prudenzjali relatat mar-riskju tal-

ML/TF, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu l-eżitu tal-valutazzjoni prudenzjali tal-mudell tan-negozju mas-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT[14].

75. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-passi li ġejjin bħala parti mill-BMA:

a. valutazzjoni preliminari;

b. identifikazzjoni tal-oqsma ta' ffukar;

c. valutazzjoni tal-ambjent tan-negozju;

d. analiżi kwantitattiva tal-mudell tan-negozju attwali;

e. analiżi kwalitattiva tal-mudell tan-negozju attwali;

f. analiżi tal-istrateġija progressiva u l-pjanijiet finanzjarji (inklużi bidliet ippjanati fil-mudell tan-negozju);

g. valutazzjoni tal-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju;

h. valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-istrateġija;

i. identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet ewlenin li l-mudell tan-negozju u l-istrateġija tal-istituzzjoni jesponuha jew jistgħu jesponuha għalihom; u

j. taqsir tas-sejbiet u l-punteġġ.

76. Biex iwettqu l-BMA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw tal-anqas is-sorsi ta' informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva li ġejjin:

a. pjan(ijiet) strateġiku/strateġiċi tal-istituzzjoni bi previżjonijiet għas-sena attwali u progressivi, suppożizzjonijiet ekonomiċi sottostanti;

b. rapportar finanzjarju (eż. profitt u telf (P&L), żvelar tal-karta bilanċjali);

c. rapportar regolatorju (rapportar komuni (COREP), rapportar finanzjarju (FINREP) u reġistru tal-kreditu, fejn disponibbli);

d. rapportar intern (informazzjoni tal-ġestjoni, ippjanar tal-kapital, rapportar ta' likwidità, rapporti interni tar-riskju);

e. pjanijiet ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni, inklużi r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà pprovduta mill-awtorità ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2014/59/UE;

[14] F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Kooperazzjoni AML/CFT (EBA/GL/2021/15).

f. rapportar ta' partijiet terzi (eż. rapporti tal-awditjar, rapporti minn analisti ta' ekwità/ta' kreditu); u

g. studji/stħarriġ ieħor rilevanti (eż. mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet makroprudenzjali, istituzzjonijiet Ewropej).

## 4.2 Valutazzjoni preliminari

77. L-awtoritajiet kompetenti għandhom janalizzaw l-attivitajiet ewlenin, il-ġeografiji u l-pożizzjoni tas-suq tal-istituzzjoni biex jidentifikaw, fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fil-ġuriżdizzjoni:

a. il-ġeografiji ewlenin;

b. is-sussidjarji/fergħat ewlenin;

c. il-linji tan-negozju ewlenin; u

d. il-linji ta' prodotti ewlenin.

78. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw firxa ta' metriċi rilevanti fil-punt ta' valutazzjoni u bidliet maż-żmien. Dawn il-metriċi għandhom jinkludu:

a. kontribuzzjoni għad-dħul/l-ispejjeż ġenerali;

b. sehem tal-assi;

c. sehem tat-TREA; u

d. il-pożizzjoni tas-suq.

79. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw din il-valutazzjoni preliminarja biex:

a. jiddeterminaw il-materjalità tal-oqsma/linji tan-negozju: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw liema ġeografiji, sussidjarji/fergħat, linji tan-negozju u linji ta' prodotti huma l-aktar materjali fuq il-bażi tal-kontribuzzjoni ta' profitt (eż. ibbażati fuq il-P&L), ir-riskju (eż. ibbażati fuq TREA jew miżuri oħra ta' riskju) u/jew prijoritajiet organizzazzjonali/statutorji (eż. obbligazzjonijiet speċifiċi għall-banek tas-settur pubbliku biex joffru prodotti speċifiċi). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw din l-informazzjoni bħala bażi għall-identifikazzjoni ta' dak li għandha tiffoka fuqu l-BMA (koperta f'aktar dettall fit-Taqsima 4.3);

b. jidentifikaw il-grupp bejn il-pari: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-grupp bejn il-pari rilevanti għall-istituzzjoni; għat-twettiq ta' BMA, l-awtorità kompetenti għandha tiddetermina l-grupp bejn il-pari fuq il-bażi tal-prodott rivali/il-linji tan-negozju li jimmiraw lejn l-istess sors ta' profitti/klijenti (eż.

in-negozji tal-karti tal-kreditu ta' istituzzjonijiet differenti li jimmiraw lejn utenti ta' karti ta' kreditu fil-pajjiż X);

c. jappoġġjaw l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw l-eżiti tal-valutazzjoni preliminari biex jgħinu l-allokazzjoni ta' istituzzjonijiet għall-kategoriji ta' proporzjonalità fuq il-bażi tal-kumplessità identifikata tal-istituzzjonijiet (kif speċifikat fit-Taqsima 2.1.1).

## 4.3 Identifikazzjoni tal-oqsma ta' fokus għall-BMA

80. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-fokus tal-BMA. Huma għandhom jiffokaw fuq il-linji tan-negozju li huma l-aktar importanti f'termini ta' vijabbiltà jew għas-sostenibbiltà futura tal-mudell tan-negozju attwali, u/jew l-aktar probabbli li jżidu l-iskopertura tal-istituzzjoni għal vulnerabbiltajiet eżistenti jew ġodda. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw:

a. il-materjalità tal-linji tan-negozju – jekk ċerti linji tan-negozju humiex aktar importanti f'termini ta' ġenerazzjoni ta' profitti (jew telf);

b. sejbiet superviżorji preċedenti – jekk is-sejbiet għal elementi oħrajn tal-SREP jistgħux jipprovdu indikaturi dwar linji tan-negozju li jeħtieġu aktar investigazzjoni;

c. sejbiet u osservazzjonijiet minn rapporti tal-awditi interni jew esterni – jekk il-funzjoni ta' verifika identifikatx kwistjonijiet speċifiċi rigward is-sostenibbiltà jew il-vijabbiltà ta' ċerti linji tan-negozju;

d. importanza għall-pjanijiet strateġiċi – jekk hemmx linji tan-negozju li l-istituzzjoni tixtieq li jikbru, jew jonqsu, b'mod sostanzjali;

e. eżiti ta' reviżjonijiet superviżorji tematiċi – jekk analiżi fis-settur kollu żvelatx kwistjonijiet komuni sottostanti li jwasslu għal analiżi addizzjonali speċifika għall-istituzzjoni;

f. bidliet osservati fil-mudell tan-negozju – jekk hemmx tibdiliet osservati *de facto* fil-mudell tan-negozju li seħħew mingħajr ma l-istituzzjoni ddikjarat kwalunkwe bidla ppjanata jew irrilaxxat pjanijiet strateġiċi ġodda;

g. paraguni bejn il-pari – jekk linja tan-negozju aġixxietx b'mod atipiku (kinitx "iżolata") meta mqabbla mal-pari tagħha.

h. is-sejbiet u l-osservazzjonijiet mill-valutazzjoni preliminari tal-mudell tan-negozju, inklużi dawk li jindikaw esponiment potenzjali tal-mudell tan-negozju għar-riskji tal-ML/TF.

## 4.4 Valutazzjoni tal-ambjent tan-negozju

81. Biex jiffurmaw opinjoni dwar il-plawżibbiltà tas-suppożizzjonijiet strateġiċi ta' istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu analiżi tal-ambjent tan-negozju. Dan jieħu inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet tan-negozju attwali u futuri li fihom topera jew x'aktarx topera istituzzjoni fuq il-bażi tal-iskoperturi ewlenin jew materjali ġeografiċi u tan-negozju tagħha. Bħala parti minn din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżviluppaw fehim tad-direzzjoni tax-xejriet makroekonomiċi u tas-suq u l-intenzjonijiet strateġiċi tal-grupp bejn il-pari.

82. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw din l-analiżi biex jiżviluppaw fehim ta':

   a. il-varjabbli makroekonomiċi ewlenin li l-entità, il-prodott jew is-segment rilevanti li qiegħed jiġi vvalutat jopera jew ser jopera fihom fuq il-bażi tal-ġeografiji ewlenin tiegħu. Eżempji ta' varjabbli ewlenin jinkludu l-prodott domestiku gross (PDG), ir-rati tal-qgħad, ir-rati tal-imgħax u l-indiċijiet tal-prezzijiet tad-dar.

   b. ix-xenarju kompetittiv u kemm huwa probabbli li jevolvi, b'kunsiderazzjoni tal-attivitajiet tal-grupp bejn il-pari. Eżempji ta' oqsma għal reviżjoni jinkludu tkabbir mistenni tas-suq fil-mira (eż. suq ipotekarju residenzjali) u l-attivitajiet u l-pjanijiet tal-kompetituri ewlenin fis-suq fil-mira.

   c. xejriet ġenerali fis-suq li jista' jkollhom impatt fuq il-prestazzjoni u l-profitabbiltà tal-istituzzjoni. Dan għandu jinkludi, tal-anqas, it-tendenzi regolatorji (eż. bidliet fil-leġiżlazzjoni ta' distribuzzjoni tal-prodott bankarju bl-imnut), xejriet teknoloġiċi (eż. ċaqliq lejn pjattaformi elettroniċi għal ċerti tipi ta' negozjar) u xejriet soċjetali/demografiċi (eż. domanda akbar għal faċilitajiet bankarji Iżlamiċi).

## 4.5 Analiżi tal-mudell tan-negozju attwali

83. Biex jifhmu l-mezzi u l-metodi użati minn istituzzjoni biex taħdem u tiġġenera profitti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu analiżijiet kwantitattivi u kwalitattivi.

### 4.5.1 Analiżi kwantitattiva

84. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu analiżi tal-karatteristiċi kwantitattivi tal-mudell tan-negozju attwali tal-istituzzjoni biex jifhmu l-prestazzjoni finanzjarja tagħha u l-livell sa fejn tkun immexxija mill-aptit għar-riskju tagħha li jkun ogħla jew aktar baxx mill-pari.

85. L-oqsma għal analiżi mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu:

   a. profitt u telf, inklużi xejriet: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-profitabbiltà sottostanti tal-istituzzjoni (eż. wara entrati ta' eċċezzjoni u ta' darba), it-tqassim tal-flussi ta' dħul, it-tqassim tal-ispejjeż, dispożizzjonijiet ta' indeboliment u proporzjonijiet ewlenin (eż. marġni tal-imgħax nett, spiża/introjtu,

indeboliment tas-self). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kif l-entrati msemmija hawn fuq evolvew fis-snin riċenti u jidentifikaw tendenzi sottostanti;

b. il-karta bilanċjali, inklużi xejriet: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw it-taħlita bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet, l-istruttura ta' finanzjament, il-bidla fit-TREA u l-fondi proprji, u l-proporzjonijiet ewlenin (eż. redditu fuq l-ekwità, Grad 1, diskrepanza tal-likwidità). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kif l-entrati msemmija hawn fuq evolvew fis-snin riċenti u jidentifikaw tendenzi sottostanti;

c. konċentrazzjonijiet, inklużi x-xejriet tagħhom: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konċentrazzjonijiet fil-P&L u l-karta bilanċjali relatati mal-klijenti, is-setturi u l-ġeografiji. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kif l-entrati msemmija hawn fuq evolvew fis-snin riċenti u jidentifikaw tendenzi sottostanti; u

d. aptit għar-riskju: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-limiti formali stabbiliti mill-istituzzjoni skont it-tip tar-riskju (riskju tal-kreditu, riskju ta' finanzjament, eċċ.) u l-aderenza tiegħu magħhom biex jifhmu r-riskji li l-istituzzjoni lesta tieħu biex tixpruna l-prestazzjoni finanzjarja tagħha.

### 4.5.2 L-analiżi kwalitattiva

86. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu analiżi tal-karatteristiċi kwalitattivi tal-mudell tan-negozju attwali tal-istituzzjoni biex jifhmu l-motivaturi ta' suċċess u d-dipendenzi ewlenin tagħha.

87. L-oqsma għal analiżi mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu:

a. dipendenzi esterni ewlenin: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-fatturi esoġeni ewlenin li jinfluwenzaw is-suċċess tal-mudell tan-negozju; dawn jistgħu jinkludu fornituri ta' partijiet terzi, intermedjarji u motivaturi regolatorji speċifiċi;

b. dipendenzi interni ewlenin: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-fatturi endoġeni ewlenin li jinfluwenzaw is-suċċess tal-mudell tan-negozju; dawn jistgħu jinkludu l-kwalità tal-pjattaformi tal-IT u l-kapaċità operattiva u tar-riżorsi;

c. franchise: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw is-saħħa tar-relazzjonijiet mal-klijenti, il-fornituri u l-imsieħba; din tista' tinkludi d-dipendenza tal-istituzzjoni fuq ir-reputazzjoni tagħha, l-effettività tal-fergħat, il-lealtà tal-klijenti u l-effettività tas-sħubijiet; u

d. oqsma ta' vantaġġ kompetittiv: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw l-oqsma li fihom l-istituzzjoni jkollha vantaġġ kompetittiv fuq il-pari

tagħha; dawn jistgħu jinkludu kwalunkwe wieħed minn dawn ta' hawn fuq, bħall-kwalità tal-pjattaformi tal-IT tal-istituzzjoni, jew fatturi oħrajn bħan-netwerk globali tal-istituzzjoni, l-iskala tan-negozju tagħha jew il-propożizzjoni tal-prodott tagħha.

e. Fl-analiżi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kwalunkwe indikazzjoni li l-mudell u l-attivitajiet tan-negozju jwasslu għal riskji akbar tal-ML/TF, inkluż it-teħid ta' depożiti jew l-istabbiliment jew l-użu ta' entitajiet ġuridiċi f'pajjiżi terzi b'riskju għoli, kif identifikati f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849. Fejn preżenti, dawn l-indikazzjonijiet għandhom jiġu kkomplementati b'analiżi kwantitattiva, kif xieraq, b'fokus partikolari fuq il-materjalità tad-dħul u l-introjtu minn operazzjonijiet immexxija f'tali pajjiżi terzi b'riskju għoli, il-konċentrazzjonijiet ta' skoperturi għall-klijenti li għalihom l-istituzzjoni tapplika diliġenza dovuta mtejba tal-klijenti kif stabbilit fil-Kapitolu II, it-Taqsima 3 tad-Direttiva 2015/849. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni mas-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT dwar dawn l-indikazzjonijiet kif stabbilit fil-paragrafu 74.

## 4.6 Analiżi tal-istrateġija u l-pjanijiet finanzjarji

88. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu analiżi progressiva kwantitattiva u kwalitattiva tal-projezzjonijiet finanzjarji u l-pjan strateġiku tal-istituzzjoni biex jifhmu s-suppożizzjonijiet, il-plawżibbiltà u r-riskji tal-istrateġija tan-negozju tagħha.

89. L-oqsma għal analiżi mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu:

a. strateġija ġenerali: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-objettivi ewlenin kwantitattivi u kwalitattivi ta' ġestjoni;

b. prestazzjoni finanzjarja pproġettata: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-prestazzjoni finanzjarja pproġettata, li tkopri l-istess metriċi jew metriċi simili għal dawk koperti fl-analiżi kwantitattiva tal-mudell tan-negozju attwali;

c. motivaturi ta' suċċess tal-istrateġija u l-pjan finanzjarju: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-bidliet ewlenin proposti għall-mudell tan-negozju attwali biex jintlaħqu l-objettivi;

d. suppożizzjonijiet: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-plawżibbiltà u l-konsistenza tas-suppożizzjonijiet magħmula mill-istituzzjoni li jixprunaw l-istrateġija u l-previżjonijiet tagħha; dawn jistgħu jinkludu suppożizzjonijiet f'oqsma bħall-metriċi makroekonomiċi, id-dinamika tas-suq, il-volum u t-tkabbir tal-marġni fil-prodotti ewlenin, segmenti u ġeografiji, eċċ.; u

e. kapaċitajiet eżekuttivi: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-kapaċitajiet eżekuttivi tal-istituzzjoni fuq il-bażi tar-rekord tal-maniġment fil-konformità mal-istrateġiji u l-previżjonijiet preċedenti, u l-kumplessità u l-ambizzjoni tas-sett tal-istrateġija meta mqabbla mal-mudell tan-negozju attwali. Fil-valutazzjoni tal-kapaċitajiet ta' eżekuzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu wkoll il-kapaċitajiet li jeżegwixxu l-istrateġija minn perspettiva ta' ġestjoni tar-riskju.

90. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu partijiet minn din l-analiżi flimkien mal-analiżi kwantitattiva u kwalitattiva tal-mudell tan-negozju attwali, b'mod partikolari l-analiżi tal-prestazzjoni finanzjarja pproġettata u tal-motivaturi ta' suċċess tal-istrateġija.

## 4.7 Valutazzjoni tal-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju

91. Wara li jwettqu l-analiżijiet koperti fit-Taqsimiet 4.4 u 4.5, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw, jew jaġġornaw, il-fehma tagħhom dwar il-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju attwali tal-istituzzjoni fuq il-bażi tal-kapaċità tagħha li tiġġenera redditi aċċettabbli matul it-12-il xahar sussegwenti, skont il-prestazzjoni kwantitattiva, il-motivaturi ta' suċċess u d-dipendenzi ewlenin u l-ambjent tan-negozju.

92. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-aċċettabbiltà tar-redditi skont il-kriterji li ġejjin:

a. redditu fuq l-ishma (ROE) fir-rigward tal-kost tal-ekwità (COE) jew miżura ekwivalenti: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk il-mudell tan-negozju jiġġenerax redditu akbar mill-ispiża (esklużi l-miżuri ta' darba) fuq il-bażi ta' ROE fil-konfront tas-COE; metriċi oħrajn, bħal redditu fuq l-assi jew redditu aġġustat għar-riskju fuq il-kapital, kif ukoll b'kunsiderazzjoni tal-bidliet f'dawn il-miżuri permezz taċ-ċiklu, jistgħu wkoll jappoġġjaw din il-valutazzjoni;

b. struttura ta' finanzjament: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk it-taħlita ta' finanzjament hijiex xierqa għall-mudell tan-negozju u għall-istrateġija; il-volatilità jew in-nuqqas ta' qbil fit-taħlita ta' finanzjament jistgħu jfissru li l-mudell tan-negozju jew l-istrateġija, anke wieħed li jiġġenera redditi akbar mill-ispejjeż, jista' ma jkunx vijabbli jew sostenibbli fl-ambjent tan-negozju attwali jew futur; u

c. aptit għar-riskju: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk il-mudell tan-negozju jew l-istrateġija tal-istituzzjoni jiddependix fuq aptit għar-riskju, għal riskji individwali (eż. kreditu, tas-suq) jew b'mod aktar ġenerali, li jitqies aktar għoli jew huwiex iżolat fost il-grupp bejn il-pari biex jiġġenera biżżejjed redditu.

## 4.8 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-istrateġija tal-istituzzjoni

93. Wara li jkunu wettqu l-analiżijiet koperti fit-Taqsimiet 4.4 sa 4.6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw, jew jaġġornaw, l-opinjoni tagħhom dwar is-sostenibbiltà tal-istrateġija

tal-istituzzjoni fuq il-bażi tal-kapaċità tagħha li tiġġenera redditi aċċettabbli, kif definit hawn fuq, fuq perjodu progressiv ta' mill-anqas tliet snin ibbażat fuq il-pjanijiet strateġiċi u l-previżjonijiet finanzjarji tagħha u skont il-valutazzjoni superviżorja tal-ambjent tan-negozju.

94. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw is-sostenibbiltà tal-istrateġija tal-istituzzjoni fuq il-bażi ta':

   a. il-plawżibbiltà tas-suppożizzjonijiet u l-prestazzjoni finanzjarja pproġettata tal-istituzzjoni meta mqabbla mal-perspettiva superviżorja tal-ambjent tan-negozju attwali u futur;

   b. l-impatt fuq il-prestazzjoni finanzjarja pproġettata tal-perspettiva superviżorja tal-ambjent tan-negozju (meta din tkun differenti mis-suppożizzjonijiet tal-istituzzjoni); u

   c. il-livell ta' riskju tal-istrateġija (jiġifieri l-kumplessità u l-ambizzjoni tal-istrateġija meta mqabbla mal-mudell tan-negozju attwali) u l-probabbiltà konsegwenti ta' suċċess ibbażata fuq il-kapaċitajiet eżekuttivi probabbli tal-istituzzjoni (imkejla bis-suċċess tal-istituzzjoni fl-eżekuzzjoni ta' strateġiji preċedenti ta' skala simili jew il-prestazzjoni fir-rigward tal-pjan strateġiku sa issa, u filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet li tiġi eżegwita strateġija minn perspettiva ta' ġestjoni tar-riskju).

## 4.9 Identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet ewlenin

95. Wara li jwettqu l-BMA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-vulnerabbiltajiet ewlenin li l-mudell tan-negozju u l-istrateġija tal-istituzzjoni jesponuha jew jistgħu jesponuha għalihom, b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

   a. il-prestazzjoni finanzjarja mistennija dgħajfa;

   b. id-dipendenza fuq strateġija mhux realistika;

   c. konċentrazzjonijiet eċċessivi jew volatilità (eż. ta' dħul, qligħ, klijenti soġġetti għal aktar diliġenza dovuta tal-klijent stabbilita fil-Kapitolu II, it-Taqsima 3 tad-Direttiva 2015/849, pajjiżi terzi b'riskju għoli f'konformità mal-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva, depożiti u assi taħt kustodja/ġestjoni relatati ma' tali pajjiżi terzi b'riskju għoli;

   d. it-teħid ta' riskju eċċessiv;

   e. tħassib dwar l-istruttura tal-finanzjament;

   f. kwistjonijiet sinifikanti esterni (eż. theddid regolatorju, bħall-obbligu tad-delimitazzjoni tal-unitajiet tan-negozju); u

   g. ir-riskji tal-ESG u l-impatt tagħhom fuq il-vijabbiltà u s-sostenibbiltà tal-mudell tan-negozju u r-reżiljenza fit-tul tal-istituzzjoni.

96. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar il-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni u s-sostenibbiltà tal-istrateġija tagħha, u kwalunkwe miżura meħtieġa biex tindirizza problemi u tħassib.

## 4.10 Sommarju tas-sejbiet u l-punteġġi

97. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-vijabbiltà u s-sostenibbiltà tal-mudell tan-negozju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw prospett ġenerali dwar il-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju u s-sostenibbiltà tal-istrateġija, u kwalunkwe riskju potenzjali għall-vijabbiltà ta' istituzzjoni li jirriżulta minn din il-valutazzjoni. Din il-fehma għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ tal-vijabbiltà bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 2.

**Tabella 2. Kunsiderazzjonijiet superviżorji mudell għall-assenjament ta' mudell tan-negozju u punteġġ tal-istrateġija**

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| 1 | Il-mudell tan-negozju u l-istrateġija joħolqu livell baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • L-istituzzjoni tiġġenera redditi b'saħħithom u stabbli li huma aċċettabbli b'kunsiderazzjoni tal-aptit għar-riskju u l-istruttura ta' finanzjament tagħha.<br>• Ma hemm l-ebda konċentrazzjoni ta' assi materjali jew sorsi kkonċentrati ta' introjtu mhux sostenibbli.<br>• L-istituzzjoni għandha pożizzjoni kompetittiva qawwija fis-swieq magħżulin tagħha u strateġija li probabbli ssaħħaħha.<br>• L-istituzzjoni għandha previżjonijiet finanzjarji mfassla fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet plawżibbli dwar l-ambjent tan-negozju futur.<br>• Il-pjanijiet strateġiċi huma xierqa b'kunsiderazzjoni tal-mudell tan-negozju attwali u l-kapaċitajiet eżekuttivi ta' ġestjoni. |
| 2 | Il-mudell tan-negozju u l-istrateġija joħolqu livell medju-baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • L-istituzzjoni tiġġenera redditi medji meta mqabbla mal-pari u/jew prestazzjoni storika li huma ġeneralment aċċettabbli b'kunsiderazzjoni tal-aptit għar-riskju u l-istruttura ta' finanzjament tagħha.<br>• Hemm xi konċentrazzjonijiet ta' assi jew sorsi kkonċentrati ta' introjtu.<br>• L-istituzzjoni tiffaċċja pressjoni kompetittiva fuq il-prodotti/is-servizzi tagħha f'suq ewlieni jew swieq ewlenin. Hemm dubji dwar l-istrateġija tagħha biex tindirizza s-sitwazzjoni. |

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| | | • L-istituzzjoni għandha previżjonijiet finanzjarji mfassla fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet ottimisti dwar l-ambjent tan-negozju futur.<br>• Il-pjanijiet strateġiċi huma raġonevoli b'kunsiderazzjoni tal-mudell tan-negozju attwali u l-kapaċitajiet eżekuttivi ta' ġestjoni, iżda mhux mingħajr riskji. |
| 3 | Il-mudell tan-negozju u l-istrateġija joħolqu livell medju-għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • L-istituzzjoni tiġġenera redditi li huma spiss dgħajfa jew mhux stabbli, jew tiddependi fuq aptit għar-riskju jew struttura ta' finanzjament biex tiġġenera redditi xierqa li jqajmu tħassib superviżorju.<br>• Hemm konċentrazzjonijiet sinifikanti ta' assi jew sorsi kkonċentrati ta' introjtu.<br>• L-istituzzjoni għandha pożizzjoni kompetittiva dgħajfa għall-prodotti/is-servizzi tagħha fis-swieq magħżula tagħha, u jista' jkollha ftit linji tan-negozju bi prospetti tajbin. Is-sehem tas-suq tal-istituzzjoni jista' jkun qed jonqos b'mod sinifikanti. Hemm dubji dwar l-istrateġija tagħha biex tindirizza s-sitwazzjoni.<br>• L-istituzzjoni għandha previżjonijiet finanzjarji mfassla fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet ottimisti żżejjed dwar l-ambjent tan-negozju futur.<br>• Il-pjanijiet strateġiċi jistgħu ma jkunux plawżibbli b'kunsiderazzjoni tal-mudell tan-negozju attwali u l-kapaċitajiet eżekuttivi tal-ġestjoni. |
| 4 | Il-mudell tan-negozju u l-istrateġija joħolqu livell għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • L-istituzzjoni tiġġenera redditi dgħajfa ħafna u instabbli ħafna, jew tiddependi fuq aptit għar-riskju jew struttura ta' finanzjament mhux aċċettabbli biex tiġġenera redditi xierqa.<br>• L-istituzzjoni għandha konċentrazzjonijiet ta' assi estremi jew sorsi kkonċentrati ta' introjtu mhux sostenibbli.<br>• L-istituzzjoni għandha pożizzjoni kompetittiva dgħajfa ħafna għall-prodotti/is-servizzi tagħha fis-swieq magħżula tagħha u tipparteċipa f'linji tan-negozju bi prospetti dgħajfa ħafna. Il-pjanijiet strateġiċi x'aktarx li ma jindirizzawx is-sitwazzjoni. |

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| | | • L-istituzzjoni għandha previżjonijiet finanzjarji mfassla fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet mhux realistiċi dwar l-ambjent tan-negozju futur.<br>• Il-pjanijiet strateġiċi ma humiex plawżibbli b'kunsiderazzjoni tal-mudell tan-negozju attwali u l-kapaċitajiet eżekuttivi ta' ġestjoni. |

# Titolu 5: Il-valutazzjoni tal-governanza interna u tal-kontrolli fl-istituzzjoni kollha

## 5.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

98. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-arranġamenti ta’ governanza interna ta’ istituzzjoni humiex adegwati u proporzjonati mal-profil tar-riskju, il-mudell tan-negozju, in-natura, id-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjoni. Dawn għandhom jidentifikaw il-punt sa fejn l-istituzzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti tal-UE u dawk nazzjonali applikabbli fir-rigward ta’ arranġamenti soda ta’ governanza interna u jidentifikaw kwalunkwe nuqqas. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw, b’mod partikolari, jekk l-arranġamenti ta’ governanza interna jiżgurawx il-ġestjoni soda tar-riskji u jinkludux kontrolli interni u sorveljanza xierqa. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu jekk hemmx riskji materjali imposti minn arranġamenti dgħajfa ta’ governanza interna u l-effett potenzjali tagħhom fuq il-profil ta’ riskju u s-sostenibbiltà tal-istituzzjoni.

99. Għall-SREP, il-valutazzjoni tal-governanza interna u tal-kontrolli tal-istituzzjoni fl-istituzzjoni kollha għandha tinkludi valutazzjoni tal-oqsma li ġejjin:

   a. il-qafas ta’ governanza interna ġenerali, li għandu jinkludi struttura organizzazzjonali ċara;

   b. il-kompożizzjoni, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-korp maniġerjali u, fejn stabbiliti, tal-kumitati tiegħu;

   c. il-kultura korporattiva u tar-riskju;

   d. il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni;

   e. il-qafas ta’ kontroll intern, li għandu jinkludi ġestjoni tar-riskju indipendenti u li taħdem tajjeb, konformità u funzjonijiet tal-awditu intern;

   f. il-qafas għall-amministrazzjoni tar-riskji, inklużi l-ICAAP, l-ILAAP, il-proċess il-ġdid tal-approvazzjoni tal-prodott, inklużi tibdil materjali fil-prodotti, fis-sistemi u fil-proċessi u fi tranżazzjonijiet eċċezzjonali;

   g. l-integrità tal-proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi;

   h. il-politika u l-istrateġija tal-esternalizzazzjoni;

   i. it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-kontinwità tal-operat; u

   j. il-pjan ta’ rkupru.

100. Il-valutazzjoni tal-governanza interna għandha tinforma l-valutazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli speċifiċi kif speċifikat fit-Titoli 6 u 8, kif ukoll il-valutazzjoni tal-ICAAP u tal-ILAAP fil-valutazzjoni tal-kapital tal-SREP (Titolu 7) u l-valutazzjoni tal-likwidità tal-SREP (Titolu 9). Bl-istess mod, analiżi tar-riskji individwali tal-kalkoli/stimi tal-kapital tal-ICAAP riveduti taħt it-Titolu 7, u kwalunkwe nuqqas identifikat hemmhekk, għandhom jinfurmaw il-valutazzjoni tal-qafas ICAAP ġenerali vvalutat taħt dan it-titolu.

101. F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna[15], il-valutazzjoni tal-qafas ta' governanza interna għandu jinkludi l-verifika tal-eżistenza ta' arranġamenti u mekkaniżmi ta' governanza biex jiġi żgurat li l-istituzzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti tal-AML/CFT applikabbli u tqis kwalunkwe informazzjoni supplimentari riċevuta mis-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT dwar il-valutazzjoni ta' dawn l-arranġamenti u l-mekkaniżmi.

## 5.2 Qafas ġenerali ta' governanza interna

102. F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna, il-Linji Gwida Konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-membri tal-korp maniġerjali u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin[16], u mal-Linji Gwida tal-EBA dwar ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni[17], il-Linji Gwida tal-EBA dwar arranġamenti ta' esternalizzazzjoni[18] u l-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni[19], il-valutazzjoni tal-qafas ta' governanza interna mill-awtoritajiet kompetenti għandha tinkludi valutazzjoni ta' jekk l-istituzzjoni turix tal-anqas li:

a. li d-dmirijiet tal-korp maniġerjali huma ddefiniti b'mod ċar, u jiddistingwu bejn id-dmirijiet tal-funzjoni maniġerjali (eżekuttiva) u dik superviżorja (mhux eżekuttiva), u li jkunu ġew implimentati arranġamenti ta' governanza xierqa;

b. tkun ġiet stabbilita struttura organizzazzjonali u operazzjonali xierqa u trasparenti b'linji ta' responsabbiltà definiti sew, trasparenti u konsistenti, inklużi dawk tal-korp maniġerjali u tal-kumitati tiegħu;

c. il-korp maniġerjali jkun stabbilixxa u żgura l-implimentazzjoni tal-istrateġiji ġenerali tan-negozju u tar-riskju, inkluż l-istabbiliment tal-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni, fuq bażi individwali u konsolidata bl-involviment xieraq tal-korp maniġerjali;

d. il-kultura tar-riskju permezz ta' politiki u l-implimentazzjoni tagħhom, inklużi l-komunikazzjoni u t-taħriġ, huma xierqa;

---

[15] Il-Linji Gwida dwar il-governanza interna tal-EBA skont id-Direttiva 2013/36/UE (EBA/GL/2021/05).

[16] Il-Linji Gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali u tad-detenturi tal-funzjoni ewlenija skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE (EBA/GL/2021/06).

[17] Il-linji gwida tal-EBA dwar ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni skont il-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (EBA /GL/2016/11).

[18] Il-linji Gwida tal-EBA dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni (EBA/GL/2019/02).

[19] Il-linji gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni skont l-Artikoli 74(3) u 75(2) tad-Direttiva 2013/36/UE u d-divulgazzjoni skont l-Artikolu 450 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (EBA/GL/2021/04).

e. ikun ġie implimentat proċess ta’ valutazzjoni tal-għażla u tal-adegwatezza għall-membri tal-korp maniġerjali u għad-detenturi ta’ funzjonijiet ewlenin;

f. ikun fis-seħħ qafas adegwat u effettiv ta’ governanza interna u ta’ kontroll intern li jinkludi ġestjoni tar-riskju indipendenti, konformità u funzjonijiet tal-awditu intern li jkollhom biżżejjed awtorità, statura u riżorsi sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom;

g. ikunu ġew implimentati politika ta’ remunerazzjoni u prattiki ta' remunerazzjoni li huma konformi mal-prinċipji ta’ remunerazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 92 sa 95 tad-Direttiva 2013/36/UE u fil-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta’ remunerazzjoni;

h. li jkunu ġew implimentati arranġamenti bil-għan li tiġi żgurata l-integrità tas-sistemi kontabilistiċi u ta’ rapportar finanzjarju, inklużi kontrolli finanzjarji u operazzjonali u l-konformità mal-liġi u ma’ standards rilevanti;

i. li jkunu ġew implimentati politika u strateġija ta' esternalizzazzjoni li jqisu l-impatt tal-esternalizzazzjoni fuq in-negozju tal-istituzzjoni u r-riskji li din tiffaċċja;

j. li l-qafas ta' governanza interna huwa stabbilit, immonitorjat u vvalutat b'mod regolari mill-korp maniġerjali; u

k. il-qafas ta’ governanza interna huwa trasparenti għall-partijiet ikkonċernati, inklużi l-azzjonisti.

## 5.3 L-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-korp maniġerjali

103. Skont l-Artikoli 74 u 91(12) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna u l-Linji Gwida Konġunti tal-ESMA u l-EBA dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-membri tal-korp maniġerjali u d-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk:

a. l-arranġamenti li għandhom l-għan li jiżguraw li l-adegwatezza individwali u kollettiva tal-korp maniġerjali u l-adegwatezza individwali tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin humiex implimentati u mwettqa b'mod effettiv mill-mument tal-ħatra, meta jsiru bidliet materjali (pereżempju dawk li għandhom impatt fuq il-kundizzjonijiet ivvalutati fil-kuntest tal-valutazzjoni adatta u xierqa inizjali) u fuq bażi kontinwa, inkluża notifika lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti ;

b. il-kompożizzjoni u s-suċċessjoni tal-korp maniġerjali huma xierqa;

c. il-korp maniġerjali għandu politika fis-seħħ biex jippromwovi d-diversità fi ħdan il-korp maniġerjali, mingħajr preġudizzju għar-regoli kontra d-diskriminazzjoni, u jekk politika ta’ diversità bħal din hijiex riflessa fil-politika ta’ reklutaġġ għall-korp maniġerjali, filwaqt li jiżgura grupp varjat biżżejjed ta’ kandidati; u, fir-rigward ta’ istituzzjonijiet sinifikanti, jekk stabbilewx mira kwantitattiva għar-rappreżentanza tal-ġeneru sottorappreżentat;

d. teżisti interazzjoni effettiva bejn il-korp maniġerjali fil-funzjonijiet maniġerjali u superviżorji tiegħu;

e. il-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu jidderiġix kif xieraq in-negozju u jekk fil-funzjoni superviżorja tiegħu jissorveljax u jimmonitorjax it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-maniġment;

f. il-membri kollha tal-korp maniġerjali jaġixxu b'mod indipendenti;

g. hemmx impenn suffiċjenti tal-ħin mill-membri tal-korp maniġerjali biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom;

h. hemmx konformità mal-limitazzjoni fuq l-għadd ta' direttorati għal istituzzjonijiet sinifikanti kif stabbilit fl-Artikolu 91(3) tad-Direttiva 2013/36/UE;

i. humiex fis-seħħ prattiki u proċeduri xierqa ta' governanza interna għall-korp maniġerjali u l-kumitati tiegħu, fejn stabbiliti; u

j. il-korp maniġerjali, fil-funzjoni maniġerjali tiegħu u fil-funzjoni superviżorja tiegħu, u l-kumitat tar-riskju, fejn stabbilit, għandhomx aċċess xieraq għall-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tar-riskju tal-istituzzjoni.

## 5.4 Valuri korporattivi u kultura tar-riskju

104. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex struttura korporattiva xierqa u trasparenti li hija xierqa u soda, valuri korporattivi konsistenti, u kultura tar-riskju li hija komprensiva u proporzjonata għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti għall-mudell tan-negozju u l-attivitajiet tal-istituzzjoni u konsistenti mal-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni.

105. F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk:

a. il-korp maniġerjali jafx u jifhimx bis-sħiħ l-istruttura ġuridika, organizzazzjonali u operattiva tal-istituzzjoni ("kun af l-istruttura tiegħek") u jekk jiżgurax li din hija konsistenti mal-istrateġija tan-negozju u tar-riskju u mal-aptit għar-riskju approvati tagħha.

b. l-istituzzjonijiet ma għandhomx jistabbilixxu strutturi opaki jew kumplessi bla bżonn li ma għandhom ebda raġuni ekonomika ċara jew skop legali, jew strutturi bħal dawn iqajmu tħassib li jistgħu jintużaw għal skop marbut ma' kriminalità finanzjarja. Meta jistabbilixxi strutturi kumplessi, il-korp ta' ġestjoni għandu jifhimhom, u l-għan tagħhom u r-riskji partikolari assoċjati magħhom u jiżgura li l-funzjonijiet ta' kontroll intern huma involuti kif xieraq.

c. l-istituzzjonijiet żviluppawx kultura tar-riskju integrata u mifruxa madwar l-istituzzjoni kollha, ibbażata fuq fehim sħiħ u approċċ olistiku tar-riskji li jiffaċċjaw u kif inhuma ġestiti, filwaqt li jqisu l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni;

d. il-kultura etika korporattiva u tar-riskju tal-istituzzjoni tippromwovi ambjent ta' sfida kostruttiv li fih il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet jinkoraġġixxu firxa wiesgħa ta' fehmiet;

e. l-istituzzjonijiet ikunux implimentaw proċeduri u proċessi interni indipendenti ta' żvelar ta' informazzjoni protetta li jippermettu li l-informazzjoni tiġi sottomessa b'mod anonimizzat lill-korp maniġerjali u funzjonijiet responsabbli oħra;

f. l-istituzzjonijiet jimmaniġġjawx kif xieraq il-kunflitti ta' interess fil-livell istituzzjonali u jekk stabbilewx politika ta' kunflitt ta' interess għall-persunal biex jiġu ġestiti l-kunflitti bejn l-interessi personali tal-persunal u l-interess tal-istituzzjoni;

g. l-istituzzjonijiet jidentifikawx, jiddokumentawx u jimmaniġġjawx b'mod xieraq il-kunflitti ta' interess potenzjali li jirriżultaw minn self jew tranżazzjonijiet oħra ma' membri tal-korp maniġerjali u l-partijiet relatati tagħhom;

h. l-istituzzjonijiet jiżgurawx li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni tal-persunal u li jkun hemm opportunitajiet indaqs għall-ġeneri kollha;

i. hemmx komunikazzjoni ċara, b'saħħitha u effettiva tal-istrateġiji, il-valuri korporattivi, kodiċi ta' kondotta u/jew strument simili ieħor, politiki ta' riskju u politiki oħrajn lill-persunal kollu rilevanti, u jekk il-kultura tar-riskju hijiex applikata fil-livelli kollha tal-istituzzjoni; u

j. bħala parti mill-kodiċi ta' kondotta, l-istituzzjonijiet jistabbilixxu prinċipji dwar u jipprovdu eżempji ta' mġiba aċċettabbli u mhux aċċettabbli marbuta b'mod partikolari ma' rapportar finanzjarju ħażin u ma' kondotta finanzjarja ħażina, ma' reati ekonomiċi u finanzjarji inkluż iżda mhux limitat għall-frodi, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ML/TF), prattiki antitrust, sanzjonijiet finanzjarji, tixħim u korruzzjoni, manipulazzjoni tas-suq, bejgħ ħażin u ksur ieħor tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, reati tat-taxxa, kemm jekk imwettqa direttament jew indirettament, inkluż permezz ta' skemi illegali jew ipprojbiti ta' arbitraġġ tad-dividendi;

## 5.5 Politiki u prattiki ta' remunerazzjoni

106. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex politika u prattiki ta' remunerazzjoni, kif speċifikat fl-Artikoli 92 sa 95 tad-Direttiva 2013/36/UE, għall-persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u jekk il-politiki ta' remunerazzjoni xierqa għall-membri kollha tal-persunal ikunux newtrali għall-ġeneru. F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna

u l-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk:

a. il-politika ta' remunerazzjoni hijiex konsistenti mal-istrateġiji tan-negozju u tar-riskju tal-istituzzjoni, il-kultura u l-valuri korporattivi, l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni u l-miżuri meħuda sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess, ma tħeġġiġx teħid ta' riskju eċċessiv u jekk hijiex osservata, approvata u ssorveljata mill-korp maniġerjali;

b. il-politika ta' remunerazzjoni hijiex newtrali għall-ġeneru u jekk l-istituzzjonijiet ħadux miżuri xierqa biex jimmonitorjaw l-iżvilupp tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi maż-żmien;

c. il-persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu jkollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni (persunal identifikat) jiġix identifikat kif xieraq u l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 92(3) tad-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/923, jiġux applikati kif xieraq, b'mod partikolari fir-rigward ta':

    i. l-applikazzjoni tal-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi għall-identifikazzjoni tal-persunal; u

    ii. id-dispożizzjonijiet dwar l-esklużjoni tal-persunal li huwa identifikat biss taħt il-kriterji kwantitattivi speċifikati fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2021/923;

d. l-istituzzjonijiet ikunux wettqu allokazzjoni xierqa bejn l-elementi fissi u varjabbli tar-remunerazzjoni, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari għat-trattament tal-kwoti jew tal-pagamenti bbażati fuq ir-rwol, ir-remunerazzjoni varjabbli garantita, il-ħlas għat-terminazzjoni tal-impjieg eċċ.;

e. il-kombinazzjoni ta' remunerazzjoni varjabbli u fissa hijiex xierqa, jekk id-dispożizzjonijiet dwar il-limitazzjoni tal-komponent varjabbli tar-remunerazzjoni sa 100 % tal-komponent fiss tar-remunerazzjoni (200 % bl-approvazzjoni tal-azzjonisti) humiex osservati u jekk ir-remunerazzjoni varjabbli ma titħallasx permezz ta' veikoli jew metodi li jiffaċilitaw nuqqas ta' konformità mad-Direttiva 2013/36/UE jew mar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

f. ir-remunerazzjoni varjabbli għall-persunal identifikat hijiex ibbażata fuq il-prestazzjoni, jekk humiex osservati ir-rekwiżiti dwar id-differiment, iż-żamma, l-iżborz fl-istrumenti u l-applikazzjoni tal-malus u ta' rkupru u jekk l-istituzzjoni ma tużax veikoli jew prattiki li jdgħajfu r-rekwiżiti tar-remunerazzjoni.

g. l-istituzzjonijiet japplikawx kif xieraq ir-rekwiżiti ta' remunerazzjoni fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata f'konformità mal-Artikolu 109 tad-Direttiva 2013/36/UE; u

h. l-istituzzjonijiet jagħtux kunsiderazzjoni adegwata għar-restrizzjonijiet rigward ir-remunerazzjoni varjabbli bħala konsegwenza tar-riċevuta ta' appoġġ mill-istat jew minħabba rakkomandazzjonijiet jew deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti.

## 5.6 Qafas ta' kontroll intern

107. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas ta' kontroll intern xieraq. Din il-valutazzjoni għandha tal-inqas tinkludi jekk:

a. l-istituzzjoni għandhiex fis-seħħ politiki ta' kontroll intern xierqa bil-miktub u jekk implimentatx qafas ta' kontroll intern fi ħdan l-unitajiet tan-negozju, unitajiet rilevanti oħra u fi ħdan il-funzjonijiet ta' kontroll indipendenti;

b. hemmx proċess ċar, trasparenti u ddokumentat tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' kontroll intern u l-komponenti tiegħu;

c. hemmx segregazzjoni adegwata tad-dmirijiet u tal-ostakli għall-informazzjoni fejn meħtieġ;

d. il-funzjonijiet kollha ta' kontroll intern indipendenti humiex effettivi u jekk għandhomx riżorsi xierqa u suffiċjenti, awtorità u statura biex jaqdu l-missjoni tagħhom, u fejn ikun meħtieġ aċċess dirett għall-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu;

e. il-qafas ta' kontroll intern ikoprix l-oqsma kollha tal-istituzzjoni, b'allokazzjoni ċara tan-negozju u unitajiet ta' appoġġ li huma responsabbli fl-ewwel istanza għall-istabbiliment u ż-żamma ta' kontrolli interni adegwati u proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju xierqa;

f. hemmx skambju tal-informazzjoni meħtieġa, inklużi politiki, mekkaniżmi u proċeduri u l-aġġornamenti tagħhom, b'mod li jiżgura li l-korp maniġerjali, il-linji operatorji u l-unitajiet interni, inkluż kull funzjoni ta' kontroll intern indipendenti, humiex kapaċi jwettqu d-dmirijiet tagħhom;

g. l-istituzzjoni għandhiex politika u proċess ta' approvazzjoni ta' prodotti ġodda (NPAP), inkluż proċess għat-tibdil materjali jew tranżazzjonijiet eċċezzjonali, bi rwol speċifikat b'mod ċar għall-funzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju u ta' konformità indipendenti, approvati mill-korp maniġerjali;

h. l-istituzzjoni għandhiex il-kapaċità li tipproduċi rapporti tar-riskju bil-miktub, tużahom għall-skopijiet maniġerjali u jekk it-tali rapporti tar-riskju humiex:

   i. f'waqthom, preċiżi, konċiżi, komprensivi, ċari u utli; u

   ii. prodotti u kkomunikati lill-partijiet rilevanti bi frekwenza xierqa; u jekk

i. ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditu intern humiex soġġetti għal proċedura formali ta' segwitu mil-livelli xierqa tal-maniġment biex tiġi żgurata u rrapportata r-riżoluzzjoni effettiva u propizja tagħhom.

## Funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju

108. F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni stabbilietx funzjoni indipendenti ta' ġestjoni tar-riskju u tal-anqas jekk tali funzjoni:

a. hijiex karatteristika organizzazzjonali ċentrali li tkopri l-istituzzjoni kollha u strutturata sabiex tkun tista' timplimenta politiki tar-riskju u tikkontrolla l-qafas għall-ġestjoni tar-riskji u tkunx involuta b'mod attiv fid-deċiżjonijiet materjali kollha tal-ġestjoni tar-riskju;

b. tiżgurax li r-riskji kollha għall-grupp kollu jiġu identifikati, imkejla, ivvalutati, immonitorjati u rrapportati kif xieraq mil-linji tan-negozju jew mill-unitajiet interni rilevanti u li l-istrateġija tar-riskju tiġi rrispettata;

c. tivvalutax b'mod indipendenti l-ksur tal-aptit jew tal-limiti tar-riskju u tinformax lill-unitajiet tan-negozju u lill-korp maniġerjali, filwaqt li tirrakkomanda rimedji possibbli.

109. Filwaqt li jitqiesu l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-kap tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju għandux għarfien espert, awtorità, statura u indipendenza suffiċjenti.

## Funzjoni ta' konformità

110. F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni stabbilietx funzjoni permanenti, indipendenti u effettiva ta' ġestjoni tar-riskju u tal-anqas jekk tali funzjoni:

a. tkunx soġġetta għal politika ta' konformità ddokumentata sew li tiġi kkomunikata lill-persunal kollu u ssorveljata mill-korp maniġerjali;

b. tiżgurax li l-monitoraġġ tal-konformità jsir permezz ta' programm strutturat u definit tajjeb ta' monitoraġġ tal-konformità u li tiġi osservata l-politika ta' konformità.

111. Filwaqt li jitqiesu l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjonijiet ħatrux persuna responsabbli għall-funzjoni ta' konformità fl-istituzzjoni kollha. Meta tali persuna tkun fl-istess ħin il-kap tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji jew twettaq rwol superjuri ieħor, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk jistax ikun hemm xi kunflitt ta' interess.

### Funzjoni tal-awditu intern

112. F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni stabbilietx funzjoni indipendenti effettiva tal-awditu intern li:

a. taderixxi ma' standards professjonali nazzjonali u internazzjonali;

b. għandha l-għan, l-awtorità u r-responsabbiltà tagħha ddefiniti f'mandat li jirrikonoxxi standards professjonali u li hija approvata mill-korp maniġerjali;

c. għandha l-indipendenza organizzattiva tagħha u l-oġġettività interna tal-awdituri protetti, inkluż b'segregazzjoni xierqa tad-dmirijiet u linji ta' rapportar diretti għall-korp maniġerjali;

d. tivvaluta l-adegwatezza tal-qafas ta' governanza tal-istituzzjoni, inkluż jekk il-politiki u l-proċeduri eżistenti jibqgħux xierqa u jikkonformawx mar-rekwiżiti legali u regolatorji, b'deċiżjonijiet tal-korp maniġerjali u bl-aptit għar-riskju u l-istrateġija tal-istituzzjoni;

e. tivvaluta jekk il-proċeduri humiex implimentati b'mod korrett u effettiv (pereżempju konformità mar-rekwiżiti ta' imġiba tat-tranżazzjonijiet, il-konformità tal-livell tar-riskju mġarrab b'mod effettiv mal-aptit għar-riskju u l-limiti, eċċ.);

f. tivvaluta l-adegwatezza, il-kwalità u l-effikaċja tal-kontrolli mwettqa u tar-rapportar li sar mill-unitajiet tan-negozju u mill-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju interni u tal-konformità;

g. tkopri kif xieraq l-oqsma kollha fi pjan ta' awditu bbażat fuq ir-riskji, inklużi l-ICAAP, l-ILAAP u l-NPAP; u

h. tiddetermina jekk l-istituzzjoni tikkonformax mal-politiki interni u mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u dik nazzjonali u tindirizza kwalunkwe devjazzjoni minn waħda jew oħra.

## 5.7 Qafas ta' ġestjoni tar-riskju

113. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tkunx stabbiliet qafas tal-ġestjoni tar-riskju u proċessi għall-ġestjoni tar-riskju xierqa. L-awtoritajiet kompetenti għandhom tal-inqas jirrevedu:

a. jekk l-istrateġija tar-riskju, l-aptit għar-riskju u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju humiex xierqa u implimentati fuq bażi individwali u konsolidata;

b. l-oqfsa tal-ICAAP u tal-ILAAP;

c. il-kapaċitajiet u r-riżultati tal-ittestjar tal-istress;

d. jekk l-istituzzjoni tkunx stabbiliet funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji indipendenti li tkopri l-istituzzjoni kollha kemm hi, li hija involuta b'mod attiv fit-tfassil tal-istrateġija tar-riskji tal-

istituzzjoni u d-deċiżjonijiet materjali kollha tal-ġestjoni tar-riskji u li tipprovdi lill-korp maniġerjali u lill-unitajiet tan-negozju informazzjoni rilevanti relatati mar-riskji;

e. jekk l-istituzzjoni għandhiex kap tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji b'għarfien espert, indipendenza u anzjanità suffiċjenti, u, fejn meħtieġ, aċċess dirett għall-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu;

f. jekk il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji indipendenti tiżgurax li l-proċessi ta' kejl, valutazzjoni u monitoraġġ tar-riskji tal-istituzzjoni humiex xierqa; u

g. jekk l-istituzzjoni tkunx daħlet fis-seħħ politiki u proċeduri biex tidentifika, tkejjel, timmonitorja, timmitiga u tirrapporta konċentrazzjonijiet tar-riskju u tar-riskju assoċjat u jekk dawn humiex konformi mal-limiti tar-riskju jew mal-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni jew jekk dawn humiex approvati mill-korp maniġerjali; u

h. jekk l-istituzzjoni stabbilietx proċessi msaħħa għall-approvazzjoni ta' deċiżjonijiet li fuqhom il-kap tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju jew il-kap tal-konformità esprimewx opinjoni negattiva.

### 5.7.1 Qafas u strateġija tal-aptit għar-riskju

114. Meta jivvalutaw il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-punt sa fejn dan huwa integrat, u kif dan jinfluwenza l-istrateġija ġenerali tal-istituzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, b'mod partikolari, jivvalutaw jekk hemmx rabtiet xierqa u konsistenti bejn l-istrateġija tan-negozju, l-istrateġija tar-riskju, l-aptit għar-riskju u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju, u l-oqfsa tal-ġestjoni tal-kapital u tal-likwidità.

115. Meta jirrevedu l-istrateġija tar-riskju, l-aptit għar-riskju u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju ta' istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk:

a. ir-responsabbiltà tal-korp maniġerjali fir-rigward tal-istrateġija tar-riskju, l-aptit għar-riskju u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju hijiex eżerċitata fil-prattika billi tipprovdi direzzjoni u sorveljanza xierqa;

b. l-istrateġija tar-riskju u l-aptit għar-riskju jqisux ir-riskji materjali kollha li l-istituzzjoni hija esposta għalihom u jekk jinkludux limiti, tolleranzi u livelli limiti tar-riskji;

c. l-istrateġija tar-riskju u l-aptit għar-riskju humiex konsistenti u implimentati;

d. il-qafas tal-aptit għar-riskju huwiex progressiv, f'konformità mal-orizzont tal-ippjanar strateġiku stabbilit fl-istrateġija tan-negozju u rivedut b'mod regolari;

e. l-istrateġija u l-aptit għar-riskju jqisux b'mod xieraq it-tolleranza tar-riskji u r-riżorsi finanzjarji tal-istituzzjoni (jiġifieri l-aptit għar-riskju għandu jkun konsistenti mal-fondi proprji superviżorji u mar-rekwiżiti tal-likwidità u miżuri u rekwiżiti superviżorji oħra); u

f. jekk l-istrateġija tar-riskju u d-dikjarazzjoni tal-aptit għar-riskju humiex iddokumentati bil-miktub u jekk hemmx evidenza li dawn ġew ikkomunikati lill-persunal tal-istituzzjoni.

### 5.7.2 L-oqfsa tal-ICAAP u tal-ILAAP

116. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu perjodikament l-ICAAP u l-ILAAP tal-istituzzjonijiet abbażi tal-informazzjoni miġbura mill-istituzzjonijiet f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-informazzjoni ICAAP u ILAAP miġbura għall-finijiet tal-SREP [20] u jiddeterminaw is-solidità, l-effettività u l-komprensività tagħhom skont il-kriterji speċifikati f'din it-taqsima. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll kif l-ICAAP u l-ILAAP huma integrati fil-ġestjoni ġenerali tar-riskju u l-prattiki ta' ġestjoni strateġiċi, inkluż l-ippjanar tal-kapital u tal-likwidità.

117. Dawn il-valutazzjonijiet għandhom jikkontribwixxu għad-determinazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali u l-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital, kif deskritt fit-Titolu 7, kif ukoll għall-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-likwidità kif deskritt fit-Titolu 9.

#### Is-solidità tal-ICAAP u l-ILAAP

118. Sabiex jevalwaw is-solidità tal-ICAAP u tal-ILAAP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk il-politiki, il-proċessi, il-kontributi u l-mudelli li jikkostitwixxu l-ICAAP u l-ILAAP humiex proporzjonati għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni. Biex jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-ICAAP u tal-ILAAP għall-valutazzjoni u ż-żamma ta' livell adegwat ta' kapital intern u likwidità biex ikopru r-riskji li l-istituzzjoni hi jew tista' tkun esposta għalihom u biex jieħdu deċiżjonijiet tan-negozju (pereżempju fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital taħt il-pjan tan-negozju), inkluż taħt kundizzjonijiet ta' stress b'mod konformi mal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet.

119. Fil-valutazzjoni tas-solidità tal-ICAAP u tal-ILAAP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw, fejn ikun rilevanti:

a. jekk il-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet applikati mill-istituzzjonijiet humiex xierqa u konsistenti fir-riskji, humiex ibbażati fuq *data* ta' input empirika soda, jużawx parametri robusti kkalibrati u jekk humiex applikati bl-istess mod għall-kejl tar-riskju u l-ġestjoni tal-kapital u tal-likwidità;

b. jekk il-livell ta' fiduċja huwiex konsistenti mal-aptit għar-riskju u jekk is-suppożizzjonijiet ta' diversifikazzjoni interni jirriflettux il-mudell tan-negozju u l-istrateġiji tar-riskju;

c. jekk id-definizzjoni u l-kompożizzjoni tar-riżorsi interni disponibbli ta' kapital jew ta' likwidità kkunsidrati mill-istituzzjoni għall-ICAAP u l-ILAAP humiex konsistenti mar-riskji

[20] Linji Gwida tal-EBA dwar l-informazzjoni ICAAP u ILAAP miġbura għall-finijiet SREP (EBA/GL/2016/10).

mkejla mill-istituzzjoni u humiex eliġibbli għall-kalkolu tal-fondi proprji u r-riżervi ta' likwidità; u

d. jekk id-distribuzzjoni/l-allokazzjoni ta' riżorsi interni disponibbli ta' kapital jew ta' likwidità fost il-linji tan-negozju jew l-entitajiet legali tirriflettix kif suppost ir-riskju li kull wieħed minnhom huwa jew jista' jiġi espost għalih, u tikkunsidrax kif suppost kwalunkwe restrizzjoni legali jew operazzjonali dwar it-trasferibbiltà ta' dawn ir-riżorsi.

## Effettività tal-ICAAP u l-ILAAP

120. Meta jivvalutaw l-effettività tal-ICAAP u tal-ILAAP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw l-użu tagħhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-proċess ta' ġestjoni fil-livelli kollha fl-istituzzjoni (pereżempju stabbiliment ta' limiti, kejl tal-prestazzjoni, eċċ.). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kif l-istituzzjoni tuża l-ICAAP u l-ILAAP fil-ġestjoni tar-riskju, il-kapital u l-likwidità tagħha (test ta' użu). Il-valutazzjoni għandha tikkunsidra l-interkonnessjonijiet u l-funzjonament interrelatat tal-ICAAP u l-ILAAP mal-qafas tal-aptit għar-riskju, il-ġestjoni tar-riskju, il-ġestjoni tal-likwidità u tal-kapital, inklużi strateġiji ta' finanzjament progressivi, u jekk dawn humiex xierqa għall-mudell tan-negozju u l-kumplessità tal-istituzzjoni.

121. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex politiki, proċeduri u għodod biex tiffaċilita:

a. l-identifikazzjoni ċara tal-funzjonijiet u/jew kumitati rilevanti responsabbli għall-elementi differenti tal-ICAAP u tal-ILAAP (pereżempju mmudellar u kwantifikazzjoni, awditu intern u validazzjoni, monitoraġġ u rapportar, żieda fil-kwistjonijiet, eċċ.);

b. l-ippjanar tal-kapital u l-likwidità: il-kalkolu tar-riżorsi tal-kapital u l-likwidità fuq bażi progressiva (inkluż f'xenarji ta' stress preżunti) b'rabta mal-istrateġija ġenerali jew tranżazzjonijiet sinifikanti;

c. l-allokazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżorsi ta' kapital u ta' likwidità fost il-linji tan-negozju u t-tipi ta' riskji (pereżempju limiti ta' riskji definiti għal-linji tan-negozju, l-entitajiet jew ir-riskji individwali huma konsistenti mal-għan li tiġi żgurata l-adegwatezza ġenerali tar-riżorsi interni tal-kapital u tal-likwidità tal-istituzzjoni);

d. ir-rapportar regolari u immedjat tal-adegwatezza tal-kapital u tal-likwidità lill-maniġment superjuri u lill-korp maniġerjali (b'mod partikolari l-frekwenza tar-rapportar għandha tkun adegwata fir-rigward tar-riskji u l-iżvilupp tal-volum tan-negozju, bafers interni eżistenti u l-proċess intern tat-teħid ta' deċiżjonijiet sabiex il-maniġment tal-istituzzjoni jkun jista' jdaħħal fis-seħħ azzjonijiet ta' rimedju qabel ma tiġi pperikolata l-adegwatezza tal-kapital jew tal-likwidità); u

e. sensibilizzazzjoni u azzjonijiet tal-maniġment superjuri jew tal-korp maniġerjali fejn l-istrateġija tan-negozju u/jew it-tranżazzjonijiet individwali sinifikanti jistgħu ma jkunux konsistenti mal-ICAAP u l-kapital intern disponibbli (pereżempju approvazzjoni tal-

maniġment superjuri ta' tranżazzjoni sinifikanti fejn it-tranżazzjoni aktarx ikollha impatt materjali fuq il-kapital intern disponibbli) jew mal-ILAAP u r-riżorsi interni tal-likwidità disponibbli.

122. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-korp maniġerjali jurix impenn xieraq u għarfien rigward l-ICAAP u l-ILAAP u l-eżiti tagħhom. B'mod partikolari, dawn għandhom jivvalutaw jekk il-korp maniġerjali japprovax l-oqfsa u l-eżiti tal-ICAAP u tal-ILAAP u, fejn rilevanti, l-eżiti tal-validazzjoni interna tal-ICAAP u ILAAP.

123. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-punt sa fejn l-ICAAP u l-ILAAP għandhom natura progressiva. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu dan billi jivvalutaw il-konsistenza tal-ICAAP u tal-ILAAP mal-pjanijiet tal-kapital u tal-likwidità u mal-pjanijiet strateġiċi.

### Komprensività tal-ICAAP u l-ILAAP

124. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kopertura tal-ICAAP u tal-ILAAP tal-linji tan-negozju, l-entitajiet legali u r-riskji li l-istituzzjoni hi jew tista' tkun esposta għalihom, u l-konformità tal-ICAAP u tal-ILAAP mar-rekwiżiti legali. B'mod partikolari, dawn għandhom jivvalutaw:

a. jekk l-ICAAP u l-ILAAP humiex implimentati b'mod omoġenju u proporzjonali għal-linji tan-negozju u l-entitajiet legali tal-istituzzjoni rilevanti kollha fir-rigward tal-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju;

b. jekk l-ICAAP u l-ILAAP ikoprux ir-riskji materjali kollha irrispettivament minn jekk ir-riskju jirriżultax minn entitajiet li mhumiex soġġetti għal konsolidazzjoni (veikoli bi skop speċjali (SPVs), entitajiet bi skop speċjali (SPEs)); u

c. fejn kwalunkwe entità jkollha arranġamenti jew proċessi ta' governanza interna differenti mill-entitajiet l-oħra tal-grupp, jekk dawn id-devjazzjonijiet humiex iġġustifikati (pereżempju l-adozzjoni ta' mudelli avvanzati minn parti biss tal-grupp tista' tiġi ġġustifikata minn nuqqas ta' *data* suffiċjenti biex jiġu stmati parametri għal xi linji tan-negozju jew entitajiet legali, diment li dawn il-linji tan-negozju jew entitajiet legali ma jirrappreżentawx sors ta' konċentrazzjoni tar-riskju għall-bqija tal-portafoll).

## 5.7.3 Valutazzjoni tal-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet

125. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu u jivvalutaw il-programmi ta' ttestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet u l-konformità tagħhom mal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet, filwaqt li jqisu d-daqs u l-organizzazzjoni interna tal-istituzzjonijiet u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-arranġamenti ta' governanza, l-infrastruttura tad-*data*, l-użu tal-ittestjar tal-istress fl-ICAAP u fl-ILAAP u l-azzjonijiet ta' ġestjoni kif imsemmija fit-Titolu 4 ta' dawk il-linji gwida.

126. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu valutazzjoni kwalitattiva tal-programmi tal-ittestjar tal-istress, kif ukoll valutazzjoni kwantitattiva tar-riżultati tat-testijiet tal-istress. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-eżiti tal-valutazzjonijiet kwalitattivi u kwantitattivi flimkien mar-riżultati tat-testijiet tal-istress superviżorji (ara t-Titolu 12) bl-iskop li jivvalutaw l-adegwatezza tal-kapital u tal-likwidità tal-istituzzjoni u jiddeterminaw ir-rispons superviżorju xieraq għan-nuqqasijiet identifikati.

127. Barra minn hekk, il-valutazzjonijiet superviżorji tal-programmi tal-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet, u l-eżiti ta' diversi testijiet tal-istress imwettqa minn istituzzjoni bħala parti mill-programm tal-ittestjar tal-istress tagħha, jistgħu jinfurmaw il-valutazzjoni ta' diversi elementi SREP u, b'mod partikolari:

a. L-identifikazzjoni ta' vulnerabbiltajiet jew dgħufijiet possibbli fil-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskji fuq oqsma ta' riskju individwali. Dawn għandhom jintużaw bħala sors ta' informazzjoni addizzjonali li għandu jitqies mill-awtoritajiet kompetenti meta jivvalutaw ir-riskji individwali għall-kapital kif imsemmi fit-Titolu 6 ta' dawn il-Linji gwida, jew ir-riskji għal-likwidità u l-finanzjament kif imsemmi fit-Titolu 8 ta' dawn il-Linji Gwida. L-analiżijiet tax-xenarji u tas-sensittività mwettqa minn istituzzjoni jistgħu jintużaw biex tiġi vvalutata l-iskopertura għal riskji individwali u s-sensittivitajiet relatati mal-fatturi ta' riskju sottostanti.

b. L-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet possibbli fl-arranġamenti ta' governanza ġenerali jew il-kontrolli fl-istituzzjoni kollha. Dawn għandhom jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti bħala sors ta' informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-valutazzjoni SREP tal-governanza interna u l-kontrolli fl-istituzzjoni kollha. Barra minn hekk, ir-riżultati tat-testijiet tal-istress ta' istituzzjoni jistgħu jintużaw fil-valutazzjoni tal-ippjanar tal-kapital ta' istituzzjoni, u b'mod partikolari d-dimensjoni tal-ħin tiegħu.

c. Il-kwantifikazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi kwantitattivi tal-likwidità fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-likwidità, b'mod partikolari fejn awtorità kompetenti ma tkunx żviluppat punti ta' riferiment speċifiċi superviżorji għar-rekwiżiti tal-likwidità, jew ma tapplikax ittestjar tal-istress superviżorju tal-likwidità.

## Valutazzjoni kwalitattiva tal-programmi tal-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet

128. Meta jivvalutaw il-programmi ta' ttestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw is-sorsi ta' informazzjoni kollha rilevanti dwar il-programmi u l-metodoloġiji tal-ittestjar tal-istress, inklużi l-valutazzjonijiet proprji interni tal-istituzzjonijiet u l-validazzjoni jew ir-reviżjonijiet imwettqa minn funzjonijiet ta' kontroll intern indipendenti, kif ukoll informazzjoni u stimi pprovduti minn partijiet terzi, fejn disponibbli.

129. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kif l-istituzzjonijiet ifasslu, jimmaniġġjaw u jissorveljaw il-programmi tagħhom ta' ttestjar tal-istress u għandhom jivvalutaw l-adegwatezza ta' dawn il-programmi, billi jqisu b'mod partikolari:

a. il-kapaċità u l-infrastruttura tal-istituzzjoni disponibbli, inkluż fir-rigward tad-disponibbiltà tad-*data* u l-aggregazzjoni tad-*data*, għall-implimentazzjoni tal-programm tal-ittestjar tal-istress f'linji tan-negozju u entitajiet individwali u fil-grupp kollu, fejn rilevanti;

b. l-adegwatezza tal-interkonnessjonijiet possibbli bejn testijiet tal-istress tas-solvenza u testijiet tal-istress tal-likwidità;

c. l-adegwatezza tal-valutazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-programmi ta' ttestjar tal-istress biex jiġu ddeterminati l-effettività u r-robustezza tagħhom; u

d. l-adegwatezza tal-frekwenza tat-testijiet tal-istress, filwaqt li jitqiesu l-ambitu u t-tip tat-test tal-istress, in-natura, l-iskala, id-daqs u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-karatteristiċi tal-portafoll u l-ambjent makroekonomiku.

130. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll l-użu ta' riżultati tat-testijiet tal-istress fil-ġestjoni tar-riskju u strateġika tal-istituzzjonijiet, u b'mod partikolari:

a. il-punt sa fejn l-ittestjar tal-istress ikun inkorporat fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskju ta' istituzzjoni u fil-proċess tal-istabbiliment tal-aptit u l-limiti tar-riskju;

b. l-involviment tal-maniġment superjuri u tal-korp maniġerjali fil-programm ta' ttestjar tal-istress u r-rapportar intern relatat tal-istituzzjoni;

c. l-integrazzjoni tal-ittestjar tal-istress u r-riżultati tiegħu fit-teħid tad-deċiżjonijiet fl-istituzzjoni kollha;

131. Meta jivvalutaw il-programmi tal-ittestjar tal-istress, ir-riżultati tat-testijiet tal-istress u l-azzjonijiet ta' ġestjoni proposti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kemm perspettivi idjosinkratiċi kif ukoll dawk tas-sistema kollha. B'mod partikolari, l-azzjonijiet ta' ġestjoni għandhom jiġu vvalutati primarjament minn perspettiva interna fir-rigward tal-plawżibbiltà tagħhom, billi jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet ta' istituzzjoni individwali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll azzjonijiet ta' ġestjoni minn perspettiva tas-sistema kollha, peress li istituzzjonijiet oħra aktarx jikkunsidraw azzjonijiet simili, li jistgħu jkunu implawżibbli f'kuntest tas-sistema kollha.

132. Meta jivvalutaw l-azzjonijiet ta' ġestjoni b'effett fuq il-kapital jew il-pożizzjoni finanzjarja ġenerali tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-fattibbiltà f'sitwazzjonijiet ta' stress u l-iskedi taż-żmien għall-implimentazzjoni tal-azzjoni. B'mod partikolari, l-azzjonijiet ta' ġestjoni għandhom jitlestew u jiġu implimentati matul l-orizzont taż-żmien tat-test tal-istress. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw ukoll, fejn rilevanti, azzjonijiet ta' ġestjoni li se jitlestew aktar tard mill-orizzont taż-żmien tat-test tal-istress.

133. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-effettività tal-programmi tal-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet fl-identifikazzjoni ta' vulnerabbiltajiet kummerċjali rilevanti u jqisu dan meta

jivvalutaw il-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju tal-istituzzjonijiet u s-sostenibbiltà tal-istrateġiji tagħhom (ara t-Titolu 4).

134. Meta jivvalutaw il-programmi tal-ittestjar tal-istress u r-riżultati tagħhom fil-każ ta' gruppi transfruntiera, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw it-trasferibbiltà tal-kapital u tal-likwidità bejn l-entitajiet legali jew l-unitajiet tan-negozju matul il-kundizzjonijiet ta' stress, kif ukoll il-funzjonament ta' kwalunkwe arranġament ta' appoġġ finanzjarju intragrupp stabbilit, filwaqt li jqisu d-diffikultajiet ta' finanzjament li jistgħu jiġu mistennija f'kundizzjonijiet ta' stress.

## Valutazzjoni kwantitattiva tal-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet

135. L-awtoritajiet kompetenti, minbarra li jwettqu l-valutazzjoni kwalitattiva speċifikata hawn fuq, għandhom jivvalutaw u jikkontestaw l-għażla u l-użu ta' xenarji, suppożizzjonijiet u metodoloġiji, u għandhom jivvalutaw b'mod partikolari:

a. is-severità tax-xenarji tagħhom, filwaqt li jqisu wkoll ix-xenarji deskritti fl-ittestjar retrospettiv tal-istress, il-probabbiltà tal-okkorrenza tagħhom u r-rilevanza tagħhom għall-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni;

b. jekk ix-xenarji humiex severi iżda plawżibbli, internament konsistenti u progressivi;

c. jekk ix-xenarji jindirizzawx il-vulnerabbiltajiet ewlenin kollha speċifiċi għall-istituzzjoni u jinkludux il-prodotti materjali u l-linji tan-negozju kollha;

d. l-impatt tas-suppożizzjonijiet fuq ir-riżultati tat-testijiet tal-istress.

136. Meta jikkontestaw ix-xenarji, is-suppożizzjonijiet u l-eżiti tat-testijiet tal-istress tal-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw, fejn xieraq, l-eżiti, ix-xenarji u s-suppożizzjonijiet minn testijiet tal-istress superviżorji, inklużi eżerċizzji tat-test tal-istress reġjonali rilevanti mwettqa minn diversi awtoritajiet, bħall-EBA, l-FMI u s-SEBĊ/l-BERS, kif ukoll il-valutazzjoni kwalitattiva kif speċifikat hawn fuq, biex jiddeterminaw il-punt sa fejn il-programm tal-ittestjar tal-istress tal-istituzzjoni u l-eżiti tiegħu jistgħu jkunu affidabbli.

137. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw nuqqasijiet fid-disinn tax-xenarji jew is-suppożizzjonijiet użati mill-istituzzjonijiet, dawn jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet biex jerġgħu jwettqu t-testijiet tal-istress tagħhom, jew xi partijiet speċifiċi mill-programm tal-ittestjar tal-istress, billi jużaw suppożizzjonijiet modifikati mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti, jew xenarji speċifiċi preskritti minn qabel (pereżempju x-xenarji ankra ddefiniti fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet).

138. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riżultati tat-testijiet tal-istress, b'mod partikolari fir-rigward tat-testijiet tal-istress imwettqa fil-kuntest tal-ġestjoni tar-riskju tal-kapital u tal-likwidità, inklużi dawk għall-finijiet tal-ICAAP u tal-ILAAP (ara wkoll it-Taqsima 5.7.2) u għandhom jiżguraw li f'xenarju ta' stress użat għall-finijiet tal-adegwatezza tal-kapital,

il-proporzjon tal-kapital jiġi affettwat b'mod negattiv bħala riżultat, pereżempju, tal-migrazzjonijiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, ta' tnaqqis fil-marġnijiet tal-imgħax netti jew tat-telf tan-negozjar.

139. Fir-reviżjonijiet tagħhom tat-testijiet tal-istress imwettqa fil-kuntest tal-ġestjoni tal-kapital u tar-riskju tal-likwidità, inkluż għall-finijiet tal-ICAAP u tal-ILAAP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu valutazzjoni kkombinata tal-impatt tal-eżiti tat-test tal-istress fuq il-ħtiġijiet tal-kapital u tal-likwidità, kif ukoll fuq rekwiżiti regolatorji oħra rilevanti. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni hijiex kapaċi żżomm TSCR applikabbli l-ħin kollu f'xenarju negattiv, u jekk din identifikatx sett ta' azzjonijiet ta' ġestjoni biex tindirizza kwalunkwe ksur potenzjali tat-TSCR.

140. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll l-impatt tat-testijiet tal-istress fuq il-proporzjon ta' ingranaġġ tal-istituzzjoni, kif ukoll l-obbligazzjonijiet eliġibbli tagħha miżmuma għall-finijiet ta' rekwiżiti minimi għall-obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) kif imsemmi fid-Direttiva 2014/59/UE.

141. Fil-valutazzjoni tar-riżultati tat-test tal-istress, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll it-tibdil regolatorju kollu futur magħruf li jaffettwa l-istituzzjonijiet fl-ambitu u l-perjodu taż-żmien tal-eżerċizzju tat-test tal-istress. Bl-istess mod, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll kwalunkwe bidla magħrufa fir-rekwiżiti futuri tal-kapital (pereżempju valutazzjonijiet sħaħ) meta jivvalutaw ir-riżultati tat-test tal-istress u l-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju.

### 5.7.4 Prodotti ġodda u bidliet sinifikanti

142. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex fis-seħħ NPAP iddokumentata tajjeb, approvata mill-korp maniġerjali, li tindirizza l-iżvilupp ta' swieq, prodotti u servizzi ġodda, inklużi l-proċessi u s-sistemi sottostanti tagħhom, u tibdil sinifikanti f'dawk eżistenti, kif ukoll tranżazzjonijiet eċċezzjonali.

143. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji u l-funzjoni tal-konformità humiex involuti kif xieraq fl-approvazzjoni ta' prodotti ġodda jew ta' tibdil sinifikanti għall-prodotti, il-proċessi u s-sistemi eżistenti, u li l-approvazzjoni ta' prodotti ġodda hija marbuta mal-adegwatezza tal-kontrolli rispettivi.

## 5.8 It-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-ġestjoni tal-kontinwità tal-operat

144. F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna u l-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ICT u l-ġestjoni tar-riskju tas-sigurtà[21], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tal-istituzzjoni humiex effettivi u affidabbli u jekk dawn is-sistemi jappoġġjawx bis-sħiħ il-kapaċitajiet ta' aggregazzjoni tad-*data*

[21] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ICT u l-ġestjoni tar-riskju tas-sigurtà (EBA/GL/2019/04).

fi żminijiet normali kif ukoll fi żminijiet ta’ stress. B’mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk tal-inqas l-istituzzjoni hijiex kapaċi li:

a. tiġġenera *data* tar-riskju preċiża, konsistenti, kompluta u affidabbli għall-unitajiet tan-negozju u għall-istituzzjoni sħiħa;

b. taqbad u tiġbor id-*data* tar-riskju materjali kollha fl-istituzzjoni;

c. tiġġenera *data* aggregata u aġġornata dwar ir-riskju u rapporti dwar ir-riskju f’ħin xieraq bi frekwenza suffiċjenti; u

d. tiġġenera *data* aggregata dwar ir-riskju u rapportar tar-riskju adattabbli biex tiġi ssodisfata firxa wiesgħa ta’ talbiet mill-korp maniġerjali jew mill-awtoritajiet kompetenti, inklużi talbiet *ad hoc* minħabba ħtiġijiet interni jew esterni li jinbidlu.

145. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni stabbilietx ġestjoni ta’ kontinwità tal-operat effettiva bi pjanijiet ta’ kontinġenza u ta’ kontinwità tal-operat ittestjati, kif ukoll pjanijiet ta’ rkupru minn diżastru, għall-funzjonijiet u r-riżorsi kritiċi kollha tagħha, inklużi funzjonijiet u riżorsi kritiċi esternalizzati, u jekk dawk il-pjanijiet jistgħux jirkurpaw dawn b’mod kredibbli.

## 5.9 Ir-riskji tal-ML/TF u tħassib prudenzjali

146. Meta janalizzaw il-qafas ta’ governanza interna u l-kontrolli mal-istituzzjonijiet kollha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu wkoll il-valutazzjonijiet riċevuti mis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT, u jevalwaw jekk dawn jagħtux lok għal tħassib prudenzjali. Dan jista’ jkun il-każ b’mod partikolari fejn is-sejbiet jindikaw dgħufijiet materjali fis-sistemi u l-kontrolli tal-AML/CFT ta’ istituzzjoni. Min-naħa l-oħra, fejn il-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti tindika n-nuqqasijiet fil-qafas tal-kontrolli interni u tal-governanza ta’ istituzzjoni u fil-kontrolli mal-istituzzjoni kollha jwasslu għal tħassib prudenzjali relatat mar-riskju tal-ML/TF, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu l-eżitu ta’ dik il-valutazzjoni mas-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT[22].

147. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-qafas ta’ governanza ġenerali tal-istituzzjoni jinkludix ukoll il-ġestjoni tar-riskju tal-ML/TF.

148. F’konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna[23] u l-Linji Gwida Konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-membri tal-korp maniġerjali u tad-detenturi ewlenin tal-funzjonijiet[24], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw minn perspettiva prudenzjali jekk ir-responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali fir-rigward tar-riskji tal-ML/TF qed jiġu rrispettati. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu kwalunkwe informazzjoni

[22] F’konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Kooperazzjoni AML/CFT (EBA/GL/2021/15).

[23] Il-Linji Gwida dwar il-governanza interna tal-EBA skont id-Direttiva 2013/36/UE, EBA/GL/2021/05.

[24] Il-Linji Gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali u tad-detenturi tal-funzjoni ewlenija skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE (EBA/GL/2021/06).

supplimentari riċevuta mis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT wara l-valutazzjoni tagħhom, f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-politiki u l-proċeduri fir-rigward tal-ġestjoni tal-konformità u r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-Uffiċjal tal-Konformità tal-AML/CFT[25].

## 5.10 Ippjanar ta' rkupru

149. Sabiex jivvalutaw governanza interna u kontrolli fl-istituzzjoni kollha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kwalunkwe sejba u nuqqas identifikati fil-valutazzjoni ta' pjanijiet ta' rkupru u arranġamenti ta' ppjanar ta' rkupru mwettqa skont l-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva 2014/59/UE.

150. Bl-istess mod, is-sejbiet mill-valutazzjoni tal-elementi SREP, inklużi l-governanza interna u l-arranġamenti ta' kontroll fl-istituzzjoni kollha, għandhom jinfurmaw il-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru.

## 5.11 Applikazzjoni fil-livell konsolidat u implikazzjonijiet għall-entitajiet tal-grupp

151. Fil-livell konsolidat, minbarra l-elementi koperti fit-taqsimiet ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk:

a. il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni konsolidanti jifhimx kemm l-organizzazzjoni tal-grupp u r-rwoli tal-entitajiet differenti tiegħu, kif ukoll ir-rabtiet u r-relazzjonijiet bejniethom;

b. l-istruttura organizzattiva u legali tal-grupp – fejn rilevanti – hijiex ċara u trasparenti u adattata għad-daqs u l-kumplessità tan-negozju u l-operazzjonijiet;

c. l-istituzzjoni tkunx stabbiliet sistema ta' ġestjoni effettiva ta' informazzjoni u rapportar fil-grupp kollu applikabbli għal-linji tan-negozju u l-entitajiet legali kollha, u jekk din l-informazzjoni hijiex disponibbli għall-korp maniġerjali tal-impriża prinċipali tal-istituzzjoni fiż-żmien debitu;

d. il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni konsolidanti stabbilixxa strateġiji konsistenti fil-grupp kollu, inkluż qafas ta' strateġija tar-riskju u ta' aptit għar-riskju fil-grupp kollu;

e. il-ġestjoni tar-riskju tal-grupp tkoprix ir-riskji materjali kollha irrispettivament minn jekk ir-riskju jirriżultax minn entitajiet mhux soġġetti għal konsolidazzjoni (inklużi l-SPVs, l-SPEs, id-ditti tal-proprjetà, l-arranġamenti legali, l-entitajiet ġestiti f'isem il-klijenti bħala fiduċjarju jew persuna nominata) u tistabbilixxi fehma komprensiva dwar ir-riskji kollha;

f. l-istituzzjoni twettaqx ittestjar tal-istress regolari li jkopri r-riskji materjali u l-entitajiet kollha skont il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ittestjar tal-istress tas-CEBS; u

[25] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki u proċeduri fir-rigward tal-ġestjoni tal-konformità u r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-Uffiċjal tal-Konformità tal-AML/CFT skont l-Artikolu 8 u l-Kapitolu VI tad-Direttiva (UE) 2015/849 (EBA/GL/2022/05).

g. il-funzjoni tal-awditu intern fil-grupp kollu hijiex indipendenti, għandhiex pjan tal-awditu bbażat fuq ir-riskju fil-grupp kollu, għandhiex biżżejjed persunal u riżorsi, għandhiex statura u linja ta' rapportar dirett għall-korp maniġerjali tal-istituzzjoni konsolidanti.

152. Meta jwettqu l-valutazzjoni tal-governanza interna u tal-kontrolli fl-istituzzjoni kollha fil-livell sussidjarju, minbarra l-elementi elenkati f'dan it-titolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-politiki u l-proċeduri fil-grupp kollu humiex implimentati b'mod konsistenti fil-livell sussidjarju u jekk l-entitajiet tal-grupp ħadux passi biex jiżguraw li l-operazzjonijiet tagħhom huma konformi mal-liġijiet u r-regolamenti kollha applikabbli.

## 5.12 Sommarju tas-sejbiet u l-punteġġi

153. Wara l-valutazzjonijiet ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar l-adegwatezza tal-arranġamenti ta' governanza interna tal-istituzzjoni u l-kontrolli fl-istituzzjoni kollha. Din il-fehma għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ tal-vijabbiltà bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 3.

**Tabella 3: Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ għall-governanza interna u l-kontrolli fl-istituzzjoni kollha**

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| 1 | In-nuqqasijiet fl-arranġamenti tal-governanza interna u tal-kontroll fl-istituzzjoni kollha joħolqu livell baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • L-istituzzjoni għandha struttura organizzattiva robusta u trasparenti b'responsabbiltajiet ċari u separazzjoni tat-teħid tar-riskji mill-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskji.<br>• Hemm kultura korporattiva, ġestjoni tal-kunflitti ta' interessi u proċessi ta' żvelar ta' informazzjoni sodi.<br>• Il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-korp maniġerjali huma xierqa.<br>• L-impenn tal-ħin tal-membri tal-korp maniġerjali huwa xieraq u dawn jikkonformaw mal-limitazzjoni fuq l-għadd ta' direttorati.<br>• L-istituzzjoni adottat politika ta' diversità li trawwem kompożizzjoni tal-bord wiesgħa u tikkonforma mal-miri stabbiliti.<br>• Il-politika ta' remunerazzjoni hija konformi mal-istrateġija tar-riskju u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni.<br>• Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju u l-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju, inklużi l-ICAAP, ILAAP, l-NPAP, il-qafas tal- |

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| | | ittestjar tal-istress, l-ippjanar tal-kapital u l-ippjanar tal-likwidità, huma xierqa.<br>• Il-qafas ta' kontroll intern u l-kontrolli interni huma xierqa.<br>• Il-ġestjoni tar-riskju, il-konformità u l-funzjonijiet tal-awditu intern huma indipendenti u għandhom biżżejjed riżorsi, u l-funzjoni tal-awditu intern topera b'mod effettiv skont l-istandards u r-rekwiżiti internazzjonali stabbiliti.<br>• L-arranġamenti għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u tal-kontinwità tal-operat huma xierqa.<br>• Il-pjan ta' rkupru huwa kredibbli u l-arranġamenti għall-ippjanar tal-irkupru huma xierqa. |
| 2 | In-nuqqasijiet fl-arranġamenti tal-governanza interna u tal-kontroll fl-istituzzjoni kollha joħolqu livell medju baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • L-istituzzjoni għandha struttura organizzattiva fil-biċċa l-kbira robusta u trasparenti b'responsabbiltajiet ċari u separazzjoni tat-teħid tar-riskji mill-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskji.<br>• Hemm kultura korporattiva, ġestjoni tal-kunflitti ta' interessi u proċessi ta' żvelar ta' informazzjoni protetta prinċipalment sodi.<br>• Il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-korp maniġerjali huma prinċipalment xierqa.<br>• L-impenn tal-ħin tal-membri tal-korp maniġerjali huwa prinċipalment xieraq u, fejn rilevanti, dawn jikkonformaw mal-limitazzjoni fuq l-għadd ta' direttorati.<br>• L-istituzzjoni adottat politika ta' diversità li trawwem kompożizzjoni tal-bord wiesgħa u tikkonforma prinċipalment mal-miri stabbiliti jew tkun implimentat miżuri xierqa għall-ilħuq tal-miri ddefiniti fil-politika.<br>• Il-politika ta' remunerazzjoni hija prinċipalment konformi mal-istrateġija tar-riskju u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni.<br>• Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju u l-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju, inklużi l-ICAAP, ILAAP, l-NPAP, il-qafas tal- |

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| | | ittestjar tal-istress, l-ippjanar tal-kapital u l-ippjanar tal-likwidità, huma xierqa.<br>• Il-qafas ta' kontroll intern u l-kontrolli interni huma prinċipalment xierqa.<br>• Il-ġestjoni tar-riskju, il-konformità u l-funzjonijiet tal-awditu intern huma indipendenti u l-operazzjonijiet tagħhom huma prinċipalment effettivi.<br>• L-arranġamenti għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u tal-kontinwità tal-operat huma fil-biċċa l-kbira xierqa.<br>• Il-pjan ta' rkupru huwa prinċipalment kredibbli. L-arranġamenti għall-ippjanar tal-irkupru huma prinċipalment xierqa. |
| 3 | In-nuqqasijiet fl-arranġamenti tal-governanza interna u tal-kontroll fl-istituzzjoni kollha joħolqu livell medju għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • L-istruttura organizzattiva u r-responsabbiltajiet tal-istituzzjoni ma humiex kompletament trasparenti u t-teħid tar-riskji ma huwiex kompletament separat mill-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll tar-riskji.<br>• Hemm dubji dwar l-adegwatezza tal-kultura korporattiva, il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u/jew il-proċess ta' żvelar ta' informazzjoni protetta.<br>• Hemm dubji dwar l-adegwatezza tal-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-korp maniġerjali.<br>• Hemm dubji dwar l-impenn tal-ħin xieraq tal-membri tal-korp maniġerjali u, fejn rilevanti, dawn ma jikkonformawx mal-limitazzjoni fuq l-għadd ta' direttorati.<br>• L-istituzzjoni ma tkunx adottat politika tad-diversità jew ma tkunx implimentat miżuri biex tilħaq il-livell xieraq tad-diversità.<br>• Hemm tħassib li l-politika ta' remunerazzjoni tista' tmur kontra l-istrateġija tar-riskju u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni.<br>• Hemm dubji dwar l-adegwatezza tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju u l-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju, inklużi l-ICAAP, ILAAP, l-NPAP, il-qafas tal-ittestjar tal-istress, l-ippjanar tal-kapital u/jew l-ippjanar tal-likwidità. |

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| | | • Hemm dubji dwar l-adegwatezza tal-qafas ta' kontroll intern u l-kontrolli interni.<br>• Hemm dubji dwar l-indipendenza u l-operazzjoni effettiva tal-ġestjoni tar-riskju, tal-konformità u tal-funzjonijiet tal-awditu intern.<br>• Hemm dubji dwar l-adegwatezza tal-arranġamenti għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-arranġamenti ta' kontinwità tal-operat.<br>• Il-pjan ta' rkupru ġie vvalutata bħala li potenzjalment għandu nuqqasijiet materjali u/jew impedimenti materjali għall-implimentazzjoni tiegħu, u t-tħassib superviżorju ma jkunx ġie indirizzat bis-sħiħ. Hemm dubji dwar l-adegwatezza tal-arranġamenti għall-ippjanar tal-irkupru. |
| 4 | In-nuqqasijiet fl-arranġamenti tal-governanza interna u tal-kontroll fl-istituzzjoni kollha joħolqu livell għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • L-istruttura organizzattiva u r-responsabbiltajiet tal-istituzzjoni ma humiex trasparenti u t-teħid tar-riskji ma huwiex separat mill-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll tar-riskji.<br>• Il-kultura korporattiva, il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u/jew il-proċessi ta' żvelar ta' informazzjoni protetta mhumiex xierqa.<br>• Il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-korp maniġerjali mhumiex xierqa.<br>• L-impenn tal-ħin tal-membri tal-korp maniġerjali mhuwiex biżżejjed u, fejn rilevanti, dawn ma jikkonformawx mal-limitazzjoni fuq l-għadd ta' direttorati.<br>• L-istituzzjoni ma tkunx adottat politika tad-diversità, il-korp maniġerjali mhuwiex divers u l-istituzzjoni ma tkunx implimentat miżuri biex timmira lejn livell xieraq tad-diversità.<br>• Il-politika ta' remunerazzjoni tmur kontra l-istrateġija tar-riskju u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni.<br>• Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju u l-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju, inklużi l-ICAAP, ILAAP, l-NPAP, il-qafas tal-ittestjar tal-istress, l-ippjanar tal-kapital |

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| | | u/jew l-ippjanar tal-likwidità, mhumiex xierqa.<br>• Il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju, tal-konformità u/jew tal-awditu intern ma hijiex indipendenti u/jew il-funzjonijiet tal-awditu intern ma humiex qed jopera f'konformità mal-istandards u r-rekwiżiti internazzjonali stabbiliti; l-operazzjonijiet ma humiex effettivi.<br>• Il-qafas ta' kontroll intern u l-kontrolli interni mhumiex xierqa.<br>• Is-sistemi ta' informazzjoni u l-arranġamenti tal-kontinwità tan-negozju mhumiex xierqa.<br>• Il-pjan ta' rkupru ġie vvalutata bħala li għandu nuqqasijiet materjali u/jew impedimenti materjali għall-implimentazzjoni tiegħu, u t-tħassib superviżorju ma jkunx ġie indirizzat bis-sħiħ. L-arranġamenti għall-ippjanar tal-irkupru mhumiex xierqa. |

# Titolu 6: Valutazzjoni tar-riskji għall-kapital

## 6.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

154. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jagħtu punteġġ lir-riskji għall-kapital li ġew identifikati bħala materjali għall-istituzzjoni.

155. L-għan ta' dan it-titolu huwa li jipprovdi metodoloġiji komuni biex jiġu kkunsidrati għal valutazzjoni tar-riskji individwali u l-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli. Ma huwiex maħsub biex ikun eżawrjenti u jagħti lok lill-awtoritajiet kompetenti biex jikkunsidraw kriterji addizzjonali oħrajn li jistgħu jitqiesu rilevanti fuq il-bażi tal-esperjenza tagħhom u l-karatteristiċi speċifiċi tal-istituzzjoni.

156. Dan it-titolu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti linji gwida għall-valutazzjoni u l-punteġġ tar-riskji għall-kapital li ġejjin:

a. riskju ta' kreditu u tal-kontroparti;

b. riskju tas-suq;

c. riskju operazzjonali;

d. riskju tar-rata tal-imgħax minn attivitajiet mhux kummerċjali (IRRBB).

157. It-titolu jidentifika wkoll sett ta' subkategoriji fi ħdan kull kategorija ta' riskju ta' hawn fuq, li għandhom jitqiesu meta jiġu vvalutati r-riskji għall-kapital. Skont il-materjalità ta' kwalunkwe waħda minn dawn is-subkategoriji għal istituzzjoni partikolari, dawn jistgħu jiġu vvalutati u mogħtija punteġġ b'mod individwali.

158. Id-deċiżjoni dwar il-materjalità tiddependi fuq il-ġudizzju superviżorju. Madankollu, għar-riskju tas-self FX, fid-dawl tar-Rakkomandazzjoni BERS dwar self f'munita barranija [26], il-materjalità għandha tiġi ddeterminata filwaqt li jitqies il-limitu li ġej:

Self iddenominat f'munita barranija lil mutwatarju mhux iħħeġġjati jikkostitwixxi mill-inqas 10% tal-ktieb tas-self totali ta' istituzzjoni (self totali lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji u familji), meta dan il-ktieb ta' self totali jikkostitwixxi mill-inqas 25% tal-assi totali tal-istituzzjoni.

159. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll riskji oħrajn li huma identifikati bħala materjali għal istituzzjoni speċifika iżda li ma humiex elenkati hawn fuq (eż. riskju ta' pensjoni,

[26] Ir-Rakkomandazzjoni tal-BERS dwar is-self f'muniti barranin (ESRB/2011/1), ĠU C 342, 22.11.2011, p. 1.

riskju reputazzjonali, riskju strateġiku u tan-negozju, riskju step-in, konċentrazzjoni intra u interriskju). Dawn li ġejjin jistgħu jgħinu l-proċess ta' identifikazzjoni:

a. motivaturi tat-TREA;

b. riskji identifikati fl-ICAAP tal-istituzzjoni;

c. riskji li jirriżultaw mill-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni (inklużi dawk identifikati minn istituzzjonijiet oħra li joperaw mudell kummerċjali simili);

d. informazzjoni li toħroġ mill-monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin;

e. sejbiet u osservazzjonijiet minn rapporti tal-awditi interni jew esterni; u

f. rakkomandazzjonijiet u linji gwida maħruġa mill-EBA, kif ukoll twissijiet u rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet makroprudenzjali jew il-BERS.

160. L-elementi ta' hawn fuq għandhom jitqiesu wkoll mill-awtoritajiet kompetenti meta jkunu qegħdin jippjanaw l-intensità tal-attività superviżorja tagħhom fir-rigward tal-valutazzjoni ta' riskju speċifiku.

161. Għar-riskju ta' kreditu, tas-suq u dak operazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti minimi speċifikati fil-leġiżlazzjoni rilevanti ta' implimentazzjoni tal-UE u nazzjonali. Madankollu, dawn il-linji gwida jestendu l-ambitu tal-valutazzjoni lil hinn mir-rekwiżiti minimi biex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti biex jiffurmaw opinjoni komprensiva dwar ir-riskji għall-kapital.

162. Meta jevalwaw ir-riskji għall-kapital, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll l-impatt potenzjali tar-riskju tal-finanzjament tal-ispiża skont il-metodoloġija inkluża fit-Titolu 8 u jistgħu jiddeċiedu dwar il-ħtieġa tal-miżuri li jimmitigaw dan ir-riskju.

163. Fl-implimentazzjoni tagħhom tal-metodoloġiji speċifikati f'dan it-titolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw indikaturi kwantitattivi rilevanti u metriċi oħrajn, li jistgħu jintużaw ukoll biex jissorveljaw l-indikaturi ewlenin, kif speċifikat fit-Titolu 3.

164. Għal kull riskju materjali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jirriflettu fil-punteġġ tar-riskju:

a. riskju inerenti (skoperturi għar-riskju); u

b. il-kwalità u l-effettività tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju.

165. Dan il-fluss ta' valutazzjoni huwa rappreżentat fl-Illustrazzjoni 4 ta' hawn taħt.

**Illustrazzjoni 1. Valutazzjoni tal-monitoraġġ tal-produzzjoni għar-riskji għall-kapital**




166. Meta jwettqu l-valutazzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw is-sorsi ta' informazzjoni disponibbli kollha, inkluż rapportar regolatorju, rapportar *ad hoc* miftiehem mal-istituzzjoni, il-metriċi u r-rapporti interni tal-istituzzjoni (eż. rapport tal-awditu intern, rapporti ta' ġestjoni tar-riskju, informazzjoni mill-ICAAP), rapporti ta' spezzjoni fuq il-post u rapporti esterni (eż. il-komunikazzjonijiet tal-istituzzjoni lill-investituri, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni). Filwaqt li l-valutazzjoni hija maħsuba li tkun speċifika għal istituzzjoni, il-paragun imqabbel mal-pari għandu jiġi kkunsidrat biex tiġi identifikata skopertura potenzjali għar-riskji għall-kapital. Għal tali finijiet, il-pari għandhom jiġu definiti fuq bażi ta' riskju separat u jistgħu jvarjaw minn dawk identifikati għall-BMA jew analiżijiet oħrajn.

167. Fil-valutazzjoni tar-riskji għall-kapital, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw ukoll il-preċiżjoni u l-prudenza tal-kalkolu tar-rekwiżiti minimi tal-fondi proprji biex jidentifikaw sitwazzjonijiet fejn il-kalkoli minimi tal-fondi proprji jistgħu jissottovalutaw il-livell attwali tar-riskju. Din il-valutazzjoni tinforma d-determinazzjoni tar-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji kif stabbilit fit-Taqsima 7.2.3.

168. "L-eżitu tal-valutazzjoni ta' kull riskju materjali għandu jiġi rifless f'sommarju tas-sejbiet li jipprovdi spjegazzjoni tal-motivaturi ewlenin tar-riskju, u punteġġ tar-riskju, kif speċifikat fit-taqsimiet li ġejjin."

## 6.2 Valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu u tal-kontroparti

### 6.2.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

169. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju ta' kreditu li jirriżulta mill-iskoperturi kollha tal-ktieb bankarju (inklużi entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali). Għandhom jivvalutaw ukoll ir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti u r-riskju tas-saldu li jista' jaqa' kemm taħt il-kotba bankarji kif ukoll dawk tan-negozjar.

170. Fil-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-komponenti kollha li jiddeterminaw it-telf ta' kreditu potenzjali, u b'mod partikolari: il-probabbiltà ta' event ta' kreditu (jiġifieri inadempjenza), jew eventi ta' kreditu korrelatati, li

prinċipalment tikkonċerna lill-mutwatarji u l-kapaċità tagħhom li jħallsu lura obbligi rilevanti; id-daqs tal-iskoperturi soġġetti għar-riskju ta' kreditu; u r-rata ta' rkupru tal-iskopertura ta' kreditu fil-każ ta' inadempjenza tal-mutwatarji. Għal dawn il-komponenti kollha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-possibbiltà li dawn il-komponenti jistgħu jiddeterjoraw maż-żmien u jaggravaw meta mqabbla mal-eżiti mistennija.

171. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joqogħdu attenti wkoll dwar jekk ir-riskji tal-ML/TF humiex ikkunsidrati fil-kuntest tal-proċess tal-għoti ta' kreditu, inkluż jekk l-istituzzjoni għandhiex sistemi u kontrolli fis-seħħ biex tiżgura li l-fondi użati biex jitħallas lura s-self ikunu minn sorsi leġittimi f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self.[27]

### 6.2.2 Valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu inerenti

172. Permezz tal-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu inerenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-motivaturi ewlenin tal-iskopertura għar-riskju tal-kreditu tal-istituzzjoni u jevalwaw is-sinifikat tal-impatt prudenzjali ta' dan ir-riskju għall-istituzzjoni. Il-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu inerenti għandha għalhekk tiġi strutturata madwar il-passi ewlenin li ġejjin:

a. valutazzjoni preliminari;

b. valutazzjoni tan-natura u l-kompożizzjoni tal-portafoll ta' kreditu;

c. valutazzjoni tal-kwalità ta' kreditu tal-portafoll;

d. valutazzjoni tal-livell u l-kwalità tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu; u

e. valutazzjoni tal-livell ta' dispożizzjonijiet u ta' aġġustamenti fil-valutazzjoni tal-kreditu (CVAs).

173. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju ta' kreditu kemm f'termini attwali kif ukoll f'termini prospettivi. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkombinaw l-analiżi tar-riskju ta' kreditu tal-portafoll attwali mal-valutazzjoni tal-istrateġija tar-riskju ta' kreditu tal-istituzzjoni, l-aptit għar-riskju ta' kreditu u l-limiti tar-riskju ta' kreditu (potenzjalment bħala parti mill-valutazzjoni usa' tal-istrateġija mwettqa bħala parti mill-BMA). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll kif l-iżviluppi makroekonomiċi mistennija, kif ukoll dawk taħt stress, jistgħu jaffettwaw dawk l-elementi, u fl-aħħar mill-aħħar il-qligħ u l-fondi proprji tal-istituzzjoni.

174. L-awtoritajiet kompetenti għandhom primarjament iwettqu l-valutazzjoni kemm fil-livell tal-portafoll kif ukoll f'dak tal-klassi tal-assi. Fejn ikun rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu wkoll valutazzjoni aktar granulari, potenzjalment fil-livell ta' mutwatarji jew

[27] Linji Gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self (EBA/GL/2020/06)

tranżazzjonijiet uniċi. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw ukoll tekniki ta' kampjunar meta jivvalutaw ir-riskju tal-portafoll.

175. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu l-valutazzjoni vertikalment (jiġifieri billi jikkunsidraw id-dimensjonijiet kollha għas-sottoportafolji rilevanti) jew orizzontalment (jiġifieri billi jikkunsidraw dimensjoni waħda, pereżempju l-kwalità tal-kreditu, għall-portafoll ġenerali).

## Valutazzjoni preliminari

176. Biex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jidentifikaw is-sorsi ta' riskju ta' kreditu li l-istituzzjoni hija esposta għalihom jew li tista' tkun esposta għalihom. Biex jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingranaw l-għarfien miksub mill-valutazzjoni ta' elementi oħra tal-SREP, mill-paragun tal-pożizzjoni tal-istituzzjoni mal-pari u minn kwalunkwe attività superviżorja oħra.

177. Bħala minimu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw dawn li ġejjin:

a. l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ta' kreditu u l-limiti rilevanti;

b. ir-rekwiżit ta' fondi proprji għal riskju ta' kreditu meta mqabbla mar-rekwiżit tal-fondi proprji totali, u – fejn rilevanti – il-kapital intern allokat għar-riskju ta' kreditu meta mqabbel mal-kapital intern totali, inkluża l-bidla storika f'din il-figura u l-previżjonijiet, jekk disponibbli;

c. in-natura, id-daqs, il-kompożizzjoni u l-kwalità tal-entrati relatati mal-kreditu li jidhru u li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni;

d. il-livell u l-bidla tul iż-żmien ta' indebolimenti u tħassir u tar-rati ta' inadempjenza tal-portafoll ta' kreditu; u

e. il-prestazzjoni aġġustata għar-riskju tal-portafoll ta' kreditu.

178. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-analiżi preliminari b'kunsiderazzjoni tal-bidla f'dawn ta' hawn fuq matul iż-żmien biex jiffurmaw opinjoni infurmata tal-motivaturi ewlenin tar-riskju ta' kreditu tal-istituzzjoni.

179. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw il-valutazzjonijiet tagħhom fuq dawk il-motivaturi u l-portafolli meqjusa l-aktar materjali.

## In-natura u l-kompożizzjoni tal-portafoll ta' kreditu

180. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw in-natura tal-iskoperturi ta' kreditu (jiġifieri t-tipi ta' mutwatarji u skoperturi) biex jidentifikaw il-fatturi ta' riskju sottostanti u għandhom janalizzaw il-kompożizzjoni tal-portafoll ta' kreditu tal-istituzzjoni. L-awtoritajiet

kompetenti għandhom iwettqu din l-analiżi kemm f'termini attwali kif ukoll f'termini prospettivi, fid-dawl tas-sitwazzjoni makroekonomika ġenerali.

181. Meta jwettqu din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll kif in-natura tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tista' taffettwa d-daqs tal-iskopertura (eż. linji ta' kreditu/impenji mhux prelevati miġbuda minn mutwatarji, denominazzjoni ta' munita barranija, eċċ.), b'kunsiderazzjoni tal-kapaċità legali tal-istituzzjoni biex unilateralment tikkanċella ammonti mhux miġbuda ta' faċilitajiet ta' kreditu impenjati.

182. Sabiex jivvalutaw in-natura tar-riskju ta' kreditu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw mill-inqas is-subkategoriji li ġejjin ta' riskju ta' kreditu billi jwettqu valutazzjoni aktar dettaljata ta' dawk is-subkategoriji li huma meqjusa l-aktar rilevanti għall-istituzzjoni:

a. riskju ta' konċentrazzjoni ta' kreditu;

b. riskju ta' kreditu tal-kontroparti u riskju tas-saldu;

c. ir-riskju tal-pajjiż;

d. riskju ta' kreditu minn titolizzazzjonijiet;

e. riskju tas-self FX;

f. self speċjalizzat;

g. riskju ta' ekwità fil-portafoll bankarju;

h. riskju ta' proprjetà ta' beni immobbli; u

i. riskju tal-mudell għal mudelli regolatorji approvati.

**Riskju ta' konċentrazzjoni tal-kreditu**

183. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar il-livell tar-riskju ta' konċentrazzjoni tal-kreditu, kif imsemmi fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2013/36/UE, li l-istituzzjoni hija esposta għalih. B'mod speċifiku, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju li l-istituzzjoni ser iġġarrab telf sinifikanti ta' kreditu li jirriżulta minn konċentrazzjoni ta' skoperturi għal grupp żgħir ta' mutwatarji, għal sett ta' mutwatarji b'imġiba simili ta' inadempjenza jew għal assi finanzjarji korrelatati ħafna.

184. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu din il-valutazzjoni billi jikkunsidraw tal-kategoriji differenti ta' riskju ta' konċentrazzjoni tal-kreditu, inklużi:

a. konċentrazzjonijiet b'isem wieħed (inkluż klijent jew grupp ta' klijenti konnessi kif definiti għal skoperturi kbar);

b. konċentrazzjonijiet settorjali;

c. konċentrazzjonijiet ġeografiċi;

d. konċentrazzjoni tal-prodott; u

e. konċentrazzjoni ta' kollaterali u garanziji.

185. Biex jidentifikaw konċentrazzjonijiet ta' kreditu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-motivaturi komuni tar-riskju ta' kreditu fl-iskoperturi u għandhom jiffokaw fuq dawk l-iskoperturi li għandhom tendenza li juru mġiba simili (jiġifieri korrelazzjoni għolja).

186. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għas-sorsi moħbija ta' riskju ta' konċentrazzjoni ta' kreditu li jistgħu jimmaterjalizzaw taħt kundizzjonijiet ta' stress, meta l-livell tal-korrelazzjoni bejn il-kreditu u r-riskju jista' jiżdied meta mqabbel mal-kundizzjonijiet normali u meta jistgħu jinqalgħu skoperturi ta' kreditu addizzjonali minn entrati li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali.

187. Għall-gruppi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ir-riskju ta' konċentrazzjoni ta' kreditu li jista' jirriżulta minn konsolidazzjoni, li jista' ma jkunx evidenti fuq livell individwali.

188. Meta jivvalutaw il-konċentrazzjonijiet ta' kreditu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-possibbiltà ta' trikkib (eż. konċentrazzjoni għolja għal gvern speċifiku probabbilment ser twassal għal konċentrazzjoni ta' pajjiż u konċentrazzjoni ta' isem wieħed), u għalhekk għandhom jevitaw li japplikaw aggregazzjoni sempliċi tat-tipi differenti ta' konċentrazzjoni ta' kreditu, u minflok għandhom jikkunsidraw il-motivaturi sottostanti.

189. Sabiex jivvalutaw il-livell ta' konċentrazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw miżuri u indikaturi differenti, li l-aktar wieħed komuni huwa l-Indiċi Herfindahl-Hirschman (HHI) u l-koeffiċjenti Gini, li jistgħu mbagħad jiġu inklużi f'metodoloġiji ftit jew wisq kumplessi biex jistmaw l-impatt addizzjonali tar-riskju ta' kreditu.

**Riskji tal-kreditu tal-kontroparti u riskji tas-saldu**

190. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju tal-kreditu tal-kontroparti li jirriżulta minn skoperturi għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tad-derivattivi u tat-titoli u riskji ta' saldu li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet.

191. Għal din il-valutazzjoni, għandhom jiġu kkunsidrati l-aspetti li ġejjin, kif rilevanti:

a. il-kwalità tal-kontropartijiet u tas-CVAs rilevanti, ara wkoll it-Taqsima 6.3;

b. il-kumplessità tat-tranżazzjonijiet;

c. ir-riskju ta' korrelazzjoni ħażina li jinħoloq meta l-iskopertura għal kontroparti tkun korrelatata b'mod negattiv mal-kwalità tal-kreditu ta' dik il-kontroparti;

d. l-iskopertura għar-riskji ta' kreditu tal-kontroparti u tas-saldu kemm f'termini tal-valuri attwali tas-suq kif ukoll tal-ammont nominali, meta mqabbla mal-iskopertura ġenerali ta' kreditu u mal-fondi proprji;

e. il-proporzjon ta' tranżazzjonijiet ipproċessati permezz ta' infrastrutturi tas-suq finanzjarji (FMIs) li jipprovdu saldu ta' kunsenja kontra ħlas;

f. il-proporzjon ta' tranżazzjonijiet mal-kontropartijiet ċentrali (CCPs) u l-effettività tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni tat-telf għalihom, il-proporzjon ta' tranżazzjonijiet mas-CCPs stabbiliti f'pajjiżi terzi, l-effettività tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni tat-telf għalihom, u kif titnaqqas kwalunkwe skopertura eċċessiva għal CCPs mhux tal-UE, b'mod partikolari fil-kuntest tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1308 tal-21 ta' Settembru 2020 [28] li tagħti lill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji sat-30 ta' Ġunju 2022 biex inaqqsu l-iskopertura tagħhom għas-CCPs tar-Renju Unit;

g. il-proporzjon ta' tranżazzjonijiet OTC ikklirjati mhux ċentralment u l-effettività tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni tat-telf għalihom; u

h. l-eżistenza, is-sinifikat, l-effettività u l-infurzabbiltà ta' ftehimiet ta' kalkolazzjoni tal-valur nett.

**Riskju tal-pajjiż**

192. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw:

a. il-livell ta' konċentrazzjoni fit-tipi kollha ta' skoperturi għar-riskju tal-pajjiż, inklużi skoperturi sovrani, fi proporzjon mal-portafoll ta' kreditu tal-istituzzjoni kollha (għal kull debitur u ammont);

b. il-qawwa ekonomika u l-istabbiltà tal-pajjiż tal-mutwatarju u r-rekord tiegħu f'termini ta' ħlas fil-ħin u l-okkorrenza ta' avvenimenti ta' inadempjenza serji;

c. ir-riskju ta' forom oħra ta' intervent sovran li jistgħu materjalment ifixklu l-affidabbiltà finanzjarja tal-mutwatarji (eż. iffriżar ta' depożiti, esproprjazzjoni jew tassazzjoni punittiva);

d. ir-riskju li jirriżulta minn avveniment potenzjali (eż. avveniment naturali jew soċjali/politiku) li jaffettwa l-pajjiż kollu biex iwassal għal inadempjenza minn grupp kbir ta' debituri (riskju kollettiv tad-debituri); u

[28] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1308 li tiddetermina, għal perjodu ta' żmien limitat, li l-qafas regolatorju applikabbli għall-kontropartijiet ċentrali fir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa ekwivalenti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

e. ir-riskju tat-trasferiment marbut mas-self transfruntier f'munita barranija għal self u skoperturi transfruntiera u materjali f'muniti barranin.

Filwaqt li r-riskju tal-pajjiż għandu jiġi rifless taħt ir-riskju ta' kreditu, il-valutazzjoni tiegħu tista' tinforma wkoll l-analiżi ta' tipi oħra ta' riskju.

**Riskju ta' kreditu minn titolizzazzjoni**

193. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju ta' kreditu relatat mat-titolizzazzjonijiet fejn l-istituzzjonijiet jaġixxu bħala oriġinaturi, investituri, sponsors jew fornituri ta' titjib tal-kreditu.

194. Biex japprezzaw in-natura tal-iskoperturi rilevanti u l-iżvilupp potenzjali tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

a. jifhmu l-istrateġija, l-aptit għar-riskju u l-motivazzjonijiet tan-negozju tal-istituzzjonijiet f'termini ta' titolizzazzjonijiet; u

b. janalizzaw l-iskoperturi ta' titolizzazzjoni filwaqt li jqisu kemm ir-rwol kif ukoll l-anzjanità tas-segmenti miżmuma mill-istituzzjonijiet, kif ukoll it-tip ta' titolizzazzjoni (eż. tradizzjonali *vs* sintetika, titolizzazzjoni *vs* rititolizzazzjoni).

195. Fil-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu li jirriżulta minn skoperturi ta' titolizzazzjoni, fejn huma kkunsidrati materjali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw, bħala minimu:

a. l-adegwatezza tal-allokazzjoni tal-iskoperturi ta' titolizzazzjoni fil-ktieb bankarju u fil-portafoll tan-negozjar u l-konsistenza mal-istrateġija ta' titolizzazzjoni tal-istituzzjoni;

b. jekk it-trattament regolatorju adatt jiġix applikat għal titolizzazzjonijiet;

c. il-klassifikazzjoni u l-prestazzjoni tas-segmenti ta' titolizzazzjoni miżmuma mill-istituzzjoni, kif ukoll in-natura, il-kompożizzjoni u l-kwalità tal-assi sottostanti;

d. il-konsistenza tat-tnaqqis tar-rekwiżit tal-kapital proprju mat-trasferiment tar-riskju attwali għal titolizzazzjonijiet oriġinati. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw ukoll jekk l-istituzzjoni tipprovdix xi tip ta' appoġġ impliċitu (mhux kuntrattwali) għat-tranżazzjonijiet u l-impatt potenzjali fuq il-fondi proprji għar-riskju ta' kreditu;

e. jekk hemmx distinzjoni ċara bejn l-ammonti miġbuda u dawk mhux miġbuda għal faċilitajiet ta' likwidità pprovduti lill-veikolu ta' titolizzazzjoni; u

f. l-eżistenza ta' pjanijiet ta' kontinġenza għall-veikoli ta' Karti Kummerċjali Garantiti b'Assi ġestiti mill-istituzzjoni f'każ li l-ħruġ ta' karta kummerċjali ma jkunx possibbli

minħabba kundizzjonijiet ta' likwidità, u l-impatt fuq l-iskopertura totali għar-riskju ta' kreditu tal-istituzzjoni.

**Riskju tas-self FX**

196. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-eżistenza u l-materjalità tar-riskju ta' kreditu addizzjonali li jirriżulta minn skoperturi ta' self FX lil mutwatarji tal-bejgħ bl-imnut u SME mhux iħħeġġjati. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kwalunkwe relazzjoni mhux lineari bejn ir-riskju tas-suq u r-riskju ta' kreditu fejn ir-rati tal-kambju (riskju tas-suq) jista' jkollhom impatt sproporzjonat fuq ir-riskju ta' kreditu tal-portafoll ta' self FX ta' istituzzjoni. Fejn rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jestendu l-ambitu ta' din il-valutazzjoni għal tipi oħra ta' klijenti li mhumiex iħħeġġjati. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju ta' kreditu aktar għoli li jirriżulta minn:

a. żieda materjali kemm fil-valur pendenti tad-dejn kif ukoll fil-fluss tal-pagamenti għal dan id-dejn; u

b. żieda fil-valur pendenti ta' dejn imqabbel mal-valur tal-assi kollaterali denominati fil-munita domestika.

197. Fl-evalwazzjoni tar-riskju tas-self tal-FX, fejn jitqies materjali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw:

a. it-tip ta' reġim tar-rata tal-kambju u kif dan jista' jaffettwa l-bidliet fir-rata FX bejn muniti domestiċi u barranin;

b. il-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni ta' self FX, oqfsa ta' kejl u kontroll, politiki u proċeduri, inkluż il-firxa sa fejn dawn ikopru relazzjonijiet mhux lineari bejn ir-riskju tas-suq u r-riskju ta' kreditu. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk:

   i. l-istituzzjoni tidentifikax b'mod espliċitu l-aptit tagħha għar-riskju tas-self FX u toperax fil-limiti speċifikati;

   ii. ir-riskju tas-self tal-FX jitqies meta jiġu vvalutati l-mutwatarji u s-self tal-FX jiġi sottoskritt ukoll b'kunsiderazzjoni tal-gwida għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarji li japplikaw għal self f'munita barranija kif speċifikat fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self[29];

   iii. ir-riskju tas-self FX, inkluża konċentrazzjoni tar-riskju f'munita waħda jew aktar, huwiex indirizzat b'mod xieraq fl-ICAAP;

[29] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self (EBA/GL/2020/06).

iv. l-istituzzjoni perjodikament tirrevedix l-istatus ta' lqugħ tal-mutwatarji;

v. l-impatt tal-movimenti tar-rata tal-kambju jiġix ikkunsidrat fi probabbiltajiet ta' inadempjenza;

c. l-impatt tas-sensittività fuq il-movimenti tar-rata tal-kambju fuq klassifikazzjonijiet/punteġġi tal-kreditu tal-mutwatarji u kapaċitajiet ta' ħlas tas-servizz tad-dejn; u

d. konċentrazzjonijiet possibbli ta' attività ta' self f'munita barranija unika jew f'numru limitat ta' muniti barranin korrelatati ħafna.

**Self speċjalizzat**

198. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw is-self speċjalizzat b'mod separat minn attivitajiet oħra ta' self peress li r-riskju ta' dawn l-iskoperturi jinsab fil-profitabbiltà tal-assi jew il-proġett iffinanzjat (eż. Proprjetà ta' beni immobbli kummerċjali, impjant tal-enerġija, tbaħħir, komoditajiet, eċċ.) pjuttost milli l-mutwatarju (li huwa ġeneralment veikolu bi skop speċjali).

199. Ġeneralment, dawn l-iskoperturi għandhom tendenza li jkunu ta' daqs sinifikanti relattiv għall-portafoll u għalhekk jirrappreżentaw sors ta' konċentrazzjoni ta' kreditu, ta' maturità twila, li jagħmilha diffiċli biex isiru projezzjonijiet affidabbli tal-profitabbiltà.

200. Fil-valutazzjoni tal-iskoperturi speċjalizzati ta' self, meta jitqiesu materjali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw:

a. il-profitabbiltà tal-proġetti u l-konservattività tas-suppożizzjonijiet sottostanti l-pjanijiet ta' negozju (inkluż ir-riskju ta' kreditu tal-klijenti ewlenin);

b. l-impatt tal-bidliet fir-regolament, speċjalment għal setturi sussidjati, tal-flussi ta' flus futuri;

c. l-impatt tat-tibdil fid-domanda tas-suq, fejn rilevanti, u l-eżistenza ta' suq għall-bejgħ potenzjali futur tal-oġġett iffinanzjat;

d. l-eżistenza ta' sindikat jew ta' mutwanti oħrajn li jaqsmu r-riskju ta' kreditu; u

e. kwalunkwe forma ta' garanzija mwiegħda mill-isponsors.

**Riskju ta' ekwità fil-portafoll bankarju**

201. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju ta' tnaqqis fil-valur tal-investimenti ta' ekwità tal-istituzzjoni u jiżguraw li dan ir-riskju jiġi kopert kif xieraq mill-qafas tar-riskju tal-istituzzjoni. Tali valutazzjoni għandha tiffoka b'mod partikolari, fejn rilevanti, fuq ir-riskju ta' parteċipazzjoni f'parteċipazzjonijiet strateġiċi (kemm assigurazzjoni kif ukoll mhux assigurazzjoni).

**Riskju tal-proprjetà ta' beni immobbli**

202. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju ta' tnaqqis fil-valur tal-investimenti ta' ekwità tal-istituzzjoni u jiżguraw li dan ir-riskju jiġi kopert kif xieraq mill-qafas tar-riskju tal-istituzzjoni. Tali valutazzjoni għandha tiffoka wkoll, fejn rilevanti, fuq il-valur tal-istrumenti finanzjarji marbuta mal-assi tal-proprjetà ta' beni immobbli (eż. it-trusts ta' investiment fil-proprjetà ta' beni immobbli, ir-REITs).

**Riskju tal-mudell għal mudelli regolatorji approvati**

203. F'każijiet fejn l-istituzzjonijiet ikunu qed jużaw mudelli interni approvati regolatorji għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw jekk l-istituzzjoni għadhiex tissodisfa r-rekwiżiti minimi u jiżguraw li r-rekwiżiti ta' fondi proprji relatati ma jiġux sottovalutati. Il-valutazzjoni tar-riskju tal-mudell tista' tkun ibbażata fuq l-għarfien miksub f'azzjonijiet superviżorji oħra, inklużi dawk imwettqa f'konformità mal-Artikolu 101 tad-Direttiva 2013/36/UE.

## Valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tal-portafoll

204. Fil-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu inerenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-kwalità tal-portafoll ta' kreditu, billi jwettqu analiżi biex issir distinzjoni bejn il-kategoriji ta' skoperturi produttivi, improduttivi u mrażżna, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni ta' skoperturi improduttivi u mrażżna[30].

205. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kwalità tal-kreditu ġenerali fil-livell tal-portafoll u l-livelli differenti ta' kwalità f'kull waħda mill-kategoriji ta' hawn fuq biex jiddeterminaw ir-riskju ġenerali ta' kreditu tal-istituzzjoni. Bħala parti minn din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom janalizzaw ir-riskju ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni skont il-klassijiet tal-iskoperturi, filwaqt li jqisu x-xejriet fil-kwalità tal-kreditu matul iż-żmien, u għandhom jikkunsidraw jekk il-kwalità tal-kreditu attwali hijiex konsistenti mal-aptit iddikjarat għar-riskju, u jistabbilixxu r-raġunijiet għal kwalunkwe devjazzjoni.

206. Meta jivvalutaw il-kwalità tal-kreditu tal-portafoll, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-adegwatezza tal-klassifikazzjoni tal-iskoperturi ta' kreditu u jivvalutaw l-impatt ta' klassifikazzjoni ħażina potenzjali, bid-dewmien sussegwenti fil-proviżjonament u r-rikonoxximent ta' telf mill-istituzzjoni. Meta jwettqu din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw analiżi bejn il-pari u portafolli ta' referenza, meta jkunu disponibbli. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw ukoll kampjunar ta' self meta jivvalutaw il-kwalità ta' kreditu tal-portafoll.

**Skoperturi produttivi**

207. Fl-evalwazzjoni tal-kwalità ta' kreditu tal-iskoperturi produttivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-bidla fil-portafoll f'termini ta' kompożizzjoni, daqs u affidabbiltà, il-

[30] EBA/GL/2018/06

profitabbiltà tiegħu u r-riskju ta' deterjorazzjoni fil-futur, billi janalizzaw l-elementi li ġejjin, fejn disponibbli:

a. id-distribuzzjoni tal-grad ta' kreditu tal-mutwatarji (pereżempju permezz ta' klassifikazzjonijiet interni u/jew esterni jew informazzjoni oħra adattata għall-kejl tal-affidabbiltà, bħall-proporzjon ta' ingranaġġ, proporzjon ta' dħul iddedikat għall-ħlas ta' pagamenti, eċċ.);

b. ir-rati ta' tkabbir minn tipi ta' mutwatarji, setturi u prodotti u konsistenza mal-istrateġiji tar-riskju ta' kreditu;

c. sensittività tal-gradi ta' kreditu tal-mutwatarji, jew b'mod aktar ġenerali tal-kapaċitajiet ta' ħlas lura tal-mutwatarji, għaċ-ċiklu ekonomiku;

d. rati ta' migrazzjoni storiċi fil-gradi ta' kreditu, delinkwenza u rati ta' inadempjenza għal perjodi ta' żmien differenti; u

e. profitabbiltà (eż. firxa tal-kreditu *vs* telf ta' kreditu).

208. Meta jwettqu dawn l-analiżijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kemm in-numru ta' debituri kif ukoll l-ammonti/volumi rilevanti u jikkunsidraw il-livell ta' konċentrazzjoni tal-portafoll.

**Skoperturi mrażżna**

209. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-firxa tal-iskoperturi mrażżna, u t-telf potenzjali li jista' jirriżulta minnu. Bħala minimu, dan għandu jinkludi:

a. ir-rati ta' trażżin għal kull portafoll u l-bidliet maż-żmien, ukoll imqabbla mal-pari;

b. ir-rati ta' trażżin għal tipi differenti ta' miżuri ta' trażżin, inklużi perjodi ta' żmien tal-miżuri;

c. il-livell u l-kwalità ta' kollateralizzazzjoni tal-iskoperturi mrażżna; u

d. ir-rati ta' migrazzjoni tal-iskoperturi mrażżna għall-iskoperturi produttivi u improduttivi, imqabbla mal-pari wkoll.

**Skoperturi improduttivi**

210. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-materjalità ta' skoperturi improduttivi, inkluż għal kull portafoll u t-telf potenzjali li jista' jirriżulta minnhom. Bħala minimu, dan għandu jinkludi:

a. ir-rati improduttivi u l-kopertura għal kull portafoll, settur, ġeografija u tibdil maż-żmien, filwaqt li jitqies ukoll it-tibdil fil-portafolli (eż. portafolli li jikbru *vs* portafolli

li jiskadu) u l-istrateġija fir-rigward ta' skoperturi improduttivi (eż. bejgħ riċenti ta' skoperturi improduttivi);

b. id-distribuzzjoni tal-iskoperturi tul il-klassijiet ta' skoperturi improduttivi (jiġifieri dovuti, dubjużi, eċċ.);

c. it-tipi u l-valuri tal-kollateral, fejn rilevanti;

d. ir-rati ta' migrazzjoni minn klassijiet improduttivi għal skoperturi produttivi, imrażżna, u tul klassijiet improduttivi;

e. assi esklużi u bidliet maż-żmien;

f. ir-rati ta' rkupru storiċi skont il-portafoll, is-settur, il-ġeografija jew it-tip ta' kollateral u t-tul tal-proċess ta' rkupru; u

g. iż-żmien minn meta l-iskoperturi ġew ikklassifikati bħala improduttivi, analizzati skont taqsimiet tal-ħin (antiki).

211. Meta jwettqu l-analiżi ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw analiżi bejn il-pari u jużaw portafolli ta' referenza (jiġifieri portafolli ta' mutwatarji komuni għal gruppi ta' istituzzjonijiet) fejn xieraq u possibbli.

## Valutazzjoni tal-livell u l-kwalità tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu

212. Sabiex jivvalutaw l-impatt potenzjali tar-riskju ta' kreditu fuq l-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll il-livell u l-kwalità tal-garanziji (inklużi derivattivi ta' kreditu) u tal-kollateral disponibbli li jimmitiga t-telf ta' kreditu fejn iseħħu eventi ta' kreditu, inklużi dawk mhux aċċettati bħala tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu eliġibbli għall-kalkoli tal-fondi proprji.

213. B'mod speċifiku, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw:

a. il-kopertura pprovduta mill-kollateral u l-garanziji skont il-portafoll, it-tip ta' mutwatarju, il-klassifikazzjoni, is-settur u aspetti rilevanti oħrajn;

b. valuri tal-kollateral, għal skoperturi produttivi u improduttivi, inkluż sa liema punt jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni ta' skoperturi improduttivi u mrażżna (għall-kollateral użat sabiex jiġu żgurati skoperturi improduttivi) u l-Linji Gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self (għall-kollateral kollu);

c. proporzjonijiet ta' rkupru storiċi skont it-tip u l-ammont tal-kollateral u l-garanziji; u

d. il-materjalità tar-riskju ta’ dilwizzjoni (ara l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013) għal riċevibbli mixtrija.

214. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll il-materjalità tar-riskju residwu (ara l-Artikolu 80 tad-Direttiva 2013/36/UE) u b’mod partikolari:

a. l-adegwatezza u l-infurzar tal-ftehimiet kollaterali u l-garanziji;

b. il-ħin u l-kapaċità li jwettqu kollateral u jeżegwixxu garanziji taħt il-qafas legali nazzjonali;

c. il-likwidità u l-volatilità fil-valuri tal-assi għall-kollateral;

d. il-valur rekuperabbli ta’ kollateral taħt kwalunkwe azzjoni ta’ infurzar tal-kreditu (eż. proċeduri ta’ esklużjoni); u

e. fejn rilevanti, il-kredibilità tal-garanti skont ir-rekwiżiti tal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self.

215. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll il-konċentrazzjoni tal-garanti u tal-kollateral, kif ukoll il-korrelazzjoni mal-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarji (jiġifieri r-riskju ta’ korrelazzjoni ħażina) u l-impatt potenzjali f’termini ta’ effettività tal-protezzjoni.

## Valutazzjoni tal-livell tad-dispożizzjonijiet dwar telf minn self u aġġustamenti tal-valutazzjoni ta’ kreditu

216. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-livell tad-dispożizzjonijiet dwar telf minn self u l-aġġustamenti tal-valutazzjoni ta’ kreditu humiex xierqa għall-kwalità tal-iskoperturi u, fejn rilevanti, għal-livell tal-kollateral. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw:

a. jekk il-livell tal-provvedimenti dwar telf minn self huwiex konsistenti mal-livell ta’ riskju f’portafolli differenti, matul iż-żmien u mqabbla mal-pari rilevanti tal-istituzzjoni;

b. jekk l-aġġustamenti tal-valutazzjoni ta’ kreditu għall-valuri tas-suq tad-derivati jirriflettux l-affidabbiltà kreditizja tal-kontropartijiet rilevanti;

c. jekk il-provvedimenti ta’ kontabbiltà dwar telf minn self humiex konformi mal-prinċipji ta’ kontabbiltà applikabbli u humiex ivvalutati bħala biżżejjed biex ikopru t-telf mistenni;

d. jekk l-iskoperturi improduttivi, mrażżna u l-assi preklużi kinux soġġetti għal biżżejjed provvedimenti għat-telf mis-self, filwaqt li jitqies il-livell ta’ kollateral eżistenti u l-antikità ta’ tali skoperturi u r-rekwiżiti legali applikabbli għall-kopertura minima tat-telf ta’ skoperturi improduttivi; u

e. jekk il-provvedimenti ta’ telf minn self humiex konsistenti ma’ telf storiku u l-iżviluppi makroekonomiċi rilevanti u jirriflettux kwalunkwe bidla fir-regolamenti rilevanti (eż. esklużjoni, ripossessjoni, protezzjoni tal-kredituri, eċċ.).

217. Fejn jitqies meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw spezzjonijiet fuq il-post jew azzjonijiet superviżorji xierqa oħrajn biex jivvalutaw jekk il-livell ta’ proviżjonament ta’ telf minn self u kopertura tar-riskju huwiex adegwat jew le, billi jivvalutaw kampjun ta’ self, pereżempju.

218. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll kwalunkwe sejba li titqajjem mill-awdituri interni u esterni, fejn disponibbli.

### Ittestjar tal-istress

219. Meta jevalwaw ir-riskju ta’ kreditu inerenti ta’ istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ir-riżultati ta’ testijiet ta’ stress imwettqa mill-istituzzjoni sabiex tidentifika sorsi preċedentement mhux identifikati ta’ riskju ta’ kreditu, bħal dawk li jirriżultaw minn bidliet fil-kwalità tal-kreditu, il-konċentrazzjonijiet ta’ kreditu, il-valur kollaterali u l-iskopertura tal-kreditu matul perjodu ta’ stress.

## 6.2.3 Valutazzjoni tal-ġestjoni u tal-kontrolli tar-riskju ta’ kreditu

220. Sabiex jiksbu fehim komprensiv tal-profil tar-riskju ta’ kreditu tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu wkoll il-qafas ta’ governanza u ta’ ġestjoni tar-riskju sottostanti l-attivitajiet ta’ kreditu tagħha matul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-self. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-elementi li ġejjin, filwaqt li jqisu wkoll il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self u l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni ta’ skoperturi improduttivi u mrażżna:

a. l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ta’ kreditu;

b. il-qafas organizzazzjonali;

c. politiki u proċeduri;

d. identifikazzjoni, kejl, ġestjoni, monitoraġġ u rapportar tar-riskju; u

e. il-qafas ta’ kontroll intern.

221. Għall-istituzzjonijiet soġġetti għall-applikazzjoni tal-istrateġiji tal-NPE (tnaqqis) u l-gwida operazzjonali u ta’ governanza assoċjata f’konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni ta’ skoperturi improduttivi u mrażżna, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll jekk l-istituzzjonijiet jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti f’dawk il-linji gwida għal tali strateġiji u l-operazzjonalizzazzjoni tagħhom, inkluż fir-rigward tal-issodisfar tal-obbligi tal-protezzjoni tal-konsumatur.

## Strateġija u aptit għar-riskju ta' kreditu

222. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex aptit għar-riskju ta' kreditu sod, ifformulat u ddokumentat b'mod ċar, strateġija u limiti approvati mill-korp maniġerjali. Għal din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu, fost fatturi oħra:

a. jekk il-korp maniġerjali jesprimix b'mod ċar l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ta' kreditu, kif ukoll il-proċess għar-reviżjoni tagħhom;

b. jekk il-maniġment superjuri jimplimentax u jissorveljax b'mod korrett l-istrateġija tar-riskju ta' kreditu approvata mill-korp maniġerjali, li jiżgura li l-attivitajiet tal-istituzzjoni jkunu konsistenti mal-istrateġija stabbilita, li l-proċeduri bil-miktub jitfasslu u jiġu implimentati, u li r-responsabbiltajiet jiġu assenjati b'mod ċar u korrett;

c. jekk l-istrateġija tar-riskju ta' kreditu u tal-kontroparti tal-istituzzjoni tirriflettix il-livelli ta' aptit għar-riskju ta' kreditu tal-istituzzjoni u jekk hijiex konsistenti mal-aptit għar-riskju ġenerali;

d. jekk l-istrateġija tar-riskju ta' kreditu tal-istituzzjoni hijiex xierqa għall-istituzzjoni skont:

- il-mudell tan-negozju;
- l-aptit għar-riskju ġenerali;
- l-ambjent u r-rwol tas-suq fis-sistema finanzjarja; u
- l-kundizzjoni finanzjarja, il-kapaċità ta' finanzjament u l-adegwatezza tal-fondi proprji tagħha;

e. jekk l-istrateġija tar-riskju ta' kreditu tal-istituzzjoni tkoprix l-attivitajiet tagħha ta' għoti ta' kreditu u l-ġestjoni tal-kollateral, kif ukoll il-ġestjoni ta' skoperturi improduttivi, u jekk din l-istrateġija tappoġġjax teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq riskji, li jirrifletti aspetti li jistgħu jinkludu, pereżempju, it-tip ta' skopertura (kummerċjali, tal-konsumatur, ta' proprjetà ta' beni immobbli, sovrana), is-settur ekonomiku, il-post ġeografiku, il-munita u l-maturità, inklużi limiti ta' konċentrazzjoni;

f. jekk l-istrateġija tar-riskju ta' kreditu tal-istituzzjoni tkoprix b'mod ġenerali l-attivitajiet kollha tal-istituzzjoni fejn ir-riskju ta' kreditu jista' jkun sinifikanti;

g. jekk l-istrateġija tar-riskju ta' kreditu tal-istituzzjoni tqisx l-aspetti ċikliċi tal-ekonomija, inkluż taħt kundizzjonijiet ta' stress, u l-bidliet li jirriżultaw fil-kompożizzjoni tal-portafoll tar-riskju ta' kreditu; u

h. jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas xieraq fis-seħħ biex jiżgura li l-istrateġija tar-riskju ta' kreditu hija effettivament ikkomunikata lill-persunal rilevanti kollu.

## Qafas organizzazzjonali

223. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas organizzazzjonali u arranġamenti ta' governanza xierqa biex tippermetti teħid, ġestjoni, kejl u kontroll effettivi tar-riskju ta' kreditu, b'riżorsi suffiċjenti umani u tekniċi (kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi) biex twettaq il-kompiti meħtieġa. Fost fatturi oħra, għandhom iqisu jekk:

a. hemmx linji ċari ta' responsabbiltà għat-teħid, il-kejl, il-monitoraġġ, il-ġestjoni u r-rapportar tar-riskju ta' kreditu;

b. is-sistemi ta' kontroll u monitoraġġ tar-riskju ta' kreditu humiex soġġetti għal reviżjoni indipendenti u jekk hemmx separazzjoni ċara bejn dawk li jieħdu r-riskju u l-maniġers tar-riskju;

c. il-funzjonijiet tal-ġestjoni, il-kejl u l-kontroll tar-riskju jkopru ir-riskju ta' kreditu fl-istituzzjoni; u

d. il-persunal involut f'attivitajiet ta' għoti ta' kreditu, il-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu u l-ġestjoni tal-NPEs, b'mod partikolari l-unitajiet ta' xogħol tal-NPE (kemm f'oqsma tan-negozju kif ukoll f'oqsma ta' ġestjoni u ta' kontroll) għandhomx ħiliet u esperjenza xierqa biex iwettqu l-kompiti tagħhom.

## Politiki u proċeduri

224. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex politiki xierqa għall-għoti, l-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-kejl tal-kreditu u l-kontroll tar-riskju ta' kreditu, inkluża l-istima tal-kollateral, il-proċessi ta' rkupru jew ta' bejgħ, u jekk tali politiki humiex konformi mal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self u mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni ta' skoperturi improduttivi u mrażżna. Għal din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu, fost fatturi oħra:

a. il-korp maniġerjali japprovax il-politiki għall-ġestjoni, il-kejl u l-kontroll tal-IRRBB u jiddiskutihomx u jirrevedihomx b'mod regolari f'konformità mal-istrateġiji tar-riskju;

b. il-maniġment superjuri huwiex responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-proċeduri għall-ġestjoni, il-kejl u l-kontroll tar-riskji ta' kreditu, kif definit mill-korp maniġerjali;

c. il-politiki u l-proċeduri humiex sodi u konsistenti mal-istrateġija tar-riskju ta' kreditu, u jkopprux in-negozji u l-proċessi ewlenin kollha rilevanti għall-ġestjoni, il-kejl u l-kontroll tar-riskji ta' kreditu, b'mod partikolari:

- għoti ta' kreditu u pprezzar: pereżempju, mutwatarji, garanti u eliġibbiltà kollaterali; limiti ta' kreditu; għażla ta' FMIs, CCPs u banek korrispondenti; tipi ta' faċilitajiet ta' kreditu disponibbli; termini u kundizzjonijiet (inklużi rekwiżit ta' ftehimiet ta' kollateral u kalkolazzjoni tal-valur nett) li għandhom jiġu applikati;

- kejl u monitoraġġ tar-riskju ta' kreditu: pereżempju, kriterji għall-identifikazzjoni ta' gruppi ta' kontropartijiet konnessi; kriterji għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja u l-evalwazzjoni tal-kollaterali tal-mutwatarji u l-frekwenza tar-reviżjoni tagħhom; kriterji għall-kwantifikazzjoni ta' indebolimenti, aġġustamenti u dispożizzjonijiet tal-valutazzjoni tal-kreditu; u

- ġestjoni ta' kreditu: pereżempju, kriterji għar-reviżjoni tal-prodotti, termini u kundizzjonijiet; kriterji għall-applikazzjoni ta' prattiki ta' trażżin jew ristrutturar; kriterji għall-klassifikazzjoni tas-self u l-ġestjoni tal-NPLs;

d. il-politiki u l-proċeduri jispeċifikaw ukoll kif ir-riskji tal-ML/TF li għalihom l-istituzzjoni hija esposta bħala riżultat tal-attivitajiet ta' għoti ta' kreditu huma identifikati, ivvalutati u ġestiti kemm fil-livell tan-negozju (f'termini ta' tipi ta' klijenti moqdija, prodotti ta' self ipprovduti, il-ġeografiji li għalihom huma esposti u l-kanali ta' distribuzzjoni użati) u fil-livell tar-relazzjoni individwali (meta jitqies l-iskop tal-kreditu, il-punt sa fejn il-kontroparti tagħti lok għal riskju ML/TF, u l-leġittimità tas-sors tal-fondi użati biex jitħallas lura l-kreditu);

e. politiki bħal dawn humiex konformi mar-regolamenti rilevanti u adegwati għan-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni, u jippermettux fehim ċar tar-riskju ta' kreditu inerenti għall-prodotti u l-attivitajiet differenti taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-istituzzjoni;

f. politiki bħal dawn jiġux ifformalizzati, ikkomunikati u applikati b'mod ċar b'mod konsistenti fl-istituzzjoni; u

g. dawn il-politiki humiex applikati b'mod konsistenti fi gruppi bankarji u jippermettux ġestjoni xierqa ta' mutwatarji u kontropartijiet komuni.

## Identifikazzjoni, kejl, monitoraġġ u rapportar tar-riskju

225. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni jkollhiex qafas xieraq għall-identifikazzjoni, il-fehim, il-kejl, il-monitoraġġ u r-rapportar tar-riskju ta' kreditu, skont id-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjoni, u li dan il-qafas huwa konformi mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni rilevanti tal-UE u nazzjonali.

226. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk l-istituzzjonijiet għandhomx infrastruttura tad-*data* adegwata li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self, u tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni ta'

skoperturi improduttivi u mrażżna u jekk it-tekniki analitiċi humiex xierqa biex jippermettu lill-istituzzjoni timmaniġġja b'mod adegwat ir-riskju ta' kreditu tagħha, u tissodisfa r-rekwiżiti ta' rapportar superviżorju, u biex jiġi identifikat, imkejjel u mmonitorjat b'mod regolari r-riskju ta' kreditu inerenti fl-attivitajiet kollha fil-karta bilanċjali u barra l-karta bilanċjali (fejn rilevanti fil-livell tal-grupp), b'mod partikolari fir-rigward ta':

a. ir-riskju ta' kreditu u l-eliġibbiltà tal-mutwatarju/il-kontroparti/it-tranżazzjoni;

b. l-iskoperturi ta' kreditu (irrispettivament min-natura tagħhom) tal-mutwatarji u, fejn rilevanti, ta' gruppi ta' mutwatarji konnessi;

c. kopertura tal-garanzija u dik kollaterali (inklużi ftehimiet ta' kalkolazzjoni tal-valur nett) u eliġibbiltà ta' din il-kopertura;

d. konformità kontinwa mat-termini u l-ftehimiet (patti) kuntrattwali;

e. overdrafts mhux awtorizzati u kundizzjonijiet għar-riklassifikazzjoni ta' skoperturi ta' kreditu; u

f. sorsi rilevanti ta' riskju ta' konċentrazzjoni tal-kreditu.

227. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex fehim ċar tar-riskju ta' kreditu relatat mat-tipi differenti ta' mutwatarji, tranżazzjonijiet u kreditu mogħti.

228. Huma għandhom jivvalutaw ukoll jekk l-istituzzjoni għandhiex ħiliet, sistemi u metodoloġiji xierqa biex tkejjel dan ir-riskju fil-livell tal-mutwatarju/tranżazzjoni u tal-portafoll, f'konformità mad-daqs, in-natura, il-kompożizzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni li jinvolvu riskju ta' kreditu. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li tali sistemi u metodoloġiji:

a. jippermettu lill-istituzzjoni tiddifferenzja bejn il-livelli differenti ta' riskju tal-mutwatarju u tat-tranżazzjoni;

b. jipprovdu stima soda u prudenti tal-livell tar-riskju ta' kreditu u tal-valur tal-kollateral b'fokus distint fuq l-iskoperturi ggarantiti minn kollateral ta' proprjetà ta' beni immobbli residenzjali u kummerċjali;

c. jidentifikaw u jkejlu riskji ta' konċentrazzjoni tal-kreditu (ta' isem wieħed, settorjali, ġeografiċi, eċċ.);

d. jgħinu lill-istituzzjoni tipproġetta stimi ta' riskju ta' kreditu għal skopijiet ta' ppjanar u għall-ittestjar tal-istress;

e. jippermettu lill-istituzzjoni tiddetermina l-livell tal-provvista u tal-aġġustamenti tal-valwazzjoni tal-kreditu meħtieġa biex tkopri telf mistenni u mġarrab; u

f. fejn materjali, jimmiraw li jaqbdu dawk l-elementi ta' riskju mhux koperti jew mhux koperti kompletament mir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

229. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jifhmux is-suppożizzjonijiet sottostanti s-sistema ta' miżura tal-kreditu u jekk humiex konxji tal-livell tar-riskju tal-mudell rilevanti.

230. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tkunx wettqet l-ittestjar tal-istress biex tifhem l-impatt tal-eventi negattivi fuq l-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu tagħha u fuq l-adegwatezza tal-proviżjonament tar-riskju ta' kreditu tagħha. Dawn għandhom iqisu:

a. il-frekwenza tat-test tal-istress;

b. il-fatturi ta' riskju rilevanti identifikati;

c. is-suppożizzjonijiet sottostanti x-xenarju ta' stress; u

d. l-użu intern ta' eżiti tal-ittestjar tal-istress għall-ippjanar tal-kapital u l-istrateġiji tar-riskju ta' kreditu.

231. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tkunx iddefiniet u implimentat monitoraġġ kontinwu u effettiv ta' skoperturi għar-riskju ta' kreditu (inkluż konċentrazzjoni ta' kreditu) fl-istituzzjoni, fost l-oħrajn, permezz ta' indikaturi speċifiċi u skattaturi rilevanti biex jipprovdu allerti effettivi ta' twissija bikrija.

232. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tkunx implimentat rapportar regolari ta' skoperturi tar-riskju ta' kreditu, inkluż l-eżitu tal-ittestjar tal-istress, lill-korp maniġerjali, il-maniġment superjuri u l-maniġers tar-riskju ta' kreditu rilevanti.

## Qafas ta' kontroll intern

233. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas ta' kontroll b'saħħtu u komprensiv u salvagwardji sodi biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' kreditu tagħha f'konformità mal-istrateġija u l-aptit tagħha għar-riskju ta' kreditu u jekk tali qafas ta' kontroll huwiex konformi mar-rekwiżiti tal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self u Linji Gwida dwar il-ġestjoni ta' skoperturi improduttivi u mrażżna. Għal dan il-għan, fost fatturi oħra, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil jekk:

a. il-kamp ta' applikazzjoni kopert mill-funzjonijiet ta' kontroll tal-istituzzjoni jinkludix l-entitajiet ikkonsolidati kollha, il-postijiet ġeografiċi kollha u l-attivitajiet ta' kreditu kollha;

b. hemmx kontrolli interni, limiti operattivi u prattiki oħrajn immirati biex iżommu l-iskoperturi tar-riskju ta' kreditu f'livelli aċċettabbli għall-istituzzjoni, f'konformità

mal-parametri stabbiliti mill-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni;

c. l-istituzzjoni għandhiex kontrolli u prattiki interni xierqa biex tiżgura li l-ksur u l-eċċezzjonijiet għall-politiki, il-proċeduri u l-limiti jiġu rrapportati fil-ħin lil-livell xieraq ta' maniġment għal azzjoni; u

d. hemmx kontrolli fis-seħħ biex jiġu identifikati, ivvalutati u ġestiti r-riskji tal-ML/TF li għalihom l-istituzzjoni hija esposta bħala riżultat tal-attivitajiet ta' għoti ta' kreditu.

234. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw is-sistema tal-limiti, inkluż jekk:

a. is-sistema tal-limitu hijiex adegwata għall-kumplessità tal-organizzazzjoni u tal-attivitajiet ta' kreditu tal-istituzzjoni, kif ukoll il-kapaċità tagħha għall-kejl u l-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu;

b. il-limiti stabbiliti humiex assoluti jew jekk ksur tal-limiti humiex possibbli. Fl-aħħar każ, il-politiki tal-istituzzjoni għandhom jiddeskrivu b'mod ċar il-perjodu ta' żmien u ċ-ċirkostanzi speċifiċi skont liema tali ksur tal-limiti jkun possibbli;

c. l-istituzzjoni għandhiex proċeduri li jżommu lill-maniġers ta' kreditu aġġornati fir-rigward tal-limiti tagħhom; u

d. l-istituzzjoni għandhiex proċeduri adegwati biex taġġorna l-limiti tagħha b'mod regolari (eż. għal konsistenza ma' bidliet fl-istrateġiji).

235. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll il-funzjonalità tal-funzjoni tal-awditu intern. Għal dan il-għan, dawn għandhom jivvalutaw jekk:

a. l-istituzzjoni twettaqx awditu intern tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu perjodikament;

b. il-funzjoni tal-awditu intern tkoprix l-elementi ewlenin tal-ġestjoni, il-kejl u l-kontrolli tar-riskju ta' kreditu fl-istituzzjoni; u

c. il-funzjoni tal-awditu intern hijiex effettiva fid-determinazzjoni tal-aderenza għall-politiki interni u r-regolamenti esterni rilevanti u fl-indirizzar ta' kwalunkwe devjazzjoni minn wieħed jew l-ieħor.

236. Għall-istituzzjonijiet li jadottaw approċċ intern biex jiddeterminaw rekwiżiti minimi ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll jekk il-proċess ta' validazzjoni interna huwiex sod u effettiv fil-kontestazzjoni tas-suppożizzjonijiet tal-mudell u fl-identifikazzjoni ta' kwalunkwe nuqqas potenzjali fir-rigward tal-immudellar tar-riskju ta' kreditu, il-kwantifikazzjoni tar-riskju ta' kreditu u s-sistema ta' ġestjoni tar-riskju ta'

kreditu u fir-rigward ta' rekwiżiti minimi rilevanti oħrajn kif speċifikat fil-leġiżlazzjoni rilevanti ta' implimentazzjoni tal-UE u nazzjonali.

### 6.2.4 Sommarju tas-sejbiet u l-punteġġi

237. Skont il-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-riskju ta' kreditu u tal-kontroparti tal-istituzzjoni. Din il-fehma għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ ta' vijabbiltà bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 4. Jekk, abbażi tal-materjalità ta' ċerti subkategoriji tar-riskju, l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tivvalutahom u tagħtihom punteġġ individwalment, il-gwida pprovduta f'din it-tabella għandha tiġi applikata, sa fejn ikun possibbli, permezz ta' analoġija.

**Tabella 4: Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ tar-riskju ta' kreditu jew tal-kontroparti**

| Punteġġ tar-Riskju | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa |
|---|---|---|---|
| 1 | Hemm riskju baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu jimplikaw riskju mhux materjali/riskju baxx ħafna.<br>• L-iskopertura għal prodotti u tranżazzjonijiet kumplessi mhijiex materjali/baxxa ħafna.<br>• Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni tal-kreditu mhuwiex materjali/baxx ħafna.<br>• Il-livell ta' skoperturi mrażżna u improduttivi mhuwiex materjali/baxx ħafna.<br>• Ir-riskju tal-kreditu impost minn skoperturi produttivi mhuwiex materjali/baxx ħafna.<br>• Il-livell tal-kopertura tad-dispożizzjonijiet u tal-aġġustamenti tal-valwazzjoni tal-kreditu huwa għoli ħafna.<br>• Il-livell tal-kopertura u l-kwalità tal-garanziji u tal-kollateral huma għoljin ħafna. | • Il-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju huma adegwati fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self u l-Linji Gwida dwar il-ġestjoni ta' skoperturi improduttivi u mrażżna.<br>• Hemm konsistenza bejn il-politika u l-istrateġija tar-riskju ta' kreditu ta' istituzzjoni u l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali tagħha.<br>• Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju ta' kreditu huwa robust b'responsabbiltajiet ċari u separazzjoni ċara tal-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskju u l-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll.<br>• Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-rapportar tar-riskju ta' kreditu huma xierqa. |
| 2 | Hemm riskju medju-baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar- | • In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu jimplikaw riskju baxx għal medju. | |

| Punteġġ tar-Riskju | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa |
|---|---|---|---|
| | riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • L-iskopertura għal prodotti u tranżazzjonijiet kumplessi hija baxxa għal medja.<br>• Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni tal-kreditu huwa baxx għal medju.<br>• Il-livell ta' skoperturi mrażżna u improduttivi huwa baxx għal medju.<br>• Ir-riskju tal-kreditu impost minn skoperturi produttivi huwa baxx għal medju.<br>• Il-livell tal-kopertura tad-dispożizzjonijiet u tal-aġġustamenti tal-valwazzjoni tal-kreditu huwa għoli.<br>• Il-livell tal-kopertura u l-kwalità tal-garanziji u tal-kollateral huma għoljin. | • Il-limiti interni u l-qafas ta' kontroll għar-riskju ta' kreditu huma sodi.<br>• Il-limiti li jippermettu li r-riskju ta' kreditu jiġi mmitigat jew limitat huma konformi mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni. |
| 3 | Hemm riskju medju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu jimplikaw riskju medju għal għoli.<br>• L-iskopertura għal prodotti u tranżazzjonijiet kumplessi hija medja għal għolja.<br>• Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni tal-kreditu huwa medju għal għoli.<br>• Il-livell ta' skoperturi mrażżna u improduttivi huwa medju għal għoli.<br>• Ir-riskju ta' kreditu impost minn skoperturi produttivi huwa medju għal għoli u soġġett għal deterjorament ulterjuri taħt kundizzjonijiet ta' stress.<br>• Il-livell tal-kopertura tad-dispożizzjonijiet u tal-aġġustamenti tal-valwazzjoni tal-kreditu huwa medju.<br>• Il-livell tal-kopertura u l-kwalità tal-garanziji u tal-kollateral huma medji. | • Il-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju ma humiex konformi fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self u l-Linji Gwida dwar il-ġestjoni ta' skoperturi improduttivi u mrażżna.<br>• Hemm nuqqas ta' konsistenza bejn il-politika u l-istrateġija tar-riskju ta' kreditu ta' istituzzjoni u l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali tagħha.<br>• Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju ta' kreditu ma huwiex robust biżżejjed; ma hemm l-ebda separazzjoni ċara tal-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskji jew il-funzjonijiet ta' ġestjoni u ta' kontroll.<br>• Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar- |

| Punteġġ tar-Riskju | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa |
|---|---|---|---|
| | | | rapportar tar-riskju ta' kreditu ma humiex xierqa.<br>• Il-limiti interni u l-qafas ta' kontroll għar-riskju ta' kreditu ma humiex sodi biżżejjed.<br>• Il-limiti li jippermettu li r-riskju ta' kreditu jiġi mmitigat jew limitat huma konformi mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni. |
| 4 | Hemm riskju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu jimplikaw riskju għoli.<br>• L-iskopertura għal prodotti u tranżazzjonijiet kumplessi hija għolja.<br>• Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni tal-kreditu huwa għoli.<br>• Il-livell ta' skoperturi mrażżna u improduttivi huwa għoli.<br>• Ir-riskju tal-kreditu impost minn skoperturi produttivi huwa għoli.<br>• Il-livell tal-kopertura tad-dispożizzjonijiet u tal-aġġustamenti tal-valwazzjoni tal-kreditu huwa baxx.<br>• Il-livell tal-kopertura u l-kwalità tal-garanziji u tal-kollateral huma baxxi. | |

## 6.3 Valutazzjoni tar-riskju tas-suq

### 6.3.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

238. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju tas-suq fir-rigward ta' dawk il-pożizzjonijiet fuq il-karta tal-bilanċ u dawk barra mill-karta tal-bilanċ li huma soġġetti għal telf li jirriżulta minn movimenti fil-prezzijiet tas-suq. Meta jivvalutaw ir-riskju tas-suq għall-istituzzjonijiet li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar żgħir kif stabbilit fl-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ir-rilevanza u l-materjalità ta' mill-inqas is-subkategoriji li ġejjin li jwettqu

valutazzjoni aktar dettaljata ta' dawk is-subkategoriji li huma meqjusa bħala l-aktar rilevanti għall-istituzzjoni:

a. riskju tar-rata tal-imgħax fil-portafoll tan-negozjar;

b. il-firxa tal-kreditu u r-riskju ta' nuqqas ta' kopertura fil-portafoll tan-negozjar;

c. riskju ta' ekwità fil-portafoll tan-negozjar;

d. riskju tal-kambju;

e. riskju tal-prodotti;

f. riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu;

g. riskju mhux delta;

h. riskju ta' bażi;

i. riskju ta' likwidità tas-suq;

j. riskju tal-mudell għal mudelli regolatorji approvati.

### 6.3.2 Valutazzjoni tar-riskju tas-suq inerenti

239. Permezz tal-valutazzjoni tar-riskju tas-suq inerenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-motivaturi ewlenin tal-iskopertura tar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni u jevalwaw ir-riskju tal-impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni. Il-valutazzjoni tar-riskju tas-suq inerenti għandha tkun strutturata madwar il-passi ewlenin li ġejjin:

a. valutazzjoni preliminari;

b. valutazzjoni tan-natura u kompożizzjoni tal-pożizzjonijiet tal-istituzzjoni soġġetti għal riskju tas-suq;

c. valutazzjoni tal-profitabbiltà;

d. valutazzjoni tar-riskju ta' konċentrazzjoni tas-suq; u

e. eżitu tal-ittestjar tal-istress.

240. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu analiżi inqas granulari għall-istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar żgħir kif stabbilit fl-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

## Valutazzjoni preliminari

241. Biex jiddeterminaw l-ambitu tal-valutazzjoni tar-riskju tas-suq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jidentifikaw is-sorsi tar-riskju tas-suq li l-istituzzjoni hija jew tista' tkun esposta għalihom. Biex jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingranaw l-għarfien miksub mill-valutazzjoni ta' elementi oħra tal-SREP, mill-paragun tal-pożizzjoni tal-istituzzjoni mal-pari u minn kwalunkwe attività superviżorja oħra.

242. Tal-anqas, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw:

a. attivitajiet tas-suq, linji tan-negozju u prodotti tal-istituzzjoni;

b. l-istrateġija ewlenija tal-portafoll tar-riskju tas-suq u l-aptit għar-riskju fl-attivitajiet tas-suq;

c. il-piż relattiv tal-pożizzjonijiet tar-riskju tas-suq f'termini ta' assi totali, tibdil maż-żmien u l-istrateġija tal-istituzzjoni għal dawn il-pożizzjonijiet;

d. il-piż relattiv tal-qligħ nett fuq il-pożizzjonijiet tas-suq fl-introjtu operattiv totali; u

e. ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq meta mqabbel mar-rekwiżit totali tal-fondi proprji, u – fejn rilevanti – il-kapital intern allokat għar-riskju tas-suq meta mqabbel mal-kapital intern totali, inkluża l-bidla storika f'din il-figura u l-previżjonijiet.

243. Fil-valutazzjonijiet inizjali tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll tibdil sinifikanti fl-attivitajiet tas-suq tal-istituzzjoni bil-fokus fuq il-bidliet potenzjali fl-iskopertura totali għar-riskju tas-suq. Tal-anqas, dawn għandhom jivvalutaw:

a. bidliet sinifikanti fl-istrateġija, il-politiki u d-daqsijiet tal-limiti tar-riskju tas-suq;

b. l-impatt potenzjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' dawk il-bidliet; u

c. xejriet ewlenin fis-swieq finanzjarji u fl-istrateġija tal-istituzzjoni fir-rigward tagħhom (inklużi riskji potenzjali f'każ li x-xejriet jitreġġgħu lura b'mod mhux mistenni).

## Natura u kompożizzjoni ta' attivitajiet tar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni

244. L-awtoritajiet kompetenti għandhom janalizzaw in-natura tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni billi jikkunsidraw is-subkategoriji definiti fil-paragrafu 238 biex jidentifikaw skoperturi partikolari għar-riskju u fatturi/motivaturi relatati tar-riskju tas-suq (eż. rati tal-kambju, rati tal-imgħax jew firxiet tal-kreditu) għal valutazzjoni ulterjuri fil-fond.

245. L-awtoritajiet kompetenti għandhom janalizzaw skoperturi tar-riskju tas-suq skont il-klassijiet ta' assi rilevanti u/jew strumenti finanzjarji skont id-daqs, il-kumplessità u l-livell ta'

riskju tagħhom. Għall-iskoperturi l-aktar rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-fatturi u l-motivaturi rilevanti relatati tagħhom.

246. Filwaqt li janalizzaw l-attivitajiet tar-riskju tas-suq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll il-kumplessità tal-prodotti finanzjarji (eż. prodotti barra l-Borża (OTC) jew prodotti vvalutati li jużaw tekniki skont mudell) u ta' operazzjonijiet speċifiċi tas-suq (eż. kummerċ ta' frekwenza għolja). Il-punti li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati:

a. jekk l-istituzzjoni jkollha pożizzjonijiet tad-derivattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kemm il-valur tas-suq kif ukoll l-ammont nozzjonali; u

b. meta l-istituzzjoni tkun involuta f'derivattivi OTC, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw il-piż ta' dawn it-tranżazzjonijiet fil-portafoll tad-derivattivi totali u t-tqassim tal-portafoll OTC skont it-tip ta' kuntratt (swap, forward, eċċ.), l-istrumenti finanzjarji sottostanti, eċċ (ir-riskju tal-kreditu tal-kontroparti assoċjat ma' dawn il-prodotti huwa kopert taħt il-metodoloġija tar-riskju tal-kreditu).

247. Meta jkun xieraq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-evalwazzjoni tal-istituzzjoni tal-pożizzjonijiet f'diffikultà u/jew mhux likwidi (eż. "portafolli ta' legat", jiġifieri portafolli ta' assi mhux likwidi relatati mal-prattiki/attivitajiet bankarji li ma tkomplewx li huma mmexxija fuq mudell ta' likwidazzjoni) u l-impatt ta' dawn il-pożizzjonijiet fuq il-profitabbiltà tal-istituzzjoni.

248. Għal dawk l-istituzzjonijiet li jużaw approċċ ta' mudell intern (IMA) biex jikkalkolaw ir-rekwiżiti regolatorji tal-fondi proprji tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll l-indikaturi li ġejjin biex jidentifikaw oqsma ta' riskju partikolari u motivaturi ta' riskju relatati:

a. il-qasma tar-rekwiżiti tal-fondi proprji tar-riskju tas-suq bejn il-valur fir-riskju (VaR), il-valur fir-riskju taħt stress (SVaR), l-addebitament inkrimentali għar-riskju (IRC) u l-ħlas għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni;

b. il-VaR imqassam skont il-fatturi ta' riskju;

c. il-bidla fil-VaR u SVaR (l-indikaturi potenzjali jistgħu jkunu l-bidla minn jum għal jum/minn ġimgħa għal ġimgħa, il-medja trimestrali u r-riżultati tal-ittestjar retrospettiv); u

d. il-fatturi ta' multiplikazzjoni applikati għall-VaR u l-SVaR

e. ir-riżultati tal-kalkoli mwettqa għall-fini tar-rekwiżiti speċifiċi ta' rapportar għar-riskju tas-suq, abbażi tal-użu tal-approċċ standardizzat alternattiv stabbilit fil-Kapitolu 1a tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

f. fejn rilevanti, ir-riżultati tal-kalkoli mwettqa għall-fini tar-rekwiżiti speċifiċi ta' rapportar għar-riskju tas-suq, abbażi tal-użu tal-approċċ ta' mudell intern (IMA)

alternattiv stabbilit fil-Kapitolu 1b tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

249. Meta jkun xieraq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll il-miżuri interni tar-riskju tal-istituzzjonijiet. Dawn jistgħu jinkludu l-VaR intern jew in-nuqqas mistenni mhux użat fil-kalkoli tar-rekwiżiti tal-fondi proprji jew sensittivitajiet tas-riskju tas-suq għall-fatturi differenti tar-riskju u telf potenzjali.

250. Meta janalizzaw ir-riskju tas-suq inerenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw figuri u tendenzi "dak il-mument", kemm fuq bażi aggregata kif ukoll bil-portafoll. Fejn ikun possibbli, din l-analiżi għandha tkun kompletata b'paragun taċ-ċifri tal-istituzzjoni mal-pari u mal-indikaturi makroekonomiċi rilevanti.

## L-analiżi tal-profittabbiltà

251. L-awtoritajiet kompetenti għandhom janalizzaw il-profitabbiltà storika, inkluża l-volatilità tal-profitti, tal-attivitajiet tas-suq biex jiksbu fehim aħjar tal-profil tar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni. Din l-analiżi tista' ssir fuq il-livell tal-portafoll kif ukoll titqassam skont il-linja tan-negozju, il-klassi jew l-uffiċċju tal-assi (potenzjalment bħala parti mill-valutazzjoni usa' mwettqa bħala parti mill-BMA).

252. Filwaqt li jivvalutaw il-profitabbiltà, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċifika lill-oqsma tar-riskju ewlenin identifikati matul l-eżaminazzjoni tal-attivitajiet tar-riskju tas-suq. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu distinzjoni bejn id-dħul tal-kummerċ u d-dħul mhux tal-kummerċ (bħal kummissjonijiet, tariffi tal-klijenti, eċċ.) fuq naħa waħda u l-profitti/telf imwettqa u mhux imwettqa min-naħa l-oħra.

253. Għal dawk il-klassijiet ta' assi u/jew skoperturi li jiġġeneraw profitti jew telf mhux normali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-profitabbiltà meta mqabbla mal-livell ta' riskju mwettaq mill-istituzzjoni (eż. VaR/qligħ nett fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għall-kummerċ) biex jidentifikaw u janalizzaw inkonsistenzi possibbli. Fejn ikun possibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqabblu l-figuri tal-istituzzjoni mal-prestazzjoni storika tagħha u mal-pari tagħha.

## Riskju ta' konċentrazzjoni tas-suq

254. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar il-livell tar-riskju ta' konċentrazzjoni tas-suq li l-istituzzjoni hija esposta għalihom, jew minn skoperturi għal fattur ta' riskju wieħed jew minn skoperturi għal fatturi multipli ta' riskju li huma korrelatati.

255. Meta jevalwaw il-konċentrazzjonijiet possibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-konċentrazzjonijiet fi prodotti komplessi (eż. prodotti strutturati), prodotti mhux likwidi (eż. obbligi ta' dejn kollateralizzat (CDOs)) jew prodotti vvalutati li jużaw tekniki ta' valwazzjoni skont mudell.

### Ittestjar tal-istress

256. Meta jevalwaw ir-riskju tas-suq inerenti ta' istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu r-riżultati tat-testijiet tal-istress imwettqa mill-istituzzjoni sabiex jidentifikaw kwalunkwe sors preċedentement mhux identifikat tar-riskju tas-suq. Dan huwa importanti speċjalment għal avvenimenti tail-risk, li jistgħu jkunu sottorappreżentati jew kompletament assenti mid-*data* storika minħabba l-frekwenza baxxa tal-okkorrenza tagħhom. Sors ieħor ta' vulnerabbiltajiet potenzjali moħbija potenzjali li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw huwa l-potenzjal għal qbiż fil-parametri tal-ipprezzar, bħal bidla f'daqqa f'ċerti prezzijiet jew bżieżaq fil-prezzijiet tal-komoditajiet.

## 6.3.3 Valutazzjoni tal-ġestjoni u tal-kontrolli tar-riskju tas-suq

257. Sabiex jiksbu fehim komprensiv tal-profil tar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-qafas tal-governanza u tal-ġestjoni tar-riskju sottostanti l-attivitajiet tas-suq tagħha. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-elementi li ġejjin:

a. l-istrateġija tar-riskju tas-suq u l-aptit għar-riskju;

b. il-qafas organizzazzjonali;

c. politiki u proċeduri;

d. l-identifikazzjoni, il-kejl, il-monitoraġġ u r-rapportar tar-riskju; u

e. qafas ta' kontroll intern.

### L-istrateġija u l-aptit għar-riskju tas-suq

258. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjonijiet għandhomx strateġija tar-riskju tas-suq soda u fformulata u dokumentata b'mod ċar, approvata mill-korp maniġerjali tagħhom. Għal din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, b'mod partikolari, jikkunsidraw jekk:

a. il-korp maniġerjali jesprimix b'mod ċar l-istrateġija u l-aptit għar-riskju tas-suq u l-proċess għar-reviżjoni tagħhom (pereżempju fil-każ ta' reviżjoni ġenerali tal-istrateġija tar-riskju, jew tħassib ta' profitabbiltà u/jew ta' adegwatezza tal-kapital);

b. il-maniġment superjuri jimplimentax b'mod korrett l-istrateġija tar-riskju tas-suq approvata mill-korp maniġerjali, billi jiżgura li l-attivitajiet tal-istituzzjoni jkunu konsistenti mal-istrateġija stabbilita, il-proċeduri bil-miktub jitfasslu u jiġu implimentati, u r-responsabbiltajiet jiġu assenjati b'mod ċar u kif suppost;

c. l-istrateġija tar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni tirriflettix b'mod xieraq l-aptit għar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni u hijiex konsistenti mal-aptit għar-riskju ġenerali;

d. l-istrateġija u l-aptit għar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni humiex xierqa għall-istituzzjoni, b'kunsiderazzjoni tal-:

- il-mudell tan-negozju;
- l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali;
- l-ambjent u r-rwol tas-suq fis-sistema finanzjarja; u
- il-kundizzjoni finanzjarja, il-kapaċità ta' finanzjament u l-adegwatezza tal-kapital;

e. l-istrateġija tar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni tistabbilix gwida għall-ġestjoni tal-istrumenti u/jew il-portafolli differenti li huma soġġetti għar-riskju tas-suq, u tappoġġjax it-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq ir-riskju;

f. l-istrateġija tar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni tkoprix b'mod ġenerali l-attivitajiet kollha tal-istituzzjoni fejn ir-riskju tas-suq huwa sinifikanti;

g. l-istrateġija tar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni tqisx l-aspetti ċikliċi tal-ekonomija u l-bidliet li jirriżultaw fil-kompożizzjoni tal-pożizzjonijiet soġġetti għar-riskju tas-suq; u

h. l-istituzzjoni għandhiex qafas xieraq fis-seħħ biex tiżgura li l-istrateġija tar-riskju tas-suq hijiex effettivament ikkomunikata lill-persunal rilevanti kollu.

## Qafas organizzazzjonali

259. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas xieraq organizzazzjonali għall-funzjonijiet ta' ġestjoni, kejl, monitoraġġ u kontroll tar-riskju tas-suq, b'riżorsi suffiċjenti (kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi) umani u tekniċi. Dawn għandhom iqisu jekk:

a. hemmx linji ċari ta' responsabbiltà għat-teħid, monitoraġġ, kontroll u rapportar tar-riskju tas-suq;

b. hemmx separazzjoni ċara, fil-qasam tan-negozju, bejn il-front office (riċevituri tal-pożizzjonijiet) u l-back office (responsabbli għall-allokazzjoni, ir-reġistrazzjoni u t-twettiq ta' tranżazzjonijiet);

c. is-sistema tal-kontroll u l-monitoraġġ tar-riskju tas-suq hijiex identifikata b'mod ċar fl-organizzazzjoni, u funzjonalment u ġerarkikament indipendenti mill-qasam tan-negozju, u jekk hijiex soġġetta għal reviżjoni indipendenti;

d. il-funzjonijiet ta’ ġestjoni, kejl, monitoraġġ u kontroll tar-riskju jkopru riskju tas-suq fl-istituzzjoni kollha (inklużi s-sussidjarji u l-fergħat), u b’mod partikolari l-oqsma kollha fejn ir-riskju tas-suq jista’ jittieħed, jiġi mmitigat jew jiġi ssorveljat; u

e. il-persunal involut fl-attivitajiet tas-suq (kemm fl-oqsma tan-negozju kif ukoll fl-oqsma ta’ ġestjoni u ta’ kontroll) għandhomx ħiliet u esperjenza xierqa.

## Politiki u proċeduri

260. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex politiki u proċeduri definiti b’mod ċar għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-kejl u l-kontroll tar-riskju tas-suq. Dawn għandhom iqisu:

a. jekk il-korp maniġerjali japprovax il-politiki għall-ġestjoni, il-kejl u l-kontroll tar-riskji tas-suq u jiddiskutihomx u jirrevedihomx b’mod regolari, b’mod konformi mal-istrateġiji tar-riskju;

b. jekk il-maniġment superjuri huwiex responsabbli biex jiżviluppahom, filwaqt li jiżgura implimentazzjoni adegwata tad-deċiżjonijiet tal-korp maniġerjali;

c. jekk il-politiki tas-suq humiex konformi mar-regolamenti rilevanti u adegwati għan-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni, li jippermettu fehim ċar tar-riskju tas-suq inerenti għall-prodotti u l-attivitajiet differenti taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-istituzzjoni, u jekk tali politiki humiex ifformalizzati b’mod ċar, ikkomunikati u applikati b’mod konsistenti fl-istituzzjoni; u

d. għall-gruppi, jekk dawn il-politiki jiġux applikati b’mod konsistenti fil-grupp u jippermettux ġestjoni xierqa tar-riskju.

261. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-politiki u l-proċeduri tas-suq tal-istituzzjoni humiex sodi u konsistenti mal-istrateġija tar-riskju tas-suq u jkopru in-negozji u l-proċessi ewlenin kollha rilevanti għall-ġestjoni, kejl u kontroll tar-riskju tas-suq. B’mod partikolari, il-valutazzjoni għandha tkopri:

a. in-natura tal-operazzjonijiet, l-istrumenti finanzjarji u s-swieq li tista’ topera fihom l-istituzzjoni;

b. il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi, jew esklużi, mill-portafoll tan-negozjar għal skopijiet regolatorji;

c. politiki rigward iħħeġġjar intern;

d. id-definizzjoni, l-istruttura u r-responsabbiltajiet tal-postijiet tan-negozjar tal-istituzzjoni, fejn xieraq;

e. rekwiżiti relatati mal-proċessi tal-kummerċ u ta’ saldu;

f. proċeduri għal-limitazzjoni u l-kontroll tar-riskju tas-suq;

g. il-qafas biex jiġi żgurat li l-pożizzjonijiet kollha mkejla fuq il-bażi tal-valur ġust ikunu soġġetti għal aġġustamenti ta' valwazzjoni addizzjonali f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 (RTS dwar valwazzjoni prudenti);

h. il-kriterji applikati mill-istituzzjoni biex tevita assoċjazzjoni ma' individwi/gruppi involuti f'attivitajiet frodulenti u reati oħrajn; u

i. il-proċeduri għal attivitajiet u/jew prodotti ġodda tas-suq; l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li:

- attivitajiet u/jew prodotti ġodda fis-suq ikunu soġġetti għal proċeduri u kontrolli adegwati qabel jiġu introdotti jew jitwettqu;
- l-istituzzjoni tkun wettqet analiżi tal-impatt possibbli tagħhom fil-profil tar-riskju globali tagħha.

## Identifikazzjoni, kejl, monitoraġġ u rapportar tar-riskju

262. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas xieraq għall-identifikazzjoni, fehim u kejl tar-riskju tas-suq, skont id-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjoni, u jekk dan il-qafas huwiex konformi mar-rekwiżiti minimi rilevanti f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni rilevanti tal-UE u nazzjonali. Huma għandhom jikkunsidraw jekk:

a. id-*data*, is-sistemi ta' informazzjoni u t-tekniki ta' kejl jippermettux ġestjoni biex jitkejjel ir-riskju tas-suq inerenti fil-attivitajiet materjali kollha li jidhru u li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali (fejn rilevanti fil-livell tal-grupp), inklużi kemm portafolli kummerċjali kif ukoll dawk bankarji, filwaqt li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' rapportar superviżorji;

b. l-istituzzjonijiet għandhomx persunal u metodoloġiji adegwati biex ikejlu r-riskju tas-suq fil-portafolli kummerċjali u bankarji tagħhom, b'kunsiderazzjoni tad-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjoni u l-profil tar-riskju tal-attivitajiet tagħha;

c. is-sistema ta' kejl tar-riskju tal-istituzzjoni tqisx il-fatturi tar-riskju materjali kollha relatati mal-iskoperturi tar-riskju tas-suq tagħha (inkluż ir-riskju bażi, firxiet tal-kreditu fil-bonds korporattivi jew derivattivi ta' kreditu, u riskji vega u gamma fl-għażliet). Meta xi strumenti u/jew fatturi jkunu esklużi mis-sistemi ta' kejl tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-materjalità tal-esklużjonijiet u jiddeterminaw jekk dawn l-esklużjonijiet humiex iġġustifikati;

d. is-sistemi ta' kejl tar-riskju tal-istituzzjoni humiex kapaċi jidentifikaw konċentrazzjonijiet possibbli ta' riskju tas-suq li jirriżultaw jew minn skoperturi għal

fattur ta' riskju wieħed jew minn skoperturi għal diversi fatturi ta' riskju li huma korrelatati;

e. il-maniġers tar-riskju u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jifhmux is-suppożizzjonijiet sottostanti s-sistemi ta' kejl, b'mod partikolari għal tekniki aktar sofistikati ta' ġestjoni tar-riskju; u

f. il-maniġers tar-riskju u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni humiex konxji tal-livell ta' riskju tal-mudell li jipprevali fil-mudelli ta' pprezzar tal-istituzzjoni u t-tekniki tal-kejl tar-riskju u jekk dawn jispezzjonawx perjodikament il-validità u l-kwalità tal-mudelli differenti użati fl-attivitajiet tar-riskju tas-suq.

263. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tkunx implimentat testijiet tal-istress xierqa li jikkumplimentaw is-sistema ta' kejl tar-riskju tagħha. Għal dan l-iskop, huma għandhom iqisu l-elementi li ġejjin:

a. il-frekwenza tat-test tal-istress;

b. jekk humiex identifikati motivaturi tar-riskju rilevanti (eż. illikwidità/disparità bejn il-prezzijiet, pożizzjonijiet ikkonċentrati, swieq b'direzzjoni waħda, eċċ.);

c. is-suppożizzjonijiet sottostanti x-xenarju ta' stress; u

d. użu intern tal-eżiti tal-ittestjar tal-istress għall-ippjanar tal-kapital u l-istrateġiji tar-riskju tas-suq.

264. Għall-finijiet tal-Artikolu 101 tad-Direttiva 2013/36/UE, jekk l-istituzzjoni tkun awtorizzata li tuża mudelli interni biex tiddetermina r-rekwiżiti minimi tal-fondi proprji għar-riskju tas-suq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istituzzjoni tkompli tissodisfa r-rekwiżiti minimi speċifikati fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni rilevanti tal-UE u nazzjonali u li tali mudelli ma jinvolvu ebda sottovalutazzjoni tar-riskju materjali.

265. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjonijiet ikollhomx fis-seħħ qafas adegwat ta' monitoraġġ u ta' rapportar għar-riskju tas-suq li jiżgura li jkun hemm azzjoni immedjata fil-livell xieraq tal-maniġment superjuri jew tal-korp maniġerjali tal-istituzzjoni fejn ikun meħtieġ. Is-sistema ta' monitoraġġ għandha tinkludi indikaturi speċifiċi u skattaturi rilevanti biex tipprovdi allerti effettivi ta' twissija bikrija. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk:

a. l-istituzzjoni għandhiex sistemi ta' informazzjoni effettivi għall-identifikazzjoni preċiża u f'waqtha, l-aggregazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' attivitajiet ta' riskju tas-suq; u

b. il-qasam tal-ġestjoni u ta' kontroll jirrapportax b'mod regolari lill-korp maniġerjali u lill-maniġment superjuri, bħala minimu, b'informazzjoni dwar skoperturi attwali

tas-suq, riżultati tal-P&L u miżuri tar-riskju (eż. VaR) meta mqabbla mal-limiti tal-politika.

## Qafas ta' kontroll intern

266. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas ta' kontroll b'saħħtu u komprensiv u salvagwardji sodi biex timmitiga r-riskju tas-suq tagħha f'konformità mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju tas-suq u l-aptit għar-riskju tagħha. Dawn għandhom iqisu jekk:

a. l-ambitu kopert mill-funzjoni ta' kontroll tal-istituzzjoni jinkludix l-entitajiet ikkonsolidati kollha, il-postijiet ġeografiċi kollha u l-attivitajiet finanzjarji kollha;

b. hemmx kontrolli interni, limiti operattivi u prattiki oħra li għandhom l-għan li jiżguraw li l-iskoperturi għar-riskju tas-suq ma jaqbżux livelli aċċettabbli għall-istituzzjoni, f'konformità mal-parametri stabbiliti mill-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni; u

c. jekk l-istituzzjoni għandhiex kontrolli u prattiki interni adatti biex tiżgura li l-ksur u l-eċċezzjonijiet tal-politiki, proċeduri u limiti huma rrapportati fil-ħin għal-livell xieraq ta' ġestjoni għall-azzjoni. Huma għandhom iqisu jekk il-kontrolli u l-prattiki interni tal-istituzzjoni:

   - humiex kapaċi jidentifikaw ksur ta' limiti individwali stabbiliti fil-livell tal-uffiċċju jew tal-unità tan-negozju, kif ukoll ksur tal-limitu ġenerali għall-attivitajiet tas-suq; u

   - jippermettux l-identifikazzjoni u l-monitoraġġ ta' kuljum ta' ksur ta' limiti u/jew eċċezzjonijiet.

267. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw is-sistema tal-limiti, inkluż jekk:

a. il-limiti stabbiliti humiex assoluti jew jekk ksur tal-limiti humiex possibbli. Fl-aħħar każ, il-politiki tal-istituzzjoni għandhom jiddeskrivu b'mod ċar il-perjodu ta' żmien u ċ-ċirkostanzi speċifiċi skont liema tali ksur tal-limiti jkun possibbli;

b. is-sistema tal-limiti tistabbilixxi limitu ġenerali għall-attivitajiet tas-suq u limiti speċifiċi għas-subkategoriji tar-riskju ewlenin; fejn xieraq, għandha tippermetti allokazzjoni tal-limiti minn portafoll, uffiċċju, unità tan-negozju jew tip ta' strument; il-livell tad-dettall għandu jirrifletti l-karatteristiċi tal-attivitajiet tas-suq tal-istituzzjoni;

c. is-sett tal-limiti (limiti bbażati fuq metrika ta' riskju, limiti nozzjonali, limiti ta' kontroll ta' telf, eċċ.) stabbilit mill-istituzzjoni jixraqx skont id-daqs u l-kumplessità tal-attivitajiet tas-suq tiegħu;

d. l-istituzzjoni għandhiex proċeduri biex iżżomm lill-kummerċjanti aġġornati dwar il-limiti tagħhom; u

e. l-istituzzjoni għandhiex proċeduri adegwati biex taġġorna l-limiti tagħha b'mod regolari.

268. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-funzjonalità tal-funzjoni tal-awditu intern. Huma għandhom jivvalutaw jekk:

a. l-istituzzjoni twettaqx awditu intern tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tas-suq fuq bażi regolari;

b. il-funzjoni tal-awditu intern tkoprix l-elementi ewlenin tal-ġestjoni, tal-kejl u tal-kontroll tar-riskju tas-suq fl-istituzzjoni; u

c. il-funzjoni tal-awditu intern hijiex effettiva fid-determinazzjoni tal-aderenza għall-politiki interni u kull regolament estern rilevanti, u fl-indirizzar ta' kwalunkwe devjazzjoni minn wieħed jew l-ieħor.

269. Għall-istituzzjonijiet li jużaw mudelli interni sabiex jiddeterminaw rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-proċess ta' validazzjoni interna hux sod u effettiv fil-kontestazzjoni tas-suppożizzjonijiet tal-mudelli u l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet potenzjali fir-rigward ta' mmudellar tar-riskju tas-suq, kwantifikazzjoni tar-riskju tas-suq, is-sistema ta' ġestjoni tar-riskji tas-suq u r-rekwiżiti minimi rilevanti l-oħra kif speċifikat fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u nazzjonali ta' implimentazzjoni.

### 6.3.4 Sommarju tas-sejbiet u l-punteġġi

270. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-riskju tas-suq tal-istituzzjoni. Din il-fehma għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ ibbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 5. Jekk, abbażi tal-materjalità ta' ċerti subkategoriji tar-riskju, l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tivvalutahom u tagħtihom punteġġ individwalment, il-gwida pprovduta f'din it-tabella għandha tiġi applikata, sa fejn ikun possibbli, permezz ta' analoġija.

271. Peress li fatturi bħall-kumplessità, il-livell ta' konċentrazzjoni u l-volatilità tar-redditi tal-iskoperturi tas-suq jistgħu ma jkunux indikaturi perfetti tal-livell ta' riskju tas-suq, fil-valutazzjoni u l-għoti ta' punteġġ tar-riskju tas-suq inerenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw dawn il-fatturi kollha b'mod parallel u mhux b'mod iżolat u jifhmu l-motivaturi wara x-xejriet tal-volatilità.

**Tabella 5. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ tar-riskju tas-suq**

<table>
<tr><th>Punteġġ tar-Riskju</th><th>Perspettiva superviżorja</th><th>Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti</th><th>Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa</th></tr>
<tr><td>1</td><td>Hemm riskju baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.</td><td>• In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskoperturi tar-riskju tas-suq jimplikaw riskju mhux materjali/baxx ħafna.<br>• L-iskoperturi tal-istituzzjoni għar-riskju tas-suq mhumiex kumplessi.<br>• Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq mhuwiex materjali/baxx ħafna.<br>• L-iskoperturi għar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni jiġġeneraw redditi mhux volatili.</td><td rowspan="2">• Hemm konsistenza bejn il-politika u l-istrateġija tar-riskju ta' kreditu tal-istituzzjoni u l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali tagħha.<br>• Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju ta' kreditu huwa robust b'responsabbiltajiet ċari u separazzjoni ċara tal-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskju u l-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll.<br>• Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-rapportar tar-riskju tas-suq huma xierqa.<br>• Il-limiti interni u l-qafas ta' kontroll għar-riskju tas-suq huma sodi u konformi mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni.</td></tr>
<tr><td>2</td><td>Hemm riskju medju-baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.</td><td>• In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq jimplikaw riskju baxx għal medju.<br>• Il-kumplessità tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni hija baxxa għal medja.<br>• Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni tas-suq huwa baxx għal medju.<br>• L-iskoperturi għar-riskji tas-suq tal-istituzzjoni jiġġeneraw redditi li għandhom grad baxx għal medju ta' volatilità.</td></tr>
<tr><td>3</td><td>Hemm riskju medju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.</td><td>• In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq jimplikaw riskju medju għal għoli.<br>• Il-kumplessità tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni hija medja għal għolja.<br>• Il-livell tal-konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq huwa medju għal għoli.<br>• L-iskoperturi għar-riskji tas-suq tal-istituzzjoni jiġġeneraw redditi li għandhom grad medju għal għoli ta' volatilità.</td><td rowspan="2">• Ma hemmx konsistenza sħiħa bejn il-politika u l-istrateġija tar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni u l-istrateġija u l-profil tar-riskju ġenerali tagħha.<br>• Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju tas-suq ma jisseparax b'mod suffiċjenti r-responsabbiltajiet u l-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskji u l-funzjonijiet ta' ġestjoni u ta' kontroll.<br>• Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-</td></tr>
<tr><td>4</td><td>Hemm riskju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta</td><td>• In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq jimplikaw riskju għoli.</td></tr>
</table>

| Punteġġ tar-Riskju | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa |
|---|---|---|---|
| | jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • Il-kumplessità tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq tal-istituzzjoni hija għolja.<br>• Il-livell tal-konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq huwa għoli.<br>• L-iskoperturi għar-riskji tas-suq tal-istituzzjoni jiġġeneraw redditi li għandhom grad għoli ta' volatilità. | rapportar tar-riskju tas-suq ma jitwettqux b'biżżejjed preċiżjoni u frekwenza.<br>• Il-limiti interni u l-qafas ta' kontroll għar-riskju tas-suq ma humiex konformi mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskji u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni. |

## 6.4 Valutazzjoni tar-riskju operazzjonali

### 6.4.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

272. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw riskju operazzjonali fil-linji tan-negozju u l-operazzjonijiet tal-istituzzjoni kollha, b'kunsiderazzjoni tas-sejbiet mill-valutazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza interna u l-kontrolli fl-istituzzjoni kollha kif speċifikat fit-Titolu 5. Meta jwettqu din il-valutazzjoni, għandhom jiddeterminaw kif riskju operazzjonali jista' jimmaterjalizza (telf ekonomiku, near miss, telf ta' qligħ futur, qligħ) u għandhom jikkunsidraw wkoll l-impatti potenzjali f'termini ta' riskji oħrajn relatati (eż. riskju ta' kreditu operazzjonali, "każijiet ta' konfini" tar-riskju operazzjonali tas-suq).

273. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-materjalità tar-riskju operazzjonali li jirriżulta minn servizzi u attivitajiet esternalizzati, u jekk dawn jistgħux jaffettwaw il-ħila tal-istituzzjoni biex tipproċessa tranżazzjonijiet u/jew tipprovdi servizzi, jew tikkawża obbligazzjonijiet legali għal danni lil terzi persuni (eż. klijenti u partijiet interessati oħra).

274. Meta jivvalutaw ir-riskju operazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju tal-ICT, peress li l-prestazzjoni u s-sigurtà tal-ICT jitqiesu bħala importanti ħafna biex istituzzjoni twettaq in-negozju tagħha. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-impatt potenzjali tar-riskji tal-ICT fuq l-attivitajiet kritiċi ta' istituzzjoni u jikkunsidraw l-impatt finanzjarju, reputazzjonali, regolatorju u strateġiku potenzjali fuq l-istituzzjoni, kif ukoll il-potenzjal għal tfixkil fin-negozju.

275. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju reputazzjonali flimkien mar-riskju operazzjonali minħabba r-rabtiet b'saħħithom bejn dawn it-tnejn (eż. ħafna mill-avvenimenti tar-riskju operazzjonali għandhom impatt qawwi f'termini ta' reputazzjoni). Madankollu, l-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskji reputazzjonali m'għandux ikun rifless fil-punteġġ tar-riskju operazzjonali iżda, fejn rilevanti, għandu jiġi kkunsidrat bħala parti mill-BMA u/jew valutazzjoni tar-riskju tal-likwidità, peress li l-effetti ewlenin li jista' jkollu huma tnaqqis fil-qligħ u nuqqas

ta' kunfidenza jew skuntentizza bl-istituzzjoni mill-investituri, depożitanti jew parteċipanti tas-suq interbankarju.

276. Fil-valutazzjoni tar-riskju operazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw, sa fejn ikun possibbli, klassifikazzjoni tat-tip ta' avveniment għall-approċċi ta' kejl avvanzat previst fl-Artikolu 324 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u speċifikati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/959 [31] biex tinkiseb stampa aktar ċara tal-ispettru tar-riskji operazzjonali, u biex jinkiseb livell ta' konsistenza fl-analiżi ta' dawn ir-riskji fl-istituzzjonijiet, irrispettivament mill-approċċ adottat biex jiġu ddeterminati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali. Meta jivvalutaw ir-riskju operazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll ir-riskju ta' imġiba, ir-riskju tal-mudell u r-riskju tal-ICT.

### 6.4.2 Valutazzjoni tar-riskju operazzjonali inerenti

277. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu valutazzjoni tan-natura u l-firxa tar-riskju operazzjonali li l-istituzzjoni tkun jew tista' tkun esposta għalih. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżviluppaw fehim sħiħ tal-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni, l-operazzjonijiet tagħha, il-kultura tar-riskju tagħha u l-ambjent li topera fih, peress li dawn il-fatturi kollha jiddeterminaw l-iskopertura għar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni.

278. Il-valutazzjoni tar-riskju operazzjonali inerenti tinkludi żewġ passi, li huma deskritti f'aktar dettall f'din it-Taqsima:

a. valutazzjoni preliminari; u

b. valutazzjoni tan-natura u tas-sinifikat tal-iskoperturi għar-riskju operazzjonali u tas-subkategoriji tar-riskju operazzjonali ffaċċjati mill-istituzzjoni.

#### Valutazzjoni preliminari

279. Biex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju operazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jidentifikaw is-sorsi tar-riskju operazzjonali li l-istituzzjoni tkun esposta għalihom. Sabiex jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingranaw ukoll l-għarfien miksub mill-valutazzjoni ta' elementi SREP oħrajn, mit-tqabbil tal-pożizzjoni tal-istituzzjoni mal-pari (inkluża *data* esterna rilevanti, fejn disponibbli), minn kwalunkwe attività superviżorja oħra, inkluż il-kontribut mis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT u minn sorsi ta' informazzjoni rilevanti oħra.

280. Tal-anqas, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw:

---

[31] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2014 tal-14 ta' Marzu 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-metodoloġija ta' valutazzjoni li skont liema l-awtoritajiet kompetenti jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw Approċċi ta' Kejl Avvanzat għar-riskju operazzjonali (ĠU L 169, 6.7.2018, p. 1).

a. l-istrateġija ewlenija għar-riskju operazzjonali u għall-aptit għar-riskju operazzjonali;

b. l-ambjenti tan-negozju u dawk esterni (inkluż il-post ġeografiku tal-kumpanija omm u l-entitajiet tagħha kif ukoll tal-operazzjonijiet tal-ICT u taċ-ċentri tad-*data*) li fihom topera l-istituzzjoni u l-kanali ta' distribuzzjoni użati;

c. ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali (ikkaratterizzat mill-approċċ tal-indikatur bażiku (BIA), l-approċċ standardizzat (TSA) u l-approċċi ta' kejl avvanzat (AMA)) imqabbel mar-rekwiżit tal-fondi proprji totali, u – fejn rilevanti – il-kapital intern għar-riskju operazzjonali mqabbel mal-kapital intern totali, filwaqt li jitqiesu x-xejriet u l-previżjonijiet storiċi, jekk disponibbli;

d. il-livell u l-bidla fl-introjtu gross, fl-assi u fit-telf mir-riskju operazzjonali matul l-aħħar ftit snin fil-livell aggregat iżda wkoll għall-entitajiet materjali u l-linji tan-negozju;

e. avvenimenti korporattivi sinifikanti riċenti (bħal fużjonijiet, akkwisti, disponimenti u r-ristrutturar), li jistgħu jiddeterminaw bidla fil-profil tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni fuq terminu ta' żmien qasir jew medju sa terminu twil (eż. minħabba li sistemi, proċessi u proċeduri ma jkunux allinjati kompletament mal-politiki ta' ġestjoni tar-riskju tal-impriża prinċipali fit-terminu qasir);

f. bidliet fl-elementi sinifikanti tas-sistemi tal-IT u/jew ta' proċessi li jistgħu jiddeterminaw bidla fil-profil tar-riskju operazzjonali (eż. minħabba sistema ġdida jew mibdula tal-IT ma ġietx ittestjata sew, jew minħabba li taħriġ insuffiċjenti fuq is-sistemi/proċessi u proċeduri ġodda jista' jwassal għal żbalji);

g. nuqqasijiet ta' konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli jew mar-regolamenti interni kif irrapportati minn superviżuri oħrajn (inklużi superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT), mill-awdituri esterni u l-funzjoni tal-awditu intern jew miġjuba għad-dawl minn informazzjoni pubblika (meta wieħed iżomm f'moħħu kemm is-sitwazzjoni attwali kif ukoll bidliet fl-imġiba regolatorja ta' konformità tul iż-żmien);

h. l-ambizzjoni tal-pjanijiet tan-negozju u tal-inċentivi u tal-iskemi ta' kumpens aggressivi (eż. f'termini ta' miri ta' bejgħ, inkluż l-aċċettazzjoni ta' klijenti identifikati bħala riskju għoli ta' ML/TF mill-istituzzjoni jew l-espansjoni għal ġuriżdizzjonijiet b'riskju għoli ta' ML/TF jew id-distribuzzjoni ta' prodotti/servizzi ġodda li jkollhom livell għoli ta' riskju inerenti ta' ML/TF, tnaqqis eċċ.), li jista' jżid ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità, żball uman u mġiba ħażina tal-impjegati;

i. il-proċessi, il-proċeduri, il-prodotti (mibjugħa lill-klijenti jew ittrattati) u s-sistemi tal-IT (inkluż l-użu ta' teknoloġiji ġodda), sal-punt li jistgħu jwasslu għal inċidenti, żbalji, dewmien, speċifikazzjoni ħażina, ksur tas-sigurtà, żieda fl-esponiment għall-frodi, ML/TF u tipi oħra ta' kriminalità finanzjarja, eċċ.; u

j. l-impatt potenzjali tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni, u b'mod ġenerali l-arranġamenti kollha ma' partijiet terzi, fuq ir-riskju operazzjonali tal-istituzzjonijiet kif ukoll is-sorveljanza tal-istituzzjonijiet fuq il-prestazzjoni tal-fornituri tas-servizzi fit-twettiq tas-servizzi esternalizzati kollha, inkluż il-livell ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju operazzjonali relatat mal-attivitajiet esternalizzati u mal-iskopertura għar-riskju ġenerali tal-fornituri ta' servizzi f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni.

281. Fejn ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti għandha tanalizza l-aspetti ta' hawn fuq skont il-linja tan-negozju/l-entità legali u l-ġeografija kif ukoll skont il-kategorija tat-tip ta' avveniment, sakemm id-*data* tkun disponibbli, u tqabbel il-pożizzjoni tal-istituzzjoni mal-pari tagħha.

## Natura tal-iskoperturi għar-riskju operazzjonali

282. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw in-natura tal-iskoperturi tar-riskju operazzjonali billi janalizzaw l-iskoperturi għall-motivaturi ewlenin tar-riskju operazzjonali biex jiffurmaw perspettiva progressiva dwar ir-riskju u t-telf potenzjali. Analiżi bħal din tista' teħtieġ kunsiderazzjoni tal-linji tan-negozju, prodotti, proċessi u ġeografiji rilevanti għall-istituzzjoni, kif ukoll valutazzjoni tal-iskoperturi tar-riskju operazzjonali għall-motivaturi tar-riskju primarji (eż. proċessi, persuni, sistemi u fatturi esterni), bl-użu tal-awtovalutazzjoni tar-riskju tal-istituzzjoni u analiżi bejn il-pari.

283. Meta jwettqu din l-analiżi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-interazzjonijiet ta' tali motivaturi tar-riskju fid-determinazzjoni tal-iskoperturi tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni (eż. skopertura għal aktar motivaturi tar-riskju tista' żżid il-probabbiltà ta' avveniment operazzjonali u telf konsegwenti, inkluża l-possibbiltà li jiġu imposti sanzjonijiet).

## Sinifikat ta' skopertura għar-riskju operazzjonali

284. Ladarba s-sorsi u l-motivaturi maġġuri tar-riskju operazzjonali jkunu ġew identifikati, l-awtorità kompetenti għandha tiffoka fuq dawk li jista' jkollhom l-aktar impatt materjali fuq l-istituzzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-"iskopertura potenzjali" tal-istituzzjoni għar-riskju operazzjonali billi tuża kemm ġudizzju espert kif ukoll indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi relatati jew mal-istituzzjoni jew mal-pari tagħha, u tinkludi wkoll informazzjoni minn superviżuri oħra (eż. superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT).

285. Fil-valutazzjoni tas-sinifikanza tal-iskoperturi għar-riskju operazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kemm il-frekwenza kif ukoll is-severità tal-avvenimenti li għalihom hija esposta l-istituzzjoni, u jiddistingwu dawk li jikkawżaw telf ta' severità għolja u dawk li jseħħu bi frekwenzi għoljin. Abbażi ta' din id-distinzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ix-xejriet tat-telf mir-riskju operazzjonali u l-konċentrazzjoni tagħhom.

286. Sors primarju ta' informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw huwa t-telf operattiv u l-bażi ta' *data* tal-avvenimenti tal-istituzzjoni, li, fejn disponibbli u affidabbli (jiġifieri preċiż u komplut), jipprovdi l-profil tar-riskju operazzjonali storiku tal-istituzzjoni.

287. Għall-istituzzjonijiet li jadottaw mudelli interni għar-riskju operazzjonali, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra wkoll ir-riżultat tal-approċċ intern, sakemm dan l-approċċ ikun jista' jkejjel l-iskopertura tar-riskju operazzjonali fil-livell mixtieq ta' dettall (eż. prodott, proċess, eċċ.) u filwaqt li jiġi preżunt li l-mudell huwa progressiv biżżejjed. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu wkoll il-limitazzjonijiet u d-dgħufijiet potenzjali tal-mudelli interni.

288. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu analiżi aktar kwalitattiva u jingranaw il-valutazzjoni tar-riskju tal-istituzzjoni, analiżi tad-*data* tal-pari u bażijiet ta' data pubbliċi u/jew tal-konsorzju, jekk disponibbli u rilevanti. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jikkunsidraw fatturi oħra, speċifiċi għall-unitajiet tan-negozju rilevanti, eċċ. affettwati mill-insuffiċjenzi potenzjali, li jistgħu jipprovdu miżura tal-iskopertura għar-riskju.

289. Meta jwettqu l-valutazzjoni tal-iskopertura għar-riskju ta' istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw approċċ progressiv, analiżijiet ta' ingranaġġ tax-xenarju mwettqa mill-istituzzjoni, fejn disponibbli, u b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe miżura korrettiva u azzjonijiet ta' mitigazzjoni diġà implimentati u effettivi.

## Valutazzjoni tas-subkategoriji tar-riskju operazzjonali

290. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskju operazzjonali fis-subkategoriji kollha tar-riskju operazzjonali (inklużi dawk iddefiniti mit-tipi ta' avvenimenti u tqassim ulterjuri ta' dawn it-tipi ta' avvenimenti) u l-motivaturi tar-riskju assoċjati. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw il-valutazzjoni fuq dawk is-subkategoriji, li jitqiesu bħala l-aktar sinifikanti għall-istituzzjoni. Is-sinifikat ta' subkategorija għandu jiġi evalwat billi tiġi ingranata l-informazzjoni kwantitattiva miġbura matul il-valutazzjoni preliminari, inkluż il-livell ta' telf għal kull subkategorija fir-rigward tar-rekwiżit kapitali u l-introjtu gross. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw ukoll il-ġudizzju espert tagħhom biex jidentifikaw subkategoriji sinifikanti, abbażi tas-sorsi ta' informazzjoni interni u esterni disponibbli kollha.

291. Meta jwettqu l-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil xi aspetti speċifiċi ta' riskju operazzjonali minħabba n-natura pervażiva u r-rilevanza tagħhom għall-maġġoranza tal-istituzzjonijiet, kif ukoll minħabba l-impatt prudenzjali potenzjali tagħhom. Aspetti bħal dawn li dejjem għandhom ikunu fil-fokus tal-valutazzjoni jinkludu:

a. riskji tal-ICT;

b. riskju ta' imġiba; u

c. riskju tal-mudell.

**Riskji tal-ICT**

292. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju tal-ICT f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju tal-ICT skont l-SREP[32] u wara li jqisu l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni tar-riskju tal-ICT u tas-sigurtà, filwaqt li jqisu li r-riskju tal-ICT huwa motivatur ewlieni tar-riskju operazzjonali.

**Riskju ta' imġiba**

293. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-rilevanza u s-sinifikat tal-iskoperturi tal-istituzzjoni għar-riskju ta' imġiba, filwaqt li jqisu l-fatturi elenkati fil-punti a sa g li huma rilevanti għall-istituzzjoni. Għall-istituzzjonijiet tal-Kategorija 1 u tal-Kategorija 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw dan kollu li ġej:

a. bejgħ ħażin ta' prodotti, kemm fis-swieq bl-imnut kif ukoll f'dawk bl-ingrossa, inkluż bejgħ reċiproku mbuttat ta' prodotti lil klijenti bl-imnut, bħal kontijiet bankarji li jinkludu pakkett ta' benefiċċji jew prodotti miżjuda li l-klijenti ma għandhomx bżonn;

b. kunflitti ta' interess fit-twettiq tan-negozju;

c. manipulazzjoni ta' rati ta' imgħax referenzjarji, rati tal-kambju barranin jew xi strumenti finanzjarji jew indiċi oħrajn biex itejbu l-profitti tal-istituzzjoni;

d. ostakoli għall-qlib ta' prodotti finanzjarji matul ħajjithom u/jew biex jaqilbu l-fornituri tas-servizzi finanzjarji;

e. kanali ta' distribuzzjoni ddisinjati b'mod dgħajjef li jistgħu jippermettu kunflitti ta' interess b'inċentivi foloz;

f. tiġdid awtomatiku ta' prodotti jew pieni ta' ħruġ; u/jew

g. ipproċessar inġust ta' ilmenti tal-klijenti.

294. Peress li r-riskju tal-kondotta jkopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet u jista' jirriżulta minn ħafna proċessi u prodotti tan-negozju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingranaw l-eżitu tal-BMA u jiflu l-politiki ta' inċentiv biex jiksbu intuwitu ta' livell għoli fis-sorsi tar-riskju ta' imġiba.

295. Fejn ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra l-livell ta' kompetizzjoni fis-swieq li l-istituzzjoni topera fihom u tiddetermina jekk kwalunkwe pożizzjoni dominanti, jew waħedha jew fi grupp żgħir, tippreżenta riskju materjali ta' kondotta ħażina (pereżempju bħala riżultat ta' imġiba simili ta' kartell).

[32] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju tal-ICT skont il-proċess ta' Reviżjoni u Evalwazzjoni Superviżorji (SREP) (EBA/GL/2017/05).

296. Indikaturi possibbli biex jimmarkaw l-eżistenza tar-riskju ta' imġiba huma:

a. sanzjonijiet applikati mill-awtoritajiet rilevanti lill-istituzzjoni għall-prattiki ta' kondotta ħażina;

b. sanzjonijiet applikati lill-pari għall-prattiki ta' imġiba ħażina; u

c. ilmenti kontra l-istituzzjoni f'termini ta' numri u ammonti fir-riskju.

297. Madankollu, l-awtorità kompetenti għandha tapplika approċċ progressiv, u tikkunsidra wkoll l-impatt possibbli tal-iżviluppi regolatorji u l-attività tal-awtoritajiet rilevanti fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-provvista tas-servizzi finanzjarji b'mod ġenerali.

**Riskju tal-mudell**

298. Skont ir-riskju operazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw żewġ forom distinti ta' riskju tal-mudell:

a. riskju relatat mas-sottovalutazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji permezz ta' approċċi regolatorji ta' kejl avvanzat; u

b. riskju ta' telf relatat mal-iżvilupp, l-implimentazzjoni jew l-użu mhux xieraq ta' kwalunkwe mudell ieħor mill-istituzzjoni għat-teħid ta' deċiżjonijiet (eż. l-ipprezzar tal-prodotti, l-evalwazzjoni tal-istrumenti finanzjarji, il-monitoraġġ tal-limiti tar-riskju, eċċ.), meta l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu ħarsa ġenerali lejn dawn il-mudelli u jevalwaw is-sinifikat tagħhom u jivvalutaw il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-mudell adottat mill-istituzzjoni.

299. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 298, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-iskopertura tal-istituzzjoni għar-riskju tal-mudell li jirriżulta mill-użu ta' mudelli interni fl-oqsma u l-operazzjonijiet ewlenin tan-negozju, skont id-definizzjoni u r-rekwiżiti speċifikati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/959, sa fejn ikunu applikabbli. Il-valutazzjoni tar-riskju tal-mudell tista' tkun ibbażata fuq l-għarfien miksub f'azzjonijiet superviżorji oħra, inklużi dawk imwettqa f'konformità mal-Artikolu 101 tad-Direttiva 2013/36/UE.

300. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 298 l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw:

a. sa liema punt u għal liema finijiet l-istituzzjoni tuża mudelli biex tieħu deċiżjonijiet u s-sinifikat kummerċjali ta' tali deċiżjonijiet. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw in-negozju/l-attività li l-istituzzjoni tagħmel użu materjali tal-mudelli għaliha. Meta jwettqu din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jħarsu lejn l-oqsma li ġejjin, fejn l-istituzzjonijiet komunement jagħmlu użu estensiv mill-mudelli:

i. in-negozjar fi strumenti finanzjarji (inklużi l-evalwazzjoni tal-assi u l-istrateġiji tan-negozjar);

ii. kejl u ġestjoni tar-riskju; u

iii. allokazzjoni tal-kapital (inklużi l-politiki ta' self u l-ipprezzar tal-prodott).

b. il-livell ta' għarfien tal-istituzzjoni u kif timmaniġġja r-riskju tal-mudell billi tivvaluta jekk:

i. l-istituzzjoni tkunx implimentat mekkaniżmi ta' kontroll (eż. kalibrazzjoni tal-parametru tas-suq, il-validazzjoni interna jew l-ittestjar retrospettiv, l-iċċekkjar kontra ġudizzju espert, eċċ.), u jekk dan il-mekkaniżmu huwiex sod f'termini ta' metodi, frekwenza, segwitu, eċċ., u jinkludix proċess ta' approvazzjoni tal-mudell; u

ii. l-istituzzjoni tużax mudelli b'mod konservattiv (pereżempju billi żżid jew tnaqqas il-parametri rilevanti bbażati fuq id-direzzjoni tal-pożizzjonijiet, eċċ.) jekk tkun konxja tal-insuffiċjenzi tal-mudell jew l-iżviluppi tas-suq u tan-negozju.

301. Meta jwettqu valutazzjoni tar-riskju tal-mudell, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jqisu l-valutazzjoni ta' riskji oħrajn għall-kapital u r-riskji għal-likwidità u l-finanzjament, b'mod partikolari fir-rigward tal-adegwatezza tal-metodoloġiji użati għall-kejl tar-riskju, l-ipprezzar u l-evalwazzjoni tal-assi u/jew l-obbligazzjonijiet. Ir-riżultati ta' tali valutazzjoni għandhom jinfurmaw is-sejbiet dwar ir-riskju operazzjonali.

302. Għal dawk l-oqsma tan-negozju li jagħmlu użu sinifikanti ta' mudelli, l-awtorità kompetenti għandha mbagħad tivvaluta kemm jista' jkun sinifikanti l-impatt tar-riskju tal-mudell, fost l-oħrajn, permezz ta' analiżi tas-sensittività u tax-xenarju jew ittestjar tal-istress.

### 6.4.3 Valutazzjoni tar-riskju reputazzjonali

303. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju reputazzjonali li l-istituzzjoni hija esposta għalih, filwaqt li jingranaw il-fehim tagħhom tal-governanza tal-istituzzjoni, il-mudell tan-negozju tagħha, il-prodotti tagħha, il-klijentela tagħha u l-ambjent li topera fih. Tali valutazzjoni għandha tiffoka wkoll fuq il-qafas ġenerali tar-riskju reputazzjonali, filwaqt li tiżgura l-kapaċità tal-istituzzjoni li timmaniġġja u timmitiga kwalunkwe avveniment ta' reputazzjoni permezz ta' strateġiji ta' komunikazzjoni xierqa.

304. Ir-riskju tar-reputazzjoni huwa aktar rilevanti għall-istituzzjonijiet kbar, b'mod partikolari dawk b'ekwitajiet jew djun elenkati jew dawk li joperaw fi swieq interbankarji. Għaldaqstant, meta jivvalutaw ir-riskju reputazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu aktar attenzjoni lill-istituzzjonijiet li jippreżentaw dawk il-karatteristiċi.

305. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kemm fatturi interni kif ukoll dawk esterni, jew avvenimenti li jistgħu jwasslu għal tħassib dwar ir-reputazzjoni fir-rigward tal-istituzzjoni meta jitqiesu dawk tal-fatturi elenkati fil-punti a sa i li huma rilevanti għall-istituzzjoni. Għall-istituzzjonijiet tal-Kategorija 1 u tal-Kategorija 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-indikaturi kollha li ġejjin fil-valutazzjoni tagħhom tal-iskopertura tal-istituzzjoni għar-riskju reputazzjonali:

a. l-għadd ta' sanzjonijiet minn korpi uffiċjali (mhux biss dawk minn awtoritajiet kompetenti, iżda wkoll sanzjonijiet li jirriżultaw mit-taxxa jew saldi oħra);

b. investigazzjonijiet magħrufa li jkunu għaddejjin minn korpi uffiċjali fir-rigward tal-istituzzjoni jew tar-rappreżentanti tagħha, u s-sanzjonijiet imposti jew l-investigazzjonijiet magħrufa li jkunu għaddejjin jew tilwim legali relatat ma' kwistjonijiet ta' taxxa jew saldu ieħor, jew minħabba l-materjalizzazzjoni tar-riskju tal-ML/TF jew ta' ksur tal-leġiżlazzjoni tal-AML/CFT;

c. kampanji tal-midja u inizjattivi ta' assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi li jikkontribwixxu għal deterjorazzjoni fil-perċezzjoni pubblika u r-reputazzjoni tal-istituzzjoni;

d. l-għadd ta' lmenti tal-klijenti u l-bidliet fihom, jew it-telf f'daqqa tal-klijenti jew tal-investituri;

e. avvenimenti negattivi li jaffettwaw il-pari tal-istituzzjoni meta jkunu assoċjati mill-pubbliku mas-settur finanzjarju kollu jew grupp ta' istituzzjonijiet;

f. ir-reputazzjoni tal-individwi involuti fil-ġestjoni tal-istituzzjoni vvalutata f'konformità mal-Linji Gwida Konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-membri tal-korp maniġerjali u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin, u r-reputazzjoni ta' individwi b'parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti fl-istituzzjoni vvalutata f'konformità mal-Linji Gwida Konġunti tal-ASE dwar il-valutazzjoni prudenzjali tal-akkwiżizzjonijiet u ż-żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fis-settur finanzjarju[33];

g. it-trattament tagħha ta' setturi jew ġuriżdizzjonijiet li huma esposti ħafna għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu[34] jew individwi assoċjati ma' riskju għoli minn perspettiva tal-ML/TF.;

h. l-impatt fuq ir-reputazzjoni tas-sistemi u s-servizzi tal-ICT affettwati u tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà; u

[33] Il-Linji Gwida Konġunti tal-ASE dwar il-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwiżizzjonijiet u żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fis-settur finanzjarju (JC/GL/2016/01).

[34] Irreferi għal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-fatturi ta' riskju tal-ML/TF (EBA/GL/2021/02).

i. indikaturi oħra "tas-suq", jekk disponibbli (eż. twaqqigħ fil-klassifikazzjoni jew bidliet fil-prezz tas-sehem matul is-sena).

306. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw is-sinifikat tal-iskopertura tar-riskju reputazzjonali tal-istituzzjoni u kif huwa marbut mar-riskji l-oħra (jiġifieri riskji ta' kreditu, tas-suq, operazzjonali u tal-likwidità) billi jingranaw il-valutazzjonijiet tar-riskju l-oħra (inkluż minn awtoritajiet superviżorji oħra) biex jidentifikaw kwalunkwe effett sekondarju possibbli f'kull direzzjoni (minn reputazzjoni għal riskji oħra u viċi versa).

307. Fil-kuntest tal-analiżi tar-riskju operazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu r-rilevanza u s-sinifikat tal-iskoperturi tal-istituzzjoni għar-riskju tal-ML/TF minn perspettiva prudenzjali taħt l-ambitu tar-riskju operazzjonali. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw l-input rilevanti li jirċievu mis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT biex jissupplimentaw is-sejbiet tagħhom minn superviżjoni kontinwa u jevalwaw jekk jagħtux lok għal tħassib prudenzjali relatat mar-riskju tal-ML/TF.

308. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu f'moħħhom li kwalunkwe istituzzjoni tista' tkun esposta għar-riskju tal-ML/TF irrispettivament mid-daqs jew mis-solidità finanzjarja tal-istituzzjoni. Għalhekk, għandha tingħata wkoll attenzjoni suffiċjenti lill-istituzzjonijiet li huma meqjusa li huma finanzjarjament sodi u li jista' jkollhom reputazzjoni tajba minħabba li dawn l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu mmirati speċifikament għall-finijiet tal-ML/TF. Għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-istituzzjonijiet li huma ta' suċċess kbir fl-attirar ta' klijenti ġodda / fl-espansjoni tas-sehem mis-suq – speċjalment bl-użu ta' kanali ta' distribuzzjoni mhux tradizzjonali – peress li dan jista' jkun relatat ma' kontrolli dgħajfa tad-diliġenza dovuta tal-klijenti fil-fażi inizjali.

309. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu informazzjoni rilevanti dwar kwistjonijiet ta' riskju operazzjonali identifikati li jistgħu jwasslu għal riskji tal-ML/TF u tħassib bħal nuqqasijiet fis-sistema tal-IT tal-istituzzjonijiet jew fil-qafas ta' kontroll intern mas-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT.

### 6.4.4 Valutazzjoni tal-ġestjoni, il-kejl u l-kontrolli tar-riskju operazzjonali

310. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-qafas u l-arranġamenti li l-istituzzjoni għandha b'mod speċifiku biex timmaniġġja u tikkontrolla r-riskju operazzjonali bħala kategorija tar-riskju individwali. Din il-valutazzjoni għandha tqis l-eżitu tal-analiżi tal-ġestjoni tar-riskju ġenerali u l-qafas ta' kontroll intern indirizzat fit-Titolu 5, peress li dan ser jinfluwenza l-iskoperturi tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni. Fir-rigward tar-riskju tal-ML/TF, l-awtorità kompetenti għandha tqis il-valutazzjoni pprovduta mis-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT.

311. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw din ir-reviżjoni billi jikkunsidraw il-motivaturi ewlenin tar-riskju operazzjonali (jiġifieri persuni, proċessi, fatturi esterni, sistemi), li jistgħu jaġixxu wkoll bħala fatturi mitiganti, u għandhom iqisu:

a. l-istrateġija u l-aptit tal-ġestjoni għar-riskju operazzjonali;

b. il-qafas organizzazzjonali;

c. politiki u proċeduri;

d. identifikazzjoni, kejl, monitoraġġ u rapportar tar-riskju operazzjonali;

e. reżiljenza tan-negozju u pjanijiet ta' kontinwità; u

f. il-qafas ta' kontroll intern kif japplika għall-ġestjoni tar-riskju operazzjonali.

## L-istrateġija tal-ġestjoni u l-aptit għar-riskju operazzjonali

312. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tkunx iddefiniet u fformalizzat livell sod tal-istrateġija u l-aptit tal-ġestjoni għar-riskju operazzjonali, approvat mill-korp maniġerjali. Għal din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu jekk:

a. il-korp maniġerjali jesprimix b'mod ċar il-livell tal-istrateġija u tal-aptit tal-ġestjoni għar-riskju operazzjonali, kif ukoll il-proċess għar-reviżjoni tiegħu (pereżempju fil-każ ta' reviżjoni ġenerali tal-istrateġija tar-riskju, tendenza ta' telf u/jew tħassib dwar l-adegwatezza tal-kapital, eċċ.);

b. il-maniġment superjuri jimplimentax b'mod korrett u jissorveljax l-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali approvata mill-korp maniġerjali, filwaqt li jiżgura li l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju operazzjonali huma konsistenti mal-istrateġija stabbilita;

c. dawn l-istrateġiji humiex xierqa u effiċjenti fir-rigward tan-natura u l-materjalità tal-profil tar-riskju operazzjonali u jekk l-istituzzjoni tissorveljax l-effettività tagħhom tul iż-żmien u l-konsistenza tagħhom mal-livell ta' aptit għar-riskju operazzjonali;

d. l-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni tkoprix l-attivitajiet, il-proċessi u s-sistemi kollha tal-istituzzjoni – inkluż fuq bażi progressiva permezz tal-pjan strateġiku – fejn ir-riskju operazzjonali huwa jew jista' jkun sinifikanti; u

e. l-istituzzjoni għandhiex qafas xieraq fis-seħħ biex tiżgura li l-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali tkun effettivament ikkomunikata lill-persunal rilevanti.

313. Sabiex jevalwaw il-kredibbiltà ta' dawn l-istrateġiji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll jekk l-istituzzjoni tkunx allokat riżorsi suffiċjenti għall-implimentazzjoni tagħhom, u jekk id-deċiżjonijiet rilevanti li jittieħdu humiex irrispettivament minn benefiċċji tar-rekwiżiti minimi tal-fondi proprji li jistgħu jakkumulaw (b'mod partikolari għall-istituzzjonijiet li jadottaw l-approċċi BIA jew TSA biex jiddeterminaw rekwiżiti minimi tal-fondi proprji).

## Qafas organizzazzjonali għall-ġestjoni u s-sorveljanza tar-riskju operazzjonali

314. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw is-solidità u l-effettività tal-qafas organizzazzjonali rigward il-ġestjoni tar-riskju operazzjonali. F'dan ir-rigward, l-awtorità kompetenti għandha tiddetermina jekk:

a. hemmx linji ċari ta' responsabbiltà għall-identifikazzjoni, l-analiżi, il-valutazzjoni, il-mitigazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' riskju operazzjonali;

b. is-sistemi ta' kontroll u monitoraġġ tar-riskju operazzjonali humiex soġġetti għal reviżjoni indipendenti u hemmx separazzjoni ċara bejn dawk li jieħdu r-riskji u l-maniġers tar-riskju, bejn dawn u l-kontroll tar-riskju u l-funzjonijiet ta' sorveljanza tar-riskju;

c. il-funzjonijiet tal-ġestjoni, tal-kejl u tal-kontroll tar-riskju jkopru riskju operazzjonali fl-istituzzjoni kollha (inklużi fergħat) b'mod integrat, irrispettivament mill-approċċ ta' kejl adottat biex jiddeterminaw il-fondi proprji minimi, u wkoll ikoprux funzjonijiet kummerċjali esternalizzati u attivitajiet oħra; u

d. il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali huwiex strutturat b'riżorsi suffiċjenti u kwalitattivament xierqa umani u tekniċi.

## Politiki u proċeduri

315. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex politiki u proċeduri xierqa għall-ġestjoni tar-riskju operazzjonali, inkluż riskju residwu wara li jkunu ġew applikati tekniki ta' mitigazzjoni. Għal din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu jekk:

a. il-korp maniġerjali japprovax il-politiki għall-ġestjoni tar-riskju operazzjonali u jirrevedihomx b'mod regolari, b'mod konformi mal-istrateġiji tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali;

b. il-maniġment superjuri huwiex responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-proċeduri għall-ġestjoni tar-riskju operazzjonali;

c. il-politiki u l-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali jiġux ifformalizzati b'mod ċar u kkomunikati fl-istituzzjoni u humiex applikati b'mod konsistenti mal-istituzzjoni kollha, jew tal-anqas dawk il-proċessi u n-negozji l-aktar esposti għar-riskju operazzjonali;

d. il-politiki u l-proċeduri jkoprux l-elementi kollha tal-ġestjoni, il-kejl u l-kontroll tar-riskju operazzjonali inklużi, fejn rilevanti, il-ġbir tad-*data* tat-telf, metodoloġiji ta' kwantifikazzjoni, tekniki tal-mitigazzjoni (eż. poloz tal-assigurazzjoni), tekniki ta' analiżi kawżali fir-rigward ta' avvenimenti tar-riskju operazzjonali, il-limiti u t-trattament ta' eċċezzjonijiet għal dawn il-limiti;

e. l-istituzzjoni implimentat proċess ta’ approvazzjoni għal prodotti, proċessi u sistemi ġodda li jeħtieġ valutazzjoni u mitigazzjoni tar-riskji operazzjonali potenzjali mqajma mill-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta’ prodotti, proċessi u sistemi ġodda relatati;

f. politiki bħal dawn humiex adegwati għan-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni, u jippermettux fehim ċar tar-riskju operazzjonali inerenti għall-prodotti u l-attivitajiet differenti taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-istituzzjoni;

g. l-istituzzjoni tippromwovix kultura ta’ ġestjoni tar-riskju operazzjonali fl-organizzazzjoni, permezz ta’ taħriġ u billi tistabbilixxi miri għat-tnaqqis tat-telf operazzjonali.

## Identifikazzjoni, kejl, monitoraġġ u rapportar tar-riskju

316. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni jkollhiex qafas xieraq għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-kejl u l-monitoraġġ tar-riskju operazzjonali, skont id-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjoni, u jekk il-qafas huwiex konformi, tal-anqas, mar-rekwiżiti minimi tal-fondi proprji rilevanti skont il-leġiżlazzjoni rilevanti ta’ implimentazzjoni tal-UE u nazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk:

a. l-istituzzjoni tkunx implimentat proċessi u proċeduri effettivi għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni komprensiva tal-iskopertura ta’ riskju operazzjonali (eż. Awtovalutazzjonijiet ta’ Riskju u Kontroll (RCSA)) u għall-iskoperta u l-kategorizzazzjoni preċiża ta’ avvenimenti rilevanti (jiġifieri ġbir tad-*data* tat-telf, “near misses” mingħajr l-ebda impatt tat-telf jew saħansitra avvenimenti li joħolqu kisbiet mhux mistennija), inklużi każijiet konfini b’riskji oħra (eż. telf ta’ kreditu kkawżat jew miżjud minn avveniment ta’ riskju operazzjonali); f’dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw ukoll il-ħila tal-istituzzjoni li tidentifika l-motivaturi ewlenin ta’ telf operazzjonali rilevanti u jużaw din l-informazzjoni għall-finijiet tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali;

b. għall-finijiet tal-Artikolu 101 tad-Direttiva 2013/36/UE, jekk l-istituzzjoni tkun awtorizzata li tuża mudell intern biex tiddetermina rekwiżiti minimi tal-fondi proprji għal riskju operazzjonali, l-istituzzjoni tkomplix tissodisfa r-rekwiżiti minimi speċifikati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta’ implimentazzjoni tal-UE u nazzjonali u jekk tali mudell intern jinvolvix xi sottovalutazzjoni tar-riskju materjali;

c. l-istituzzjoni għandhiex sistemi ta’ informazzjoni u metodoloġiji adegwati biex jiġi kkwantifikat jew ivvalutat ir-riskju operazzjonali, li jkunu konformi, tal-anqas, mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-fondi proprji minimi rilevanti kif speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta’ implimentazzjoni tal-UE u nazzjonali rilevanti (eż. għal TSA, immappjar rilevanti ta’ entrati ta’ profitt u telf rilevanti għat-tmien linji tan-negozju regolatorji; għall-AMA, it-tul tas-serje kronoloġika, it-trattament tal-assigurazzjoni, korrelazzjoni, eċċ.);

d. l-istituzzjoni tkunx implimentat analiżi adegwata tal-ittestjar tal-istress u tax-xenarju, kif xieraq, biex tifhem l-impatt tal-avvenimenti operattivi ħżiena fuq il-profitabbiltà u l-fondi proprji tagħha, b'kunsiderazzjoni dovuta wkoll għall-falliment potenzjali tal-kontrolli interni u t-tekniki ta' mitigazzjoni; fejn rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-konsistenza ta' dawn l-analiżijiet mal-RCSA u mal-eżitu tal-analiżi bejn il-pari;

e. il-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jifhmux is-suppożizzjonijiet sottostanti s-sistema ta' kejl u jekk humiex konxji tal-grad tar-riskju tal-mudell rilevanti;

f. l-istituzzjoni ddefinietx u implimentatx monitoraġġ kontinwu u effettiv ta' skoperturi ta' riskju operazzjonali fl-istituzzjoni, inklużi attivitajiet esternalizzati u prodotti u sistemi ġodda, fost l-oħrajn, permezz ta' indikaturi speċifiċi progressivi (indikaturi tar-riskju ewlieni u indikaturi ta' kontroll ewlenin) u skattaturi rilevanti biex jipprovdu allerti effettivi ta' twissija bikrija;

g. l-istituzzjoni ddefinietx azzjonijiet adegwati biex tirrispondi għar-riskji residwi biex iżżommhom fil-limiti definiti fl-aptit għar-riskju;

h. l-istituzzjoni tkunx implimentat ir-rapportar regolari dwar skopertura għar-riskju operazzjonali, inklużi eżiti tal-ittestjar tal-istress, lill-korp maniġerjali, il-maniġment superjuri u l-maniġers ta' negozji u proċessi rilevanti kif xieraq.

317. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-ICT tal-istituzzjoni f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju tal-ICT skont l-SREP u b'kunsiderazzjoni tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni tar-riskju tal-ICT.

## Pjanijiet ta' reżiljenza u kontinwità tan-negozju

318. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex pjanijiet ta' reżiljenza u kontinwità tan-negozju komprensivi u ta' kontinwità fis-seħħ li jkopru tal-inqas funzjonijiet kritiċi u importanti, inklużi dawk li huma esternalizzati, biex jiżguraw li tkun kapaċi li topera fuq bażi kontinwa u jillimitaw it-telf fil-każ ta' tfixkil serju għan-negozju. Għal attivitajiet esternalizzati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornitur tas-servizz ikollu pjan ta' kontinwità tal-operat xieraq f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni.

319. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk l-istituzzjoni tkunx stabbiliet pjanijiet tal-kontinwità tan-negozju proporzjonati man-natura, id-daqs u l-kumplessità tal-operazzjonijiet tagħha. Tali pjanijiet għandhom iqisu t-tipi differenti ta' xenarji probabbli jew plawżibbli li l-istituzzjoni tista' tkun vulnerabbli għalihom.

320. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kwalità u l-effettività tal-proċess ta' ppjanar tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-istituzzjoni. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti

għandhom jevalwaw il-kwalità tal-aderenza tal-istituzzjoni mal-proċessi tal-Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju (BCM). Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk il-proċess ta' ppjanar tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-istituzzjoni jinkludix:

a. Analiżi tal-Impatt tan-Negozju;

b. strateġiji xierqa ta' rkupru li jinkorporaw dipendenzi interni u esterni u prijoritajiet ta' rkupru definiti b'mod ċar;

c. l-abbozzar ta' pjanijiet komprensivi u flessibbli biex jittrattaw xenarji plawżibbli;

d. l-ittestjar effettiv tad-disinn u tal-effettività operazzjonali tal-pjanijiet;

e. programmi ta' għarfien u taħriġ BCM; u

f. dokumentazzjoni u taħriġ ta' komunikazzjonijiet u ġestjoni ta' kriżijiet.

## Qafas ta' kontroll intern

321. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas ta' kontroll b'saħħtu u salvagwardji sodi biex timmitiga r-riskju operazzjonali tagħha, f'konformità mal-aptit u l-istrateġija tagħha tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk:

a. l-ambitu kopert mill-funzjonijiet ta' kontroll tal-istituzzjoni jinkludix l-entitajiet u l-postijiet ġeografiċi kollha;

b. hemmx kontrolli interni u prattiki oħra (eż. rispons għar-riskju, bħal politiki ta' imġiba, tekniki ta' trasferiment tar-riskju eċċ.) li għandhom l-għan li jimmitigaw skoperturi tar-riskju operazzjonali jew li jillimitaw impatti potenzjali, u jżommuhom f'livelli aċċettabbli għall-istituzzjoni, f'konformità mal-parametri stabbiliti mill-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri u l-livell ta' aptit għar-riskju tal-istituzzjoni; u

c. l-istituzzjoni għandhiex kontrolli u prattiki interni adatti biex ikun żgurat li l-ksur u l-eċċezzjonijiet għall-politiki, il-proċeduri u l-limiti humiex rapportati b'mod f'waqtu għal-livell xieraq ta' ġestjoni għall-azzjoni, u għall-awtoritajiet kompetenti kif meħtieġ.

322. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll il-funzjonalità tal-funzjoni tal-awditu intern. Għal dan il-għan, għandhom jiddeterminaw jekk:

a. l-istituzzjoni twettaqx awditu intern tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali fuq bażi regolari;

b. l-awditu intern ikoprix l-elementi ewlenin ta' ġestjoni, kejl u kontroll tar-riskju operazzjonali fl-istituzzjoni; u

c. tali awditi humiex effettivi fid-determinazzjoni tal-aderenza għall-politiki interni u kwalunkwe regolament estern rilevanti u l-indirizzar ta' kwalunkwe devjazzjoni minnhom.

323. Għall-istituzzjonijiet li jużaw l-AMA biex jiddeterminaw ir-rekwiżiti minimi tal-fondi proprji għar-riskju operazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll jekk il-proċess intern ta' validazzjoni tal-approċċ huwiex sod u effettiv fil-kuntestazzjoni tas-suppożizzjonijiet tal-mudell u l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe nuqqas potenzjali fir-rigward tal-immudellar, il-kwantifikazzjoni u s-sistemi tar-riskju operazzjonali u rekwiżiti minimi oħra rilevanti speċifikati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' implimentazzjoni tal-UE u nazzjonali rilevanti.

324. Irrispettivament mill-approċċ adottat mill-istituzzjoni biex tiddetermina l-fondi proprji minimi regolatorji, meta jintużaw il-mudelli għat-teħid ta' deċiżjonijiet (eż. self ta' kreditu, ipprezzar, kummerċ ta' strumenti finanzjarji, eċċ.), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk hemmx proċess intern sod ta' validazzjoni u/jew proċess ta' reviżjoni tal-mudell biex jidentifikaw u jimmitigaw ir-riskju tal-mudell.

## Ġestjoni tar-riskju reputazzjonali

325. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tkunx implimentat arranġamenti, strateġiji, proċessi u mekkaniżmi adegwati biex timmaniġġja r-riskju reputazzjonali. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk:

a. l-istituzzjoni għandhiex prattiki u proċessi formalizzati fis-seħħ għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni u l-monitoraġġ ta' dan ir-riskju, u jekk dawn il-politiki u l-proċessi jkunux proporzjonati mad-daqs tagħha u r-rilevanza tagħha fis-sistema;

b. l-istituzzjoni tindirizzax dan ir-riskju b'mod prekawzjonali, pereżempju billi tistipula limiti jew teħtieġ approvazzjoni għall-allokazzjoni ta' kapital lil pajjiżi, setturi jew persuni speċifiċi u/jew jekk il-pjanijiet ta' kontinġenza tagħha jindirizzawx il-ħtieġa li tindirizza b'mod proattiv kwistjonijiet tar-reputazzjoni fl-eventwalità ta' kriżi;

c. l-istituzzjoni twettaqx analiżi tal-ittestjar tal-istress jew tax-xenarju biex tivvaluta kwalunkwe effett sekondarji tar-riskju reputazzjonali (eż. likwidità, spejjeż ta' finanzjament, aċċess għal servizz ta' attività ta' banek korrispondenti, eċċ.);

d. l-istituzzjoni taġixxix biex tipproteġi l-marka tagħha permezz ta' kampanji ta' komunikazzjoni immedjati fejn iseħħu avvenimenti speċifiċi li jistgħu jipperikolaw ir-reputazzjoni tagħha; u

e. l-istituzzjoni tqisx l-impatt potenzjali tal-pjanijiet tal-istrateġija u tan-negozju tagħha, u b'mod aktar ġenerali tal-imġiba tagħha, fuq ir-reputazzjoni tagħha.

### 6.4.5 Sommarju tas-sejbiet u l-punteġġi

326. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni. Din il-fehma għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ ta' vijabbiltà bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 6. Jekk, abbażi tal-materjalità ta' ċerti subkategoriji tar-riskju, l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tivvalutahom u tagħtihom punteġġ individwalment, il-gwida pprovduta f'din it-tabella għandha tiġi applikata, sa fejn ikun possibbli, permezz ta' analoġija.

**Tabella 6. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għal għoti ta' punteġġ tar-riskju operazzjonali**

| Punteġġ tar-Riskju | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa |
|---|---|---|---|
| 1 | Hemm riskju baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • L-iskoperturi għar-riskji operazzjonali tal-istituzzjoni huma limitati għal ftit kategoriji ta' impatt ta' frekwenza għolja/severità baxxa.<br>• Is-sinifikat tal-iskopertura għar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni mhuwiex materjali/baxx ħafna, kif jidher mill-analiżi tax-xenarju u mqabbel mat-telf tal-pari.<br>• Il-livell ta' telf gross (qabel l-irkupri u l-inklużjoni ta' telf fuq il-portafoll ta' kreditu kkawżat minn riskju operazzjonali) esperjenzat mill-istituzzjoni f'dawn l-aħħar snin ma kienx materjali/baxx ħafna jew naqas minn livell ogħla. | • Hemm konsistenza bejn il-politika u l-istrateġija tar-riskju operazzjonali ta' istituzzjoni u l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali tagħha.<br>• Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju operazzjonali huwa robust b'responsabbiltajiet ċari u separazzjoni ċara tal-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskju u l-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll.<br>• Il-qafas tar-riskju operazzjonali jinkludi r-riskji rilevanti kollha.<br>• Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-rapportar tar-riskju operazzjonali huma xierqa.<br>• Il-qafas tal-kontroll għar-riskju operazzjonali hu b'saħħtu. |
| 2 | Hemm riskju medju-baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • L-iskoperturi għar-riskji operazzjonali tal-istituzzjoni jinsabu prinċipalment fil-kategoriji ta' impatt ta' frekwenza għolja/severità baxxa.<br>• Is-sinifikat tal-iskopertura għar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni huwa baxx għal medju, kif jidher mill-analiżi tax-xenarju u mqabbel mat-telf tal-pari.<br>• Il-livell ta' telf gross esperjenzat mill-istituzzjoni fis-snin riċenti kien baxx għal medju, jew huwa mistenni li jiżdied minn livell | |

<table>
<tr><th>Punteġġ tar-Riskju</th><th>Perspettiva superviżorja</th><th>Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti</th><th>Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta’ ġestjoni u kontrolli xierqa</th></tr>
<tr><td></td><td></td><td>storiku baxx jew jonqos minn livell storiku ogħla.</td><td></td></tr>
<tr><td>3</td><td>Hemm riskju medju għoli ta’ impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.</td><td><ul><li>L-iskoperturi għar-riskji operazzjonali tal-istituzzjoni jestendu għal xi kategoriji ta’ impatt ta’ frekwenza baxxa/severità għolja.</li><li>Is-sinifikat tal-iskopertura għar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni huwa medju għal għoli, kif jidher mill-analiżi tax-xenarju u mqabbel mat-telf tal-pari.</li><li>Il-livell ta’ telf esperjenzat mill-istituzzjoni fis-snin riċenti kien medju għal għoli, jew huwa mistenni li jiżdied minn livell storiku aktar baxx jew jonqos minn livell storiku ogħla.</li></ul></td><td rowspan="2"><ul><li>Il-konsistenza bejn il-politika u l-istrateġija tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni u l-istrateġija ġenerali tagħha u l-aptit għar-riskju ma hijiex żviluppata biżżejjed jew saħansitra inadegwata.</li><li>Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju operazzjonali ma huwiex robust biżżejjed.</li><li>Il-qafas tar-riskju operazzjonali ma jinkludix ir-riskji rilevanti kollha.</li><li>Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-rapportar tar-riskju operazzjonali huma xierqa.</li><li>Il-qafas tal-kontroll għar-riskju operazzjonali huwa dgħajjef.</li></ul></td></tr>
<tr><td>4</td><td>Hemm riskju għoli ta’ impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.</td><td><ul><li>L-iskoperturi għar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni jestendu għall-kategoriji ewlenin kollha.</li><li>Is-sinifikat tal-iskopertura għar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni huwa għoli u qed jiżdied, kif jidher mill-analiżi tax-xenarju u mqabbel mat-telf tal-pari.</li><li>Il-livell tat-telf gross esperjenzat mill-istituzzjoni matul l-aħħar ftit snin kien għoli, jew ir-riskju żdied b’mod sinifikanti.</li></ul></td></tr>
</table>

## 6.5 Valutazzjoni tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax minn attivitajiet tal-portafoll mhux tan-negozjar

### 6.5.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

327. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju tar-rata tal-imgħax li jinħoloq minn pożizzjonijiet sensittivi għar-rata tal-imgħax minn attivitajiet mhux tan-negozjar fuq il-karta tal-bilanċ u barra minnha (komunement imsejjaħ riskju tar-rata tal-imgħax fil-portafoll mhux tan-negozjar, jew IRRBB), inklużi ħeġġijiet għal dawn il-pożizzjonijiet, irrispettivament mir-

rikonoxximent u l-kejl tagħhom, u irrispettivament mir-rikonoxximent u l-kejl tat-telf u l-qligħ, għal finijiet ta' kontabbiltà.

328. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ir-rilevanza u l-materjalità ta' mill-inqas is-subkategoriji li ġejjin meta jivvalutaw l-IRRBB:

a. Riskju ta' sparigg – riskju li jirriżulta mill-istruttura tat-terminu ta' strumenti sensittivi għar-rata tal-imgħax li jirriżulta minn differenzi fil-ħin tal-bidliet tar-rata tagħhom, li jkopri bidliet għall-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax li jseħħu b'mod konsistenti fil-kurva tar-rendiment kollha (riskju parallel) jew b'mod differenti skont il-perjodu (riskju mhux parallel).

b. Riskju bażiku – riskju li jirriżulta mill-impatt ta' bidliet relattivi fir-rati tal-imgħax fuq l-istrumenti sensittivi għar-rata tal-imgħax li għandhom maturità simili iżda huma pprezzati bl-użu ta' indiċi tar-rata tal-imgħax differenti. Dan jirriżulta mill-korrelazzjoni imperfetta fl-aġġustament tar-rati miksuba u mħallsa fuq strumenti sensittivi għar-rata tal-imgħax differenti b'karatteristiċi oħra simili tal-bidla fir-rata.

c. Riskju ta' għażla – riskju li jirriżulta minn għażliet (integrati u espliċiti), fejn l-istituzzjoni jew il-klijenti tagħha jistgħu jibdlu l-livell u l-ħin tal-flussi tal-flus tagħhom, jiġifieri r-riskju li jirriżulta minn strumenti sensittivi għar-rata tal-imgħax fejn id-detenturi se jeżerċitaw l-għażla kważi ċertament jekk dan ikun fl-interess finanzjarju tagħhom li jagħmlu dan (għażliet awtomatiċi integrati jew espliċiti) u r-riskju li jirriżulta mill-flessibbiltà integrata b'mod impliċitu jew fi ħdan it-termini tal-istrumenti sensittivi għar-rata tal-imgħax, sal-punt li l-bidliet fir-rati tal-imgħax jistgħu jaffettwaw bidla fl-imġiba tal-klijent (riskju ta' għażla fl-imġiba integrat).

329. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu jekk il-gwida stabbilita fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-IRRBB[35] hijiex implimentata b'mod prudenti mill-istituzzjoni. Dan japplika b'mod partikolari għall-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju tar-rata tal-imgħax interna tal-istituzzjoni.

330. Il-valutazzjoni tal-IRRBB għandha tkun differenzjata mill-valutazzjoni tar-riskju tal-firxa tal-kreditu li jinħoloq minn pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar (komunement imsejjaħ is-CSRBB) li l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu wkoll. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu jekk is-sistemi interni tal-istituzzjonijiet jivvalutawx u jimmonitorjawx b'mod adegwat ir-riskju mis-CSRBB minn perspettiva tal-valur ekonomiku u tal-introjtu nett mill-imgħax[36].

[35] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni tar-riskju tar-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet li ma humiex parti mill-portafoll tan-negozjar (EBA/GL/2018/02)

[36] Aktar gwida dwar il-qafas tas-CSRBB se tiġi pprovduta fil-linji gwida riveduti tal-EBA li se jiġu żviluppati fl-implimentazzjoni tal-mandat previst mill-Artikolu 84 tad-Direttiva 2013/36/UE.

### 6.5.2 Valutazzjoni tal-IRRBB inerenti

331. Permezz tal-valutazzjoni tal-livell inerenti tal-IRRBB, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-motivaturi ewlenin tal-iskopertura IRRBB tal-istituzzjoni u jevalwaw l-impatt prudenzjali potenzjali ta' dan ir-riskju fuq l-istituzzjoni. Il-valutazzjoni tal-IRRBB inerenti għandha tkun strutturata madwar il-passi ewlenin li ġejjin:

a. valutazzjoni preliminari;

b. valutazzjoni tan-natura u l-kompożizzjoni tal-profil tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tal-istituzzjoni; u

c. valutazzjoni tal-eżitu tat-testijiet ta' iżolament superviżorji u tat-testijiet tal-istress superviżorji, kif ukoll ix-xenarji ta' xokkijiet fir-rata tal-imgħax u x-xenarji ta' stress fir-rata tal-imgħax tal-istituzzjoni.

#### Valutazzjoni preliminari

332. Sabiex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni IRRBB, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jidentifikaw is-sorsi ta' IRRBB li l-istituzzjoni hi jew tista' tkun esposta għalihom. Sabiex jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingranaw l-għarfien miksub mill-informazzjoni ICAAP u ILAAP miġbura għall-finijiet tal-SREP, mir-rapportar stabbilit fir-rigward tal-IRRBB, mill-valutazzjoni ta' elementi SREP oħrajn, mill-paragun tal-pożizzjoni tal-istituzzjoni ma' dik tal-pari tagħha u minn kwalunkwe attività superviżorja oħra.

333. Tal-anqas, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw:

a. il-governanza tal-istituzzjoni tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax, inkluża l-istrateġija IRRBB prinċipali u l-aptit għar-riskju tagħha fir-rigward tal-IRRBB;

b. l-impatt tat-testijiet superviżorji tal-valur atipiku stipulati fl-Artikolu 98(5) tad-Direttiva 2013/36/UE, u speċifikati aktar permezz tar-regolament delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 98(5a) ta' dik id-Direttiva;

c. l-impatt fuq l-introjtu nett mill-imgħax u fuq il-valur ekonomiku minn bidla fir-rati tal-imgħax skont il-metodoloġija użata mill-istituzzjoni, jew abbażi tal-metodoloġija standardizzata (simplifikata) jew abbażi ta' sistemi interni speċifikati aktar permezz tar-regolament delegat adottat u l-linji gwida tal-EBA adottati f'konformità mal-Artikolu 84(5) u (6) tad-Direttiva 2013/36/UE; u

d. il-kapital intern – fejn rilevanti – allokat lill-IRRBB, kemm fit-total kif ukoll bħala proporzjon tal-kapital intern totali tal-istituzzjoni skont l-ICAAP tagħha, inklużi t-tendenza u l-previżjonijiet storiċi.

334. Fil-valutazzjoni preliminari tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll bidliet sinifikanti fl-iskoperturi tal-istituzzjoni għall-IRRBB. Tal-anqas, dawn għandhom jivvalutaw l-aspetti li ġejjin:

a. bidliet sinifikanti fid-daqsijiet tal-istrateġija, tal-aptit għar-riskju, tal-politika jew tal-limitu ġenerali tal-IRRBB tal-istituzzjoni;

b. l-impatt potenzjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' dawk il-bidliet;

c. il-bidliet ewlenin fl-immudellar, l-imġiba tal-klijenti jew l-użu tad-derivattivi tar-rata tal-imgħax tal-istituzzjoni; u

d. it-tendenzi ewlenin tas-suq.

## Natura u kompożizzjoni tal-profil tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tal-istituzzjoni

335. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jifformaw opinjoni ċara dwar kif il-bidliet fir-rati tal-imgħax jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-introjtu tal-imgħax nett (u, fejn rilevanti, il-qligħ tagħha) u l-valur ekonomiku tal-istituzzjoni (il-valur preżenti tal-flussi tal-flus mistennija) sabiex jiksbu opinjoni kemm għal żmien qasir kif ukoll fit-tul fuq it-theddida possibbli għall-adegwatezza tal-kapital.

336. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom janalizzaw u jifformaw opinjoni ċara dwar l-istruttura tal-assi, l-obbligazzjonijiet u, fejn disponibbli, l-iskoperturi barra mill-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni. B'mod partikolari:

a. il-pożizzjonijiet differenti fil-portafoll mhux tan-negozjar, il-maturitajiet jew id-dati tal-ipprezzar mill-ġdid u s-suppożizzjonijiet ta' mġiba tagħhom (pereżempju suppożizzjonijiet dwar il-prodotti b'maturità inċerta) fir-rigward ta' dawn il-pożizzjonijiet;

b. il-flussi tal-flus tal-imgħax tal-istituzzjoni;

c. il-proporzjon tal-prodotti b'maturità inċerta, u prodotti b'għażliet espliċiti u/jew integrati, b'attenzjoni partikolari għall-prodotti b'opzjonalità integrata tal-klijenti; u

d. l-istrateġija ta' lqugħ tal-istituzzjoni u l-ammont u l-użu ta' derivattivi għal finijiet ta' lqugħ.

337. Sabiex jiddeterminaw aħjar il-kumplessità u l-profil tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jifhmu wkoll il-karatteristiċi ewlenin tal-assi, l-obbligazzjonijiet u l-iskoperturi li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni, b'mod partikolari:

a. portafoll tas-self (pereżempju volum ta' self mingħajr maturità, volum ta' self b'għażliet ta' qabel il-ħlas, volum ta' self b'rata tal-imgħax flessibbli b'limiti massimi u minimi, sehem ta' kuntratti ta' self b'rata tal-imgħax flessibbli li jipprevjenu pprezzar mill-ġdid b'rata negattiva, eċċ.);

b. portafoll tal-bonds (pereżempju volum ta' investimenti b'għażliet, konċentrazzjonijiet possibbli);

c. skoperturi improduttivi;

d. kontijiet ta' depożitu (pereżempju sensittività fir-rata tal-bażi ta' depożitu tal-istituzzjoni għal bidliet fir-rati tal-imgħax inklużi depożiti ewlenin, konċentrazzjonijiet possibbli);

e. derivattivi (eż. kumplessità tad-derivattivi, kunsiderazzjonijiet relatati mal-għażliet tar-rata tal-imgħax mibjugħa jew mixtrija, impatt tad-derivattivi fuq id-durata tal-pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar); u

f. in-natura tal-IRRBB integrat fi strumenti ta' valur ġust, inklużi strumenti inqas likwidi bħall-assi u l-obbligazzjonijiet tal-Livell 3.

338. Meta janalizzaw l-impatt fuq il-qligħ tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw is-sorsi differenti ta' introjtu u infiq tal-istituzzjoni u l-importanza relattiva tagħhom għad-dħul totali. Dawn għandhom ikunu konxji ta' kemm ir-redditi tal-istituzzjoni jiddependu fuq il-pożizzjonijiet sensittivi għar-rata tal-imgħax, u dawn għandhom jiddeterminaw kif il-bidliet differenti fir-rati tal-imgħax jaffettwaw l-introjtu mill-imgħax nett tal-istituzzjoni, kif ukoll l-effetti tal-bidliet fil-valur tas-suq tal-istrumenti – skont trattament kontabilistiku – jew murija fil-kont tal-qligħ u t-telf (P&L) jew direttament f'ekwità (pereżempju permezz ta' introjtu ieħor komprensiv).

339. Meta janalizzaw l-impatt fuq il-valur ekonomiku u l-qligħ tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jikkunsidraw ir-riżultati tat-testijiet superviżorji ta' valur atipiku stipulati fl-Artikolu 98(5) tad-Direttiva 2013/36/UE, u speċifikati aktar fir-regolament delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 98(5a) ta' dik id-Direttiva, sabiex jiksbu punt ta' riferiment inizjali biex iqabblu miegħu kif il-bidliet fir-rata tal-imgħax jaffettwaw lill-istituzzjoni. Meta jwettqu din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lis-sensittività tal-flussi tal-flus għall-ipprezzar mill-ġdid, kemm f'termini ta' ħin kif ukoll ta' ammont, għall-bidliet fis-suppożizzjonijiet ewlenin sottostanti (b'mod partikolari għall-kontijiet tal-klijenti mingħajr dati speċifiċi ta' pprezzar mill-ġdid, kontijiet tal-klijenti b'opzjonalità tal-klijenti integrata u/jew tal-kapital ta' ekwità).

340. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippruvaw jifhmu l-impatt ta' dawk is-suppożizzjonijiet u mbagħad jiżolaw il-valur ekonomiku u r-riskji tal-qligħ li jirriżultaw minn aġġustamenti fl-imġiba tal-istituzzjoni.

341. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni lis-sensittività tal-flussi tal-flus għat-tibdil fil-valwazzjoni ta' strumenti ta' valur ġust fil-portafoll mhux tan-negozjar, inklużi d-derivattivi tar-rata tal-imgħax użati għall-iħħeġġjar ta' strumenti tal-portafoll mhux tan-negozjar (eż. l-impatt tat-tibdil tal-valwazzjoni skont is-suq fl-istrumenti ta' valur ġust fuq il-P&L, l-effettività tal-kont tal-ilqugħ).

342. Minbarra l-użu tat-test superviżorju ta' valur atipiku stipulat fl-Artikolu 98(5) tad-Direttiva 2013/36/UE, u speċifikat aktar fir-regolament delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 98(5a) ta' dik id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu lill-istituzzjonijiet iqisu xenarji oħra ta' xokk tar-rata tal-imgħax.

343. Fil-valutazzjoni kwantitattiva tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll ir-riżultati tal-metodoloġiji interni jew standardizzati tal-istituzzjoni għall-kejl tal-IRRBB, fejn ikun xieraq. Permezz tal-analiżi ta' dawn il-metodoloġiji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu fehim aktar fil-fond tal-fatturi tar-riskju ewlenin sottostanti l-profil tal-IRRBB tal-istituzzjoni.

344. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk dawk l-istituzzjonijiet li joperaw b'muniti differenti jwettqux analiżi tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax f'kull munita li għandhom pożizzjoni sinifikanti fiha. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll l-approċċi li dawn l-istituzzjonijiet jużaw bl-għan li jaggregaw ir-riżultati tal-valur ekonomiku u tal-miżuri ta' qligħ f'muniti individwali.

345. Meta janalizzaw ir-riżultati kemm tal-impatt tat-testijiet ta' iżolament superviżorji kif ukoll tal-metodoloġiji interni jew standardizzati tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw figuri "f'dak il-mument" kif ukoll tendenzi storiċi. Dawn ir-rati għandhom jitqabblu mal-pari u għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest tas-sitwazzjoni tas-suq dinji.

## Xenarji tax-xokk u ttestjar tal-istress

346. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jqisu r-riżultati tax-xenarji tax-xokk fir-rata tal-imgħax u tat-testijiet tal-istress (flimkien ma' dawk tat-testijiet ta' iżolament superviżorji) imwettqa mill-istituzzjoni bħala parti mill-proċess kontinwu tagħha ta' ġestjoni interna. F'dak il-kuntest, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu konxji tas-sorsi ewlenin tal-IRRBB għall-istituzzjoni.

347. Jekk, meta l-eżitu tax-xenarji tax-xokk u tat-testijiet tal-istress tal-istituzzjoni jiġi rivedut, jinkixfu jew ikun hemm suspett ta' akkumulazzjonijiet partikolari ta' pprezzar mill-ġdid/maturità f'punti differenti fuq il-kurva, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu jwettqu analiżijiet addizzjonali.

### 6.5.3 Valutazzjoni tal-ġestjoni u tal-kontrolli tal-IRRBB (kemm il-funzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju u ta' konformità, kif ukoll il-funzjoni tal-kontroll tal-awditu intern)

348. Sabiex jiksbu fehim komprensiv tal-profil tar-riskju fir-rata tal-imgħax tal-istituzzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-governanza u l-qafas sottostanti l-iskoperturi tar-rata tal-imgħax tagħha.

349. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-elementi li ġejjin:

a. Strateġija u aptit tal-IRRBB (bħala elementi distinti jew bħala parti minn strateġija u aptit għar-riskju usa' tas-suq);

b. qafas u responsabbiltajiet organizzazzjonali;

c. politiki u proċeduri;

d. identifikazzjoni, kejl tar-riskju inklużi mudelli interni, monitoraġġ u rapportar; u

e. qafas ta' kontroll intern.

#### Strateġija u aptit IRRBB

350. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex strateġija IRRBB soda, ifformulata b'mod ċar u ddokumentata, approvata mill-korp maniġerjali. Għal din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu:

a. jekk il-korp maniġerjali jesprimix b'mod ċar l-istrateġija u l-aptit IRRBB u l-proċess għar-reviżjoni tiegħu (pereżempju fil-każ ta' reviżjoni ġenerali tal-istrateġija tar-riskju, jew tħassib dwar il-profitabbiltà jew l-adegwatezza tal-kapital), u jekk il-maniġment superjuri jimplimentax b'mod xieraq l-istrateġija IRRBB approvata mill-korp maniġerjali, filwaqt li jiżgura li l-attivitajiet tal-istituzzjoni huma konsistenti mal-istrateġija stabbilita, li jitfasslu u jiġu implimentati proċeduri bil-miktub, u r-responsabbiltajiet jiġu assenjati b'mod ċar u kif suppost;

b. jekk l-istrateġija IRRBB tal-istituzzjoni tirriflettix kif xieraq l-aptit tal-istituzzjoni għall-IRRBB u jekk hijiex konsistenti mal-aptit għar-riskju ġenerali;

c. jekk l-istrateġija u l-aptit IRRBB tal-istituzzjoni humiex xierqa għall-istituzzjoni b'kunsiderazzjoni ta':

- il-mudell kummerċjali tagħha;
- l-istrateġija u l-aptit tagħha għar-riskju ġenerali;
- l-ambjent tas-suq u r-rwol tagħha fis-sistema finanzjarja; u
- l-adegwatezza tal-kapital tagħha;

d. jekk l-istrateġija IRRBB tal-istituzzjoni tkoprix b'mod wiesa' l-attivitajiet kollha tal-istituzzjoni fejn l-IRRBB huwa sinifikanti;

e. jekk l-istrateġija IRRBB tal-istituzzjoni tqisx l-aspetti ċikliċi tal-ekonomija u l-bidliet li jirriżultaw fil-kompożizzjoni tal-attivitajiet IRRBB; u

f. jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas xieraq fis-seħħ biex tiżgura li l-istrateġija IRRBB tkun effettivament ikkomunikata lill-persunal rilevanti.

## Qafas u responsabbiltajiet organizzattivi

351. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas organizzattiv xieraq u responsabbiltajiet assenjati b'mod ċar għall-funzjonijiet ta' ġestjoni, kejl, monitoraġġ u kontroll tal-IRRBB, b'riżorsi umani u tekniċi xierqa. Dawn għandhom iqisu jekk:

a. hemmx linji ċari ta' responsabbiltà għall-ġestjoni ġenerali tal-IRRBB, u għat-teħid, monitoraġġ, kontroll u rapportar tal-IRRBB;

b. iż-żona ta' ġestjoni u kontroll tal-IRRBB hijiex soġġetta għal reviżjoni indipendenti u hijiex identifikata b'mod ċar fl-organizzazzjoni u funzjonalment u ġerarkikament indipendenti mill-qasam tan-negozju; u

c. il-persunal li jindirizza r-riskju fir-rata tal-imgħax (kemm fil-qasam tan-negozju kif ukoll fl-oqsma tal-ġestjoni u tal-kontroll) għandux ħiliet u esperjenza xierqa.

## Politiki u proċeduri

352. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex politiki u proċeduri definiti b'mod ċar għall-ġestjoni tal-IRRBB li huma konsistenti mal-istrateġija u l-aptit IRRBB tagħha. Dawn għandhom iqisu jekk:

a. il-korp maniġerjali japprovax il-politiki għall-ġestjoni, il-kejl u l-kontroll tal-IRRBB u jiddiskutihomx u jirrevedihomx b'mod regolari f'konformità mal-istrateġiji tar-riskju;

b. il-maniġment superjuri huwiex responsabbli għall-iżvilupp tagħhom u biex jiżgura implimentazzjoni adegwata tad-deċiżjonijiet tal-korp maniġerjali;

c. Il-politiki IRRBB humiex konformi mar-regolamenti rilevanti u humiex adegwati għan-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni, li jippermettu fehim ċar tal-IRRBB inerenti;

d. il-politiki bħal dawn humiex ifformalizzati b'mod ċar, ikkomunikati u applikati b'mod konsistenti fl-istituzzjoni kollha;

e. dawn il-politiki humiex applikati b'mod konsistenti fil-gruppi bankarji kollha u jippermettux ġestjoni xierqa tal-IRRBB;

f. Il-politiki IRRBB jiddefinixxux il-proċeduri għall-iżvilupp tal-prodott ġdid, l-inizjattivi ewlenin tal-iħħeġġjar jew tal-ġestjoni tar-riskju u jekk tali politiki jkunux ġew approvati mill-korp maniġerjali jew mill-kumitat delegat xieraq tiegħu. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li:

- prodotti ġodda u inizjattivi ġodda ewlenin tal-iħħeġġjar u tal-ġestjoni tar-riskju jkunu soġġetti għall-proċeduri u l-kontrolli adegwati qabel jiġu introdotti jew imwettqa; u
- l-istituzzjoni tkun wettqet analiżi tal-impatt possibbli tagħhom fil-profil tar-riskju globali tagħha.

## Identifikazzjoni, kejl tar-riskju inklużi mudelli interni, monitoraġġ u rapportar

353. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas xieraq għall-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni u l-immitigar tal-IRRBB, b'mod konformi mal-livell, il-kumplessità u r-riskju tal-pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar u d-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjoni. Il-valutazzjoni għandha tinkludi mudelli interni, bħal dawk relatati mal-imġiba tal-klijenti (pereżempju mudelli tal-istabbiltà tad-depożiti u ripagament bikri tas-self). Dawn għandhom jikkunsidraw dan li ġej.

a. Jekk is-sistemi ta' informazzjoni u t-tekniki ta' kejl jippermettux lill-maniġment ikejjel l-IRRBB inerenti fl-iskoperturi materjali kollha tiegħu li jidhru u li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali (fejn rilevanti f'livell ta' grupp), inkluż iħħeġġjar intern, fil-portafoll tal-ktieb mhux tan-negozjar.

b. Jekk l-istituzzjoni għandhiex persunal u metodoloġiji adegwati biex tkejjel l-IRRBB (f'konformità mar-rekwiżiti tal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-IRRBB), b'kunsiderazzjoni għad-daqs, il-forma u l-kumplessità tal-iskopertura tagħhom tar-riskju fir-rata tal-imgħax.

c. Jekk is-sistemi interni implimentati mill-istituzzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-IRRBB fil-kuntest tal-Artikolu 84(3) tad-Direttiva 2013/36/UE humiex sodisfaċenti, filwaqt li jitqiesu wkoll il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-IRRBB.

d. Jekk is-suppożizzjonijiet sottostanti l-mudelli u l-metodoloġiji interni jqisux il-gwida stabbilita mil-linji gwida tal-EBA dwar l-IRRBB. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk is-suppożizzjonijiet tal-istituzzjoni għal pożizzjonijiet mingħajr maturità kuntrattwali u għażliet tal-klijenti integrati humiex prudenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll jekk l-istituzzjonijiet jinkludux l-ekwità fil-kalkolu tal-valur ekonomiku u, jekk jagħmlu dan, janalizzawx l-impatt tat-tneħħija tal-ekwità minn dak il-kalkolu.

e. Jekk is-sistemi ta' kejl tar-riskju tal-istituzzjoni jqisux il-forom materjali kollha tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li l-istituzzjoni tkun esposta għalihom (eż. riskju ta' sparigġ, riskju bażiku u riskju tal-għażla). Jekk xi strumenti u/jew fatturi jiġu esklużi mis-sistemi tal-ġestjoni tar-riskju, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jispjegaw ir-raġuni lis-superviżuri u jikkwantifikaw il-materjalità tal-esklużjonijiet.

f. Jekk il-mudelli interni tal-istituzzjoni użati għall-kejl tal-IRRBB ikunux ġew żviluppati kif xieraq, ivvalidati indipendentement (inkluż jekk ikunux ġew ivvalutati bir-reqqa kwalunkwe opinjoni ta' esperti u ġudizzju użati fil-mudelli interni), ittestjati b'mod retrospettiv (sa fejn ikun possibbli), u jekk ikunux riveduti b'mod regolari.

g. Il-kwalità, id-dettall u l-puntwalità tal-informazzjoni pprovduta mis-sistemi ta' informazzjoni u jekk is-sistemi humiex kapaċi jaggregaw il-figuri tar-riskju għall-portafolli, l-attivitajiet u l-entitajiet kollha inklużi fil-perimetru ta' konsolidazzjoni. Is-sistemi ta' informazzjoni għandhom jikkonformaw mal-gwida stabbilita mil-linji gwida tal-EBA dwar l-IRRBB.

h. L-integrità u l-puntwalità tad-*data* li talimenta l-proċess tal-kejl tar-riskju, li għandha tkun konformi wkoll mal-gwida stabbilita mil-linji gwida tal-EBA dwar l-IRRBB.

i. Jekk is-sistemi ta' kejl tar-riskju tal-istituzzjoni humiex kapaċi jidentifikaw konċentrazzjonijiet possibbli IRRBB (pereżempju f'ċerti taqsimiet tal-ħin).

j. Jekk il-maniġers tar-riskju u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jifhmux is-suppożizzjonijiet sottostanti s-sistemi ta' kejl, speċjalment fir-rigward tal-pożizzjonijiet b'maturità kuntrattwali inċerta u dawk b'għażliet impliċiti jew espliċiti, kif ukoll is-suppożizzjonijiet tal-istituzzjoni fir-rigward tal-kapital tal-ekwità.

k. Jekk il-maniġers tar-riskju u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni humiex konxji tal-livell tar-riskju tal-mudell li jipprevali fit-tekniki ta' kejl tar-riskju tal-istituzzjoni.

l. Jekk l-użu tad-derivattivi tar-rata tal-imgħax huwiex konformi mal-istrateġija tar-riskju IRRBB u jekk dawk l-attivitajiet jitwettqux fi ħdan il-qafas tal-aptit għar-riskju u b'arranġamenti xierqa ta' governanza interna fis-seħħ.

354. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tkunx implimentat xenarji adegwati tal-ittestjar tal-istress li jikkumplimentaw is-sistema ta' kejl tar-riskju tagħha. Fil-valutazzjoni tagħhom, dawn għandhom jevalwaw il-konformità mal-gwida rilevanti stabbilita fil-linji gwida tal-EBA maħruġa skont l-Artikolu 98(5) tad-Direttiva 2013/36/UE.

355. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas xieraq ta' monitoraġġ u ta' rapportar intern għall-IRRBB li jiżgura li jkun hemm azzjoni immedjata fil-livell xieraq tal-maniġment superjuri jew tal-korp maniġerjali tal-istituzzjoni, fejn meħtieġ. Is-

sistema ta’ monitoraġġ għandha tinkludi indikaturi speċifiċi u skattaturi rilevanti biex tipprovdi allerti effettivi ta’ twissija bikrija. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu jekk il-qasam tal-ġestjoni u l-kontroll jirrapportax b’mod regolari (il-frekwenza tiddependi fuq l-iskala, il-kumplessità u l-livell tar-riskju tal-iskoperturi IRRBB) lill-korp maniġerjali u lill-maniġment superjuri tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

a. ħarsa ġenerali lejn l-iskoperturi IRRBB attwali, ir-riżultati tal-P&L u l-kalkolu tar-riskju, u l-motivaturi tal-livell u d-direzzjoni tal-IRRBB;

b. ksur sinifikanti ta’ limiti tal-IRRBB;

c. tibdil fis-suppożizzjonijiet jew il-parametri ewlenin li huma bbażati fuqhom il-proċeduri għall-valutazzjoni tal-IRRBB;

d. tibdil fil-pożizzjoni tad-derivattivi tar-rata tal-imgħax u jekk dawn humiex relatati ma’ tibdil fl-istrateġija tal-iħħeġġjar sottostanti.

e. informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-mudelli użati.

## Qafas ta’ kontroll intern

356. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas ta’ kontroll komprensiv u b’saħħtu u salvagwardji sodi biex timmitiga l-iskoperturi tagħha għall-IRRBB b’mod konformi mal-istrateġija ta’ ġestjoni tar-riskju u l-aptit għar-riskju tagħha. Dawn għandhom iqisu:

a. jekk il-kamp ta’ applikazzjoni tal-funzjoni ta’ kontroll tal-istituzzjoni jinkludix l-entitajiet ikkonsolidati kollha, il-postijiet ġeografiċi kollha u l-attivitajiet finanzjarji kollha;

b. jekk hemmx kontrolli interni, limiti operattivi u prattiki oħra li għandhom l-għan li jżommu l-iskoperturi tal-IRRBB f’livelli aċċettabbli għall-istituzzjoni jew taħthom, skont il-parametri stabbiliti mill-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni; u

c. jekk l-istituzzjoni għandhiex kontrolli u prattiki interni adatti biex tiżgura li l-ksur u l-eċċezzjonijiet tal-politiki, proċeduri u limiti huma rrapportati fil-ħin għal-livell xieraq ta’ ġestjoni għall-azzjoni.

357. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw is-sistema tal-limiti, inkluż jekk:

a. hijiex konsistenti mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni;

b. hijiex adegwata għall-kumplessità tal-organizzazzjoni u l-iskoperturi tal-IRRBB tal-istituzzjoni, u għall-kapaċità tagħha li tkejjel u timmaniġġja dan ir-riskju;

c. tindirizzax l-impatt potenzjali tal-bidliet fir-rati tal-imgħax fuq il-qligħ u l-valur ekonomiku tal-istituzzjoni (minn perspettiva ta' qligħ, il-limiti għandhom jispeċifikaw livelli aċċettabbli ta' volatilità għal qligħ f'xenarji speċifiċi tar-rata tal-imgħax; il-forma ta' limiti għall-indirizzar tal-effett tar-rati fuq il-valur ekonomiku tal-istituzzjoni għandha tkun xierqa għad-daqs u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni u l-pożizzjonijiet sottostanti);

d. il-limiti stabbiliti humiex assoluti jew jekk ksur ta' termini huwiex possibbli (fl-aħħar każ, il-politiki tal-istituzzjoni għandhom jistabbilixxu b'mod ċar il-perjodu ta' żmien u ċ-ċirkostanzi speċifiċi skont liema dan il-ksur tat-termini huwa possibbli; l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu informazzjoni dwar il-miżuri li jiżguraw li l-limiti jkunu osservati); u

e. jekk l-istituzzjoni għandhiex proċeduri adegwati biex tirrevedi l-limiti tagħha b'mod regolari.

358. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-funzjonalità tal-funzjoni tal-awditu intern. Għal dan il-għan, dawn għandhom jivvalutaw jekk:

a. l-istituzzjoni twettaqx awditu intern tal-qafas ta' ġestjoni tal-IRRBB fuq bażi regolari;

b. l-awditu intern ikoprix l-elementi ewlenin tal-ġestjoni, il-kejl u l-kontroll tal-IRRBB fl-istituzzjoni kollha; u

c. il-funzjoni tal-awditu intern hijiex effettiva fid-determinazzjoni tal-aderenza għall-politiki interni u r-regolamenti esterni rilevanti u l-indirizzar ta' kwalunkwe devjazzjoni.

### 6.5.4 Sommarju tas-sejbiet u l-punteġġi

359. Wara l-valutazzjonijiet ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar l-IRRBB tal-istituzzjoni. Din il-fehma għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ ibbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 7. Jekk, abbażi tal-materjalità ta' ċerti subkategoriji tar-riskju, l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tivvalutahom u tagħtihom punteġġ individwalment, il-gwida pprovduta f'din it-tabella għandha tiġi applikata, sa fejn ikun possibbli, permezz ta' analoġija.

**Tabella 7. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ lill-IRRBB**

| Punteġġ tar-Riskju | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa |
|---|---|---|---|
| 1 | Hemm riskju baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l- | • Is-sensittività tal-valur ekonomiku għall-bidliet fir-rati | • Hemm konsistenza bejn il-politika u l-istrateġija tar- |

| Punteġġ tar-Riskju | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa |
|---|---|---|---|
| | istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | tal-imgħax mhijiex materjali/baxxa ħafna.<br>• Is-sensittività tal-qligħ għall-bidliet fir-rati tal-imgħax mhijiex materjali/baxxa ħafna.<br>• Is-sensittività tal-valur ekonomiku u l-qligħ għal bidliet fis-suppożizzjonijiet sottostanti (pereżempju fil-każ ta' prodotti b'opzjonalità integrata tal-klijent) mhijiex materjali/baxxa ħafna. | riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tal-istituzzjoni u l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali tagħha.<br>• Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju tar-rata tal-imgħax huwa robust b'responsabbiltajiet ċari u separazzjoni ċara tal-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskju u l-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll.<br>• Is-sistemi ta' kejl, monitoraġġ u rapportar tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax huma xierqa.<br>• Il-limiti interni u l-qafas ta' kontroll għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax huma sodi u konformi mal-istrateġija tar-riskju u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni. |
| 2 | Hemm riskju medju-baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • Is-sensittività tal-valur ekonomiku għall-bidliet fir-rati tal-imgħax hija baxxa għal medja.<br>• Is-sensittività tal-qligħ għall-bidliet fir-rati tal-imgħax hija baxxa għal medja.<br>• Is-sensittività tal-valur ekonomiku u l-qligħ għal bidliet fis-suppożizzjonijiet sottostanti (pereżempju fil-każ ta' prodotti b'opzjonalità integrata tal-klijent) hija baxxa għal medja. | |
| 3 | Hemm riskju medju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • Is-sensittività tal-valur ekonomiku għall-bidliet fir-rati tal-imgħax hija medja għal għolja.<br>• Is-sensittività tal-qligħ għall-bidliet fir-rati tal-imgħax hija medja għal għolja.<br>• Is-sensittività tal-valur ekonomiku u l-qligħ għal bidliet fis-suppożizzjonijiet sottostanti (pereżempju fil-każ ta' prodotti b'opzjonalità integrata tal-klijent) hija medja għal għolja. | • Hemm konsistenza bejn il-politika u l-istrateġija tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tal-istituzzjoni u l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali tagħha.<br>• Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju tar-rata tal-imgħax ma jisseparax b'mod suffiċjenti r-responsabbiltajiet u l-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskji u l-funzjonijiet ta' ġestjoni u ta' kontroll.<br>• Is-sistemi ta' kejl, monitoraġġ u rapportar |
| 4 | Hemm riskju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar- | • Is-sensittività tal-valur ekonomiku għall-bidliet fir-rati tal-imgħax hija għolja. | |

| Punteġġ tar-Riskju | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta’ ġestjoni u kontrolli xierqa |
|---|---|---|---|
| | riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • Is-sensittività tal-qligħ għall-bidliet fir-rati tal-imgħax hija għolja.<br>• Is-sensittività tal-valur ekonomiku u l-qligħ għal bidliet fis-suppożizzjonijiet sottostanti (pereżempju fil-każ ta’ prodotti b’opzjonalità integrata tal-klijent) hija għolja. | tar-riskju tar-rata tal-imgħax ma jitwettqux b’biżżejjed preċiżjoni u frekwenza.<br>• Il-limiti interni u l-qafas ta’ kontroll għar-riskju tar-rata tal-imgħax ma humiex konformi mal-istrateġija tar-riskju u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni. |

# Titolu 7: Valutazzjoni kapitali tal-SREP

## 7.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

360. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw permezz tal-valutazzjoni kapitali tal-SREP jekk il-fondi proprji miżmuma mill-istituzzjoni jipprovdux kopertura soda tar-riskji għall-kapital li l-istituzzjoni tkun jew tista' tkun esposta għalihom, jekk tali riskji huma vvalutati bħala materjali għall-istituzzjoni.

361. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu dan billi jiddeterminaw u jistabbilixxu l-kwantità (l-ammont) u l-kwalità (il-kompożizzjoni) ta' fondi proprji addizzjonali li l-istituzzjoni hija meħtieġa żżomm biex tkopri r-riskji speċifiċi għall-istituzzjoni u l-elementi tar-riskji li ma humiex koperti jew li ma humiex koperti biżżejjed mill-Partijiet Tlieta, Erbgħa u Sebgħa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402 ("rekwiżiti ta' fondi proprji tal-Pilastru 1"), u, fejn meħtieġ, rekwiżiti ta' fondi proprji biex jiġu indirizzati nuqqasijiet f'mudelli, kontrolli, governanza jew nuqqasijiet oħra, kif ukoll riskju li jinħoloq mill-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni ("rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali"). Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għandhom jiġu ssodisfati mill-istituzzjoni f'kull ħin.

362. Sabiex jindirizzaw l-inadegwatezzi tal-kapital, inkluż f'kundizzjonijiet ta' stress, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu miżuri superviżorji xierqa, inkluż, fejn rilevanti, billi jistabbilixxu u jikkomunikaw P2G, li hija l-kwantità (l-ammont) u l-kwalità (il-kompożizzjoni) tal-fondi proprji li l-istituzzjoni hija mistennija li jkollha aktar jew inqas mill-OCR jew l-OLRR tagħha.

363. Meta jistabbilixxu r-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali u, fejn rilevanti, gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

a) iqisu kwalunkwe miżura superviżorja li l-awtorità kompetenti tkun applikat jew li tkun qed tippjana li tapplika għal istituzzjoni f'konformità mal-Kapitolu 10 u b'kont meħud tal-paragrafi 386 sa 388;

b) jiġġustifikaw b'mod ċar l-elementi kollha tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għall-P2R u għall-P2R-LR, kif ukoll għall-P2G u l-P2G-LR;

c) japplikaw il-P2R u l-P2R-LR, kif ukoll il-P2G u l-P2G-LR b'mod konsistenti biex tiġi żgurata konsistenza wiesgħa tar-riżultati prudenzjali fost l-istituzzjonijiet.

364. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-fondi proprji tal-istituzzjoni, u l-impatt tal-istress ekonomiku fuqhom, kif ukoll ir-riskji maħluqa minn ingranaġġ eċċessiv, bħala element determinanti ewlieni tal-vijabbiltà tal-istituzzjoni. Din id-determinazzjoni għandha titqassar u tiġi riflessa f'punteġġ ibbażat fuq il-kriterji speċifikati fit-tmiem ta' dan it-titolu.

### Il-proċess ta' valutazzjoni kapitali tal-SREP

365. “Wara li jikkunsidraw l-eżiti tal-valutazzjoni tar-riskji għall-kapital kif speċifikat fit-Titolu 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-passi li ġejjin bħala parti mill-proċess tal-valutazzjoni tal-kapital SREP:

a. determinazzjoni ta' rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għal riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv;

b. valutazzjoni tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv u determinazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biex jiġi indirizzat dan ir-riskju;

c. rikonċiljazzjoni tal-P2R, P2R-LR, P2G u P2G-LR mal-bafers kapitali u kwalunkwe rekwiżit makroprudenzjali;

d. determinazzjoni tat-TSCR, TSLRR u OCR, OLRR;

e. artikolazzjoni u ġustifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji;

f. valutazzjoni ta' jekk it-TSCR, TSLRR u OCR, OLRR jistgħux jiġu ssodisfati f'kundizzjonijiet ta' stress;

g. determinazzjoni tal-P2G u tal-P2G LR;

h. determinazzjoni tal-punteġġ tal-adegwatezza kapitali.

## 7.2 Determinazzjoni ta' rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għal riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv

366. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għal riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv, meta jidentifikaw kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 104a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE għal istituzzjoni, inkluż b'mod partikolari:

a. ir-riskju ta' telf mhux mistenni, u ta' telf mistenni mhux kopert biżżejjed mid-dispożizzjonijiet, fuq perjodu ta' 12-il xahar (ħlief fejn ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jispeċifika r-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq perjodu differenti) (“telf mhux mistenni”), li l-istituzzjonijiet individwali qed jiffaċċjaw minħabba l-attivitajiet tagħhom, inklużi dawk li jirriflettu l-impatt ta' ċerti żviluppi ekonomiċi u tas-suq;

b. nuqqasijiet fil-mudell kif ivvalutati fil-kuntest tal-Artikolu 101 tad-Direttiva 2013/36/UE; u

c. nuqqasijiet fil-governanza interna, inklużi l-arranġamenti ta' kontroll intern u nuqqasijiet oħra, kif ukoll ir-riskju li jinħoloq mill-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni, identifikati wara l-valutazzjoni tar-riskju deskritta fit-Titoli 4 sa 6.

### 7.2.1 Determinazzjoni tal-fondi proprji addizzjonali biex ikopru telf mhux mistenni

367. Meta jistabbilixxu rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għar-riskju ta' telf mhux mistenni skont il-punt (a) tal-paragrafu 365, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kull tip ta' riskju li jista' jkun ta' riskju materjali għall-kapital tal-istituzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu fondi proprji addizzjonali meħtieġa biex ikopru r-riskju ta' telf mhux mistenni billi jiddeterminaw il-kapital meqjus adegwat biex ikopri t-tip ta' riskju u jnaqqsu l-parti rilevanti tar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti fil-Partijiet Tlieta u Erbgħa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402.

368. Għall-finijiet tal-paragrafu preċedenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw fuq bażi ta' riskju b'riskju, l-ammonti ta' kapital meqjusa adegwati, billi jidentifikaw, jivvalutaw u jikkwantifikaw ir-riskji li għalihom hija esposta l-istituzzjoni u għandhom iqisu l-profil sħiħ tar-riskju ta' istituzzjoni. Id-determinazzjoni tal-ammonti ta' kapital meqjusa adegwati għandha tinkludi:

a. riskji speċifiċi għall-istituzzjoni jew elementi ta' tali riskji li huma espliċitament esklużi jew mhux indirizzati b'mod espliċitu mir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-Pilastru 1;

b. riskji speċifiċi għall-istituzzjoni jew elementi ta' tali riskji li jitqiesu li ma humiex koperti biżżejjed mir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-Pilastru 1 applikabbli.

369. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ammont ta' kapital meqjus adegwat biex ikopri kull riskju identifikat f'konformità mal-Artikoli 79 sa 85 tad-Direttiva 2013/36/UE ma jkunx inqas mill-parti rilevanti tar-rekwiżit ta' fondi proprji tal-Pilastru 1 applikabbli li jkopri dak ir-riskju. F'każijiet eċċezzjonali fejn ikun ta' piż żejjed, speċjalment għal istituzzjonijiet żgħar, biex b'mod sinifikanti jiġi injorat l-ammont ta' kapital meqjus adegwat għal żewġ tipi jew aktar ta' riskju kkwantifikati flimkien, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonformaw mal-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu fuq bażi tal-aħjar sforz, bl-użu tal-kalkoli tal-ICAAP, ġudizzju superviżorju u sorsi oħra ta' informazzjoni, billi jiġi ddeterminat il-livell ta' rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali b'mod konservattiv, filwaqt li jitqiesu l-paragrafi 372 sa 374.

370. L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-kwantifikazzjoni tar-riskji li għalihom hija esposta l-istituzzjoni għandhom jiġu appoġġjati mis-sorsi ta' informazzjoni li ġejjin:

a. l-ICAAP u l-eżiti tal-valutazzjoni tagħha mill-awtorità kompetenti, inklużi l-kalkoli tal-ICAAP fejn jitqies affidabbli jew parzjalment affidabbli f'konformità mal-paragrafi 375 sa 377;

b. rapportar superviżorju;

c. l-eżitu tal-valutazzjoni u tal-istandard ta' referenza superviżorji;

d. l-eżiti ta' kwalunkwe attività superviżorja preċedenti rilevanti; u

e. kontributi rilevanti oħrajn, inklużi dawk li jirriżultaw mill-interazzjoni u d-djalogu mal-istituzzjoni.

371. L-ICAAP u l-eżiti tal-valutazzjoni tiegħu għandhom jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti bħala wieħed mill-inputs ewlenin għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji rilevanti għall-istituzzjoni. Id-determinazzjoni tal-ammont ta' kapital meqjus bħala adegwat u ta' rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali fuq bażi ta' riskju b'riskju għandha tqis il-kalkoli tal-ICAAP jekk jitqiesu affidabbli jew parzjalment affidabbli, kif ukoll l-eżiti tal-punti ta' riferiment superviżorji u inputs rilevanti oħra kif xieraq, inkluż il-ġudizzju superviżorju.

372. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jippermettu li fondi proprji miżmuma skont l-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jintużaw biex jissodisfaw jew jikkumpensaw rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali, kemm fuq bażi aggregata kif ukoll fuq bażi ta' riskju b'riskju.

373. Għall-finijiet tal-Artikolu 98(1)(f) tad-Direttiva 2013/36/UE u d-determinazzjoni tar-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jikkunsidraw l-effetti tad-diversifikazzjoni li jirriżultaw minn motivaturi ġeografiċi, settorjali jew kwalunkwe motivatur rilevanti ieħor fi ħdan kull kategorija tar-riskju materjali (diversifikazzjoni intrariskju). Għal kull wieħed mir-riskji għall-kapital koperti mir-Regolament (UE) Nru 575/2013, tali effetti tad-diversifikazzjoni m'għandhomx inaqqsu r-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

374. Madankollu, id-diversifikazzjoni bejn ir-riskji f'kategoriji differenti, inklużi dawk koperti mir-Regolament (UE) Nru 575/2013 (diversifikazzjoni interriskju) ma għandhomx jitqiesu bħala parti mid-determinazzjoni ta' rekwiżiti addizzjonali ta' fondi proprji.

### Kalkoli ICAAP

375. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-affidabbiltà tal-kalkoli ICAAP billi jivvalutaw jekk humiex:

a. Granulari: il-kalkoli/metodoloġiji għandhom jippermettu li l-kalkoli jitqassmu skont it-tip ta' riskju, pjuttost milli jippreżentaw kalkolu waħdieni (kapital ekonomiku) li jkopri r-riskji kollha. Dan it-tqassim għandu jkun attivat mill-metodoloġija ICAAP innifisha. Ir-riskji ma għandhomx jiġu esklużi mill-ICAAP meta jkunu diffiċli biex jiġu kkwantifikati jew fejn id-data rilevanti ma tkunx disponibbli; jistgħu jiġu pprovduti stimi abbażi tal-informazzjoni disponibbli u inkluż ġudizzju espert. Fejn jitqies xieraq mill-awtorità kompetenti, jistgħu jiġu pprovduti stimi, permezz ta' kalkoli ta' kontribuzzjoni marġinali, pereżempju, għal riskji li ma jistgħux jitkejlu fuq bażi awtonoma (eż. riskju ta' konċentrazzjoni ta' kreditu).

b. Kredibbli: il-kalkoli/metodoloġiji użati għandhom ikopru b'mod ċar ir-riskju li qegħdin ifittxu li jindirizzaw (eż. il-kalkolu tar-riskju ta' konċentrazzjoni tal-kreditu għandu juża tqassim settorjali xieraq li jirrifletti korrelazzjonijiet attwali u

kompożizzjonijiet tal-portafoll) u għandhom ikunu biżżejjed robusti, stabbli, sensittivi għar-riskji u konservattivi biex jikkwantifikaw b'mod adegwat it-telf assoċjat mar-riskji. Tali kalkoli/metodoloġiji għandhom ikunu konsistenti mal-proċessi strateġiċi tal-istituzzjonijiet, inkluż l-aptit għar-riskju tal-istituzzjonijiet.

c. Jistgħu jinftiehmu: il-motivaturi sottostanti tal-kalkoli/metodoloġiji għandhom ikunu speċifikati b'mod ċar. Kalkolu ta' "kaxxa sewda" ma għandux ikun aċċettabbli. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjoni tipprovdi spjegazzjoni tas-suppożizzjonijiet ewlenin użati, inklużi mill-inqas il-perjodu ta' żmien, il-livelli ta' fiduċja, is-suppożizzjonijiet ta' korrelazzjoni, il-parametri ewlenin, l-aktar żoni ta' falliment tal-mudelli użati, u kif dawn jitqiesu u jiġu kkoreġuti fil-kalkolu finali tal-ICAAP.

d. Komparabbli: il-kalkoli/il-metodoloġiji għandhom isemmu b'mod ċar is-suppożizzjonijiet ewlenin f'termini tal-livell ġenerali ta' konservattiviżmu, il-perjodi ta' żamma/l-perjodi ta' riskju u l-livelli ta' fiduċja (jew kejl ekwivalenti) sabiex ikun jista' jsir l-aġġustament li jista' jintalab jew jiġi promulgat mill-awtoritajiet kompetenti sabiex tiġi ffaċilitata l-komparabbiltà mal-pari u l-punti ta' riferiment superviżorji.

376. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw aktar l-affidabbiltà tal-kalkoli tal-ICAAP billi jqabbluhom mal-eżitu tal-punti ta' riferiment superviżorji għall-istess riskji, u kontributi rilevanti oħrajn.

377. Kalkolu ta' ICAAP għandu jiġi kkunsidrat parzjalment affidabbli fejn, minkejja li ma jilħaqx il-kriterji kollha msemmija hawn fuq, il-kalkolu xorta jidher kredibbli ħafna, għalkemm dan għandu jkun fuq bażi eċċezzjonali u akkumpanjat minn passi biex jittejbu l-insuffiċjenzi identifikati fil-kalkolu tal-ICAAP.

### Punti ta' riferiment superviżorji

378. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżviluppaw u japplikaw punti ta' riferiment speċifiċi superviżorji għar-riskju bħala mezz biex jikkontestaw il-kalkoli ICAAP għal dawk ir-riskji materjali, jew elementi ta' riskju bħal dawn, li ma humiex koperti, jew ma humiex koperti biżżejjed mir-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew li jkomplu jappoġġjaw id-determinazzjoni ta' rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali ta' riskju, speċjalment fejn il-kalkoli tal-ICAAP għal dawk ir-riskji materjali, jew l-elementi ta' riskji bħal dawn, jitqiesu inaffidabbli jew ma jkunux disponibbli.

379. Il-punti ta' riferiment superviżorji għandhom jiġu żviluppati biex jipprovdu miżura prudenti, konsistenti (jiġifieri, kif applikabbli, ikkalibrata għal perjodi ta' parteċipazzjoni/perjodi ta' riskju u livelli ta' fiduċja ekwivalenti kif meħtieġ mir-Regolament (UE) Nru 575/2013), li biha jiġi kkalkolat u mqabbel bejn l-istituzzjonijiet il-kapital meqjus adegwat għal tip partikolari ta' riskju.

380. Minħabba l-varjetà tal-mudelli tan-negozju differenti operati mill-istituzzjonijiet, l-eżitu tal-punti ta’ riferiment superviżorji jista’ ma jkunx xieraq f’kull każ għal kull istituzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jindirizzaw dan billi jużaw l-aktar punt ta’ riferiment adattat fejn hemm alternattivi disponibbli, u billi japplikaw ġudizzju fuq l-eżitu tal-punt ta’ riferiment biex jagħtu kont għall-kunsiderazzjonijiet speċifiċi għall-mudell tan-negozju u għall-istituzzjoni.

381. Meta l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw il-punti ta’ riferiment superviżorji għad-determinazzjoni tar-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji, bħala parti mid-djalogu, huma għandhom jispjegaw lill-istituzzjoni l-loġika u l-prinċipji sottostanti ġenerali wara l-parametri referenzjarji.

### Inputs rilevanti oħra

382. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw kontributi rilevanti oħra biex jappoġġjaw id-determinazzjoni tar-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji skont it-tip ta’ riskju. Kontributi rilevanti oħra jistgħu jinkludu l-eżiti tal-valutazzjonijiet tar-riskju (skont il-kriterji speċifikati fit-Titolu 6), paraguni ta’ evalwazzjoni bejn il-pari, inkluż ir-rapport(i) maħruġa mill-EBA skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 78 tad-Direttiva 2013/36/UE, punti ta’ riferiment maħruġa mill-EBA skont l-Artikolu 101 tad-Direttiva 2013/36/UE, eċċ.

383. Kontributi rilevanti oħra għandhom iħeġġu lill-awtorità kompetenti biex terġa’ tivvaluta l-adegwatezza/affidabbiltà ta’ punti ta’ riferiment tal-ICAAP/superviżorji għal riskju speċifiku, u/jew tagħmel aġġustamenti għall-eżitu, fejn huma jqajmu dubji dwar il-preċiżjoni tiegħu (eż. fejn il-punteġġ tar-riskju jimplika livell differenti b’mod sinifikanti ta’ riskju relattiv għall-kalkolu, jew fejn ir-reviżjonijiet bejn il-pari jiżvelaw li l-istituzzjoni tvarja b’mod sinifikanti mill-pari f’termini tar-rekwiżit tal-fondi proprji biex tkopri l-iskopertura tar-riskju paragunabbli).

384. Biex jiżguraw il-konsistenza fid-determinazzjoni tar-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji skont riskju partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw l-istess gruppi ta’ pari stabbiliti biex janalizzaw ir-riskji għall-kapital kif speċifikati fit-Titolu 6.

385. Meta l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw kontributi rilevanti oħrajn għad-determinazzjoni tar-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji, bħala parti mid-djalogu, għandhom jispjegaw lill-istituzzjoni l-loġika u l-prinċipji ġenerali sottostanti wara l-kontributi użati.

### 7.2.2 Determinazzjoni tal-fondi proprji jew miżuri oħra biex jiġu koperti n-nuqqasijiet tal-mudell

386. Jekk, matul ir-reviżjoni kontinwa tal-approċċi interni skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 101 tad-Direttiva 2013/36/UE, jew permezz ta’ analiżi bejn il-pari mwettqa skont l-Artikolu 78 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw insuffiċjenzi fil-mudell li jistgħu jwasslu għal sottovalutazzjoni tar-rekwiżiti minimi tal-fondi proprji stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 575/2013, huma għandhom jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali ta’ fondi proprji għal insuffiċjenzi fil-mudell li jistgħu jwasslu għal sottovalutazzjoni tar-riskju fejn dan huwa determinat li jkun aktar xieraq minn miżuri superviżorji oħra. L-awtoritajiet kompetenti

għandhom jistabbilixxu biss rekwiżiti ta’ fondi proprji addizzjonali biex ikopru dawn in-nuqqasijiet, fejn ma jkunx possibbli li jiġu indirizzati skont ir-rekwiżiti ta’ fondi proprji tal-Pilastru 1 permezz ta’ miżuri superviżorji oħra, bħar-rekwiżit li l-istituzzjonijiet jaġġustaw il-mudelli tagħhom jew japplikaw marġni xieraq ta’ konservattiviżmu għall-istimi tagħhom. Tali rekwiżiti ta’ fondi proprji addizzjonali għandhom jiġu stabbiliti biss bħala miżura interim filwaqt li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet.

### 7.2.3 Determinazzjoni tal-fondi proprji jew miżuri oħra biex jiġu koperti n-nuqqasijiet tal-mudell

387. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu fondi proprji addizzjonali biex ikopru n-nuqqasijiet fil-governanza, il-kontrolli, fil-mudell tan-negozju jew f’nuqqasijiet oħra – identifikati wara l-valutazzjoni tar-riskju deskritta fit-Titoli 4 sa 6 – fejn miżuri superviżorji oħra jitqiesu insuffiċjenti jew mhux xierqa biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu biss ir-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji bħala miżura interim waqt li jiġu indirizzati l-insuffiċjenzi.

388. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali ta’ fondi proprji biex ikopru r-riskju ta’ finanzjament – identifikat wara l-valutazzjoni tar-riskju msemmija fit-Titolu 8 – fejn dan huwa determinat li jkun aktar xieraq minn miżuri superviżorji oħra applikati f’konformità mat-Titolu 9.

389. Meta istituzzjoni tonqos ripetutament milli tistabbilixxi jew iżżomm livell adegwat ta’ fondi proprji biex tkopri l-gwida kkomunikata f’konformità mal-Artikolu 104b(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu rekwiżiti ta’ fondi proprji addizzjonali biex ikopru dak ir-riskju addizzjonali mhux aktar tard minn sentejn wara l-ksur tal-gwida. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipposponu dik id-deċiżjoni meta jippermettu lill-istituzzjonijiet joperaw taħt il-livell ta’ gwida minħabba kundizzjonijiet ekonomiċi jew tas-suq jew ċirkostanzi speċifiċi għall-istituzzjoni, f’konformità mal-paragrafi 584 u 585.

### 7.2.4 Determinazzjoni tal-kompożizzjoni tar-rekwiżiti ta’ fondi proprji addizzjonali

390. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-kompożizzjoni tar-rekwiżiti ta’ fondi proprji addizzjonali bħala mill-inqas 56.25 % tal-Ekwità Komuni Grad 1 (CET1) u mill-inqas 75 % tal-Grad 1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu l-kompożizzjoni ta’ rekwiżiti ta’ fondi proprji addizzjonali għar-riskji kollha għajr ir-riskju ta’ ingranaġġ eċċessiv fuq livell aggregat.

391. Fejn ikun meħtieġ, u wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta’ istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu lill-istituzzjonijiet ikopru rekwiżiti ta’ fondi proprji addizzjonali bi kwalità ogħla ta’ kapital minn dik imsemmija fil-paragrafu 390. Kwalunkwe impożizzjoni ta’ kwalità ogħla ta’ kapital għandha tkun iġġustifikata, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ta’ riskju individwali tal-istituzzjoni u jitqiesu r-riskji li jistgħu jeħtieġu kwalità għolja ta’ kapital biex ikopru t-telf potenzjali.

## 7.3 Rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv

392. F'konformità mal-Artikolu 104a (3) u (4) tad-Direttiva 2013/36/UE [37], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv separatament minn tipi oħra ta' riskju. Fejn, bħala riżultat ta' tali valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali biex jindirizzaw ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv, għandhom iżidu dan ir-rekwiżit mar-rekwiżit ta' fondi proprji abbażi tal-proporzjon ta' ingranaġġ kif stabbilit fl-Artikolu 92(1) il-punt (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u mhux mar-rekwiżiti ta' fondi proprji abbażi tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju (TREA) kif stabbilit fil-punti (a) sa (c) ta' dak il-paragrafu tal-artikolu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ir-rekwiżit tal-proporzjon ta' ingranaġġ u r-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali biex jindirizzaw ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv bħala stack separat mir-rekwiżiti bbażati fuq it-TREA u r-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għat-tipi l-oħra kollha ta' riskju (jiġifieri l-fondi proprji disponibbli jistgħu jintużaw fl-istess ħin biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-istack ibbażat fuq it-TREA u fl-istack ibbażat fuq il-proporzjon ta' ingranaġġ tar-rekwiżiti ta' fondi proprji).

### 7.3.1 Valutazzjoni tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv

393. F'konformità mal-kunċett tal-proporzjon tal-ingranaġġ (u l-istack ta' rekwiżiti tiegħu) bħala garanzija ta' kontinġenza għar-rekwiżiti ta' fondi proprji bbażati fuq it-TREA, fil-valutazzjoni tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (93) u (94) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw fuq vulnerabbiltajiet materjali potenzjali mhux koperti jew mhux koperti biżżejjed mir-rekwiżiti ta' fondi proprji kif stabbilit fl-Artikolu 92(1) il-punt(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li jistgħu jirrikjedu miżuri korrettivi għall-attivitajiet kummerċjali tal-istituzzjoni, li ma kinux previsti fil-pjan tan-negozju tagħha.

394. Fil-valutazzjoni tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-aspetti kollha li ġejjin u għandhom jadattaw il-profondità tal-valutazzjoni ta' kull aspett skont ir-rilevanza tiegħu għall-istituzzjoni:

a. elementi ta' riskju ta' ingranaġġ eċċessiv li huma meqjusa bħala mhux koperti jew li ma humiex koperti biżżejjed mir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-proporzjon ta' ingranaġġ stabbilit fl-Artikolu 92(1) il-punt (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, b'riżultat b'mod partikolari ta':

    i. arbitraġġ regolatorju / ottimizzazzjoni tal-proporzjon ta' ingranaġġ billi jiġu skambjati l-iskoperturi magħduda fil-proporzjon ta' ingranaġġ għal skoperturi ekonomikament simili li jistgħu jingħaddu inqas fil-kalkolu tal-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ;

[37] Spjegat aktar fil-premessa 15 tad-Direttiva (UE) 2019/878 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' entitajiet eżentati, kumpanniji azzjonarji finanzjarji, kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta, remunerazzjoni, miżuri u setgħat superviżorji u miżuri ta' konservazzjoni ta' kapital, ĠU L 150, 7.6.2019, p. 253.

ii. arbitraġġ regolatorju / ottimizzazzjoni billi tiġi mminimizzata l-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ fil-forma ta' tnaqqis temporanju tal-volumi ta' tranżazzjonijiet fi swieq finanzjarji ewlenin (b'mod partikolari fis-suq monetarju, ta' ċerti attivitajiet bħal SFTs, iżda wkoll fis-suq tad-derivattivi) madwar id-dati ta' referenza li jirriżultaw fir-rapportar[38] u d-divulgazzjoni pubblika ta' proporzjonijiet ta' ingranaġġ għoljin (attivitajiet ta' "window-dressing"); u

iii. karatteristiċi speċifiċi tal-mudell tan-negozju, tal-attivitajiet ta' negozju jew ta' idjosinkrasiji bankarji oħra li jew iżidu jew inaqqsu l-punt sa fejn l-istituzzjoni tkun esposta għar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv (eż. skont l-aspetti fil-paragrafu 393) iżda ma humiex koperti jew ma humiex koperti biżżejjed fil-kalkolu tal-proporzjon ta' ingranaġġ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw, fejn applikabbli, skoperturi għoljin għal opzjonijiet bil-miktub fuq l-ekwità jew pożizzjonijiet bin-nieqes permezz ta' derivattivi ta' kreditu li jista' jkollhom skopertura elevata għal telf massimu, peress li dawn il-pożizzjonijiet ma humiex koperti bis-sħiħ fl-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ (b'kuntrast ma', pereżempju, derivattivi ta' kreditu bil-miktub), u konċentrazzjonijiet f'ċerti entrati barra mill-karta tal-bilanċ fejn il-idjosinkrasiji inerenti għall-attivitajiet tan-negozju tal-istituzzjoni jistgħu jwasslu għal żieda fil-volatilità fil-ġbid ta' kreditu.

b. elementi ta' riskju ta' ingranaġġ eċċessiv li huma espliċitament esklużi mir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-proporzjon ta' ingranaġġ jew li ma humiex indirizzati b'mod espliċitu minnu, inkluż minħabba l-esklużjonijiet elenkati fl-Artikolu 429a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, b'mod partikolari fejn ikun hemm tħassib dwar il-valutazzjoni tal-konformità kontinwa mal-kundizzjonijiet għal dawn l-esklużjonijiet u fejn id-dipendenza fuq esklużjoni unika tkun sinifikanti ħafna għall-istituzzjoni u l-ammont eskluż ikun volatili bla bżonn;

c. it-tibdil fil-proporzjon ta' ingranaġġ tal-istituzzjoni u l-komponenti tagħha, inkluż l-impatt prevedibbli tat-telf kurrenti u futur mistenni fuq il-proporzjon ta' ingranaġġ, filwaqt li jitqies il-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni.

### 7.3.2 Determinazzjoni tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv

395. Abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont it-Taqsima 7.3.1 ta' dawn il-Linji Gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biex jindirizzaw ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv bħala d-differenza bejn il-kapital meqjus adegwat biex ikopri r-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv u r-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-proporzjon ta' ingranaġġ kif

[38] Sabiex jipprovdi għarfien, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 tas-17 ta' Diċembru 2020 jintroduċi l-mudell C48.00 b'valuri ta' kuljum għall-SFTs fil-COREP fir-rigward ta' istituzzjonijiet kbar. Innota wkoll li *data* estensiva ta' kuljum hija rrapportata lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/363 tat-13 ta' Diċembru 2018 (rigward l-SFTs) u f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1247/2012 tad-19 ta' Diċembru 2012 (rigward id-derivattivi).

stabbilit fl-Artikolu 92(1) il-punt (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Dan l-ammont ma jistax ikun negattiv.

396. Meta jistabbilixxu rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biex jindirizzaw ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw b'mod partikolari:

a. elementi ta' riskju ta' ingranaġġ eċċessiv li jitqiesu li ma humiex koperti jew li ma humiex koperti biżżejjed mir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-proporzjon ta' ingranaġġ stabbilit fl-Artikolu 92(1), il-punt (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, b'mod partikolari fejn il-valutazzjoni tal-aspetti deskritti fil-paragrafi 393 jew 394 jindikaw vulnerabbiltà għolja meta mqabbla mal-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ.

b. elementi ta' riskju ta' ingranaġġ eċċessiv li huma espliċitament esklużi mir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-proporzjon ta' ingranaġġ jew li ma humiex indirizzati b'mod espliċitu minnu, inkluż minħabba l-esklużjonijiet elenkati fl-Artikolu 429a(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ivvalutati f'konformità mal-paragrafu 394b. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali ta' fondi proprji biss f'dawk il-każijiet, fejn użu partikolarment estensiv ta' ċerta esklużjoni jirriżulta f'livell ta' proporzjon ta' ingranaġġ li ma jirriflettix b'mod xieraq ir-riskju li tiffaċċja l-istituzzjoni.

397. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-kapital meqjus adegwat biex ikopri r-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv ma jkunx anqas mir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-proporzjon ta' ingranaġġ (jiġifieri r-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv ma jistgħux ikunu negattivi).

398. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw, jivvalutaw u jikkwantifikaw ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv skont is-sorsi ta' informazzjoni u l-metodi stabbiliti fil-paragrafi 370 u 371, bl-użu tas-sorsi ta' informazzjoni disponibbli sal-punt li jkunu rilevanti għar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv.

### 7.3.3 Kompożizzjoni tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv

399. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżidu r-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biex jindirizzaw ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv mar-rekwiżit tal-Grad 1 tal-proporzjon ta' ingranaġġ minimu. Sabiex jissodisfaw dan ir-rekwiżit addizzjonali, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jużaw ukoll kwalunkwe kapital tal-Grad 1.

400. Fejn ikun meħtieġ, u wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu lill-istituzzjonijiet ikopru rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali bi kwalità ogħla ta' kapital minn dik imsemmija fil-paragrafu 399. Kwalunkwe impożizzjoni ta' kwalità ogħla ta' kapital għandha tkun iġġustifikata, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ta' riskju individwali tal-istituzzjoni u jitqiesu sitwazzjonijiet fejn il-materjalizzazzjoni tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv tista' teħtieġ kwalità ogħla ta' kapital biex tkopri t-telf potenzjali.

## 7.4 Rikonċiljazzjoni mal-bafers kapitali u kwalunkwe rekwiżit makroprudenzjali

401. Fid-determinazzjoni tal-fondi proprji addizzjonali (jew miżuri kapitali oħra), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonċiljaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali ma' kwalunkwe rekwiżit eżistenti ta' bafer kapitali billi jindirizzaw l-istess riskji jew elementi ta' dawk ir-riskji. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jistabbilixxu rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali jew miżuri kapitali oħra (inkluż P2G) fejn l-istess riskju huwa diġà kopert minn rekwiżiti speċifiċi tal-bafer kapitali. Kwalunkwe rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali jew miżura kapitali oħra għandhom ikunu speċifiċi għall-istituzzjoni u ma għandhomx ikopru riskji makroprudenzjali jew sistemiċi. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 104a(1), il-punt (f) tad-Direttiva 2013/36/UE, dawn jistgħu jkopru r-riskji li jirriflettu l-impatt ta' ċerti kundizzjonijiet ekonomiċi u l-iżviluppi tas-suq fuq il-profil tar-riskju ta' istituzzjoni individwali.

## 7.5 Determinazzjoni tat-TSCR, TSLRR, OCR u OLRR

402. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw it-TSCR (f'termini ta' fondi proprji totali) bħala s-somma ta':

   a. ir-rekwiżit ta' fondi proprji skont l-Artikolu 92(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

   b. is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali (determinata f'konformità mal-kriterji speċifikati fit-Taqsima 7.2) u kwalunkwe fond proprju addizzjonali determinat li jkun meħtieġ biex ikopri konċentrazzjonijiet materjali interriskju.

403. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw it-TSCR (f'termini ta' kapital tal-Grad 1) bħala s-somma ta':

   a. ir-rekwiżit ta' fondi proprji skont l-Artikolu 92(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

   b. il-parti tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali msemmija fil-punt b tal-paragrafu 402, li hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti li tinżamm fil-forma ta' kapital tal-Grad 1.

404. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw it-TSCR (f'termini ta' CET1) bħala s-somma ta':

   a. ir-rekwiżit ta' fondi proprji skont l-Artikolu 92(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

   b. il-parti tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali, msemmija fil-punt b tal-paragrafu 402, li hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti li tinżamm fil-forma ta' kapital tal-Grad 1.

405. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw it-TSLRR (f’termini ta’ kapital tal-Grad 1) bħala s-somma ta’:

a. ir-rekwiżit ta’ fondi proprji tal-proporzjon tal-ingranaġġ skont l-Artikolu 92(1), il-punt (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

b. il-fondi proprji addizzjonali meħtieġa biex jiġi indirizzat ir-riskju ta’ ingranaġġ eċċessiv (iddeterminat f’konformità mal-kriterji speċifikati fit-Taqsima 7.3).

406. Meta l-awtoritajiet kompetenti jirrikjedu li l-istituzzjonijiet ikopru l-P2R-LR bi kwalità ogħla ta’ kapital f’konformità mal-paragrafu 400, huma għandhom jiddeterminaw it-TSLRR (f’termini ta’ CET1) bħala l-parti mill-fondi proprji addizzjonali msemmija fil-punt b tal-paragrafu 405, li huwa meħtieġ mill-awtorità kompetenti li jinżamm fil-forma ta’ kapital tal-Grad 1.

407. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw l-OCR bħala s-somma ta’:

a. TSCR; u

b. rekwiżiti ta’ bafer kapitali kombinati.

408. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw l-OLRR bħala s-somma ta’:

a. TSLRR; u

b. ir-rekwiżit ta’ bafer tal-proporzjon ta’ ingranaġġ ta’ G-SII f’konformità mal-Artikolu 92(1a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

409. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jikkunsidraw entrati u strumenti oħra għajr dawk eliġibbli għad-determinazzjoni tal-fondi proprji (kif definit fit-Tieni Parti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013) fil-valutazzjoni/kalkolu tat-TSCR, TSLRR, OCR jew OLRR.

## 7.6 Artikolazzjoni u ġustifikazzjoni tar-rekwiżiti ta’ fondi proprji

410. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jkun hemm konsistenza fl-iffissar ta’ rekwiżiti addizzjonali ta’ fondi proprji u jikkomunikawhom lill-istituzzjonijiet u/jew, fejn rilevanti, lil awtoritajiet kompetenti oħra. Bħala minimu, dan għandu jinkludi valutazzjoni ta’:

a. it-TSCR tal-istituzzjoni bħala proporzjon tat-TREA, imqassam f’termini tal-kompożizzjoni tar-rekwiżit; u

b. it-TSLRR tal-istituzzjoni bħala proporzjon tal-iskopertura tal-proporzjon ta’ ingranaġġ (LRE), imqassam f’termini tal-kompożizzjoni tar-rekwiżit.

411. Sabiex jikkomunikaw it-TSCR bħala proporzjon, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jesprimu dan billi jużaw il-formula li ġejja:

$$TSCR\ proporzjon\ = \frac{TSCR}{TREA}$$

412. Sabiex jikkomunikaw it-TSLRR bħala proporzjon, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jesprimu dan billi jużaw il-formula li ġejja:

$$TSLRR\ proporzjon\ = \frac{TSLRR}{LRE}$$

413. Sabiex tinkiseb aktar konsistenza, l-awtoritajiet kompetenti jikkomunikaw ukoll lill-istituzzjonijiet u/jew, fejn rilevanti, lil awtoritajiet kompetenti oħra:

a. l-OCR u l-partijiet komponenti tiegħu – ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-Pilastru 1, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biex jiġu indirizzati riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv u r-rekwiżiti ta' bafer – bħala proporzjon tat-TREA, imqassam f'termini tal-kompożizzjoni tar-rekwiżit;

b. l-OLRR u l-partijiet komponenti tiegħu – ir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-proporzjon ta' ingranaġġ, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv u r-rekwiżit ta' bafer tal-proporzjon ta' ingranaġġ tal-G-SII – bħala proporzjon tal-LRE, imqassam f'termini tal-kompożizzjoni tar-rekwiżit.

414. Meta jikkomunikaw ir-rekwiżiti prudenzjali lill-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom li jimponu rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 104a(5) tad-Direttiva 2013/36/UE separatament għar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv u għal tipi oħra ta' riskji. Il-ġustifikazzjoni għandha tkun speċifika għall-istituzzjoni u għandha tipprovdi indikazzjoni ċara tal-motivaturi ewlenin li fuqhom huwa bbażat ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali, inklużi r-riskji u l-elementi tar-riskji li jikkontribwixxu għar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali.

415. Meta jiġġustifikaw rekwiżiti addizzjonali ta' fondi proprji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreferu, sa fejn ikun possibbli, għall-kategoriji u s-subkategoriji/elementi ta' riskju kif deskritti fit-Titolu 6 u fit-Taqsimiet 7.2 u 7.3, filwaqt li jqisu d-definizzjonijiet eżistenti ta' tipi speċifiċi ta' riskji fil-leġiżlazzjoni applikabbli, u għandhom jimmiraw lejn il-komparabbiltà ġenerali fost l-istituzzjonijiet.

416. Fil-ġustifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw ukoll in-nuqqasijiet ewlenin li għandhom jiġu koperti minn dawn ir-rekwiżiti sakemm jiġu indirizzati, f'konformità mal-paragrafi 386 u 387. Filwaqt li jitqiesu miżuri superviżorji xierqa f'konformità mat-Titolu 10, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lill-istituzzjonijiet jidentifikaw azzjonijiet xierqa biex jikkoreġu dawn in-nuqqasijiet u jikkomunikaw l-iskedi ta' żmien mistennija għar-rettifika tan-nuqqasijiet.

417. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lill-istituzzjonijiet il-kompożizzjoni minima xierqa tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali separatament għar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv u għal tipi oħra ta' riskju. Meta l-awtoritajiet kompetenti jużaw id-deroga tat-tielet

subparagrafu tal-Artikolu 104a(4) tad-Direttiva 2013/36/UE billi jirrikjedu kwalità ogħla ta' kapital minn dik stabbilita fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi ta' dak l-Artikolu, għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni ċara għal dik id-deċiżjoni li tindika ċirkostanzi speċifiċi tal-istituzzjoni li jwasslu għall-ħtieġa ta' kwalità ogħla ta' kapital. Fil-ġustifikazzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreferu għal elementi bħal:

a. in-natura speċifika tal-istituzzjoni, l-azzjonisti tagħha u, fejn rilevanti, l-istruttura tal-grupp, li potenzjalment taffettwa l-possibbiltà li jiżdied il-kapital skont il-karatteristiċi ta' ċerti strumenti kapitali;

b. in-natura speċifika tar-riskju li tiffaċċja l-istituzzjoni individwali, li potenzjalment twassal għal tnaqqis partikolarment rapidu tal-kapital tal-Grad 1.

418. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw ir-riżultati finali tal-valutazzjoni SREP lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali li tintalab mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għall-fini tal-istima msemmija fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1118[39].

419. Meta titqies il-possibbiltà li tiġi meħtieġa kwalità ogħla ta' kapital, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmiraw li jevitaw id-duplikazzjoni ma' rekwiżiti eżistenti oħra fi ħdan l-istack ta' rekwiżiti bbażata fuq it-TREA jew fuq il-proporzjon ta' ingranaġġ rilevanti u mal-MREL.

## 7.7 Is-sodisfar tar-rekwiżiti f'kundizzjonijiet ta' stress

420. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw permezz tal-ittestjar tal-istress l-adegwatezza tal-fondi proprji tal-istituzzjoni (il-kwantità u l-kompożizzjoni) f'kundizzjonijiet ta' stress u jekk il-miżuri superviżorji, inklużi P2G, l-ippjanar tal-kapital u miżuri oħra kif stabbilit fit-Titolu 10, humiex meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-inadegwatezzi potenzjali.

421. Sabiex jivvalutaw l-adegwatezza tal-kapital f'kundizzjonijiet ta' stress, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw:

a. l-użu tal-eżiti kwalitattivi (pereżempju nuqqasijiet identifikati fil-ġestjoni u l-kontroll tar-riskju) tat-testijiet tal-istress u tal-ittestjar tal-istress superviżorju tal-istituzzjonijiet; u

b. l-użu tal-eżiti kwantitattivi tat-testijiet tal-istress ICAAP, jekk l-ICAAP jitqies affidabbli skont il-paragrafu 375, u tat-testijiet tal-istress superviżorji (jiġifieri l-eżiti f'termini ta' tibdil fil-proporzjon tal-fondi proprji), f'konformità mal-Artikolu 100

[39] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1118 tas-26 ta' Marzu 2021 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodoloġija li għandha tintuża mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biex jiġi stmat ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-rekwiżit ta' riżerva kombinat għal entitajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni fejn il-grupp ta' riżoluzzjoni mhuwiex soġġett għal dawk ir-rekwiżiti skont dik id-Direttiva.

tad-Direttiva 2013/36/UE kif speċifikat fit-Titolu 12 ta' dawn il-linji gwida, u inkluż, pereżempju:

i. il-preskrizzjoni ta' xenarji/suppożizzjonijiet "ankra" speċifiċi li għandhom jiġu implimentati mill-istituzzjonijiet; u

ii. it-twettiq ta' testijiet tal-istress fis-sistema kollha permezz ta' metodoloġiji konsistenti u xenarji mmexxija mill-istituzzjonijiet jew minn superviżuri.

422. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kif xieraq l-eżiti kwantitattivi tat-testijiet tal-istress fir-rigward tal-adegwatezza u l-kwalità tal-fondi proprji tal-istituzzjoni u jiddeterminaw jekk il-kwantità u l-kwalità tal-fondi proprji humiex suffiċjenti biex ikopru r-rekwiżiti kapitali applikabbli, u b'mod partikolari:

a. OCR inklużi r-rekwiżiti ta' bafer kombinat skont ix-xenarju bażi tul perjodu ta' żmien progressiv ta' mill-inqas sentejn; u

b. TSCR skont ix-xenarji negattivi tul perjodu ta' żmien progressiv ta' mill-inqas sentejn.

### 7.7.1 L-użu ta' P2G sabiex jiġu indirizzati l-eżiti kwantitattivi tal-ittestjar tal-istress

#### Determinazzjoni u ssettjar tal-P2G u tal-P2G-LR

423. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-P2G u l-P2G-LR kif speċifikat f'din it-taqsima, u, fejn id-determinazzjoni twassal għal valur pożittiv, dawn għandhom jistabbilixxu l-P2G jew il-P2G-LR biex jindirizzaw it-tħassib superviżorju dwar is-sensittività tal-istituzzjoni għax-xenarji negattivi użati fit-testijiet tal-istress superviżorji.

424. Il-P2G huwa l-ammont ta' kapital li għandu jiġi stabbilit biex jintlaħaq il-livell ġenerali ta' fondi proprji meqjus xieraq skont l-SREP u l-eżiti tat-testijiet tal-istress superviżorji. Il-livell tal-P2G għandu jipproteġi kontra l-ksur potenzjali tat-TSCR fix-xenarju negattiv. Il-livell tal-P2G-LR ma għandux jipproteġi kontra l-ksur tat-TSLRR fix-xenarju negattiv. Fejn l-eżiti kwantitattivi tat-testijiet tal-istress superviżorji jissuġġerixxu li mhuwiex mistenni li l-istituzzjoni tikser it-TSCR tagħha skont ix-xenarju tat-test tal-istress negattiv, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li ma jistabbilixxux P2G. Bl-istess mod, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li ma jistabbilixxux il-P2G-LR fejn it-TSLRR ma jkunx mistenni li jinkiser taħt ix-xenarju negattiv tat-test tal-istress.

425. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw u jistabbilixxu P2G abbażi tal-eżiti tax-xenarju negattiv tat-testijiet tal-istress superviżorji rilevanti, inklużi testijiet tal-istress fl-UE kollha mwettqa mill-EBA jew kwalunkwe test tal-istress superviżorju ieħor rilevanti mwettaq fuq bażi tas-sistema kollha bl-użu ta' analiżi tax-xenarju ta' diversi fatturi tul orizzont progressiv ta' mill-inqas sentejn (jew minn fuq għal isfel jew minn isfel għal fuq).

426. Abbażi tal-istabbiliment ta' approċċ xieraq għall-istituzzjonijiet u s-sussidjarji li ma jikklassifikawx fil-Kategorija 1 ta' gruppi transfruntiera, għall-istabbiliment u l-aġġornament tal-P2G u l-P2G-LR, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw l-eżiti ta' forom simplifikati ta' testijiet tal-istress superviżorji (pereżempju permezz tal-użu ta' xenarji "ankra" superviżorji preskritti, analiżi tas-sensittività, testijiet tal-istress minn fuq għal isfel imwettqa minn awtoritajiet maħtura, impatti fil-livell tal-portafoll minn testijiet tal-istress fil-livell konsolidat), testijiet tal-istress superviżorji preċedenti jew testijiet tal-istress tal-istituzzjonijiet f'konformità mal-paragrafu 421. Il-forom simplifikati tat-testijiet tal-istress superviżorji jistgħu jitwettqu fuq bażi individwali aktar milli bħala parti mill-eżerċizzju tas-sistema kollha.

427. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw u jistabbilixxu l-P2G u l-P2G-LR f'konformità mal-mudell ta' impenn minimu speċifikat fit-Taqsima 2.2.4. B'mod partikolari, il-frekwenza minima li biha l-P2G u l-P2G-LR jiġu ddeterminati u stabbiliti għandha tkun il-frekwenza tal-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital skont il-mudell ta' impenn minimu tal-SREP. B'mod partikolari, il-forom simplifikati ta' testijiet tal-istress superviżorji kif imsemmija fil-paragrafu 426 ma humiex mistennija li jkollhom frekwenza akbar mill-SREP, sakemm dan ma jkunx meqjus meħtieġ mill-awtorità kompetenti.

428. Minkejja l-paragrafu preċedenti, l-awtoritajiet kompetenti:

a. għandhom jivvalutaw jekk il-livell P2G u P2G-LR eżistenti għadux xieraq kull meta r-riżultati tat-testijiet tal-istress superviżorji ġodda jkunu disponibbli, u jirrevedu l-livell ta' P2G u P2G-LR jekk ikun meħtieġ;

b. jistgħu jiddeterminaw il-P2G u l-P2G-LR biss kull sentejn minflok kull sena, inkluż għal istituzzjonijiet li għalihom l-adegwatezza kapitali, skont il-mudell ta' involviment minimu tal-SREP, għandha tiġi vvalutata kull sena (eż. istituzzjonijiet tal-Kategorija 1 tal-SREP). Madankollu, fis-sena li ssegwi s-sena tad-determinazzjoni tal-P2G, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw, abbażi tal-informazzjoni kollha rilevanti, inklużi l-eżiti tat-testijiet tal-istress superviżorji preċedenti flimkien ma' analiżi tas-sensittività addizzjonali (jiġifieri forom simplifikati ta' ttestjar tal-istress superviżorju), jekk il-P2G u l-P2G-LR għadhomx rilevanti jew jeħtiġux li jiġu aġġornati.

429. B'mod ġenerali, l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jużaw il-P2G biex ikopru elementi ta' riskji li għandhom jiġu koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali skont it-Taqsima 7.2 ta' dawn il-linji gwida. Bl-istess mod, il-P2G-LR ma għandhiex tkopri dawk l-aspetti tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv li huma koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali f'konformità mat-Taqsima 7.3 ta' dawn il-linji gwida.

430. Meta jiddeterminaw id-daqs tal-P2G, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li din tiġi stabbilita f'livell xieraq biex tkopri mill-inqas l-impatt tal-istress massimu antiċipat, li għandu jiġi kkalkolat abbażi tat-tibdil fil-proporzjon tas-CET1 (jiġifieri billi jiġi kkunsidrat kemm iċ-ċaqliq fil-kapital CET1 kif ukoll it-TREA) fl-agħar sena tal-istress u billi jitqiesu l-livell tar-rekwiżiti

kapitali applikabbli u l-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 422 u 432 sa 436. L-impatt massimu tal-istress għall-fini tal-istabbiliment tal-P2G għandu jinftiehem bħala d-differenza bejn l-aktar proporzjon baxx tas-CET1 fix-xenarju negattiv matul il-perjodu tat-test tal-istress u l-proporzjon reali tas-CET1 fil-punt tat-tluq. Fir-rigward tad-determinazzjoni tad-daqs tal-P2G-LR, l-impatt massimu tal-istress għandu jiġi kkalkolat abbażi tat-tibdil fil-kapital tal-Grad 1 fl-agħar sena ta' stress u b'kont meħud tar-rekwiżiti kapitali tal-proporzjon ta' ingranaġġ applikabbli. L-impatt massimu tal-istress għall-fini tal-istabbiliment tal-P2G-LR għandu jinftiehem bħala d-differenza bejn l-aktar proporzjon baxx tas-CET1 fix-xenarju negattiv matul il-perjodu tat-test tal-istress u l-proporzjon reali tal-ingranaġġ fil-punt tat-tluq.

431. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu l-punt tat-tluq tal-P2G speċifiku għal kull istituzzjoni permezz ta' elementi ta' tpaċija li diġà jkopru r-riskji riflessi fl-impatt massimu tal-istress. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkumpensaw għall-miżuri rilevanti, b'mod partikolari l-bafer tal-konservazzjoni tal-kapital, kif speċifikat fil-paragrafu 435. Barra minn hekk, meta jistabbilixxu l-punti tat-tluq P2G u P2G-LR, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw, fejn rilevanti, aġġustamenti oħra għall-impatt massimu tal-istress relatat mas-suppożizzjoni statika tal-karta tal-bilanċ jew il-perjodu ta' żmien differenti bejn l-eżerċizzju tat-test tal-istress u l-ħin tal-punt tat-tluq.

432. Meta jistabbilixxu l-P2G u l-P2G-LR, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw rabta adegwata bejn il-punti tat-tluq P2G u P2G-LR u, rispettivament, il-P2G u l-P2G-LR finali. Għal dan l-għan, huma jistgħu jiddeċiedu li jużaw approċċ ta' bucketing biex jikklassifikaw l-istituzzjonijiet skont il-punti tat-tluq P2G u P2G-LR, abbażi tat-testijiet tal-istress superviżorji rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 425 jew abbażi ta' approċċi oħra stabbiliti fil-paragrafu 426. Konsegwentement, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jassenjaw firxa fissa tal-livelli P2G jew P2G-LR rispettivament għal kull bucket u jistabbilixxu l-P2G u P2G-LR finali fil-medda tal-bucket assenjat jew, b'mod eċċezzjonali, barra mill-medda tal-bucket rilevanti, abbażi tal-kunsiderazzjonijiet speċifiċi għall-istituzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmiraw li jevitaw l-effetti ta' preċipizju bejn il-buckets, pereżempju billi jippermettu sovrappożizzjoni parzjali bejn il-livelli P2G jew P2G-LR għall-bucket ġar, u għandhom jiżguraw li l-P2G u l-P2G-LR finali li jirriżultaw ikunu speċifiċi għall-istituzzjoni.

433. Meta jiddeterminaw il-P2G u l-P2G-LR finali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll, fejn rilevanti, il-fatturi li ġejjin:

a. is-sena meta jseħħ l-impatt tal-istress massimu fir-rigward tal-punt ta' tluq u l-orizzont taż-żmien tax-xenarji użati fit-testijiet tal-istress;

b. l-eżitu ta' test tal-istress ICAAP affidabbli, billi jitqiesu d-definizzjonijiet u l-assunzjonijiet speċifiċi tax-xenarju, b'mod partikolari meta dawn jitqiesu aktar rilevanti għall-mudell tan-negozju u l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni jew meta x-xenarji interni jkunu aktar severi mix-xenarji superviżorji;

c. tibdil li jseħħ wara d-data tal-iskadenza tal-eżerċizzju tat-test tal-istress b'impatt materjali fuq il-profil tar-riskju jew il-pożizzjoni kapitali tal-istituzzjonijiet (eż. il-bejgħ ta' self improduttiv). Dan it-tibdil jista' jinkludi tibdil interim fil-profil tar-riskju inkluż tibdil strutturali fl-attività jew fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet;

d. l-azzjonijiet ta' ġestjoni mitiganti rilevanti tal-istituzzjoni li jitqiesu kredibbli ċerti ferm skont il-valutazzjoni superviżorja tagħhom;

e. informazzjoni u opinjonijiet superviżorji dwar l-importanza tal-ittestjar tal-istress superviżorju għall-istrateġija, il-pjanijiet finanzjarji u l-mudell kummerċjali tal-istituzzjoni;

f. ċertezza mnaqqsa fuq is-sensittività reali tal-istituzzjoni għal xenarji negattivi;

g. kwalunkwe trikkib potenzjali mal-P2R jew P2R-LR;

h. il-kapaċità ta' rkupru ġenerali tal-istituzzjoni kif speċifikata fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075 [40], meta l-kalkolu tal-istituzzjoni jitqies affidabbli u realistiku biżżejjed;

i. il-kwalità (il-kompożizzjoni) tal-fondi proprji disponibbli tal-istituzzjoni, inkluża l-agħar sena ta' stress; u

j. jekk l-istituzzjoni hijiex taħt ristrutturar jew riżoluzzjoni.

434. Għall-fini tad-determinazzjoni tal-P2G f'konformità mal-paragrafu 433.b, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll il-punt sa fejn ix-xenarji ta' stress ikopru r-riskji materjali kollha li jikkontribwixxu għar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali fit-TSCR. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu b'mod partikolari l-fatt li x-xenarji ta' reċessjoni makroekonomika jistgħu ma jidentifikawx kompletament xi riskji, pereżempju riskju ta' imġiba, riskju ta' pensjoni jew xi elementi tar-riskju ta' konċentrazzjoni ta' kreditu (pereżempju konċentrazzjoni b'isem wieħed), li jistgħu jamplifikaw telf potenzjali skont ix-xenarji negattivi ttestjati.

435. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-punt sa fejn ir-rekwiżiti tal-bafer kombinat eżistenti u miżuri makroprudenzjali oħra applikabbli diġà jkopru r-riskji żvelati mill-ittestjar tal-istress. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibbilanċjaw P2G b'bafer kapitali ta' konservazzjoni (CCB), peress li l-P2G u s-CCB jikkoinċidu fin-natura. Barra minn hekk, filwaqt li fil-prinċipju mhu mistenni l-ebda trikkib bejn il-P2G u l-bafer kapitali kontroċikliku (CCyB), l-awtoritajiet kompetenti għandhom, f'każijiet eċċezzjonali, jibbilanċjaw P2G fuq bażi ta' każ b'każ b'CCyB abbażi tal-kunsiderazzjoni tar-riskji sottostanti koperti mill-bafer u integrati fid-disinn tax-xenarji użati għat-testijiet tal-istress, wara li jikkollaboraw mal-

[40] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut tal-pjanijiet ta' rkupru.

awtorità makroprudenzjali. L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jibbilanċjaw P2G b'bafers ta' riskju sistemiku (il-bafers GSII/O-SII u l-bafer ta' riskju sistemiku), peress li dawk huma maħsuba biex ikopru r-riskji li istituzzjoni timponi fuq is-sistema finanzjarja. Bl-istess mod, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jikkumpensaw il-P2G-LR bir-rekwiżit ta' bafer tal-proporzjon ta' ingranaġġ tal-G-SII speċifikat fl-Artikolu 92(1a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

436. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw il-P2G, huma għandhom iżidu din il-gwida flimkien mal-OCR. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw il-P2G-LR, huma għandhom iżidu din il-gwida flimkien mal-OLRR. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-OCR u l-OLRR bħala żewġ stacks separati ta' rekwiżiti. Konsegwentement, il-fondi proprji disponibbli jistgħu jintużaw fl-istess ħin biex jissodisfaw il-P2G u l-P2G-LR.

## Komunikazzjoni u kompożizzjoni tal-P2G u l-P2G-LR

437. Meta jikkomunikaw il-P2G jew il-P2G-LR lill-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom. Il-ġustifikazzjoni għandha tkun speċifika għall-istituzzjoni u għandha tenfasizza l-elementi ewlenin tal-metodoloġija użata biex jiġu ddeterminati l-P2G jew il-P2G-LR.

438. Meta l-P2G jew il-P2G-LR jiġu stabbiliti jew aġġornati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lill-istituzzjoni l-livelli u l-limiti ta' żmien rilevanti tagħhom għall-istabbiliment tagħha f'konformità mal-paragrafu 442. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jispjegaw ukoll ir-reazzjoni superviżorja potenzjali għas-sitwazzjonijiet fejn il-P2G jew il-P2G-LR ma jiġux issodisfati.

439. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lill-istituzzjonijiet li l-P2G għandha tiġi ssodisfata b'fondi proprji eliġibbli tas-CET1, u l-P2G-LR għandha tiġi ssodisfata fil-fondi proprji eliġibbli tal-Grad 1. Kemm il-P2G kif ukoll il-P2G-LR għandhom jiġu inkorporati fl-oqfsa tagħhom tal-ippjanar tal-kapital u tal-ġestjoni tar-riskju, inkluż il-qafas tal-aptit għar-riskju u l-ippjanar tal-irkupru.

440. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw ukoll lill-istituzzjonijiet li l-fondi proprji miżmuma għall-finijiet tal-P2G ma jistgħux jintużaw biex jissodisfaw kwalunkwe wieħed mill-elementi tal-OCR u li l-P2G-LR ma tistax tintuża biex tissodisfa kwalunkwe wieħed mill-elementi tal-OLRR.

441. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw ukoll lill-istituzzjonijiet u, fejn rilevanti, lil awtoritajiet kompetenti oħra, il-proporzjonijiet tal-fondi proprji kollha applikabbli affettwati mill-P2G (CET1, T1 u fondi proprji totali) u r-rekwiżit tal-proporzjon tal-ingranaġġ affettwat mill-P2G-LR.

442. Meta jistabbilixxu u jikkomunikaw lill-istituzzjonijiet il-limiti ta' żmien sabiex jistabbilixxu l-P2G jew l-P2G-LR, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw mill-inqas dan li ġej:

a. jekk l-istituzzjoni hijiex taħt ristrutturar jew riżoluzzjoni; u

b. l-implikazzjonijiet potenzjali li l-P2G denominata CET1 jista' jkollha għal partijiet oħra mir-rekwiżiti kapitali u l-kapaċità tal-istituzzjonijiet biex joħorġu strumenti tal-Grad 1 (AT1) jew tal-Grad 2 (T2) addizzjonali;

### 7.7.2 Ippjanar tal-kapital u miżuri superviżorji oħra sabiex tiġi indirizzata l-adegwatezza tal-kapital f'kundizzjonijiet ta' stress

#### Ippjanar tal-kapital

443. Meta l-eżiti kwantitattivi tat-testijiet tal-istress imsemmija fit-Taqsima 7.7.1 jindikaw li, skont ix-xenarji ta' stress speċifikati, istituzzjoni mhix se tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti kapitali applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lill-istituzzjoni tissottometti pjan ta' kapital kredibbli li jindirizza r-riskju li ma tissodisfax ir-rekwiżiti kapitali applikabbli.

444. Sabiex tiddetermina l-kredibbiltà tal-pjan ta' kapital, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra, kif xieraq:

a. jekk il-pjan ta' kapital ikoprix l-orizzont taż-żmien kollu preżunt għall-ittestjar tal-istress;

b. jekk il-pjan ta' kapital jippreżentax sett ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni u ta' ġestjoni kredibbli, li jirrestrinġi ħlasijiet ta' dividendi, eċċ.;

c. jekk l-istituzzjoni hijiex lesta u kapaċi li tieħu tali azzjonijiet sabiex tindirizza l-ksur tar-rekwiżiti kapitali applikabbli fit-testijiet tal-istress fis-sistema kollha;

d. jekk dawk l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u ta' ġestjoni humiex soġġetti għal kwalunkwe restrizzjoni legali jew reputazzjonali, pereżempju minħabba ta' tħabbir pubbliku kuntrarju jew kunfliġġenti (pereżempju dwar il-politiki dividendi, il-pjanijiet tan-negozju u l-aptit għar-riskju);

e. il-probabbiltà li l-azzjoni ta' mitigazzjoni u ta' ġestjoni se tippermetti lill-istituzzjoni tissodisfa bis-sħiħ ir-rekwiżiti kapitali applikabbli tagħha fi ħdan perjodu ta' żmien xieraq; u

f. jekk l-azzjonijiet proposti humiex konformi b'mod wiesa' mal-kunsiderazzjonijiet makroekonomiċi u ma' bidliet regolatorji futuri magħrufa li jaffettwaw lil istituzzjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni u l-perjodu ta' żmien tax-xenarji negattivi preżunti;

g. il-firxa ta' għażliet ta' rkupru u l-analiżi tagħhom kif stabbilit fil-pjan ta' rkupru tal-istituzzjoni.

445. Meta tivvaluta l-pjanijiet ta' rkupru, l-awtorità kompetenti għandha, fejn xieraq, issegwi djalogu effettiv mal-istituzzjoni, titlob lill-istituzzjoni tagħmel bidliet f'dawk il-pjanijiet kif xieraq, inkluż fl-azzjonijiet ta' ġestjoni proposti, jew titlob lill-istituzzjonijiet jieħdu azzjonijiet ta' mitigazzjoni addizzjonali li jsiru rilevanti fid-dawl tax-xenarji u l-kundizzjonijiet makroekonomiċi attwali.

446. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistennew li l-istituzzjonijiet jimplimentaw il-pjan ta' kapital rivedut, inklużi bidliet ulterjuri li saru abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni superviżorja tal-istituzzjoni u jiddjalogaw mal-istituzzjoni.

### Miżuri superviżorji addizzjonali

447. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fejn rilevanti, jikkunsidraw l-applikazzjoni tal-miżuri superviżorji addizzjonali speċifikati fit-Titolu 10, biex jiżguraw li l-istituzzjoni hija kapitalizzata kif xieraq f'kundizzjonijiet ta' stress.

448. B'mod partikolari, meta l-eżiti kwantitattivi tat-testijiet tal-istress jindikaw li l-istituzzjoni aktarx se tikser ir-rekwiżiti kapitali applikabbli tagħha taħt ix-xenarju negattiv fit-12-il xahar sussegwenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fejn xieraq, jittrattaw tali informazzjoni bħala waħda miċ-ċirkostanzi possibbli fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 102(1)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE. F'tali każijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw miżuri xierqa skont l-Artikolu 104(1) tad-Direttiva 2013/36/UE bl-għan li jiġu żgurati livelli suffiċjenti ta' fondi proprji. B'mod partikolari, meta tali miżuri jkunu jirreletaw mal-kapital, l-awtoritajiet kompetenti għandhom b'mod partikolari jikkunsidraw waħda minn dawn li ġejjin jew it-tnejn li huma, kif iddefinit fl-Artikolu 104(1)(a) u (f):

a. jitolbu lill-istituzzjonijiet iżommu ammont xieraq ta' fondi proprji addizzjonali fil-forma ta' ammont nominali, filwaqt li jikkunsidraw l-eżitu tal-valutazzjoni SREP;

b. jitolbu tnaqqis fir-riskju inerenti tal-attivitajiet, il-prodotti u s-sistemi tal-istituzzjoni.

## 7.8 Sommarju tas-sejbiet u l-punteġġi

449. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar jekk ir-riżorsi eżistenti tal-fondi proprji jipprovdux kopertura soda tar-riskji li l-istituzzjoni hija jew tista' tkun esposta għalihom. Din il-fehma għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ tal-vijabbiltà bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 8.

**Tabella 8 - Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ lill-adegwatezza tal-kapital**

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| 1 | Il-kwantità u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji miżmuma jimponu livell baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • L-istituzzjoni hija kapaċi tissodisfa l-P2G u l-P2G-LR tagħha mingħajr problemi.<br>• L-istituzzjoni żżomm livell ta' fondi proprji sew 'il fuq mill-OCR u l-OLRR tagħha, u hija mistennija li tagħmel dan fil-futur.<br>• L-ittestjar tal-istress ma jiżvela l-ebda riskju ċar fir-rigward tal-impatt ta' reċessjoni ekonomika severa iżda plawżibbli fuq il-fondi proprji jew fuq l-ingranaġġ.<br>• Il-fluss liberu tal-kapital bejn l-entitajiet fil-grupp, fejn rilevanti, mhuwiex imfixkel, jew l-entitajiet kollha huma kapitalizzati sew 'il fuq mir-rekwiżiti superviżorji.<br>• L-istituzzjoni għandha pjan ta' kapital plawżibbli u kredibbli li għandu l-potenzjal li jkun effettiv, jekk meħtieġ.<br>• Ma hemm l-ebda riskju materjali/riskju baxx ħafna ta' ingranaġġ eċċessiv. |
| 2 | Il-kwantità u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji miżmuma jimponu livell medju baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • L-istituzzjoni għandha diffikultà biex tissodisfa l-P2G jew il-P2G LR tagħha. Azzjonijiet mitiganti ta' ġestjoni sabiex dawn jiġu indirizzati huma vvalutati bħala kredibbli.<br>• L-istituzzjoni waslet biex tikser xi wħud mill-bafers kapitali tagħha iżda għadha b'mod ċar 'il fuq mit-TSCR u mit-TSLRR tagħha.<br>• L-ittestjar tal-istress jiżvela li jkun hemm livell baxx ta' riskju fir-rigward tal-impatt ta' reċessjoni ekonomika severa iżda plawżibbli fuq il-fondi proprji, iżda l-azzjonijiet ta' ġestjoni li se jindirizzaw dawn jidhru kredibbli.<br>• Il-fluss liberu tal-kapital bejn l-entitajiet fil-grupp, fejn rilevanti, huwa jew jista' jiġi mfixkel marġinalment.<br>• L-istituzzjoni għandha pjan ta' kapital plawżibbli u kredibbli li, minkejja li jimponi riskju, għandu l-potenzjal li jkun effettiv jekk meħtieġ.<br>• Hemm livell baxx ta' riskju ta' ingranaġġ eċċessiv. |

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| 3 | Il-kwantità u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji miżmuma jimponu livell medju għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • L-istituzzjoni ma tissodisfax il-P2G jew il-P2G LR tagħha. Hemm tħassib dwar il-kredibbiltà tal-azzjonijiet mitiganti ta' ġestjoni biex jindirizzaw dan.<br>• L-istituzzjoni qiegħda tuża xi wħud mill-bafers kapitali tagħha. Hemm potenzjal għall-istituzzjoni li tikser it-TSCR jew it-TSLRR tagħha jekk is-sitwazzjoni tmur għall-agħar.<br>• L-ittestjar tal-istress jiżvela livell medju ta' riskju rigward l-impatt ta' reċessjoni ekonomika severa iżda plawżibbli fuq fondi proprji jew ingranaġġ. L-azzjonijiet ta' ġestjoni jistgħu ma jindirizzawx dan b'mod kredibbli.<br>• Il-fluss liberu tal-kapital bejn l-entitajiet fil-grupp, fejn rilevanti, huwa mfixkel.<br>• L-istituzzjoni għandha pjan ta' kapital li aktarx mhuwiex effettiv.<br>• Hemm livell medju ta' riskju ta' ingranaġġ eċċessiv. |
| 4 | Il-kwantità u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji miżmuma jimponu livell għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • L-istituzzjoni ma tissodisfax il-P2G jew il-P2G-LR tagħha (jew ma stabbilietx P2G-LR apposta) u mhijiex se tkun tista' tagħmel dan fil-futur prevedibbli. Azzjonijiet mitiganti ta' ġestjoni li jindirizzaw dan huma vvalutati bħala mhux kredibbli.<br>• L-istituzzjoni waslet biex tikser it-TSCR jew it-TSLRR tagħha.<br>• L-ittestjar tal-istress jiżvela li t-TSCR jew it-TSLRR se jinkisru qrib il-bidu ta' tnaqqis sever iżda plawżibbli fl-attività ekonomika. L-azzjonijiet ta' ġestjoni mhumiex se jindirizzaw dan b'mod kredibbli.<br>• Il-fluss liberu tal-kapital bejn l-entitajiet fil-grupp, fejn rilevanti, huwa mfixkel.<br>• L-istituzzjoni m'għandha l-ebda pjan ta' kapital, jew wieħed li mhuwiex xieraq b'mod ċar.<br>• Hemm livell għoli ta' riskju ta' ingranaġġ eċċessiv. |

# Titolu 8: Valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament

## 8.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

450. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskji għal-likwidità u l-finanzjament li ġew identifikati bħala materjali għall-istituzzjoni. L-iskop ta' dan it-titolu huwa li jipprovdi metodoloġiji komuni li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġu vvalutati r-riskji individwali u l-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju. Ma huwiex maħsub biex ikun eżawrjenti u jagħti lok lill-awtoritajiet kompetenti biex jikkunsidraw kriterji addizzjonali oħrajn li jistgħu jitqiesu rilevanti fuq il-bażi tal-esperjenza tagħhom u l-karatteristiċi speċifiċi tal-istituzzjoni.

451. Dan it-titolu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti sett ta' elementi komuni għall-valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament.

452. Il-metodoloġija tinkludi tliet komponenti ewlenin:

a. valutazzjoni tar-riskju tal-likwidità inerenti;

b. valutazzjoni tar-riskju ta' finanzjament inerenti; u

c. valutazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità u l-finanzjament.

453. Fil-valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti regolatorji minimi tal-UE, il-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità (LCR), kif speċifikat fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61[41] u l-proporzjon nett ta' finanzjament stabbli (NSFR), kif stabbilit fit-Titolu IV tal-Parti Sitta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Madankollu, dawn il-linji gwida jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni lil hinn mir-rekwiżiti minimi, bil-għan li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jiffurmaw fehma komprensiva tar-riskji.

454. Dan il-fluss tal-valutazzjoni huwa rappreżentat grafikament fl-Illustrazzjoni 5.

[41] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu.

### Illustrazzjoni 2. Elementi tal-valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament




455. Wara l-kriterji speċifikati f'dan it-titolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw it-tliet komponenti kollha biex jiffurmaw opinjoni dwar il-livell tar-riskju inerenti ta' likwidità u finanzjament iffaċċjat mill-istituzzjoni, u dwar il-kwalità tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju tal-likwidità u l-finanzjament tal-istituzzjoni. Minħabba li r-riskju tal-likwidità u r-riskju tal-finanzjament u l-ġestjoni tagħhom huma interkonnessi u interdipendenti, it-taqsima għall-valutazzjoni tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju tal-likwidità u l-finanzjament hija l-istess għaż-żewġ riskji.

456. Fit-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament bħala parti mill-SREP, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw kombinazzjoni ta' sorsi ta' informazzjoni, inklużi:

a. eżiti mill-analiżi tal-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni, b'mod partikolari dawk li jistgħu jgħinu bil-fehim tas-sorsi ewlenin tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament;

b. informazzjoni mill-monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin;

c. rapportar superviżorju, u b'mod partikolari l-informazzjoni pprovduta mill-istituzzjoni fir-rapportar tagħha tar-riskju tal-likwidità u tal-finanzjament skont l-Artikolu 415 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

d. eżiti tal-attivitajiet superviżorji varji;

e. informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-AML/CFT b'impatt potenzjali fuq il-pożizzjoni tal-likwidità u tal-finanzjament;

f. informazzjoni pprovduta mill-istituzzjoni, inkluża informazzjoni mill-ILAAP;

g. sejbiet u osservazzjonijiet minn rapporti tal-awditi interni jew esterni;

h. rakkomandazzjonijiet, linji gwida u gwida inklużi fir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-LCR u tal-NSFR maħruġa mill-EBA, kif ukoll it-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet makroprudenzjali jew mill-BERS; u

i. riskji identifikati f'istituzzjonijiet oħra li joperaw mudell kummerċjali simili (il-grupp bejn il-pari).

457. Fl-implimentazzjoni tagħhom tal-metodoloġiji u l-elementi komuni speċifikati f'dan it-titolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw indikaturi kwantitattivi rilevanti u metriċi oħra, li jistgħu jintużaw ukoll għall-monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin kif speċifikati fit-Titolu 3.

458. L-eżitu tal-valutazzjoni ta' kull riskju individwali għandu jiġi rifless f'sommarju tas-sejbiet li jipprovdi spjegazzjoni tal-motivaturi ewlenin tar-riskju, u punteġġ tar-riskju, kif speċifikat fit-taqsimiet li ġejjin.

## 8.2 Valutazzjoni tar-riskju ta' likwidità

459. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju tal-likwidità fuq terminu qasir u fuq terminu medju tal-istituzzjoni matul sett xieraq ta' orizzonti ta' żmien, inklużi perjodi fl-istess ġurnata, biex jiżguraw li l-istituzzjoni żżomm livelli xierqa ta' bafers tal-likwidità, kemm taħt kundizzjonijiet normali kif ukoll taħt kundizzjonijiet ta' stress. Din il-valutazzjoni tinkludi l-elementi li ġejjin:

a. evalwazzjoni tal-ħtiġijiet ta' likwidità fiż-żmien qasir u medju;

b. evalwazzjoni tar-riskju tal-likwidità ta' dakinhar stess;

c. evalwazzjoni tal-bafer tal-likwidità u l-kapaċità ta' kontrobilanċ; u

d. ittestjar tal-istress tal-likwidità superviżorju.

460. Għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' likwidità, tal-bafers u tal-kapaċità ta' kontrobilanċ f'kundizzjonijiet normali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jappoġġjaw l-analiżi b'evidenza mill-mudelli ta' rapportar għal metriċi ta' monitoraġġ addizzjonali kif speċifikat u introdott fl-ITS dwar ir-rapportar superviżorju[42]. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu evalwazzjoni tar-riskju ta' likwidità ta' dakinhar stess u ttestjar tal-istress tal-likwidità inqas granulari, fejn dan ikun iġġustifikat minn materjalità aktar baxxa ta' dawn is-sorsi ta' riskju, speċjalment għall-istituzzjonijiet tal-Kategorija 3 u tal-Kategorija 4.

[42] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451.

## Evalwazzjoni tal-ħtiġijiet ta' likwidità fiż-żmien qasir u medju

461. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-istituzzjoni fuq terminu qasir u medju kemm taħt kundizzjonijiet normali kif ukoll taħt dawk ta' stress (xokkijiet). Dawn għandhom iqisu:

a. il-ħtiġijiet stressjati tal-likwidità tal-istituzzjoni fi żminijiet differenti, b'mod partikolari qabel 30 jum, bejn 30 jum u 3 xhur, u wara 3 sa 12-il xahar, u b'mod speċifiku l-effett fuq il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-istituzzjoni (ħruġ ta' flus netti) ta' stress sever iżda plawżibbli, biex ikopru xokkijiet idjosinkratiċi, fis-suq kollu u kkombinati; u

b. id-daqs, il-post u l-munita tal-ħtiġijiet ta' likwidità u, meta istituzzjoni topera f'muniti materjali differenti, l-impatti separati tax-xokkijiet fil-muniti differenti, li jirriflettu riskju ta' konvertibbiltà tal-munita.

462. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jappoġġjaw il-valutazzjoni tar-riskju tal-likwidità fuq terminu qasir billi janalizzaw, bħala minimu, l-LCR kif speċifikat fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari:

a. jekk l-istituzzjoni hijiex qiegħda tirrapporta b'mod korrett il-pożizzjoni LCR tagħha; u

b. jekk l-LCR jidentifikax b'mod adegwat il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-istituzzjoni.

463. Fl-evalwazzjoni tal-impatt tax-xokkijiet fuq il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu s-sorsi materjali kollha tar-riskju ta' likwidità għall-istituzzjoni. B'mod partikolari, huma għandhom jikkunsidraw, kif rilevanti:

a. il-possibbiltà li kwalunkwe rekwiżit regolatorju applikabbli tal-UE ma jidentifikax b'mod adegwat il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-istituzzjoni fil-każ tat-tip ta' xenarju ta' stress użat għar-rekwiżit, inkluż fejn il-maturitajiet ikunu iqsar minn 30 jum.

b. riskji li jirriżultaw fir-rigward ta' kontropartijiet bl-ingrossa rigward entrati li jidhru fuq il-karta bilanċjali u konċentrazzjonijiet ta' finanzjament, u b'kunsiderazzjoni ta' azzjonijiet li tista' twettaq l-istituzzjoni biex tippreserva r-reputazzjoni/l-franchise tagħha;

c. riskji li jirriżultaw fir-rigward ta' flussi tal-flus kontinġenti/entrati li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali (pereżempju, linji ta' kreditu, sejħiet marġinali) u attivitajiet (pereżempju, appoġġ ta' likwidità għall-vetturi ta' għan speċjali mhux ikkonsolidati lil hinn mill-obbligi kuntrattwali), filwaqt li jitqiesu l-azzjonijiet li l-istituzzjoni tista' tieħu biex tippreserva r-reputazzjoni/l-franchise tagħha;

d. dħul u ħruġ fuq bażi grossa kif ukoll bażi netta: fejn hemm dħul u ħruġ għoljin ħafna, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċifika għar-riskju lill-

istituzzjoni meta d-dħul ma jasalx meta jkun mistenni, anke meta r-riskju ta' ħruġ nett huwa limitat;

e. riskji li jirriżultaw fir-rigward ta' kontropartijiet bl-imnut, b'kunsiderazzjonijiet ta' azzjonijiet li l-istituzzjoni tista' twettaq biex tippreserva r-reputazzjoni/l-franchise tagħha. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-metodoloġija dwar il-klassifikazzjoni ta' depożiti bl-imnut f'buckets ta' riskju differenti, skont l-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 ;

f. ir-riskju li r-riskji eċċessivi fil-profil ta' finanzjament taż-żmien medju u fit-tul ser jaffettwaw ħażin l-imġiba tal-kontropartijiet rilevanti għall-pożizzjoni ta' likwidità fuq terminu qasir; u

g. riskju li jirriżulta fil-kuntest ta' depożiti fiduċjarji[43].

## Evalwazzjoni tar-riskju tal-likwidità fl-istess ġurnata

464. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-iskopertura tal-istituzzjoni għar-riskju tal-likwidità fl-istess ġurnata għal medda ta' żmien partikolari, inkluża d-disponibbiltà fl-istess ġurnata tal-assi likwidi skont in-natura imprevedibbli ta' ħruġ fl-istess ġurnata jew nuqqas ta' dħul. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu l-materjalità potenzjalment aktar baxxa ta' dan is-sors ta' riskju, speċjalment għall-istituzzjonijiet tal-Kategorija 3 u tal-Kategorija 4. Għall-istituzzjonijiet l-oħra kollha, fejn dan is-sors ta' riskju jitqies materjali, din il-valutazzjoni għandha tinkludi, bħala minimu, evalwazzjoni tal-likwidità ta' dakinhar stess disponibbli jew aċċessibbli f'kundizzjonijiet normali, kif ukoll taħt stress finanzjarju jew operazzjonali (eż. problemi tal-IT, restrizzjonijiet legali fuq it-trasferiment ta' fondi, sospensjoni/terminazzjoni tal-aċċess għal servizzi bankarji korrispondenti u/jew servizzi tal-ikklerjar għal muniti, komoditajiet jew strumenti sinifikanti għall-istituzzjoni).

465. Għal dawk il-ġuriżdizzjonijiet fejn ir-rapportar fuq ir-riskju tal-istess ġurnata għadu mhux disponibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddependu fuq l-analiżi tar-riskju tal-likwidità fl-istess ġurnata tal-istituzzjoni stess.

## Evalwazzjoni tal-bafer tal-likwidità u l-kapaċità tal-kontrobilanċ

466. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-bafer tal-likwidità u tal-kapaċità tal-kontrobilanċ tal-istituzzjoni biex tissodisfa l-bżonnijiet ta' likwidità tagħha fi żmien xahar kif ukoll fuq perjodi ta' żmien differenti, potenzjalment sa sena, inkluż mil-lum għall-għada. Din il-valutazzjoni għandha tikkunsidra:

[43] L-aħjar prattiki huma disponibbli fir-rapport tal-EBA: Monitoring of liquidity coverage ratio implementation in the EU – It-tieni rapport (EBA/REP/2021/07).

a. il-bafers ta’ likwidità disponibbli direttament jew perjodi ta’ sopravivenza tal-istituzzjoni taħt xenarji differenti ta’ stress;

b. il-kapaċità ta’ kontrobilanċ ġenerali disponibbli għall-istituzzjoni matul il-perjodu sħiħ tax-xenarju ta’ stress rilevanti;

c. il-karatteristiċi, bħas-severità u t-tul, tax-xenarji ta’ stress differenti u l-perjodi kkunsidrati fl-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet ta’ likwidità tal-istituzzjoni;

d. l-ammont ta’ assi li jkun hemm bżonn li jiġu likwidati matul l-perjodi ta’ żmien rilevanti;

e. jekk il-bafer reali ta’ likwidità u l-kapaċità tal-kontrobilanċ, inkluża l-kwalità tal-assi likwidi, humiex konformi ma’ aptit għar-riskju tal-likwidità tal-istituzzjoni; u

f. il-klassifikazzjoni u l-kwalità tal-assi likwidi, kif speċifikat fir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 (ir-Regolament ta’ Delega tal-LCR)[44].

467. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kapaċità tal-istituzzjoni li timmonetizza l-assi likwidi tagħha b’mod f’waqtu biex tissodisfa l-bżonnijiet tal-likwidità tagħha matul perjodu ta’ stress. Dawn għandhom iqisu:

a. jekk l-istituzzjoni tittestjax l-aċċess għas-suq tagħha billi tbiegħ jew ‘repo-ing’ fuq bażi perjodika;

b. jekk hemmx konċentrazzjonijiet għoljin li jistgħu jirrappreżentaw riskju ta’ sovrastima tal-bafer tal-likwidità u l-kapaċità tal-kontrobilanċ;

c. jekk l-assi fil-bafer ma jkunux mirhuna (kif definit fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-iżvelar ta’ assi mirhuna u mhux mirhuna[45]), taħt il-kontroll tal-persunal rilevanti u faċilment disponibbli għal funzjoni ta’ ġestjoni tal-likwidità;

d. jekk id-denominazzjoni tal-assi likwidi tkunx konsistenti mad-distribuzzjoni tal-ħtiġijiet ta’ likwidità skont il-munita;

e. meta l-istituzzjoni tkun isselfet assi likwidi, jekk ikollhiex tirritornahom matul perjodu ta’ stress ta’ likwidità fuq terminu qasir, li jfisser li l-istituzzjoni ma jibqax ikollha dawn disponibbli biex tissodisfa l-ħruġ enfasizzat tagħha b’kunsiderazzjoni tal-effett nett tat-tranżazzjoni; u

---

[44] Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta’ Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta’ kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta’ Kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1–36).

[45] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-iżvelar tal-assi mirhuna u mhux mirhuna (EBA/GL/2014/03)

f. il-valur probabbli ta' faċilitajiet ta' likwidità impenjati, meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw li dawn il-faċilitajiet jistgħu sa ċertu punt jiġu inklużi fil-kapaċità tal-kontrobilanċ.

### Ittestjar tal-istress tal-likwidità superviżorja

468. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw testijiet tal-istress tal-likwidità, definiti u mmexxija mill-awtoritajiet kompetenti, bħala għodda indipendenti biex jivvalutaw ir-riskji tal-likwidità fuq medda qasira u medja, biex:

a. jidentifikaw riskji ta' likwidità tul orizzonti ta' żmien differenti u diversi xenarji ta' stress. Ix-xenarji ta' stress għandhom jiġu ankrati mas-suppożizzjonijiet ta' stress LCR għal 30 jum, iżda l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tagħhom billi jesploraw ir-riskji fi żmien 30 jum kif ukoll aktar minn 30 jum, u jibdlu s-suppożizzjonijiet tal-LCR biex jirriflettu riskji mhux koperti b'mod adegwat fl-LCR;

b. jinfurmaw l-opinjoni tagħhom stess ta' riskji ta' likwidità minbarra l-informazzjoni mit-testijiet tal-istress interni tal-istituzzjoni;

c. jidentifikaw u jikkwantifikaw l-oqsma speċifiċi tar-riskju tal-likwidità; u

d. jinfurmaw il-fehma tagħhom dwar ir-riskji tal-likwidità ġenerali li l-istituzzjoni hija esposta għalihom, li ser tippermettilhom iqabblu r-riskju relattiv tal-istituzzjonijiet. Tal-anqas, dan għandu jinkludi test tal-istress superviżorju li jgħaqqad stress speċifiku għal istituzzjoni u stress fis-suq kollu.

469. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw il-bidla possibbli u s-sensittività tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità wara l-applikazzjoni tal-Artikoli 412(3) u 414 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 matul xenarji ta' stress ħafif, permezz ta' ttestjar tal-istress speċifiku għal-likwidità superviżorju jew tal-istituzzjoni. Ix-xenarji applikati għal din il-valutazzjoni għandhom tipikament ikunu anqas severi (eż. stress fis-suq mifrux biss) mix-xenarji użati biex jittestjaw is-sopravivenza tal-istituzzjoni (stress fis-suq kollu u sistemiku) u konsegwentement jirriflettu sitwazzjonijiet li fihom l-istituzzjonijiet ma jkunux mistennija li jużaw il-bafer minimu ta' likwidità tagħhom. Meta jwettqu ttestjar superviżorju tal-istress fuq il-likwidità għall-istituzzjonijiet tal-Kategorija 3 u tal-Kategorija 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw inqas xenarji u japplikaw granularità aktar baxxa tal-analiżi milli għal istituzzjonijiet oħra.

## 8.3 Valutazzjoni tar-riskju tal-finanzjament inerenti

470. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju tal-finanzjament tal-istituzzjoni u jekk l-assi fi żmien medju u fit-tul u l-entrati barra mill-karta tal-bilanċ humiex milħuqa adegwatament b'firxa ta' strumenti ta' finanzjament stabbli kemm taħt kundizzjonijiet normali kif ukoll taħt kundizzjonijiet ta' stress. Din il-valutazzjoni tinkludi l-elementi li ġejjin:

a. evalwazzjoni tal-profil ta’ finanzjament tal-istituzzjoni;

b. evalwazzjoni tar-riskji għall-istabbiltà tal-profil ta’ finanzjament;

c. evalwazzjoni tal-aċċess tas-suq attwali; u

d. evalwazzjoni tal-bidla mistennija fir-riskji ta’ finanzjament ibbażati fuq pjan ta’ finanzjament tal-istituzzjoni.

## Evalwazzjoni tal-profil tal-finanzjament tal-istituzzjoni

471. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-profil ta’ finanzjament tal-istituzzjoni, inkluż in-nuqqas ta’ qbil kuntrattwali u tal-imġiba fi żmien medju u fit-tul, fir-rigward tal-mudell tan-negozju, l-istrateġija u l-aptit għar-riskju tagħha. B’mod aktar speċifiku, huma għandhom jikkunsidraw:

a. jekk l-assi u l-entrati barra mill-karta tal-bilanċ fi żmien medju u fit-tul tal-istituzzjoni jintlaħqux adegwatament b’firxa ta’ strumenti ta’ finanzjament stabbli, skont l-Artikolu 413 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u jekk in-nuqqas ta’ qbil attwali tagħha fuq l-orizzonti ta’ żmien rilevanti huwiex fi ħdan konfini aċċettabbli f’relazzjoni mal-mudell tan-negozju speċifiku tal-istituzzjoni;

b. jekk – fid-dawl tal-opinjoni tal-awtorità kompetenti fuq il-profil ta’ finanzjament mixtieq tal-istituzzjoni – il-profil ta’ finanzjament attwali tal-istituzzjoni jilħaqx il-profil mixtieq tagħha;

c. fatturi (lokali) regolatorji u kuntrattwali li jaffettwaw il-karatteristiċi tal-imġiba ta’ fornituri ta’ finanzjament (eż. regolamenti dwar ikklerjar, rikapitalizzazzjoni interna, skemi ta’ garanzija ta’ depożitu, eċċ, kif dawn jistgħu jinfluwenzaw l-imġiba tal-fornituri ta’ finanzjament), b’mod partikolari meta jkun hemm tibdil jew differenzi materjali bejn il-ġuriżdizzjonijiet fejn topera l-istituzzjoni; u

d. dik it-trasformazzjoni tal-maturità ser twassal għal ċertu livell ta’ nuqqas ta’ qbil, iżda li dawn għandhom jibqgħu fil-konfini maniġġabbli u kontrollabbli biex jimpedixxu kollass tal-mudell tan-negozju matul il-perjodi ta’ stress jew bidliet fiċ-ċirkostanzi tas-suq.

e. fejn disponibbli, kwalunkwe informazzjoni supplimentari riċevuta mis-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT dwar l-iskopertura għar-riskji tal-ML/TF u n-nuqqasijiet potenzjali tas-sistema ta’ ġestjoni tar-riskju tal-ML/TF tal-istituzzjoni li tista’ żżid ir-riskju ta’ finanzjament.

472. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jappoġġjaw il-valutazzjoni tal-profil tal-finanzjament tal-istituzzjoni billi janalizzaw, bħala minimu, l-NSFR kif speċifikat fit-Titolu IV tal-Parti Sitta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u b’mod partikolari:

a. jekk l-istituzzjoni hijiex qiegħda tirrapporta b'mod korrett il-pożizzjoni NSFR tagħha; u

b. jekk l-NSFR jidentifikax b'mod adegwat il-ħtiġijiet ta' finanzjament stabbli tal-istituzzjoni.

473. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk xi nuqqasijiet potenzjali li jirriżultaw mill-profil ta' finanzjament tal-istituzzjoni, bħal diskrepanzi fil-maturità li jiksru konfini aċċettabbli, konċentrazzjonijiet eċċessivi ta' sorsi ta' finanzjament, livelli eċċessivi ta' gravami fuq l-assi jew fondi mhux xierqa jew instabbli ta' assi fit-tul, jistgħux iwasslu għal żieda inaċċettabbli fl-ispiża tal-finanzjament għall-istituzzjoni. Dawn għandhom iqisu:

a. ir-riskju ta' finanzjament li jiġi riportat b'rati ta' imgħax ogħla fejn hemm dipendenza eċċessiva fuq sorsi speċifiċi ta' finanzjament, il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-istituzzjoni jiżdiedu jew is-sorsi ta' finanzjament jipperċepixxu l-istituzzjoni bħala li jkollha profil aktar riskjuż, speċjalment meta ma jkunx probabbli li dawk l-ispejjeż għolja ser jiġu trasferiti awtomatikament lill-klijenti; u

b. jekk livell dejjem jikber ta' gravami fuq l-assi li jaqbeż limiti aċċettabbli jnaqqasx l-aċċess u jżidx il-prezz ta' finanzjament mhux garantit.

## Evalwazzjoni tar-riskji għall-istabbiltà tal-profil ta' finanzjament

474. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw fatturi li jistgħu jnaqqsu l-istabbiltà tal-profil ta' finanzjament fir-rigward tat-tip u l-karatteristiċi tal-assi, tal-entrati barra mill-karta tal-bilanċ u tal-obbligazzjonijiet. Dawn għandhom iqisu:

a. il-possibbiltà li kwalunkwe rekwiżit regolatorju applikabbli tal-UE ma jidentifikax b'mod adegwat l-istabbiltà tal-profil ta' finanzjament tal-istituzzjoni f'xenarji normali jew ta' stress, inklużi perjodi ta' żmien itwal minn sena;

b. il-fatt li xi klassijiet speċifiċi ta' assi ser ikunu aktar sinifikanti minn oħrajn għall-istituzzjoni u/jew is-sistema;

c. id-diskrepanza fil-maturità strutturali bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet f'muniti sinifikanti differenti, fejn applikabbli, kif ukoll fl-aggregat, u kif diskrepanzi fil-munita li jkopru diskrepanzi fil-maturità strutturali jaffettwaw ir-riskju globali għall-istabbiltà tal-profil ta' finanzjament; u

d. metriċi ta' finanzjament strutturali xierqa (adattata għall-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni). Eżempji ta' metriċi ta' finanzjament strutturali jistgħu jinkludu proporzjon ta' self/depożitu, diskrepanza fil-finanzjament tal-klijenti u skala ta' maturità aġġustata permezz ta' mġiba;

e. karatteristiċi ta' finanzjament li jistgħu jindikaw żieda fir-riskji tal-ML/TF u tħassib minn perspettiva prudenzjali (bħad-dipendenza fuq depożiti mhux residenti

speċjalment minn ġuriżdizzjonijiet b'riskju għoli (kif identifikati mill-Kummissjoni Ewropea), depożiti b'postijiet ta' prenotazzjoni barranin mhux konsistenti mal-mudell tan-negozju, jew konfigurazzjonijiet mhux tas-soltu tar-rati tal-imgħax meta mqabbla ma' pari li ma humiex konsistenti mat-tip ta' prodott jew mal-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni). Meta jiġu identifikati karatteristiċi bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaħdmu flimkien mas-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT biex jiksbu l-valutazzjoni tagħhom dwar is-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-ML/TF u jiddeterminaw l-impatt fuq ir-riskju ta' finanzjament[46].

475. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskji għas-sostenibbiltà tal-profil ta' finanzjament li jirriżultaw minn konċentrazzjonijiet fis-sorsi ta' finanzjament. Dawn għandhom iqisu l-fatturi li ġejjin, kif rilevanti:

a. konċentrazzjonijiet f'aspetti differenti, b'mod partikolari, u fejn applikabbli: it-tip ta' strumenti ta' finanzjament użati, swieq speċifiċi ta' finanzjament, kontropartijiet uniċi jew konnessi u riskji oħra ta' konċentrazzjoni li jistgħu jaffettwaw l-aċċess għall-finanzjament fil-futur (billi jiffokaw fuq is-swieq u l-istrumenti rilevanti għall-profil ta' finanzjament fit-tul u jinnotaw li l-opinjoni tagħhom fuq ir-riskju ta' konċentrazzjoni fil-profil tal-likwidità ta' terminu qasir tista' tkun rilevanti); u

b. ir-riskju li l-gravami tal-assi jista' jkollu effett ħażin fuq l-aptit tas-suq għad-dejn mhux garantit tal-istituzzjoni (fil-kuntest tal-karatteristiċi speċifiċi tas-suq/swieq fejn l-istituzzjoni topera u l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni). Fatturi għal din il-valutazzjoni jistgħu jinkludu:

- l-ammont totali ta' assi mirhuna u/jew mislufa meta mqabbla mal-karta bilanċjali;
- id-disponibbiltà tal-assi ħielsa (assi li mhumiex mirhuna iżda li jistgħu jkunu mirhuna), speċjalment meta kkunsidrati b'rabta mal-finanzjament totali bl-ingrossa mhux garantit;
- il-livell ta' sovrakollateralizzazzjoni fir-rigward tal-bażi kapitali; sovrakollateralizzazzjoni tirreferi għall-punt sa fejn il-valur tal-assi użati biex jiksbu finanzjament sikur jaqbeż l-ammont nozzjonali tal-finanzjament miksub (eż. jekk EUR 120 ta' assi jintużaw għal EUR 100 ta' finanzjament sikur, is-sovrakollateralizzazzjoni tkun 20); u
- l-implikazzjonijiet tal-livell ta' sovrakollateralizzazzjoni għall-iskema ta' assigurazzjoni tad-depożitu jekk l-istituzzjoni tfalli.

[46] F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Kooperazzjoni AML/CFT (EBA/GL/2021/15).

### Evalwazzjoni tal-aċċess attwali tas-suq

476. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu konxji tal-aċċess attwali tas-suq tal-istituzzjoni u theddid attwali u futur għal dan l-aċċess tas-suq. Dawn għandhom iqisu l-fatturi li ġejjin, kif rilevanti

a. kwalunkwe informazzjoni li jkunu jafu biha, inkluża informazzjoni mill-istituzzjoni nnifisha, li tindika li l-istituzzjoni tagħmel domandi għoljin fuq swieq jew kontropartijiet partikolari (inklużi banek ċentrali) li huma importanti għaliha, fir-rigward tal-kapaċità ta' dawk is-swieq/kontropartijiet;

b. kwalunkwe tibdil sinifikanti jew mhux mistennija fil-ħruġ ta' dejn li l-awtoritajiet kompetenti jsiru konxji tagħhom f'kull suq sinifikanti (inkluż f'muniti sinifikanti); innota li l-awtoritajiet kompetenti jistennew lill-istituzzjonijiet javżawhom dwar kwalunkwe tibdil bħal dan. Huma għandhom jivvalutaw ukoll jekk kwalunkwe tibdil bħal dan huwiex minħabba l-għażliet strateġiċi tal-istituzzjoni jew jekk huwiex sinjal ta' tnaqqis fl-aċċess għas-suq;

c. ir-riskju li l-aħbarijiet dwar l-istituzzjoni jistgħu jinfluwenzaw b'mod negattiv is-suq (perċezzjoni/kunfidenza) u għalhekk l-aċċess għas-suq. Tali aħbarijiet jistgħu jkunu jew ma jkunux għadu sar jaf dwarhom is-suq; u

d. sinjali li r-riskji ta' likwidità fuq terminu qasir (eż. meta riskju tal-likwidità fuq terminu qasir jiġi vvalutat bħala għoli) jistgħu jnaqqsu l-aċċess li jkollha l-istituzzjoni għas-swieq ta' finanzjament ewlenin tagħha.

### Evalwazzjoni tal-bidla mistennija fir-riskji ta' finanzjament ibbażati fuq pjan ta' finanzjament tal-istituzzjoni

477. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-bidla mistennija fir-riskji ta' finanzjament ibbażati fuq pjan ta' finanzjament tal-istituzzjoni. Din il-valutazzjoni għandha tqis l-aspetti li ġejjin:

a. il-mod li bih il-pjan ta' finanzjament tal-istituzzjoni, meta eżegwit b'mod sħiħ, ser jaffettwa r-riskji ta' finanzjament tal-istituzzjoni, meta wieħed iżomm f'moħħu li l-eżekuzzjoni tal-pjan ta' finanzjament tista' żżid jew tnaqqas ir-riskji fil-profil ta' finanzjament; u

b. l-opinjoni superviżorja tal-fattibbiltà tal-pjan.

## 8.4 Valutazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità u tar-riskju tal-finanzjament

478. Sabiex jiksbu fehim komprensiv tal-profil tar-riskju tal-likwidità u ta' finanzjament tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu wkoll il-qafas tal-ġestjoni tal-

governanza u tar-riskju sottostanti r-riskju tal-likwidità u tal-finanzjament tagħha. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw:

a. l-istrateġija tar-riskju tal-likwidità u l-aptit għar-riskju tal-likwidità;

b. il-qafas, il-politiki u l-proċeduri organizzazzjonali;

c. l-identifikazzjoni, il-kejl, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar tar-riskju;

d. l-ittestjar tal-istress speċifiku għal-likwidità tal-istituzzjoni;

e. il-qafas ta’ kontroll intern għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità;

f. il-pjanijiet ta’ kontinġenza tal-likwidità tal-istituzzjoni; u

g. il-pjanijiet ta’ finanzjament tal-istituzzjoni.

## Strateġija tar-riskju tal-likwidità u aptit għar-riskju tal-likwidità

479. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tiddefinixxix b’mod xieraq u tikkomunikax l-istrateġija tar-riskju tal-likwidità u l-aptit għar-riskju tal-likwidità tagħha. Dawn għandhom iqisu:

a. jekk l-istrateġija tar-riskju tal-likwidità u l-aptit għar-riskju tal-likwidità humiex stabbiliti, approvati u aġġornati mill-korp maniġerjali;

b. jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas xieraq fis-seħħ biex tiżgura li l-istrateġija tar-riskju tal-likwidità tkun effettivament ikkomunikata lill-persunal rilevanti;

c. jekk l-istrateġija u l-aptit għar-riskju tal-likwidità humiex definiti b’mod ċar, dokumentati kif suppost, implimentati b’mod effettiv u kkomunikati lill-persunal rilevanti kollu;

d. jekk l-aptit għar-riskju tal-likwidità hijiex xierqa għall-istituzzjoni b’kunsiderazzjoni tal-mudell tan-negozju tagħha, it-tolleranza ġenerali tar-riskju, ir-rwol fis-sistema finanzjarja, il-kundizzjoni finanzjarja u l-kapaċità ta’ finanzjament; u

e. jekk il-qafas tal-istrateġija u l-aptit għar-riskju tal-likwidità tal-istituzzjoni huwiex integrat sew fi ħdan il-qafas ġenerali tal-aptit għar-riskju globali tagħha.

## Qafas, politiki u proċeduri organizzazzjonali

480. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex arranġamenti xierqa għall-governanza u l-ġestjoni tal-likwidità u r-riskju ta’ finanzjament. Għal din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu:

a. jekk il-korp maniġerjali japprovax il-governanza u l-politiki għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità u tal-finanzjament u jiddiskutihomx u jirrevedihomx b'mod regolari;

b. jekk il-maniġment superjuri hux responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-proċeduri għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità u tal-finanzjament;

c. jekk il-maniġment superjuri jiżgurax li d-deċiżjonijiet tal-korp maniġerjali jkunu ssorveljati;

d. jekk il-qafas ta' ġestjoni tar-riskji tal-likwidità u l-finanzjament huwiex internament koerenti u jiżgurax li l-ILAAP huwa komprensiv, u huwiex integrat sew fil-proċess ta' ġestjoni tar-riskju usa' tal-istituzzjoni;

e. jekk il-politiki u l-proċeduri humiex xierqa għall-istituzzjoni, b'kunsiderazzjoni tal-aptit għar-riskju tal-likwidità tagħha; u

f. jekk il-politiki u l-proċeduri humiex definiti sew, formalizzati u kkomunikati b'mod effettiv fl-istituzzjoni.

481. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas organizzazzjonali xieraq għall-funzjonijiet ta' ġestjoni, kejl u kontroll tar-riskju tal-likwidità u l-finanzjament, b'riżorsi umani u tekniċi suffiċjenti biex jiżviluppaw u jimplimentaw dawn il-funzjonijiet u biex iwettqu l-kompiti ta' monitoraġġ meħtieġa. Dawn għandhom iqisu:

a. jekk is-sistemi u l-proċessi ta' kontroll u monitoraġġ tar-riskji tal-likwidità humiex ikkontrollati minn funzjonijiet ta' kontroll indipendenti;

b. jekk il-funzjonijiet ta' ġestjoni, kejl u kontroll tar-riskji jkoprux ir-riskju tal-likwidità fl-istituzzjoni kollha (inklużi fergħat), u b'mod partikolari l-oqsma kollha fejn ir-riskju tal-likwidità jista' jittieħed, jiġi mmitigat jew issorveljat;

c. jekk l-istituzzjoni għandhiex sett ta' dokumenti ta' politika ta' likwidità u ta' finanzjament li huma adegwati għall-promozzjoni tal-imġiba prudenti mill-persunal tal-istituzzjoni (inkluż fir-rigward tat-teħid ta' depożiti) u li jippermettu l-operazzjoni effiċjenti tal-funzjonijiet ta' kontroll; u

d. jekk l-istituzzjoni għandhiex politiki interni adattati bil-miktub u proċeduri għall-immaniġġjar tar-riskju tal-likwidità u ta' finanzjament, kif ukoll l-adegwatezza tal-qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-likwidità u tal-finanzjament tal-istituzzjoni.

482. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-approċċ tal-istituzzjoni biex iżżomm aċċess għas-suq fis-swieq ta' finanzjament sinifikanti tagħha. Dawn għandhom iqisu:

a. l-approċċ tal-istituzzjoni li żżomm preżenza kontinwa fis-swieq (ittestjar tal-aċċess għas-suq); għal istituzzjonijiet żgħar speċifiċi jew mudelli ta' negozju speċjalizzati, ittestjar tal-aċċess għas-swieq jista' ma jkunx rilevanti;

b. l-approċċ tal-istituzzjoni li tiżviluppa relazzjonijiet b'saħħithom ma' fornituri ta' finanzjament biex ibaxxu r-riskju li l-aċċess tagħha jitnaqqas; u

c. kwalunkwe evidenza li l-istituzzjoni jkompli jkollha aċċess kontinwu għas-suq fi żminijiet ta' stress (anke jekk jista' jkun jiswa aktar flus għall-istituzzjoni biex tagħmel hekk fi żminijiet bħal dawn).

## Identifikazzjoni, kejl, ġestjoni, monitoraġġ u rapportar tar-riskju

483. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas u sistemi tal-IT xierqa għall-identifikazzjoni u l-kejl tar-riskju tal-likwidità u tal-finanzjament, skont id-daqs, il-kumplessità, l-aptit għar-riskju u l-kapaċità tat-teħid ta' riskju tal-istituzzjoni. Huma għandhom jikkunsidraw il-fatturi li ġejjin:

a. jekk l-istituzzjoni tkunx implimentat metodi xierqa għall-ipproġettar tal-flussi tal-flus tagħha matul sett ta' orizzonti ta' żmien adegwati, jekk wieħed jassumi sitwazzjonijiet ta' negozju tas-soltu u stress, u b'mod komprensiv fil-motivaturi materjali tar-riskju;

b. jekk l-istituzzjoni tużax suppożizzjonijiet u metodoloġiji xierqa ewlenin, li jiġu rriveduti b'mod regolari, li jirrikonoxxu l-interazzjoni bejn ir-riskji differenti (ta' kreditu, tas-suq, eċċ.) li jirriżultaw kemm mill-entrati li jidhru kif ukoll dawk li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali;

c. fejn rilevanti, jekk l-entitajiet legali, il-fergħat u s-sussidjarji materjali kollha fil-ġuriżdizzjoni li fiha l-istituzzjoni hija attiva humiex inklużi; u

d. jekk l-istituzzjoni tifhimx il-kapaċità tagħha li jkollha aċċess għal strumenti finanzjarji jkunu fejn ikunu miżmuma, b'kunsiderazzjoni għal kwalunkwe restrizzjoni legali, regolatorja u operazzjonali fuq l-użu tagħhom, inkluż, pereżempju, in-nuqqas ta' aċċessibbiltà ta' assi minħabba gravami matul orizzonti ta' żmien differenti.

484. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjonijiet għandhomx qafas ta' rapportar xieraq għar-riskju tal-likwidità u ta' finanzjament. Dawn għandhom iqisu:

a. jekk hemmx sett ta' kriterji ta' rapportar miftiehma mill-maniġment superjuri, li jispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni, il-mod u l-frekwenza tar-riskju ta' rapportar tal-likwidità u ta' finanzjament u min hu responsabbli għat-tħejjija tar-rapporti;

b. il-kwalità u l-adegwatezza tas-sistemi ta' informazzjoni, informazzjoni tal-ġestjoni u flussi ta' informazzjoni interna ta' appoġġ għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità u

ta' finanzjament u jekk id-*data* u l-informazzjoni użata mill-istituzzjoni jinftiehmux mill-udjenza fil-mira, humiex preċiżi u jistgħux jintużaw (eż. b'mod f'waqtu, mhux ikkumplikati wisq, fi ħdan l-ambitu korrett, eċċ.); u

c. jekk ir-rapporti u d-dokumentazzjoni speċifiċi li jinkludu informazzjoni komprensiva u faċilment aċċessibbli fuq riskju tal-likwidità humiex sottomessi b'mod regolari lir-riċevituri xierqa (bħall-korp maniġerjali, il-maniġment superjuri jew kumitat tal-attiv u l-passiv).

485. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-proċess tal-kejl tar-riskju tal-likwidità fl-istess ġurnata, speċjalment għal dawk l-istituzzjonijiet li jieħdu sehem fis-sistemi ta' ħlas, saldu u kklerjar. Dawn għandhom iqisu:

a. jekk l-istituzzjoni tissorveljax u tikkontrollax b'mod adegwat il-flussi tal-flus u r-riżorsi likwidi disponibbli biex tissodisfa r-rekwiżiti fl-istess ġurnata u l-previżjonijiet meta l-flussi tal-flus ser iseħħu matul il-jum; u

b. jekk l-istituzzjoni twettaqx ittestjar tal-istress speċifiku u adegwat għal operazzjonijiet fl-istess ġurnata (fejn l-istituzzjoni tikkunsidra xenarji simili għal dawk speċifikati hawn fuq).

486. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex sett adegwat ta' indikaturi dwar il-pożizzjoni tal-likwidità u l-finanzjament li huma xierqa għall-mudell tan-negozju u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-istituzzjoni. Dawn għandhom iqisu:

a. jekk l-indikaturi jirriflettux b'mod adegwat il-profil tar-riskju tal-likwidità tal-istituzzjoni, bħal:

- il-grad ta' diversifikazzjoni tal-assi likwidi fil-bafer ta' likwidità bejn id-diversi kategoriji ta' assi likwidi u fl-istess kategorija ta' assi likwidi u kwalunkwe fattur ta' diversifikazzjoni rilevanti ieħor, bħal tipi ta' emittenti, kontropartijiet jew il-pożizzjoni ġeografika ta' dawk l-emittenti u l-kontropartijiet;

- il-grad ta' konsistenza bejn id-denominazzjoni tal-munita tal-assi likwidi tagħhom u d-distribuzzjoni skont il-munita tal-ħruġ nett tal-likwidità tagħhom;

b. jekk l-indikaturi jkoprux b'mod adegwat aspetti ewlenin tar-riskju tal-likwidità relatati ma' riskji potenzjali ta' preċipizju marbuta ma', fost l-oħrajn:

- il-konċentrazzjoni tal-maturitajiet tal-flussi ta' ħruġ, filwaqt li jitqies ukoll kwalunkwe rtirar bikri potenzjali tal-obbligazzjonijiet, b'mod partikolari fit-terminu qasir u dak medju;

- il-programmi ta' appoġġ tal-bank ċentrali;

c. jekk l-indikaturi jkoprux b'mod adegwat il-vulnerabbiltajiet ta' finanzjament strutturali ewlenin tal-istituzzjoni, li jkopru l-aspetti li ġejjin, fejn xieraq:

  - il-livell ta' dipendenza fuq suq wieħed jew numru eċċessivament żgħir ta' swieq / kontropartijiet;
  - ir-"riġidità" tas-sorsi ta' finanzjament u l-fatturi li jimmotivaw l-imġiba;
  - il-konċentrazzjoni ta' attivitajiet f'muniti differenti, jiġifieri l-grad ta' konsistenza bejn id-denominazzjoni tal-munita tal-finanzjament stabbli disponibbli u d-distribuzzjoni skont il-munita tal-finanzjament stabbli meħtieġ;
  - il-konċentrazzjoni ta' finanzjament minn mutwanti speċifiċi, inklużi banek ċentrali, fit-terminu qasir, medju u twil;
  - konċentrazzjonijiet kbar ta' maturitajiet u disparitajiet ta' maturità fuq żmien itwal; u

d. jekk l-indikaturi humiex dokumentati b'mod adegwat, riveduti perjodikament, użati bħala kontributi biex jiddefinixxu l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni, parti mir-rapportar tal-ġestjoni u użati għall-iffissar tal-limiti operattivi.

## Ittestjar tal-istress speċifiku għal-likwidità tal-Istituzzjoni

487. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk istituzzjoni tkunx implimentat ittestjar tal-istress speċifiku għal-likwidità adegwat bħala parti mill-programm ġenerali tal-ittestjar tal-istress tagħha, f'konformità mal-*Linji Gwida dwar l-ittestjar tal-istress* tas-CEBS, biex tifhem l-impatt ta' avvenimenti negattivi fuq l-iskopertura tar-riskju tagħha u fuq l-adegwatezza kwantitattiva u kwalitattiva tal-assi likwidi tagħha, u biex tiddetermina jekk il-holdings ta' likwidità tal-istituzzjoni humiex suffiċjenti biex tkopri r-riskji li jistgħu jikkristallizzaw matul tipi differenti ta' xenarji ta' stress u/jew tindirizza r-riskji maħluqa mill-kontroll, il-governanza jew insuffiċjenzi oħra. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu jekk il-qafas tal-ittestjar tal-istress tal-istituzzjoni huwiex xieraq għal:

a. determinazzjoni tal-orizzont ta' sopravivenza tal-istituzzjoni skont il-bafer tal-likwidità eżistenti u s-sorsi stabbli ta' finanzjament tagħha, filwaqt li jitqies l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni, matul perjodu ta' stress tal-likwidità sever iżda plawżibbli;

b. analiżi tal-impatt tax-xenarji ta' stress fuq il-pożizzjoni konsolidata tagħha ta' likwidità fil-grupp kollu u fuq il-pożizzjoni tal-likwidità ta' entitajiet individwali u linji tan-negozju; u

c. fehim fejn jistgħu jinqalgħu r-riskji, irrispettivament mill-istruttura organizzattiva tagħha u l-livell tal-ġestjoni tar-riskju ċentralizzat tal-likwidità.

488. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll jekk humiex meħtieġa testijiet oħra għal entitajiet individwali u/jew sottogruppi ta' likwidità li huma esposti għal riskji sinifikanti ta' likwidità. Dawn it-testijiet għandhom iqisu l-konsegwenzi tax-xenarji fuq orizzonti ta' żmien differenti, inkluż fuq bażi tal-istess ġurnata.

489. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjoni tipprovdi l-impatt immudellat ta' tipi differenti ta' xenarji ta' stress, kif ukoll numru ta' testijiet tas-sensittività (fuq il-bażi tal-proporzjonalità). Għandha tingħata kunsiderazzjoni attenta lill-valutazzjoni tad-disinn tax-xenarji ta' stress u l-varjetà ta' xokkijiet simulat fihom, filwaqt li jitqies jekk, f'dan ir-rigward, l-istituzzjoni mhux biss tikkunsidra l-passat, iżda tuża wkoll ipoteżi bbażata fuq ġudizzju espert. L-awtoritajiet kompetenti għandhom janalizzaw jekk ix-xenarji li ġejjin tal-anqas jitqisux:

a. fuq żmien qasir u fit-tul;

b. speċifiċi għall-istituzzjoni u fis-suq kollu (iseħħu fl-istess ħin f'varjetà ta' swieq); u

c. taħlita ta' (i) u (ii).

490. Aspett importanti li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw meta jivvalutaw il-qafas tal-ittestjar tal-istress tal-istituzzjoni huwa l-immudellar tal-impatt tax-xenarju/i ta' stress ipotetiku/ipotetiċi fuq il-flussi tal-flus tal-istituzzjoni u fuq il-kapaċità ta' kontrobilanċ u l-orizzont ta' sopravivenza tagħha, u jekk l-immudellar jirriflettix l-impatti differenti li l-istress ekonomiku jista' jkollu kemm fuq l-assi tal-istituzzjoni kif ukoll fuq id-dħul u l-ħruġ tagħha.

491. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll jekk l-istituzzjoni tieħux approċċ konservattiv għall-istabbiliment ta' suppożizzjonijiet ta' ttestjar tal-istress. Skont it-tip u s-severità tax-xenarju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw, skont kif ikun rilevanti, l-adegwatezza ta' għadd ta' suppożizzjonijiet, b'mod partikolari:

a. il-likwidazzjoni tal-finanzjament bl-imnut;

b. it-tnaqqis tal-finanzjament bl-ingrossa garantit u mhux garantit;

c. il-korrelazzjoni bejn is-swieq ta' finanzjament u d-diversifikazzjoni fi swieq differenti;

d. skoperturi kontinġenti addizzjonali li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali;

e. tenuri ta' finanzjament (eż. fejn il-fornitur ta' finanzjament ikollu għażliet ta' sejħa);

f. l-impatt ta' kwalunkwe deterjorament tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-istituzzjoni;

g. konvertibbiltà tal-FX u aċċess għal swieq ta' muniti barranin u kontijiet bankarji korrispondenti;

h. il-kapaċità li jittrasferixxu likwidità f'entitajiet, setturi u pajjiżi;

i. stimi ta' tkabbir futur tal-karta bilanċjali; u

j. minħabba r-riskji reputazzjonali, rekwiżit impliċitu li l-istituzzjoni tirriporta l-assi u testendi jew tmantni forom oħra ta' appoġġ għal-likwidità.

492. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-qafas tal-ġestjoni tal-ittestjar tal-istress speċifiku għal-likwidità tal-istituzzjoni huwiex adattat u jekk ikunx integrat kif jixraq fl-istrateġija ġenerali tal-ġestjoni tar-riskju. Dawn għandhom iqisu:

a. jekk id-daqs u l-frekwenza tat-testijiet tal-istress humiex xierqa għan-natura u l-kumplessità tal-istituzzjoni, l-iskoperturi tar-riskju tal-likwidità tagħha u l-importanza relattiva tagħha fis-sistema finanzjarja;

b. jekk l-eżiti tal-ittestjar tal-istress humiex integrati fil-proċess ta' ppjanar strateġiku tal-istituzzjoni għal-likwidità u l-finanzjament u jekk humiex użati sabiex tiżdied l-effettività tal-ġestjoni tal-likwidità f'każ ta' kriżi, inkluż fil-pjan ta' kontinġenza u rkupru tal-likwidità tal-istituzzjoni;

c. jekk l-istituzzjoni għandhiex proċess adegwat għall-identifikazzjoni ta' fatturi tar-riskju adattati għat-twettiq ta' testijiet tal-istress, b'kunsiderazzjoni tal-vulnerabbiltajiet materjali kollha li jistgħu jimminaw l-pożizzjoni tal-likwidità tal-istituzzjoni partikolari;

d. jekk is-suppożizzjonijiet u x-xenarji humiex riveduti u aġġornati b'mod frekwenti biżżejjed; u

e. fejn il-ġestjoni tal-likwidità ta' grupp tkun qiegħda tiġi vvalutata, jekk l-istituzzjoni tagħtix attenzjoni adegwata lil kwalunkwe ostaklu potenzjali għat-trasferiment tal-likwidità fi ħdan il-grupp.

## Qafas ta' kontroll intern tar-riskju tal-likwidità

493. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas b'saħħtu u komprensiv tal-limitu u kontroll intern u salvagwardji sodi biex timmitiga jew tillimita r-riskju ta' likwidità tagħha f'konformità mal-aptit għar-riskju tagħha. Dawn għandhom iqisu jekk:

a. il-qafas tal-limitu u kontroll huwiex adegwat għall-kumplessità, id-daqs u n-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni u jirriflettix il-motivaturi materjali differenti tar-riskju ta' likwidità, bħal diskrepanzi fil-maturità, diskrepanzi fil-munita, tranżazzjonijiet ta' derivattivi, ġestjoni ta' kollateral, entrati barra mill-karta tal-bilanċ u r-riskju tal-likwidità tal-istess ġurnata;

b. l-istituzzjoni għandhiex fis-seħħ limiti biex tiżgura konsistenza bejn id-denominazzjoni tal-munita tal-assi likwidi tagħhom u d-distribuzzjoni skont il-munita tal-ħruġ nett tal-likwidità tagħhom f'konformità mal-Artikolu 8(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61;

c. l-istituzzjoni tkunx implimentat limiti adegwati u sistemi ta' monitoraġġ li huma konsistenti mal-aptit għar-riskju tal-likwidità tagħha u li jużaw ir-riżultati tat-testijiet tal-istress tal-likwidità;

d. il-limiti tar-riskju humiex riveduti b'mod regolari mill-korpi kompetenti tal-istituzzjoni u kkomunikati b'mod ċar lil-linji rilevanti kollha tan-negozju;

e. hemmx proċeduri ċari u trasparenti dwar kif limiti individwali tar-riskju tal-likwidità huma approvati u riveduti;

f. hemmx proċeduri ċari u trasparenti dwar kif hija ssorveljata l-konformità mal-limiti individwali tar-riskju tal-likwidità u kif il-ksur tal-limiti huwa mmaniġġjat (inklużi proċeduri ċari ta' eskalazzjoni u rapportar); u

g. il-qafas tal-limitu u l-kontroll jgħinx lill-istituzzjoni tiżgura d-disponibbiltà ta' struttura ta' finanzjament diversifikata u assi likwidi suffiċjenti u aċċessibbli.

494. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tkunx implimentat sistema adegwata ta' pprezzar tat-trasferiment bħala parti mill-qafas ta' kontroll tar-riskju tal-likwidità. Dawn għandhom iqisu:

a. jekk is-sistema ta' pprezzar tat-trasferiment tal-istituzzjoni tkoprix l-attivitajiet tan-negozju materjali kollha;

b. jekk is-sistema ta' pprezzar tat-trasferiment tal-fondi tal-istituzzjoni tinkorporax l-ispejjeż, il-benefiċċji u r-riskji rilevanti kollha tal-likwidità;

c. jekk il-mekkaniżmu li jirriżulta jippermettix lill-maniġment jagħti inċentivi xierqa għall-immaniġġjar tar-riskji tal-likwidità;

d. jekk il-metodoloġija tal-ipprezzar tat-trasferiment u l-ikkalibrar tagħha humiex riveduti u aġġornati kif jixraq skont id-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjoni;

e. jekk is-sistema ta' pprezzar tat-trasferiment u l-metodoloġija tagħha humiex ikkomunikati lill-persunal rilevanti; u

f. bħala fattur addizzjonali, jekk il-politika tal-istituzzjoni dwar l-inkorporazzjoni tal-metodoloġija tal-ipprezzar tat-trasferiment tal-fondi (FTP) fil-qafas tal-ipprezzar intern hijiex użata għall-valutazzjoni u d-deċiżjoni dwar tranżazzjonijiet mal-klijenti (dan jinkludiż-żewġ naħat tal-karta bilanċjali, eż. għoti ta' self u teħid ta' depożiti).

495. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni għandhiex kontrolli adegwati rigward il-bafer tal-assi likwidi. Dawn għandhom iqisu jekk:

a. il-qafas ta' kontroll ikoprix il-monitoraġġ f'waqtu tal-bafer tal-assi likwidi, inklużi l-kwalità tal-assi, id-disponibbiltà immedjata lill-entità ta' grupp permezz tal-assi biex ikopru r-riskji tal-likwidità u kwalunkwe impediment għall-konverżjoni f'waqtha tagħhom fi flus kontanti;

b. l-istituzzjoni għandhiex limiti ta' konċentrazzjoni fis-seħħ bejn id-diversi kategoriji ta' assi likwidi u fl-istess kategorija ta' assi likwidi fil-bafer ta' likwidità (skont il-kontroparti, it-tip ta' emittent jew il-pożizzjoni ġeografika ta' dawk l-emittenti u l-kontropartijiet) f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61; u

c. l-istituzzjoni għandhiex politika xierqa dwar il-kundizzjonijiet ta' monitoraġġ tas-suq li jistgħu jaffettwaw il-kapaċità tagħha li tbiegħ jew tagħmel repo tal-assi malajr fis-suq.

## Pjanijiet ta' kontinġenza tal-likwidità

496. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-pjan ta' kontinġenza tal-likwidità tal-istituzzjoni (LCP) jispeċifikax b'mod adegwat il-politiki, il-proċeduri u l-pjanijiet ta' azzjoni għar-rispons għal xkiel potenzjali gravi fil-ħila tal-istituzzjoni biex tiffinanzja lilha nnifisha. Huma għandhom jikkunsidraw il-kontenut u l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' finanzjament ta' kontinġenza inklużi fl-LCP, u b'mod partikolari fatturi bħal:

a. jekk l-LCP jispjegax b'mod adegwat arranġamenti ta' governanza għall-attivazzjoni u ż-żamma tagħha.

b. jekk l-LCP jirriflettix b'mod xieraq il-profil tar-riskju speċifiku għal-likwidità u aktar wiesa' tal-istituzzjoni.

c. jekk l-istituzzjoni għandhiex qafas ta' indikaturi ta' twissija bikrija tal-likwidità, li jinkludu, fost l-oħrajn, dawk stabbiliti bħala indikaturi tal-likwidità fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-indikaturi tal-pjan ta' rkupru li x'aktarx ikunu effettivi billi jippermettu lill-istituzzjoni tidentifika ċirkostanzi tas-suq li qegħdin jiddeterjoraw b'mod f'waqtu u tiddetermina malajr liema azzjonijiet għandhom jittieħdu.

d. jekk l-LCP jiddeskrivix b'mod ċar li l-bafer ta' likwidità tal-LCR huwiex imfassal biex jintuża f'każ ta' stress, anki jekk dan iwassal għal valuri tal-LCR taħt il-100 %, inkluż li huwa parti mill-ġestjoni mistennija tar-riskju ta' likwidità taħt stress li jseħħu komunikazzjonijiet sussegwenti lill-maniġment superjuri jekk jintlaħqu valuri tal-LCR aktar baxxi stabbiliti. L-LCP għandu jirrifletti u jiddeskrivi b'mod ċar kif ir-riskju tal-likwidità għandu jiġi mmaniġġjat taħt stress sabiex tingħata direzzjoni kemm jista' jkun mill-qrib lejn livelli mmirati tal-LCR.

e. jekk l-LCP jartikolax b'mod ċar is-sorsi ta' finanzjament materjali (potenzjali) kollha, inklużi l-ammonti stmati disponibbli għas-sorsi differenti tal-likwidità u l-ħin stmat meħtieġ biex jinkisbu fondi minnhom.

f. jekk il-miżuri humiex konformi mal-istrateġija tar-riskju ġenerali u l-aptit għar-riskju tal-likwidità tal-istituzzjoni.

g. l-adegwatezza tas-suppożizzjonijiet rigward ir-rwol tal-finanzjament tal-bank ċentrali f'LCP tal-istituzzjoni. Eżempji ta' fatturi li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw jistgħu jinkludu l-opinjonijiet tal-istituzzjoni fuq:

- id-disponibbiltà attwali u futura tas-sorsi potenzjali ta' finanzjament alternattivi marbutin ma' programmi ta' self tal-bank ċentrali;
- it-tipi ta' faċilitajiet ta' self, il-kollateral aċċettabbli u l-proċeduri operattivi għall-aċċess għall-fondi tal-bank ċentrali; u
- iċ-ċirkostanzi li fihom ikunu meħtieġa fondi tal-bank ċentrali, l-ammont meħtieġ u l-perjodu li għalih probabbilment ikun meħtieġ tali użu ta' fondi bank ċentrali.

497. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-azzjonijiet deskritti fl-LCP humiex fattibbli b'rabta max-xenarji ta' stress li fih huma intiżi sabiex jittieħdu. Huma għandhom iqisu fatturi bħal:

a. il-livell ta' konsistenza u interazzjoni bejn testijiet tal-istress relatati mal-likwidità tal-istituzzjoni, l-LCP tagħha u l-indikaturi tagħha ta' twissija bikrija tal-likwidità;

b. jekk l-azzjonijiet definiti fl-LCP jidhrux probabbli li jippermettu lill-istituzzjoni tirreaġixxi b'mod adegwat għal firxa ta' xenarji possibbli ta' stress ta' likwidità severa, inkluż stress speċifiku għall-istituzzjoni u fis-suq kollu, kif ukoll l-interazzjoni potenzjali bejniethom; u

c. jekk l-azzjonijiet definiti fl-LCP humiex kwantifikati prudenzjalment f'termini tal-kapaċità li tiġġenera likwidità taħt kundizzjonijiet ta' stress u l-ħin meħtieġ biex iwettquhom, b'kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti operattivi bħat-twegħid ta' kollateral f'bank ċentrali.

498. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-qafas ta' governanza tal-istituzzjoni fir-rigward tal-LCP tagħha. Huma għandhom iqisu fatturi bħal:

a. l-adegwatezza tal-proċeduri ta' eskalazzjoni u prijoritizzazzjoni li jipprovdu dettalji dwar meta u kif kull waħda mill-azzjonijiet tista' u għandha tiġi attivata;

b. jekk l-istituzzjoni għandhiex politiki u proċeduri adegwati fir-rigward tal-komunikazzjoni fi ħdan l-istituzzjoni u mal-partijiet esterni; u

c. il-livell ta’ konsistenza bejn l-LCP u l-pjanijiet ta’ kontinwità tan-negozju tal-istituzzjoni.

## Pjanijiet ta’ finanzjament

499. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-pjan ta’ finanzjament ikunx fattibbli u opportun fir-rigward tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-istituzzjoni, l-attivitajiet attwali u pproġettati tagħha u l-profil tagħha tal-likwidità u l-finanzjament. Huma għandhom iqisu fatturi bħal:

a. jekk il-pjan ta’ finanzjament huwiex robust f’termini tal-kapaċità tagħha biex tappoġġja l-attivitajiet tan-negozju pproġettati taħt xenarji negattivi;

b. il-bidla mistennija fil-profil ta’ finanzjament tal-istituzzjoni li tirriżulta mill-eżekuzzjoni tal-pjan ta’ finanzjament u jekk din hijiex adattata b’kunsiderazzjoni tal-attivitajiet u l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni;

c. jekk il-pjan ta’ finanzjament jappoġġjax kwalunkwe titjib meħtieġ jew mixtieq fil-profil ta’ finanzjament tal-istituzzjoni;

d. l-opinjoni tagħhom stess fuq l-attività tas-suq (jew il-bidliet fihom) ippjanata mill-istituzzjonijiet fil-ġuriżdizzjoni tagħhom fuq bażi aggregata, u x’ifisser dak għall-fattibbiltà tal-pjanijiet individwali ta’ finanzjament;

e. jekk il-pjan ta’ finanzjament huwiex:

- integrat mal-pjan strateġiku ġenerali tal-istituzzjoni;
- konsistenti mal-mudell ta’ negozju tagħha; u
- konsistenti mal-aptit għar-riskju tal-likwidità tagħha;

500. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw:

a. jekk l-istituzzjoni tanalizzax b’mod adegwat u hijiex konxja tal-adegwatezza tal-pjan ta’ finanzjament skont il-pożizzjonijiet attwali ta’ likwidità u ta’ finanzjament tal-istituzzjoni u l-iżvilupp ipproġettat tagħhom. Bħala parti minn dan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw jekk il-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jistax jispjega għaliex il-pjan ta’ finanzjament huwa fattibbli u fejn jinsabu d-difetti tiegħu;

b. il-politika tal-istituzzjoni għad-determinazzjoni ta’ liema dimensjonijiet ta’ finanzjament u liema swieq huma sinifikanti għall-istituzzjoni (u jekk hijiex adegwata);

c. l-orizzont ta’ żmien previst mill-istituzzjoni għall-migrazzjoni lejn profil ta’ finanzjament differenti, jekk meħtieġ jew mixtieq, meta wieħed iżomm f’moħħu li

jista' jkun hemm riskji involuti jekk il-migrazzjoni lejn l-istat aħħari tkun wisq mgħaġġla jew bil-mod wisq; u

d. jekk il-pjan ta' finanzjament ikollux strateġiji differenti u proċeduri ta' ġestjoni ċari għall-implimentazzjoni f'waqtha tal-bidliet fl-istrateġija.

501. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-pjan ta' finanzjament tal-istituzzjoni jiġix implimentat b'mod xieraq. Tal-anqas, huma għandhom iqisu:

a. jekk il-pjan ta' finanzjament huwiex dokumentat u kkomunikat lill-persunal rilevanti kollu kif suppost; u

b. jekk il-pjan ta' finanzjament huwiex inkorporat fl-operazzjonijiet minn jum għal jum tal-istituzzjoni, speċjalment fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji.

502. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw jekk l-istituzzjoni hijiex kapaċi tirrikonċilja l-pjan ta' finanzjament mad-*data* pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti fil-mudell tal-pjan ta' finanzjament.

503. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-kwalità tal-proċessi tal-istituzzjoni għall-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tal-pjan ta' finanzjament u l-kapaċità tagħha li tirreaġixxi għal devjazzjonijiet f'waqtu. Għal din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni fatturi bħal:

a. il-kwalità tal-aġġornamenti għall-maniġment (superjuri) rigward l-istatus attwali tal-eżekuzzjoni tal-pjan ta' finanzjament;

b. jekk il-pjan ta' finanzjament jipprevedix miżuri alternattivi ta' riżerva biex jiġu implimentati, jekk ikun hemm bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq; u

c. il-politika u l-prattika tal-istituzzjoni rigward ir-reviżjoni regolari u l-aġġornament tal-pjan ta' finanzjament meta l-finanzjament attwali miżjud b'mod sinifikanti jkun differenti mill-pjan ta' finanzjament.

## 8.5 Sommarju tas-sejbiet u l-punteġġi

504. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-riskji ta' finanzjament u tal-likwidità tal-istituzzjoni. Din il-fehma għandha tiġi riflessa f'sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ tar-riskju bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabelli 9 u 10.

**Tabella 9. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ għar-riskju tal-likwidità**

| Punteġġ tar-Riskju | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa |
|---|---|---|---|
| 1 | Hemm riskju baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • Hemm riskju mhux materjali/baxx ħafna li jirriżulta minn spariġġi (pereżempju bejn il-maturitajiet, il-muniti, eċċ.).<br>• Id-daqs u l-kompożizzjoni tar-riżervi tal-likwidità huma adegwati u xierqa.<br>• Il-livell ta' motivaturi oħra tar-riskju tal-likwidità (pereżempju riskju reputazzjonali, in-nuqqas ta' kapaċità li tiġi ttrasferita l-likwidità intragrupp, eċċ.) mhuwiex materjali/baxx ħafna. | • Hemm konsistenza bejn il-politika u l-istrateġija tar-riskju tal-likwidità tal-istituzzjoni u l-istrateġija ġenerali u l-aptit għar-riskju tagħha.<br>• Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju tal-likwidità huwa robust b'responsabbiltajiet ċari u separazzjoni ċara tal-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskju u l-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll.<br>• Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-rapportar tar-riskju tal-likwidità huma xierqa.<br>• Il-limiti interni u l-qafas ta' kontroll għar-riskju tal-likwidità huma sodi u konformi mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni. |
| 2 | Hemm riskju medju-baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • Spariġġi (pereżempju bejn il-maturitajiet, il-muniti, eċċ.) jimplikaw riskju baxx għal medju.<br>• Ir-riskju impost mid-daqs u l-kompożizzjoni tar-riżervi tal-likwidità huwa baxx għal medju.<br>• Il-livell ta' motivaturi oħra tar-riskju tal-likwidità (pereżempju riskju reputazzjonali, in-nuqqas ta' kapaċità li tiġi ttrasferita l-likwidità intragrupp, eċċ.) huwa baxx għal medju. | |
| 3 | Hemm riskju medju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • Spariġġi (pereżempju bejn il-maturitajiet, il-muniti, eċċ.) jimplikaw riskju medju għal għoli.<br>• Ir-riskju impost mid-daqs u l-kompożizzjoni tar-riżervi tal-likwidità huwa medju għal għoli.<br>• Il-livell ta' motivaturi oħrajn tar-riskju tal-likwidità (pereżempju riskju reputazzjonali, in-nuqqas ta' kapaċità li tiġi ttrasferita l-likwidità intragrupp, eċċ.) huwa medju għal għoli. | • Ma hemmx konsistenza sħiħa bejn il-politika u l-istrateġija tar-riskju tal-likwidità tal-istituzzjoni u l-istrateġija ġenerali u l-aptit għar-riskju tagħha.<br>• Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju tal-likwidità ma jisseparax b'mod suffiċjenti r-responsabbiltajiet u l-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskji u l-funzjonijiet ta' ġestjoni u ta' kontroll.<br>• Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-rapportar tar-riskju tal- |
| 4 | Hemm riskju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar- | • Spariġġi (pereżempju bejn il-maturitajiet, il-muniti, eċċ.) jimplikaw riskju għoli.<br>• Ir-riskju impost mid-daqs u l-kompożizzjoni tar-riżervi tal-likwidità huwa għoli. | |

| Punteġġ tar-Riskju | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa |
|---|---|---|---|
| | riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • Il-livell ta' motivaturi oħra tar-riskju tal-likwidità (pereżempju riskju reputazzjonali, in-nuqqas ta' kapaċità li tiġi ttrasferita l-likwidità intragrupp, eċċ.) huwa għoli. | likwidità ma jitwettqux b'biżżejjed preċiżjoni u frekwenza. • Il-limiti interni u l-qafas ta' kontroll għar-riskju tal-likwidità ma humiex konformi mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni. |

**Tabella 10. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ lir-riskju tal-finanzjament**

| Punteġġ tar-Riskju | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti | Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa |
|---|---|---|---|
| 1 | Hemm riskju baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • Hemm riskju mhux materjali/baxx ħafna mill-profil ta' finanzjament tal-istituzzjoni jew mis-sostenibbiltà tagħha. • Ir-riskju impost mill-istabbiltà tal-finanzjament mhuwiex materjali. • Motivaturi oħra tar-riskju tal-finanzjament (eż. riskju reputazzjonali, aċċess għas-swieq ta' finanzjament, eċċ.) ma humiex materjali/huma baxxi ħafna. | • Hemm konsistenza bejn il-politika u l-istrateġija tar-riskju ta' finanzjament tal-istituzzjoni u l-istrateġija ġenerali u l-aptit għar-riskju tagħha. • Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju tal-finanzjament huwa robust b'responsabbiltajiet ċari u separazzjoni ċara tal-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskju u l-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll. • Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-rapportar tar-riskju ta' finanzjament huma xierqa. • Il-limiti interni u l-qafas ta' kontroll għar-riskju ta' finanzjament huma sodi u konformi mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju u l-aptit/it-tolleranza għar-riskju tal-istituzzjoni. |
| 2 | Hemm riskju medju-baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli. | • Ir-riskju impost mill-profil ta' finanzjament tal-istituzzjoni u s-sostenibbiltà tagħha huwa baxx sa medju. • Ir-riskju impost mill-istabbiltà tal-finanzjament huwa baxx għal medju. • Motivaturi oħra tar-riskju ta' finanzjament (eż. riskju reputazzjonali, aċċess għas-swieq ta' finanzjament, eċċ.) huma baxxi sa medji. | |

<table>
<tr>
<td>3</td>
<td>Hemm riskju medju għoli ta’ impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.</td>
<td><ul><li>Ir-riskju impost mill-profil ta’ finanzjament tal-istituzzjoni u s-sostenibbiltà tagħha huwa medju għal għoli.</li><li>Ir-riskju impost mill-istabbiltà tal-finanzjament huwa medju għal għoli.</li><li>Motivaturi oħra tar-riskju ta’ finanzjament (eż. riskju reputazzjonali, aċċess għas-swieq ta’ finanzjament, eċċ.) huma medji sa għoljin.</li></ul></td>
<td rowspan="2"><ul><li>Ma hemmx konsistenza sħiħa bejn il-politika u l-istrateġija tar-riskju tal-finanzjament tal-istituzzjoni u l-istrateġija ġenerali u l-aptit għar-riskju tagħha.</li><li>Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju tal-finanzjament ma jisseparax b’mod suffiċjenti r-responsabbiltajiet u l-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskji u l-funzjonijiet ta’ ġestjoni u ta’ kontroll.</li><li>Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-rapportar tar-riskju tal-finanzjament ma jitwettqux b’biżżejjed preċiżjoni u frekwenza.</li><li>Il-limiti interni u l-qafas ta’ kontroll għar-riskju tal-finanzjament ma humiex konformi mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni.</li></ul></td>
</tr>
<tr>
<td>4</td>
<td>Hemm riskju għoli ta’ impatt prudenzjali sinifikanti fuq l-istituzzjoni meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.</td>
<td><ul><li>Ir-riskju impost mill-profil ta’ finanzjament tal-istituzzjoni u s-sostenibbiltà tagħha huwa għoli.</li><li>Ir-riskju impost mill-istabbiltà tal-finanzjament huwa għoli.</li><li>Motivaturi oħra tar-riskju tal-finanzjament (eż. riskju reputazzjonali, aċċess għas-swieq ta’ finanzjament, eċċ.) huma għoljin.</li></ul></td>
</tr>
</table>

# Titolu 9: Valutazzjoni tal-likwidità tal-SREP

## 9.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

505. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw permezz tal-valutazzjoni tal-likwidità tal-SREP jekk il-likwidità u l-finanzjament stabbli miżmuma mill-istituzzjoni tipprovdix kopertura xierqa tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament stmati f'konformità mat-Titolu 8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw ukoll permezz tal-valutazzjoni tal-likwidità tal-SREP jekk hux meħtieġ li jistabbilixxu rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità biex ikopru r-riskji għal-likwidità u l-finanzjament li l-istituzzjoni hija jew tista' tkun esposta għalihom.

506. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-bafers tal-likwidità, il-kapaċità tal-kontrobilanċ u l-profil ta' finanzjament tal-istituzzjoni, kif ukoll l-ILAAP u l-arranġamenti, il-politiki, il-proċessi u l-mekkaniżmi tagħha għall-kejl u l-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità u finanzjament, bħala determinant ewlieni tal-vijabbiltà tal-istituzzjoni. Din id-determinazzjoni għandha titqassar u tiġi riflessa f'punteġġ ibbażat fuq il-kriterji speċifikati fit-tmiem ta' dan it-titolu.

507. Ir-riżultati tal-ILAAP, fejn applikabbli u rilevanti, għandhom jinformaw il-konklużjoni tal-awtorità kompetenti fuq l-adegwatezza tal-likwidità.

508. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-proċess ta' valutazzjoni tal-likwidità tal-SREP permezz tal-passi li ġejjin:

a. valutazzjoni tal-likwidità ġenerali;

b. determinazzjoni tal-ħtieġa għal miżuri speċifiċi ta' likwidità;

c. kwantifikazzjoni tar-rekwiżiti potenzjali tal-likwidità speċifiċi – kalkoli ta' punti ta' riferiment;

d. artikolazzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità; u

e. determinazzjoni tal-punteġġ tal-likwidità.

## 9.2 Valutazzjoni tal-likwidità ġenerali

509. Sabiex jivvalutaw jekk il-likwidità miżmuma minn istituzzjoni tipprovdix kopertura xierqa tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw is-sorsi ta' informazzjoni li ġejjin:

a. l-ILAAP tal-istituzzjoni;

b. l-eżiti tal-valutazzjoni tar-riskju tal-likwidità;

c. l-eżiti tal-valutazzjoni tar-riskju ta' finanzjament;

d. l-eżitu tal-kalkolu tal-punti ta' riferiment superviżorji; u

e. kontributi rilevanti oħra (minn spezzjonijiet fil-post, analiżi bejn il-pari, ittestjar tal-istress, eċċ.).

510. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-affidabbiltà tal-ILAAP tal-istituzzjoni, inkluż metriċi għar-riskju tal-likwidità u tal-finanzjament użati mill-istituzzjoni.

511. Meta jivvalutaw il-qafas tal-ILAAP tal-istituzzjoni – inkluż, fejn rilevanti, metodoloġiji interni għall-kalkolu tar-rekwiżiti interni tal-likwidità – l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-kalkoli tal-ILAAP humiex:

a. kredibbli: jekk il-kalkoli/metodoloġiji użati b'mod korrett ikoprux ir-riskji li qegħdin jippruvaw jindirizzaw; u

b. jinftiehmu: jekk hemmx tqassim ċar u fil-qosor tal-komponenti sottostanti tal-kalkoli tal-ILAAP.

512. Għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-likwidità tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħaqqdu wkoll il-valutazzjonijiet tagħhom tar-riskju tal-likwidità u tal-finanzjament. B'mod partikolari, għandhom jikkunsidraw sejbiet li jirrigwardaw:

a. riskji mhux koperti mir-rekwiżiti ta' likwidità speċifikati fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, fir-rigward tal-LCR, jew fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-NSFR, inklużi r-riskju ta' likwidità tal-istess ġurnata u r-riskju ta' likwidità lil hinn mill-perjodu ta' żmien ta' 30 jum, kif ukoll ir-riskju tal-finanzjament lil hinn minn sena;

b. riskji oħrajn mhux koperti u mkejla b'mod adegwat mill-istituzzjoni, bħala riżultat ta' sottovalutazzjoni tal-ħruġ, sovrastima tad-dħul, sovrastima tal-valur ta' likwidità tal-assi ta' bafer jew kapaċità tal-kontrobilanċ, jew indisponibbiltà minn aspett operattiv ta' assi likwidi (assi mhux disponibbli għall-bejgħ, assi li huma mirhuna, eċċ.);

c. konċentrazzjonijiet speċifiċi tal-kapaċità ta' kontrobilanċ u/jew finanzjament mill-kontroparti u/jew il-prodott/it-tip;

d. disparitajiet ta' finanzjament fi bramel speċifiċi ta' maturità f'terminu qasir, medju u twil;

e. kopertura xierqa tad-disparitajiet ta' finanzjament f'muniti differenti;

f. effetti ta' preċipizju; u

g. riżultati rilevanti oħra tat-testijiet tal-istress tal-likwidità superviżorji.

513. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittraduċu din il-valutazzjoni ġenerali f'punteġġ tal-likwidità, li għandu jirrifletti l-fehma tal-awtoritajiet kompetenti dwar it-theddid għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni li jista' jinqala' minn riskji għal-likwidità u l-finanzjament.

## 9.3 Determinazzjoni tal-ħtieġa għal rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità

514. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeċiedu dwar il-ħtieġa ta' rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità superviżorji għall-istituzzjoni bbażati fuq il-ġudizzju superviżorju tagħhom u wara djalogu mal-istituzzjoni, b'kunsiderazzjoni ta' dawn li ġejjin:

a. il-mudell tan-negozju u l-istrateġija tal-istituzzjoni u l-valutazzjoni superviżorja tagħhom;

b. informazzjoni mill-ILAAP tal-istituzzjoni; u

c. il-valutazzjoni superviżorja tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament, inkluża l-valutazzjoni tar-riskju inerenti ta' likwidità, riskju inerenti ta' finanzjament u likwidità u l-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju ta' finanzjament, b'kunsiderazzjoni tal-possibbiltà li r-riskji u l-vulnerabbiltajiet identifikati jistgħu jaggravaw lil xulxin.

515. Meta l-awtoritajiet kompetenti jikkonkludu li r-rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità huma meħtieġa biex jindirizzaw tħassib dwar likwidità u finanzjament, dawn għandhom jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti kwantitattivi, kif koperti f'dan it-titolu, u/jew dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti kwalitattivi, kif koperti fit-Titolu 10.

516. Meta jistabbilixxu rekwiżiti superviżorji strutturali u fit-tul, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa għal rekwiżiti addizzjonali f'terminu qasir/medju bħala soluzzjoni interim biex jimmitigaw ir-riskji li jippersistu waqt li r-rekwiżiti strutturali jipproduċu l-effetti mixtieqa.

517. Meta l-awtoritajiet kompetenti jikkonkludu li hemm riskju għoli li l-ispiża tal-finanzjament tal-istituzzjoni ser tiżdied b'mod inaċċettabbli, għandhom jikkunsidraw miżuri, inkluż l-istabbiliment ta' rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji (kif kopert fit-Titolu 7) biex jikkumpensaw għall-impatt akbar tal-P&L jekk l-istituzzjoni ma tistax tgħaddi l-ispejjeż miżjuda ta' finanzjament lill-klijenti tagħha, jew it-talba għal bidliet fl-istruttura ta' finanzjament, biex jimmitigaw ir-riskju tal-ispiża tal-finanzjament.

## 9.4 Determinazzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità kwantitattivi

518. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżviluppaw u japplikaw punti ta' riferiment ta' likwidità superviżorji bħala għodda kwantitattiva biex isostnu l-valutazzjoni tagħhom ta' jekk il-likwidità miżmuma mill-istituzzjoni tipprovdix kopertura soda tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament. Dawn għandhom jintużaw biex jipprovdu punt ta' riferiment prudenti, konsistenti, trasparenti u paragunabbli li permezz tiegħu jiġu kkalkolati u mqabbla rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità kwantitattivi għall-istituzzjonijiet.

519. Meta jiżviluppaw il-punti ta' riferiment ta' likwidità superviżorji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin:

a. il-punti ta' riferiment għandhom ikunu prudenti, konsistenti u trasparenti;

b. il-punti ta' riferiment għandhom jiġu żviluppati permezz ta' valutazzjoni superviżorja tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament u t-testijiet tal-istress tal-likwidità superviżorji; l-ittestjar tal-istress tal-likwidità superviżorju għandu jkun parti ċentrali mill-punt ta' riferiment;

c. il-punti ta' riferiment għandhom jipprovdu riżultati u kalkoli paragunabbli sabiex il-kwantifikazzjonijiet tar-rekwiżiti ta' likwidità għall-istituzzjonijiet b'mudelli ta' negozju u profili tar-riskju simili jkunu jistgħu jitqabblu; u

d. il-punti ta' riferiment għandhom jgħinu lis-superviżuri jispeċifikaw il-livell xieraq ta' likwidità għal istituzzjoni.

520. Minħabba l-varjetà tal-mudelli tan-negozju differenti operati mill-istituzzjonijiet, l-eżitu tal-punti ta' riferiment superviżorji jista' ma jkunx xieraq f'kull każ għal kull istituzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jindirizzaw dan billi jużaw l-aktar punt ta' riferiment adattat fejn ikun hemm alternattivi disponibbli, u/jew billi japplikaw sentenza għall-eżitu tal-punt ta' riferiment għall-kunsiderazzjonijiet speċifiċi għall-mudell tan-negozju.

521. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza ta' kwalunkwe punt ta' riferiment applikat għall-istituzzjonijiet u jirreveduhom u jaġġornawhom b'mod kontinwu fid-dawl tal-esperjenza tal-użu tagħhom.

522. Meta l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw punti ta' riferiment superviżorji għad-determinazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità, bħala parti mid-djalogu, għandhom jispjegaw lill-istituzzjoni l-loġika u l-prinċipji sottostanti ġenerali wara l-valuri referenzjali.

523. Fejn l-awtoritajiet kompetenti ma żviluppawx il-punt ta' riferiment tagħhom stess għall-kwantifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' likwidità kwantitattivi speċifiċi, jistgħu japplikaw punt ta' riferiment billi jużaw il-passi li ġejjin, b'mod partikolari fil-każ ta' riskju tal-likwidità:

a. analiżi komparattiva, taħt kundizzjonijiet ta' stress, ta' ħruġ nett ta' flus kontanti u assi likwidi eliġibbli fuq sett ta' orizzonti ta' żmien: sa xahar (inkluż mil-lum għal għada), minn xahar sa tliet xhur u minn tliet xhur sa sena. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipproġettaw ħruġ nett (ħruġ u dħul gross) u l-kapaċità tal-kontrobilanċ fi bramel ta' maturità differenti, b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' stress (pereżempju, valwazzjoni prudenti taħt suppożizzjonijiet ta' stress għal assi likwidi meta mqabbla ma' valutazzjoni attwali taħt kundizzjonijiet normali u wara telf impost), fil-bini ta' skala ta' maturità taħt stress għas-sena li ġejja;

b. fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-iskala ta' maturità taħt stress, stima tal-perjodu ta' sopravivenza tal-istituzzjoni;

c. determinazzjoni tal-perjodu minimu ta' sopravivenza mixtieq/superviżorju, filwaqt li jitqies il-profil ta' riskju tal-istituzzjoni u l-kundizzjonijiet tas-suq u makroekonomiċi; u

d. jekk il-perjodu minimu ta' sopravivenza mixtieq/superviżorju jkun itwal mill-perjodu ta' sopravivenza kurrenti tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistmaw l-ammonti addizzjonali tal-assi likwidi (bafers addizzjonali ta' likwidità) li jinżammu mill-istituzzjoni biex testendi l-perjodu ta' sopravivenza tagħha għall-minimu meħtieġ.

524. Kontribut ewlieni għall-punti ta' riferiment tal-awtorità kompetenti għall-kwantifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' likwidità kwantitattivi speċifiċi ser tkun id-*data* miġbura permezz tar-rapportar superviżorju skont l-Artikolu 415 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-likwidità u l-finanzjament stabbli fuq bażi individwali u konsolidata u fuq metriċi addizzjonali ta' monitoraġġ tal-likwidità. Id-disinn tal-parametri referenzjarji għandu jiġi influwenzat mill-kontenut ta' dan ir-rapportar u l-implimentazzjoni tal-punti ta' riferiment ser tiddependi fuq meta r-rapporti jsiru disponibbli.

525. Hawn taħt hawn xi eżempji tal-approċċi possibbli:

a. Eżempju 1: istituzzjoni b'bafer ta' likwidità inizjali ta' EUR 1 200 mln Influssi kumulattivi u flussi ta' ħruġ kumulattivi stmati taħt kundizzjonijiet ta' stress huma pproġettati permezz ta' perjodu ta' żmien ta' 5 xhur. Matul dan il-perjodu ta' żmien, l-istituzzjoni tuża l-bafer tal-likwidità kull darba li d-dħul jaqa' taħt il-ħruġ. Ir-riżultat huwa li, taħt il-kundizzjonijiet ta' stress definiti, l-istituzzjoni tkun kapaċi tibqa' teżisti 4.5 xhur, li huwa itwal mill-perjodu minimu ta' sopravivenza stabbilit mis-superviżuri (f'dan l-eżempju, tliet xhur):

### Tabella 11. Eżempju illustrattiv tal-punt ta' riferiment għall-kwantifikazzjoni tal-likwidità

| Perjodu ta' żmien f'xhur | ħruġ kumulattiv | dħul Kumulattiv | ħruġ nett kumulattiv | pożizzjoni ta' likwidità netta (bafer - ħruġ nett kumulattiv) | Likwidità disponibbli fil-jum 0 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1,200 |
| 1 | 511 | 405 | 106 | 1,094 | |
| | 598 | 465 | 133 | 1,067 | |
| | 659 | 531 | 128 | 1,072 | |
| | 787 | 563 | 224 | 976 | |
| | 841 | 642 | 199 | 1,001 | |
| | 933 | 693 | 240 | 960 | |
| 2 | 1,037 | 731 | 306 | 894 | |
| | 1,084 | 788 | 295 | 905 | |
| | 1,230 | 833 | 397 | 803 | |
| | 1,311 | 875 | 435 | 765 | |
| | 1,433 | 875 | 558 | 642 | |
| | 1,440 | 876 | 564 | 636 | |
| 3 | 1,465 | 882 | 583 | 617 | |
| | 1,471 | 889 | 582 | 618 | |
| | 1,485 | 891 | 594 | 606 | |
| | 1,485 | 911 | 574 | 626 | |
| | 1,492 | 916 | 576 | 624 | |
| | 1,493 | 916 | 577 | 623 | |
| 4 | 1,581 | 918 | 663 | 537 | |
| | 1,618 | 945 | 673 | 527 | |
| | 1,666 | 956 | 710 | 490 | |
| | 1,719 | 993 | 726 | 474 | |
| | 1,885 | 1,030 | 856 | 344 | |
| | 1,965 | 1,065 | 900 | 300 | |
| 5 | 2,078 | 1,099 | 980 | 220 | |
| | 2,192 | 1,131 | 1,061 | 139 | Perjodu ta' sopravivenza |
| | 2,415 | 1,163 | 1,252 | -52 | |
| | 2,496 | 1,194 | 1,302 | -102 | |
| | 2,669 | 1,224 | 1,445 | -245 | |
| | 2,764 | 1,253 | 1,511 | -311 | |

### Illustrazzjoni 3. Eżempju illustrattiv tal-istabbiliment ta' rekwiżit speċifiku ta' likwidità kwantitattiva



b. Eżempju 2: il-perjodu minimu ta' sopravivenza superviżorju huwa stabbilit għal tliet xhur. Miżura alternattiva għall-istabbiliment ta' perjodu minimu ta' sopravivenza, li jista' jindirizza wkoll it-tħassib superviżorju li d-differenza bejn id-dħul u l-ħruġ hija għolja b'mod inaċċettabbli, huwa li jiġi stabbilit limitu fuq il-ħruġ. Fil-figura ta' hawn taħt, il-mekkaniżmu għall-istabbiliment ta' limitu fuq il-ħruġ indikat mil-linja orizzontali sewda. Istituzzjoni hija obbligata li tnaqqas il-ħruġ tagħha għal livell taħt il-limitu. Il-limitu jista' jiġi stabbilit għal taqsima tal-ħin waħda jew aktar u għal ħruġ nett (wara korrezzjoni għad-dħul) jew ħruġ gross. L-alternattiva għaż-żieda ta' rekwiżit tal-bafer minflok hija indikata fit-tielet kolonna:

**Illustrazzjoni 4. Eżempju illustrattiv tal-istabbiliment ta' rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità kwantitattiva**




## 9.5 Artikolazzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità kwantitattivi

526. Sabiex ir-rekwiżiti kwantitattivi speċifiċi ta' likwidità jiġu artikolati kif xieraq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw wieħed mill-approċċi li ġejjin, sakemm approċċ ieħor ma jitqiesx aktar xieraq f'ċirkostanzi speċifiċi:

a. Approċċ 1 – jeħtieġu LCR ogħla mill-minimu regolatorju, ta' tali daqs li n-nuqqasijiet identifikati jkunu mmitigati biżżejjed;

b. Approċċ 2 – jeħtieġu perjodu minimu ta' sopravivenza ta' tali tul li n-nuqqasijiet identifikati jiġu mmitigati b'mod suffiċjenti; il-perjodu ta' sopravivenza jista' jiġi stabbilit jew direttament, bħala rekwiżit, jew indirettament, billi jiġi stabbilit limitu fuq l-ammont ta' ħruġ fuq it-taqsimiet tal-ħin rilevanti kkunsidrati; l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu tipi differenti ta' assi likwidi (eż. assi eliġibbli għall-banek ċentrali), biex ikopru riskji mhux koperti (adegwatament) mil-LCR;

c. Approċċ 3 – jeħtieġu ammont totali minimu ta' assi likwidi jew kapaċità ta' kontrobilanċ, jew bħala ammont totali minimu jew bħala ammont minimu li jaqbeż il-minimu regolatorju applikabbli, ta' tali qies li n-nuqqasijiet identifikati jiġu mmitigati suffiċjentement; l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti għall-kompożizzjoni tal-assi likwidi, inklużi rekwiżiti operattivi (eż. konvertibbiltà diretta għal flus kontanti, jew depożitu ta' assi likwidi fil-bank ċentrali).

527. Sabiex ir-rekwiżiti ta' finanzjament stabbli kwantitattivi speċifiċi jiġu artikolati kif xieraq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw wieħed mill-approċċi li ġejjin, sakemm approċċ ieħor ma jitqiesx aktar xieraq f'ċirkostanzi speċifiċi:

a. Approċċ 4 – jeħtieġu NSFR ogħla mill-minimu regolatorju, ta' tali daqs li n-nuqqasijiet identifikati jkunu mmitigati biżżejjed;

b. Approċċ 5 – jeħtieġu ammont totali minimu ta' finanzjament stabbli disponibbli, jew bħala ammont totali minimu jew bħala ammont minimu li jaqbeż il-minimu regolatorju applikabbli, ta' tali daqs li n-nuqqasijiet identifikati jiġu mmitigati biżżejjed.

528. Biex jiżguraw li jkun hemm konsistenza, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistrutturaw rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità kwantitattivi b'tali mod li jagħtu eżiti prudenzjali konsistenti b'mod wiesa' fl-istituzzjonijiet, meta wieħed iżomm f'moħħu li t-tipi ta' rekwiżiti speċifikati jistgħu jvarjaw bejn l-istituzzjonijiet minħabba ċ-ċirkostanzi individwali tagħhom. Minbarra l-kwantità, l-istruttura għandha tispeċifika l-kompożizzjoni mistennija u n-natura tar-rekwiżit. Fil-każijiet kollha, din għandha tispeċifika r-rekwiżit superviżorju u kwalunkwe rekwiżit applikabbli tad-Direttiva 2013/36/UE. Bafers ta' likwidità u l-kapaċità tal-kontrobilanċ miżmuma mill-istituzzjoni biex tissodisfa r-rekwiżiti superviżorji għandhom ikunu disponibbli għall-użu mill-istituzzjoni matul żminijiet ta' stress.

529. Meta jistabbilixxu r-rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità kwantitattivi speċifiċi u jikkomunikawhom lill-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li dawn jiġu nnotifikati immedjatament mill-istituzzjoni jekk ma tissodisfax ir-rekwiżiti, jew mhux mistenni li tissodisfa r-rekwiżiti fi żmien qasir. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li din in-notifika tiġi ppreżentata mingħajr dewmien żejjed mill-istituzzjoni, akkumpanjata minn pjan imfassal mill-istituzzjoni għar-restawr f'waqtu tal-konformità mar-rekwiżiti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-fattibbiltà tal-pjan tar-restawr tal-istituzzjoni u jieħdu miżuri superviżorji xierqa jekk il-pjan ma jitqiesx fattibbli. Meta l-pjan jitqies fattibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom: jistabbilixxu kwalunkwe miżura superviżorja interim meħtieġa bbażati fuq iċ-ċirkostanzi tal-istituzzjoni; jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-pjan tar-restawr; u jissorveljaw mill-qrib il-pożizzjoni ta' likwidità tal-istituzzjoni, filwaqt li jitolbu lill-istituzzjoni żżid il-frekwenza ta' rapportar tagħha jekk ikun meħtieġ.

530. Minkejja dan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu wkoll rekwiżiti kwalitattivi fil-forma ta' restrizzjonijiet/limiti fuq diskrepanzi, konċentrazzjonijiet, aptit għar-riskju, restrizzjonijiet kwantitattivi fuq il-ħruġ ta' self b'garanzija, eċċ, f'konformità mal-kriterji speċifikati fit-Titolu 10 tal-linji gwida.

531. Hawn taħt hawn xi eżempji tal-approċċi differenti għall-istruttura ta' rekwiżiti ta' likwidità kwantitattivi speċifiċi:

<u>**Eżempju ta' artikolazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi**</u>

**Mill-1 ta' Jannar 2021 u sakemm ma jiġix ordnat mod ieħor, il-Bank X huwa meħtieġ li:**

**a. Approċċ 1 – jiżgura li l-kapaċità ta' kontrobilanċ tiegħu tkun dejjem ugwali għal jew ogħla minn eż. 125 % tal-ħruġ nett ta' likwidità tiegħu kif imkejjel fl-LCR.**

**b. Approċċ 2 – jiżgura li l-kapaċità ta' kontrobilanċ tiegħu tirriżulta dejjem f'perjodu ta' sopravivenza li hija akbar minn jew ugwali għal tliet xhur, imkejla mit-test intern ta' stress ta' likwidità / l-iskala ta' maturità / metriċi speċifiċi żviluppati mis-superviżur.**

**c. Approċċ 3:**

- **jiżgura li l-kapaċità ta' kontrobilanċ tiegħu tkun fil-ħinijiet kollha ugwali għal jew ogħla minn EUR X biljun; jew**
- **jiżgura li l-kapaċità ta' kontrobilanċ tiegħu tkun dejjem ugwali għal jew ogħla minn EUR X biljun fl-eċċess tar-rekwiżit minimu taħt l-LCR.**

**d. Approċċ 4 – jiżgura li l-finanzjament stabbli disponibbli jkun dejjem ugwali għal, jew ogħla minn, eż. 125 % tal-finanzjament stabbli meħtieġ tiegħu kif imkejjel fl-NSFR.**

**e. Approċċ 5:**

- **jiżgura li l-finanzjament stabbli disponibbli tiegħu jkun dejjem ugwali għal, jew ogħla minn, EUR X biljun; jew**
- **jiżgura li l-finanzjament stabbli disponibbli tiegħu jkun dejjem ugwali għal, jew ogħla minn, EUR X biljun aktar mir-rekwiżit minimu taħt l-NSFR.**

## 9.6 Sommarju tas-sejbiet u l-punteġġi

532. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar jekk ir-riżorsi ta' likwidità eżistenti jipprovdux kopertura soda tar-riskji li l-istituzzjoni hija jew tista' tkun esposta għalihom. Din il-fehma għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet,

akkumpanjata minn punteġġ tal-vijabbiltà bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 12.

533. Għad-deċiżjoni konġunta (fejn rilevanti), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-valutazzjoni u l-punteġġ ta' likwidità biex jiddeterminaw jekk ir-riżorsi ta' likwidità humiex adegwati.

**Tabella 12. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ lill-adegwatezza tal-likwidità**

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| 1 | Il-pożizzjoni tal-likwidità u l-profil ta' finanzjament tal-istituzzjoni jimponu livell baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • Il-kapaċità ta' kontrobilanċ u r-riżervi tal-likwidità tal-istituzzjoni huma ferm ogħla mir-rekwiżiti kwantitattivi superviżorji speċifiċi u huma mistennija li jibqgħu hekk fil-futur.<br>• Il-kompożizzjoni u l-istabbiltà tal-finanzjament għal żmien itwal (>sena) jimponu livell mhux materjali/baxx ħafna ta' riskju fir-rigward tal-attivitajiet u l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni.<br>• Il-fluss ħieles ta' likwidità bejn entitajiet fil-grupp, fejn rilevanti, mhux imfixkel, jew l-entitajiet kollha jkollhom kapaċità ta' kontrobilanċ u riżervi tal-likwidità ogħla mir-rekwiżiti superviżorji.<br>• L-istituzzjoni għandha pjan ta' kontinġenza tal-likwidità plawżibbli u kredibbli li għandu l-potenzjal li jkun effettiv jekk meħtieġ. |
| 2 | Il-pożizzjoni ta' likwidità u/jew il-profil ta' finanzjament tal-istituzzjoni joħolqu livell medju baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • Il-kapaċità ta' kontrobilanċ u r-riżervi tal-likwidità tal-istituzzjoni huma ogħla mir-rekwiżiti kwantitattivi speċifiċi superviżorji, iżda hemm riskju li ma jibqgħux hekk.<br>• Il-kompożizzjoni u l-istabbiltà ta' finanzjament għal żmien itwal (> sena) jimponu livell baxx ta' riskju fir-rigward tal-attivitajiet u l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni.<br>• Il-fluss liberu tal-likwidità bejn l-entitajiet fil-grupp, fejn rilevanti, huwa jew jista' jiġi mfixkel marġinalment.<br>• L-istituzzjoni għandha pjan ta' kontinġenza tal-likwidità plawżibbli u kredibbli li, minkejja li jimponi riskju, |

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| | | għandu l-potenzjal li jkun effettiv jekk meħtieġ. |
| 3 | Il-pożizzjoni ta’ likwidità u/jew il-profil ta’ finanzjament tal-istituzzjoni jimponu livell medju għoli ta’ riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • Il-kapaċità ta’ kontrobilanċ u r-riżervi tal-likwidità tal-istituzzjoni qegħdin jiddeterjoraw u/jew jaqgħu taħt ir-rekwiżiti kwantitattivi speċifiċi superviżorji, u hemm tħassib dwar il-kapaċità tal-istituzzjoni biex tirrestawra l-konformità ma’ dawn ir-rekwiżiti fi żmien xieraq.<br>• Il-kompożizzjoni u l-istabbiltà ta’ finanzjament għal żmien itwal (> sena) jimponu livell medju ta’ riskju fir-rigward tal-attivitajiet u l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni.<br>• Il-fluss liberu tal-likwidità bejn l-entitajiet fil-grupp, fejn rilevanti, huwa mfixkel.<br>• L-istituzzjoni għandha pjan ta’ kontinġenza tal-likwidità li aktarx mhuwiex effettiv. |
| 4 | Il-pożizzjoni ta’ likwidità u/jew il-profil ta’ finanzjament tal-istituzzjoni jimponu livell għoli ta’ riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • Il-kapaċità ta’ kontrobilanċ u r-riżervi tal-likwidità tal-istituzzjoni qegħdin jiddeterjoraw b’mod rapidu u/jew jaqgħu taħt ir-rekwiżiti kwantitattivi speċifiċi superviżorji, u hemm tħassib serju dwar il-kapaċità tal-istituzzjoni biex tirrestawra l-konformità ma’ dawn ir-rekwiżiti fi żmien xieraq.<br>• Il-kompożizzjoni u l-istabbiltà ta’ finanzjament għal żmien itwal (> sena) jimponu livell għoli ta’ riskju fir-rigward tal-attivitajiet u l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni.<br>• Il-fluss liberu tal-likwidità bejn l-entitajiet fil-grupp, fejn rilevanti, huwa mfixkel b’mod serju.<br>• L-istituzzjoni m’għandha l-ebda pjan ta’ kontinġenza tal-likwidità, jew wieħed li mhuwiex xieraq b’mod ċar. |

# Titolu 10: Valutazzjoni SREP ġenerali u applikazzjoni tal-miżuri superviżorji

## 10.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

534. Dan it-titolu jkopri l-kombinazzjoni tas-sejbiet tal-valutazzjonijiet tal-elementi tal-SREP fil-valutazzjoni ġenerali tal-SREP. Huwa jindirizza wkoll l-applikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' miżuri superviżorji biex jindirizzaw nuqqasijiet identifikati permezz tal-valutazzjoni tal-elementi tal-SREP. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw miżuri superviżorji kif speċifikat fid-Direttiva 2013/36/UE (l-Artikoli 102, 104 u 105) u l-liġi nazzjonali, u, fejn applikabbli, il-miżuri ta' intervent bikri kif speċifikat fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/59/UE, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn ta' hawn fuq.

535. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat superviżorji tagħhom fuq il-bażi tal-insuffiċjenzi identifikati matul il-valutazzjonijiet tal-elementi SREP individwali u filwaqt li jqisu l-valutazzjoni ġenerali tal-SREP, inkluż il-punteġġ, b'kunsiderazzjoni ta' dawn li ġejjin:

a. il-materjalità tan-nuqqasijiet/vulnerabbiltajiet u l-impatt prudenzjali potenzjali tan-nuqqas ta' indirizzar tal-kwistjoni (jiġifieri jekk huwiex neċessarju li l-kwistjoni tiġi indirizzata b'miżura speċifika);

b. jekk il-miżuri humiex konsistenti mal-valutazzjoni ġenerali tagħhom ta' element SREP partikolari (u l-valutazzjoni SREP ġenerali) jew proporzjonati magħha;

c. jekk humiex meħtieġa miżuri superviżorji jew amministrattivi oħra biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet/il-vulnerabbiltajiet prudenzjali relatati mar-riskji tal-ML/TF fil-mandat superviżorju tagħhom wara li jkunu kkomunikaw mas-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT rilevanti f'konformità mat-Taqsima 8 tal-Linji Gwida dwar il-Kooperazzjoni tal-AML/CFT[47];

d. jekk l-insuffiċjenzi/il-vulnerabbiltajiet ġewx diġà indirizzati/koperti minn miżuri oħrajn;

e. jekk miżuri oħra jistgħux jiksbu l-istess għan b'anqas impatt amministrattiv u finanzjarju fuq l-istituzzjoni;

f. il-livell ottimu u t-tul tal-applikazzjoni tal-miżura biex jintlaħaq l-għan superviżorju;

---

[47] Linji Gwida dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-superviżuri prudenzjali, is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja skont id-Direttiva 2013/36/UE (EBA/GL/2021/15).

g. il-possibbiltà li r-riskji u l-vulnerabbiltajiet identifikati jistgħu jiġu korrelatati u/jew msaħħa b'mod awtomatiku, jew it-tnejn, li jistħoqqilhom żieda fir-rigorożità tal-miżuri superviżorji; u

h. ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, inkluż il-programm ta' ħidma relatat, bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza tal-azzjonijiet superviżorji.

536. Meta japplikaw miżuri superviżorji biex jindirizzaw insuffiċjenzi speċifiċi identifikati fil-valutazzjoni tal-elementi SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu b'mod ġenerali r-rekwiżiti kwantitattivi tal-fondi proprji u ta' likwidità li għandhom jiġu applikati abbażi tal-kriterji speċifikati fit-Titoli 7 u 9.

537. Meta japplikaw miżuri superviżorji biex jindirizzaw in-nuqqasijiet prudenzjali relatati mar-riskju tal-ML/TF, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinvolvu ruħhom mas-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT sabiex in-nuqqasijiet/il-vulnerabbiltajiet sottostanti jiġu indirizzati b'mod adegwat mill-miżuri xierqa fi ħdan il-mandat rispettiv tas-superviżuri tal-AML/CFT u tal-awtoritajiet kompetenti mill-perspettivi rispettivi tagħhom[48].

538. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu miżuri superviżorji marbutin direttament mal-eżiti ta' kwalunkwe attività superviżorja (eż. eżamijiet fuq il-post, valutazzjonijiet tal-adegwatezza tal-membri tal-korp maniġerjali u funzjonijiet ewlenin, eċċ.) fejn ir-riżultati ta' tali attivitajiet jeħtieġu applikazzjoni immedjata tal-miżuri superviżorji biex jindirizzaw nuqqasijiet materjali.

## 10.2 Valutazzjoni SREP ġenerali

539. Meta jiddeterminaw il-valutazzjoni ġenerali tal-SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw is-sejbiet tal-valutazzjonijiet tal-elementi SREP, b'mod speċifiku:

a. ir-riskji li l-istituzzjoni hija jew tista' tkun esposta għalihom;

b. il-probabbiltà li l-governanza, l-insuffiċjenzi ta' kontroll u/jew il-mudell tan-negozju jew strateġija tal-istituzzjoni x'aktarx jaggravaw jew jimmitigaw dawn ir-riskji, jew jesponu lill-istituzzjoni għal sorsi ġodda ta' riskju;

c. jekk il-fondi proprji u r-riżorsi ta' likwidità tal-istituzzjoni jipprovdux kopertura soda ta' dawn ir-riskji; u

d. il-potenzjal għal interazzjoni pożittiva u negattiva bejn l-elementi (eż. l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw pożizzjoni kapitali b'saħħitha bħala fattur mitiganti potenzjali għal ċertu tħassib identifikat fil-qasam tal-likwidità u l-finanzjament, jew b'kuntrast, li pożizzjoni kapitali dgħajfa tista' taggrava tħassib f'dak il-qasam).

---

[48] F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Kooperazzjoni AML/CFT (EBA/GL/2021/15).

540. Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-vijabbiltà tal-istituzzjoni, definita bħala l-prossimità tagħha għal punt ta' nonvijabbiltà fuq il-bażi tal-adegwatezza tal-fondi proprji u r-riżorsi ta' likwidità, il-governanza, il-kontrolli u/jew il-mudell tan-negozju jew strateġija tagħha biex tkopri r-riskji li tkun jew tista' tkun esposta għalihom.

541. Fuq il-bażi ta' din id-determinazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

a. jieħdu kwalunkwe miżura superviżorja meħtieġa biex jindirizzaw it-tħassib;

b. jiddeterminaw ir-riżorsi u l-ippjanar superviżorji futuri għall-istituzzjoni, inkluż jekk kwalunkwe attività superviżorja speċifika għandhiex tiġi ppjanata għall-istituzzjoni bħala parti mill-Programm ta' Eżami Superviżorju;

c. jiddeterminaw il-ħtieġa għal miżuri ta' intervent bikri kif speċifikat fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/59/UE; u

d. jiddeterminaw jekk l-istituzzjoni tistax tiġi kkunsidrata bħala "qed tfalli jew aktarx tfalli" fis-sens tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE.

542. Il-valutazzjoni SREP ġenerali għandha tiġi riflessa f'punteġġ tal-vijabbiltà bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 13 u tiġi dokumentata b'mod ċar f'sommarju annwali tal-valutazzjoni SREP ġenerali. Dan is-sommarju annwali għandu jinkludi wkoll il-punteġġ SREP ġenerali u punteġġi għall-elementi tal-SREP, u kwalunkwe sejba superviżorja magħmula matul it-12-il xahar ta' qabel.

**Tabella 13: Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-għoti tal-punteġġ SREP ġenerali**

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| 1 | Ir-riskji identifikati jimponu livell baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • Il-mudell tan-negozju u l-istrateġija tal-istituzzjoni ma jqajmu ebda tħassib.<br>• Il-governanza interna u l-arranġamenti ta' kontroll fl-istituzzjoni kollha ma jqajmu ebda tħassib.<br>• Ir-riskji tal-istituzzjoni għall-kapital u l-likwidità jimponu riskju mhux materjali/baxx ħafna ta' impatt prudenzjali sinifikanti.<br>• Il-kompożizzjoni u l-kwantità tal-fondi proprji miżmuma ma jqajmu ebda tħassib.<br>• Il-pożizzjoni ta' likwidità u l-profil ta' finanzjament tal-istituzzjoni ma jqajmu ebda tħassib.<br>• L-ebda tħassib materjali dwar il-kredibbiltà u l-fattibbiltà tal-pjan ta' rkupru tal- |

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| | | istituzzjoni inkluża l-kapaċità ta' rkupru ġenerali tagħha. |
| 2 | Ir-riskji identifikati jimponu livell medju baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • Hemm livell baxx għal medju ta' tħassib dwar il-mudell tan-negozju u l-istrateġija tal-istituzzjoni.<br>• Hemm livell baxx għal medju ta' tħassib dwar il-governanza tal-istituzzjoni u l-arranġamenti ta' kontroll fl-istituzzjoni kollha.<br>• Hemm livell baxx għal medju ta' riskju ta' impatt prudenzjali sinifikanti kkawżat minn riskji għall-kapital u l-likwidità.<br>• Hemm livell baxx għal medju ta' tħassib dwar il-kompożizzjoni u l-kwantità tal-fondi proprji miżmuma.<br>• Hemm livell baxx sa medju ta' tħassib dwar il-pożizzjoni tal-likwidità u/jew il-profil ta' finanzjament tal-istituzzjoni.<br>• Hemm livell baxx sa medju ta' tħassib dwar il-kredibbiltà u l-fattibbiltà tal-pjan ta' rkupru tal-istituzzjoni, inkluża l-kapaċità ta' rkupru ġenerali tagħha. |
| 3 | Ir-riskji identifikati jimponu livell medju għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • Hemm livell medju għal għoli ta' tħassib dwar il-mudell tan-negozju u l-istrateġija tal-istituzzjoni.<br>• Hemm livell medju għal għoli ta' tħassib dwar il-governanza tal-istituzzjoni jew l-arranġamenti ta' kontroll fl-istituzzjoni kollha.<br>• Hemm livell medju għal għoli ta' riskju ta' impatt prudenzjali sinifikanti kkawżat minn riskji għall-kapital u l-likwidità.<br>• Hemm livell medju għal għoli ta' tħassib dwar il-kompożizzjoni u l-kwantità tal-fondi proprji miżmuma.<br>• Hemm livell medju għal għoli ta' tħassib dwar il-pożizzjoni tal-likwidità u/jew il-profil ta' finanzjament tal-istituzzjoni.<br>• Hemm livell medju sa għoli ta' tħassib dwar il-kredibbiltà u l-fattibbiltà tal-pjan ta' rkupru tal-istituzzjoni, inkluża l-kapaċità ta' rkupru ġenerali tagħha. |

| Punteġġ | Perspettiva superviżorja | Kunsiderazzjonijiet |
|---|---|---|
| 4 | Ir-riskji identifikati jimponu livell għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni. | • Hemm livell għoli ta' tħassib dwar il-mudell tan-negozju u l-istrateġija tal-istituzzjoni.<br>• Hemm livell għoli ta' tħassib dwar il-governanza tal-istituzzjoni jew l-arranġamenti ta' kontroll fl-istituzzjoni kollha.<br>• Hemm livell għoli ta' riskju ta' impatt prudenzjali sinifikanti kkawżat minn riskji għall-kapital u l-likwidità.<br>• Hemm livell għoli ta' tħassib dwar il-kompożizzjoni u l-kwantità tal-fondi proprji miżmuma mill-istituzzjoni.<br>• Hemm livell għoli ta' tħassib dwar il-pożizzjoni tal-likwidità u/jew il-profil ta' finanzjament tal-istituzzjoni.<br>• Hemm livell għoli ta' tħassib dwar il-kredibbiltà u l-fattibbiltà tal-pjan ta' rkupru tal-istituzzjoni, inkluża l-kapaċità ta' rkupru ġenerali tagħha. |
| F | L-istituzzjoni hija kkunsidrata li qed tfalli jew aktarx tfalli. | • Hemm riskju immedjat għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni.<br>• L-istituzzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-fatt li qed tfalli jew aktarx tfalli, kif speċifikat fl-Artikolu 32(4) tad-Direttiva 2014/59/UE[49]. |

543. Meta jiddeterminaw li istituzzjoni qed "tfalli jew aktarx tfalli", kif rifless minn punteġġ SREP ġenerali ta' "F", l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biex jikkonsultaw dwar is-sejbiet skont il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE.

[49] B'mod partikolari, l-awtorità kompetenti hija tal-opinjoni li (i) l-istituzzjoni tikser, jew hemm elementi oġġettivi li jappoġġjaw id-determinazzjoni li fil-futur qarib l-istituzzjoni se tikser ir-rekwiżiti għat-tkomplija tal-awtorizzazzjoni b'tali mod li jiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, minħabba raġunijiet li jinkludu iżda mhumiex limitati għall-fatt li l-istituzzjoni tkun ġarrbet jew aktarx iġġarrab telf li se jwassal għal tnaqqis tal-fondi proprji kollha tagħha jew ta' ammont sinifikanti minnhom; (2) l-assi tal-istituzzjoni huma, jew hemm elementi oġġettivi li jappoġġjaw id-determinazzjoni li fil-futur qarib, l-assi tal-istituzzjoni se jkunu inqas mill-obbligazzjonijiet tagħha; jew (3) l-istituzzjoni hija, jew hemm elementi oġġettivi li jappoġġjaw id-determinazzjoni li fil-futur qarib, l-istituzzjoni mhix se tkun kapaċi tħallas id-dejn jew obbligazzjonijiet oħra tagħha hekk kif dawn ikunu dovuti.

L-Artikolu 32(4)(d) tad-Direttiva 2014/59/UE jidentifika wkoll kriterji ta' appoġġ pubbliku straordinarji għad-determinazzjoni ta' jekk istituzzjoni tkunx qed tfalli jew aktarx tfalli, iżda dawn il-kriterji ma humiex ikkunsidrati għall-finijiet tal-SREP u d-determinazzjoni magħmula mill-awtoritajiet kompetenti.

## 10.3 Applikazzjoni tal-miżuri kapitali

544. “L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu rekwiżiti ta’ fondi proprji addizzjonali u jistabbilixxu l-aspettattivi tal-fondi proprji billi jistabbilixxu TSCR u jiddeterminaw P2G fejn rilevanti skont il-proċess u l-kriterji speċifikati fit-Titolu 7.”

545. Minkejja r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu preċedenti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq il-bażi tal-vulnerabbiltajiet u l-insuffiċjenzi identifikati fil-valutazzjoni tal-elementi SREP, jimponu miżuri addizzjonali kapitali li jinkludu:

a. ħtieġa li l-istituzzjoni tuża profitti netti biex issaħħaħ fondi proprji f’konformità mal-Artikolu 104(1)(h) tad-Direttiva 2013/36/UE;

b. limitazzjoni jew projbizzjoni ta’ distribuzzjonijiet jew pagamenti ta’ imgħax mill-istituzzjoni lill-azzjonisti, membri jew detenturi ta’ strumenti addizzjonali tal-Grad 1 fejn tali projbizzjoni ma tikkostitwix avveniment ta’ inadempjenza tal-istituzzjoni f’konformità mal-Artikolu 104(1)(i) tad-Direttiva 2013/36/UE; u/jew

c. ħtieġa li l-istituzzjoni tapplika politika ta’ provvIżjonament speċifiku jew trattament speċifiku tal-assi f’termini ta’ rekwiżiti ta’ fondi proprji f’konformità mal-Artikolu 104(1)(d) tad-Direttiva 2013/36/UE.

## 10.4 Applikazzjoni tal-miżuri ta’ likwidità

546. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu rekwiżiti speċifiċi ta’ likwidità f’konformità mal-proċess u l-kriterji speċifikati fit-Titolu 9.

547. Minkejja r-rekwiżiti kwantitattivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu preċedenti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq il-bażi tal-vulnerabbiltajiet u n-nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament, jimponu miżuri addizzjonali ta’ likwidità li jinkludu:

a. jimponu rekwiżiti ta’ likwidità speċifiċi, inklużi restrizzjonijiet dwar id-diskrepanzi fil-maturità bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet f’konformità mal-Artikolu 104(1)(k) tad-Direttiva 2013/36/UE; u/jew,

b. jimponu penali amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħrajn, inklużi ħlasijiet prudenzjali, f’konformità mal-Artikolu 105 tad-Direttiva 2013/36/UE.

## 10.5 Applikazzjoni ta’ miżuri superviżorji oħrajn

548. Biex jindirizzaw nuqqasijiet speċifiċi identifikati fil-valutazzjoni tal-elementi SREP, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw li japplikaw miżuri li mhumiex marbutin direttament mar-rekwiżiti kapitali jew tal-likwidità kwantitattivi. Din it-taqsima tipprovdi lista mhux eżawrjenti ta’ miżuri superviżorji possibbli li jistgħu jiġu applikati bbażati fuq l-Artikoli 104 u 105 tad-Direttiva 2013/36/UE. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw miżuri superviżorji

oħra kif stabbilit f'dawk l-artikoli jekk dawn ikunu aktar xierqa biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati kif deskritt f'din it-taqsima. L-għażla tal-miżuri għandha tqis ir-riżultati tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mat-Titoli 4, 5, 6 u 8 ta' dawn il-linji gwida.

549. Jekk wara li jkunu qed jikkoordinaw mal-awtorità kompetenti tal-AML/CFT, ikun hemm il-ħtieġa li l-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw in-nuqqasijiet/il-vulnerabbiltajiet prudenzjali relatati mar-riskji tal-ML/TF bħala riżultat tal-valutazzjoni tal-elementi tal-SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biss meta dan jitqies aktar xieraq minn miżuri superviżorji oħra. Jekk jiġu imposti rekwiżiti addizzjonali ta' fondi proprji, dawn għandhom jintużaw bħala miżura interim filwaqt li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet.

### L-analiżi tal-mudell kummerċjali

550. Miżuri superviżorji biex jindirizzaw nuqqasijiet identifikati fil-BMA li x'aktarx jinvolvu l-ħtieġa li l-istituzzjoni taġġusta arranġamenti ta' governanza u ta' kontroll biex tgħin fl-implimentazzjoni tal-mudell tan-negozju u l-istrateġija, jew il-limitazzjoni ta' ċerti attivitajiet tan-negozju.

551. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjoni li tagħmel aġġustamenti għall-arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll tar-riskju, jew għall-arranġamenti ta' governanza, biex taġġustahom skont il-mudell tan-negozju jew l-istrateġija mixtieqa, permezz ta' mezzi li jinkludu:

a. aġġustament tal-pjan finanzjarju preżunt fl-istrateġija, jekk ma jkunx appoġġjat mill-ippjanar tal-kapital intern jew suppożizzjonijiet kredibbli;

b. ħtieġa ta' bidliet fl-istrutturi organizzattivi, rinfurzar ta' ġestjoni tar-riskju u funzjonijiet ta' kontroll u arranġamenti biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-mudell tan-negozju jew l-istrateġija; u/jew

c. ħtieġa ta' tibdil u rinfurzar tas-sistemi tal-IT biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-mudell tan-negozju jew l-istrateġija.

552. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(e) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjoni tagħmel bidliet fil-mudell tan-negozju jew l-istrateġija fejn:

a. dawn mhumiex appoġġjati minn arranġamenti xierqa ta' organizzazzjoni, governanza jew kontroll jew ġestjoni tar-riskju;

b. dawn mhumiex appoġġjati minn pjanijiet kapitali u operazzjonali, inkluża l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji, umani u teknoloġiċi (tal-IT) xierqa; u/jew

c. hemm tħassib sinifikanti dwar is-sostenibbiltà tal-mudell tan-negozju.

553. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(f) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jobbligaw lill-istituzzjonijiet inaqqsu r-riskju inerenti fil-prodotti li joriġinaw/jiddistribwixxu, permezz ta' mezzi li jinkludu:

  - ħtieġa ta' tibdil fir-riskji inerenti f'ċerti offerti tal-prodott; u/jew
  - ħtieġa ta' titjib għall-arranġamenti ta' governanza u ta' kontroll għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-prodotti;

b. jeħtieġu lill-istituzzjoni tnaqqas ir-riskju inerenti fis-sistemi tagħha, permezz ta' diversi mezzi, inkluż billi:

  - teħtieġ titjib fis-sistemi, jew iżżid il-livell ta' investiment jew tħaffif tal-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda; u/jew
  - teħtieġ titjib għall-arranġamenti ta' governanza u ta' kontroll għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistema;

c. teħtieġ li l-istituzzjonijiet inaqqsu r-riskju inerenti fl-attivitajiet tagħhom, inklużi l-attivitajiet esternalizzati, b'diversi mezzi inkluż:

  - il-ħtieġa ta' tibdil jew tnaqqis ta' ċerti attivitajiet bil-għan li jitnaqqas ir-riskju inerenti tagħhom; u/jew
  - il-ħtieġa ta' titjib fl-arranġamenti ta' governanza u kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet esternalizzati.

### Governanza interna u kontrolli fl-istituzzjoni kollha

554. Miżuri superviżorji biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-governanza interna u l-kontrolli fl-istituzzjoni kollha jistgħu jiffokaw fuq il-ħtieġa li l-istituzzjoni ssaħħaħ l-arranġamenti ta' governanza u ta' kontroll, jew tnaqqas ir-riskju inerenti fil-prodotti, is-sistemi u l-operazzjonijiet tagħha.

555. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jeħtieġu lill-istituzzjoni tagħmel bidliet fl-arranġamenti u l-organizzazzjoni ta' governanza ġenerali, permezz ta' mezzi li jinkludu li teħtieġ:

  - bidliet fl-istruttura organizzattiva jew funzjonali, inklużi l-linji ta' rapportar;
  - emendi għall-politiki tar-riskju jew kif dawn jiġu żviluppati u implimentati fl-organizzazzjoni; u/jew
  - żieda fit-trasparenza tal-arranġamenti ta' governanza;

b. jeħtieġu lill-istituzzjoni tagħmel bidliet fl-organizzazzjoni, il-kompożizzjoni jew l-arranġamenti ta' ħidma tal-korp maniġerjali;

c. jeħtieġu lill-istituzzjoni ssaħħaħ l-arranġamenti ġenerali tagħha ta' ġestjoni tar-riskju, permezz ta' mezzi li jinkludu li teħtieġ:

   - bidliet (tnaqqis) fl-aptit għar-riskju, jew l-arranġamenti ta' governanza għall-iffissar ta' aptit għar-riskju, u l-iżvilupp tal-istrateġija ġenerali tar-riskju;
   - titjib għal proċeduri u mudelli ICAAP jew ILAAP, fejn dawn ma jitqisux adattati għall-iskop;
   - tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-ittestjar tal-istress u l-programm ġenerali tal-ittestjar tal-istress; u/jew
   - titjib għall-ippjanar ta' kontinġenza;

d. jeħtieġu lill-istituzzjoni ssaħħaħ l-arranġamenti u l-funzjonijiet tal-kontroll intern, permezz ta' mezzi li jinkludu li teħtieġ:

   - l-indipendenza u persunal adegwat tal-funzjoni tal-awditu intern; u/jew
   - titjib fil-proċess ta' rapportar intern biex tiżgura li r-rapportar lill-korp ta' ġestjoni jkun xieraq;

e. jeħtieġu lill-istituzzjoni ttejjeb is-sistemi ta' informazzjoni jew l-arranġamenti tal-kontinwità tan-negozju, pereżempju billi teħtieġ:

   - titjib fl-affidabbiltà tas-sistemi; u/jew
   - żvilupp u ttestjar tal-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju.

556. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(g) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjoni:

a. tagħmel bidliet lill-politiki tar-remunerazzjoni; u/jew

b. tillimita r-remunerazzjoni varjabbli bħala perċentwali tad-dħul nett.

557. Abbażi tal-eżiti tar-reviżjoni kwalitattiva tal-programmi tal-ittestjar tal-istress u jekk jiġu identifikati nuqqasijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lill-istituzzjoni:

a. tiżviluppa pjan ta' azzjoni rimedjali bl-għan li ttejjeb il-programmi u l-prattiki tal-ittestjar tal-istress. Meta jiġu identifikati nuqqasijiet fir-rigward ta' kif l-istituzzjoni tindirizza l-outputs tat-testijiet tal-istress, jew jekk l-azzjonijiet ta' ġestjoni ma jitqisux kredibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lill-istituzzjoni tieħu aktar azzjonijiet rimedjali, inklużi rekwiżiti biex tagħmel bidliet fil-pjan ta' kapital tal-istituzzjoni;

b. fejn xieraq, twettaq xenarji speċifiċi preskritti (jew elementi minn dawn) jew tuża suppożizzjonijiet speċifiċi.

### Riskju tal-kreditu u tal-kontroparti

558. Miżuri superviżorji biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu u tal-kontroparti u l-arranġamenti assoċjati ta' ġestjoni u ta' kontroll x'aktarx li jiffokaw fuq il-ħtieġa li l-istituzzjoni tnaqqas il-livell ta' riskju inerenti jew issaħħaħ l-arranġamenti ta' ġestjoni u ta' kontroll.

559. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjoni:

a. tinvolvi lill-korp maniġerjali jew lill-kumitati tagħha b'mod aktar attiv fid-deċiżjonijiet ta' kreditu rilevanti;

b. ittejjeb sistemi ta' kejl tar-riskju ta' kreditu;

c. ittejjeb il-kontrolli fuq il-proċessi ta' kreditu, inklużi l-għoti, il-monitoraġġ u l-irkupru tal-kreditu;

d. ittejjeb il-ġestjoni, l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-kollateral; u/jew

e. ittejjeb il-kwalità u l-frekwenza tar-rapportar dwar ir-riskju ta' kreditu lill-korp maniġerjali u lill-maniġment superjuri.

560. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(d) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjoni:

a. tapplika politika speċifika ta' proviżjonament, u – fejn ikun permess minn regoli u regolamenti ta' kontabbiltà – jeħtieġu li żżid id-dispożizzjonijiet;

b. taġġusta l-parametri interni tar-riskju u/jew piżijiet ta' riskju użati biex jiġu kkalkolati l-ammonti tal-iskopertura tar-riskju għal prodotti, setturi jew tipi ta' obbliganti speċifiċi; u/jew

c. tapplika telf impost ogħla għall-valur tal-kollateral.

561. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(e) u (f) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjoni:

a. tnaqqas skoperturi kbar jew sorsi oħra ta' riskju ta' konċentrazzjoni ta' kreditu;

b. tissikka l-kriterji għall-għoti ta' kreditu għall-kategoriji kollha tal-prodotti jew l-obbliganti jew xi wħud minnhom;

c. tnaqqas l-iskopertura tagħha, jew takkwista protezzjoni, għal tipi speċifiċi ta' faċilitajiet (eż. ipoteki, finanzi ta' esportazzjoni, proprjetà ta' beni immobbli kummerċjali, titolizzazzjonijiet, eċċ.), kategoriji ta' obbliganti, setturi, pajjiżi, eċċ.; u/jew

d. timplimenta strateġija xierqa biex tnaqqas l-ammont jew is-sehem ta' skoperturi improduttivi.

### Riskju tas-suq

562. Miżuri superviżorji biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjoni tar-riskju tas-suq u l-arranġamenti ta' ġestjoni u ta' kontroll assoċjati x'aktarx li jiffokaw fuq il-ħtieġa li l-istituzzjoni tnaqqas il-livell tar-riskju inerenti jew issaħħaħ l-arranġamenti ta' ġestjoni u ta' kontroll.

563. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjoni tindirizza nuqqasijiet identifikati fir-rigward tal-ħila tal-istituzzjoni li tidentifika, tkejjel, tissorvelja u tikkontrolla r-riskju u l-kontroll tas-suq, permezz ta' mezzi li jinkludu:

a. it-tisħiħ tal-prestazzjoni tal-approċċi interni tal-istituzzjoni, jew tal-kapaċità tagħha ta' ttestjar retrospettiv jew ittestjar tal-istress;

b. it-titjib tal-kwalità u l-frekwenza tar-rapportar tar-riskju tas-suq lill-korp maniġerjali u lill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni; u/jew

c. teħtieġ awditu intern aktar frekwenti u fil-fond tal-attività tas-suq.

564. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(e) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jillimitaw l-investimenti f'ċerti prodotti meta l-politiki u l-proċeduri tal-istituzzjoni ma jiżgurawx li r-riskju minn dawk il-prodotti ser ikun kopert u kkontrollat b'mod adegwat;

b. jeħtieġu lill-istituzzjoni tippreżenta pjan biex tnaqqas l-iskoperturi tagħha għal assi f'diffikultà u/jew il-pożizzjonijiet illikwidi gradwalment; u/jew

c. jeħtieġu d-divestiment tal-prodotti finanzjarji meta l-proċessi ta' valutazzjoni tal-istituzzjoni ma jipproduċux valutazzjonijiet konservattivi li jikkonformaw mal-istandards tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

565. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(f) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jeħtieġu lill-istituzzjoni tnaqqas il-livell tar-riskju tas-suq inerenti (permezz ta’ lqugħ jew bejgħ tal-assi) meta jiġu identifikati nuqqasijiet sinifikanti fis-sistemi ta’ kejl tal-istituzzjoni; u/jew

b. jeħtieġu lill-istituzzjoni żżid l-ammont ta’ derivattivi depożitati permezz ta’ kontropartijiet ċentrali (CCPs).

### Riskju operazzjonali

566. Miżuri superviżorji biex jindirizzaw nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjoni tar-riskju operazzjonali u l-arranġamenti ta’ ġestjoni u ta’ kontroll assoċjati x’aktarx li jiffokaw fuq li jeħtieġu lill-istituzzjoni tnaqqas il-livell tar-riskju inerenti jew issaħħaħ arranġamenti ta’ ġestjoni u ta’ kontroll.

567. F’konformità mal-Artikolu 104(1)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jeħtieġu lill-istituzzjoni tinvolvi l-korp maniġerjali jew il-kumitati tagħha b’mod aktar attiv fid-deċiżjonijiet operazzjonali ta’ ġestjoni tar-riskju;

b. jeħtieġu lill-istituzzjoni tikkunsidra r-riskju operazzjonali inerenti meta tapprova prodotti u sistemi ġodda; u/jew

c. jeħtieġu lill-istituzzjoni ttejjeb is-sistemi operattivi tal-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju.

568. F’konformità mal-Artikolu 104(1)(e) u (f) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jeħtieġu li l-istituzzjoni tnaqqas l-ambitu u/jew il-firxa tal-attivitajiet ta’ esternalizzazzjoni, inkluż ir-ristrutturar jew il-ħruġ minn arranġamenti ta’ esternalizzazzjoni, u l-bidla għal fornitur ta’ servizz ieħor;

b. jeħtieġu lill-istituzzjoni timmitiga skoperturi għar-riskju operazzjonali (eż. permezz tal-assigurazzjoni, l-introduzzjoni ta’ aktar punti ta’ kontroll, eċċ.);

c. jirrikjedu li l-istituzzjoni tieħu miżuri korrettivi speċifiċi biex ittejjeb l-arranġamenti ġenerali tagħha ta’ governanza interna, inkluż il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli interni;

d. jirrikjedu li l-istituzzjoni tiddefinixxi u timmonitorja KRIs u/jew KPIs speċifiċi;

e. jirrestrinġu jew jillimitaw in-negozju, l-attivitajiet jew in-netwerk tal-istituzzjonijiet jew li jitolbu ċ-ċessjoni tal-attivitajiet li joħolqu riskji eċċessivi għas-sodezza ta’ istituzzjoni; u/jew

f. jirrikjedu t-tnaqqis tar-riskju inerenti fl-attivitajiet, fil-prodotti u fis-sistemi tal-istituzzjonijiet, inklużi r-riskji tal-ML/TF b'implikazzjonijiet prudenzjali.

### Riskju fir-rata tal-imgħax minn attivitajiet mhux ta' negozjar

569. Irrispettivament mir-rekwiżit li jżommu fondi proprji addizzjonali skont l-Artikolu 104(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-applikazzjoni ta' miżuri superviżorji fil-każijiet li ġejjin:

a. meta japplika kwalunkwe wieħed mill-każijiet imsemmija fil-punti (a) jew (b) tal-Artikolu 98(5) tad-Direttiva 2013/36/UE; jew

b. meta l-eżiti tal-SREP jiżvelaw xi insuffiċjenza fil-valutazzjoni tal-istituzzjoni tal-livell inerenti tal-IRRBB u l-arranġamenti assoċjati ta' ġestjoni u kontroll.

570. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjoni tieħu azzjoni biex tindirizza n-nuqqasijiet fil-kapaċità tagħha biex tidentifika, tkejjel, tissorvelja u tikkontrolla r-riskju fir-rata tal-imgħax minn attivitajiet mhux kummerċjali, pereżempju biex:

a. ittejjeb il-kapaċità tagħha tal-ittestjar tal-istress; u/jew

b. itejjeb ir-rapportar ta' informazzjoni tal-ġestjoni tal-IRRBB lill-korp maniġerjali u lill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni.

571. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(f) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu lill-istituzzjoni tapplika varjazzjonijiet għal-limiti interni biex tnaqqas ir-riskju inerenti fl-attivitajiet, il-prodotti u s-sistemi.

572. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(j) tad-Direttiva 2013/36/UE u soġġett għall-paragrafu (2) ta' dak l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu rapportar addizzjonali jew aktar frekwenti tal-pożizzjonijiet tal-IRRBB tal-istituzzjoni.

573. Fejn jitqies meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll miżuri f'konformità mal-Artikolu 84(3) tad-Direttiva 2013/36/UE.

### Riskju ta' likwidità

574. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(k) tad-Direttiva 2013/36/UE u kif stabbilit fil-paragrafi (1) u (6) tal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 biex jiġi speċifikat l-LCR, fir-rigward tad-diversifikazzjoni tal-bafer ta' likwidità u l-konsistenza tal-munita bejn l-assi likwidi u l-flussi ta' ħruġ netti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jimponu rekwiżiti fuq il-konċentrazzjoni tal-assi likwidi miżmuma, inklużi:

   - rekwiżiti għall-kompożizzjoni tal-profil tal-assi likwidi tal-istituzzjoni fir-rigward tal-kontropartijiet, munita, eċċ.; u/jew

  - limiti jew restrizzjonijiet dwar il-konċentrazzjonijiet ta’ finanzjament;

b. jimponu restrizzjonijiet fuq diskrepanzi fil-maturità kuntrattwali jew komportamentali fuq żmien qasir bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet, inklużi:

  - limiti fuq diskrepanzi fil-maturità (f’taqsimiet tal-ħin speċifiċi) bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet;

  - limiti fuq perjodi minimi ta’ sopravivenza; u/jew

  - limiti fuq dipendenza fuq ċerti sorsi ta’ finanzjament għal żmien qasir, bħall-finanzjament tas-suq monetarju.

575. F’konformità mal-Artikolu 104(1)(j) tad-Direttiva 2013/36/UE u soġġett għall-paragrafu (2) ta’ dak l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu rekwiżit għall-istituzzjoni biex tipprovdi rapporti aktar frekwenti dwar il-pożizzjonijiet ta’ likwidità, inkluż:

a. il-frekwenza tar-rapportar regolatorju dwar l-LCR; u/jew

b. il-frekwenza u l-granularità ta’ rapporti oħra ta’ likwidità, bħal “metriċi addizzjonali ta’ monitoraġġ”.

576. F’konformità mal-Artikolu 104(1)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li tittieħed azzjoni biex jindirizzaw nuqqasijiet identifikati fir-rigward tal-ħila tal-istituzzjoni biex tidentifika, tkejjel, tissorvelja u tikkontrolla r-riskju tal-likwidità, permezz ta’ mezzi li jinkludu:

a. titjib fil-kapaċità tal-ittestjar tal-istress tagħha biex ittejjeb il-kapaċità tagħha li tidentifika u tikkwantifika s-sorsi materjali ta’ riskju tal-likwidità għall-istituzzjoni;

b. titjib fl-abbiltà tagħha li timmonetizza l-assi likwidi tagħha;

c. titjib fil-pjan ta’ kontinġenza tal-likwidità tagħha u l-qafas tal-indikaturi ta’ twissija bikrija tal-likwidità tagħha; u/jew

d. titjib fir-rapportar ta’ informazzjoni tal-ġestjoni tal-likwidità lill-korp maniġerjali u lill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni.

### Riskju tal-finanzjament

577. F’konformità mal-Artikolu 104(1)(k) tad-Direttiva 2013/36/UE u b’kont meħud tal-Artikolu 428b(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fir-rigward tal-konsistenza tal-munita bejn il-finanzjament stabbli disponibbli u dak meħtieġ fl-NSFR, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li tittieħed azzjoni biex jiġi emendat il-profil ta’ finanzjament tal-istituzzjoni, inkluż:

a. tnaqqis tad-dipendenza tagħha fuq ċerti swieq ta’ finanzjament (potenzjalment volatili), bħal finanzjament bl-ingrossa;

b. tnaqqis tal-konċentrazzjoni tal-profil ta' finanzjament tagħha fir-rigward ta' kontropartijiet, l-ogħla livelli fil-profil tal-maturità fit-tul, (diskrepanzi fil-) muniti, eċċ.; u/jew

c. tnaqqis tal-ammont tal-assi gravati tagħha, potenzjalment differenti bejn gravami totali u sovrakollateralizzazzjoni (eż. għal bonds koperti, sejħiet marġinali, eċċ.).

578. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(j) tad-Direttiva 2013/36/UE u soġġett għall-paragrafu (2) ta' dak l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu rapportar addizzjonali jew aktar frekwenti tal-pożizzjonijiet tal-finanzjament tal-istituzzjoni, inkluż:

a. żieda fil-frekwenza ta' rapportar regolatorju rilevanti għall-monitoraġġ tal-profil ta' finanzjament (bħar-rapport NSFR u "metriċi addizzjonali ta' monitoraġġ"); u/jew

b. żieda fil-frekwenza ta' rapportar dwar il-pjan ta' finanzjament tal-istituzzjoni lis-superviżur.

579. F'konformità mal-Artikolu 104(1)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jeħtieġu li jittieħdu azzjonijiet biex jindirizzaw nuqqasijiet identifikati rigward il-kontroll tal-istituzzjoni tar-riskju ta' finanzjament, inkluż:

   - isaħħu r-rapportar dwar ir-riskju ta' finanzjament lill-korp maniġerjali u lill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni;
   - ifakkru jew isaħħu l-pjan ta' finanzjament; u/jew
   - jimponu limiti fuq l-aptit għar-riskju/l-aptit għar-riskju tagħha;

b. itejbu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tal-istress tal-istituzzjoni permezz ta' mezzi li jinkludu li jeħtieġu lill-istituzzjoni tkopri perjodu itwal ta' stress.

## 10.6 Reazzjoni superviżorja għal sitwazzjoni fejn ma jiġix issodisfat it-TSCR jew l-OCR

580. It-TSCR huwa rekwiżit legalment vinkolanti li l-istituzzjonijiet għandhom jissodisfaw f'kull ħin, inkluż f'kundizzjonijiet ta' stress. Jekk it-TSCR stabbilit skont dawn il-linji gwida ma jibqax jiġi ssodisfat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw setgħat ta' intervent addizzjonali skont id-Direttivi 2013/36/UE u 2014/59/UE, inkluż l-irtirar tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 18(d) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-applikazzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/59/UE u azzjonijiet ta' riżoluzzjoni skont dik id-Direttiva. Meta jeżerċitaw dawk is-setgħat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk il-miżuri humiex proporzjonati għaċ-ċirkostanzi u l-ġudizzju tagħhom dwar kif aktarx se tiżviluppa s-sitwazzjoni.

581. Ksur tat-TSCR għandu jiġi kkunsidrat ukoll sabiex jiġi ddeterminat jekk istituzzjoni hijiex qiegħda tfalli jew aktarx se tfalli skont l-Artikolu 32(4)(a) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-Linji Gwida tal-EBA dwar l-interpretazzjoni taċ-ċirkostanzi differenti meta istituzzjoni għandha tiġi kkunsidrata li qed tfalli jew aktarx tfalli, peress li din hija waħda mill-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirtiraw awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 18(d) tad-Direttiva 2013/36/UE.

582. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw ukoll jekk l-istituzzjonijiet jissodisfawx l-OCR. Fejn meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-istituzzjonijiet jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 141 sa 142 tad-Direttiva 2013/36/UE.

## 10.7 Reazzjoni superviżorja għal sitwazzjoni fejn ma tiġix issodisfata P2G

583. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw jekk l-ammont ta’ fondi proprja mistenni skont il-P2G huwiex stabbilit u miżmum mill-istituzzjoni maż-żmien.

584. Meta l-fondi proprji tal-istituzzjoni jonqsu jew aktarx se jonqsu taħt il-livell iddeterminat mill-P2G, l-awtorità kompetenti għandha tistenna li l-istituzzjoni tinnotifikaha u tħejji pjan ta’ kapital rivedut. Fin-notifika tagħha, l-istituzzjoni għandha tispjega liema konsegwenzi negattivi aktarx se jinfurzawha biex tagħmel dan u liema azzjonijiet huma previsti għar-restawr eventwali ta’ konformità mal-P2G bħala parti minn djalogu superviżorju mtejjeb.

585. B’mod ġenerali, hemm tliet sitwazzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati minn awtorità kompetenti li fihom istituzzjoni tista’ tonqos milli tissodisfa l-P2G tagħha.

a. Meta l-livell ta’ fondi proprji jaqa’ taħt il-livell tal-P2G (filwaqt li jibqa’ ogħla mill-OCR) f’ċirkostanzi speċifiċi għall-istituzzjoni jew esterni li fihom ir-riskji li P2G kellha l-għan li tkopri jkunu ġew materjalizzati, l-awtorità kompetenti tista’ tippermetti lill-istituzzjoni biex temporanjament topera taħt il-livell tal-P2G diment li l-pjan ta’ kapital rivedut ikun meqjus kredibbli f’konformità mal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 7.7.2. L-awtorità kompetenti tista’ tikkunsidra wkoll li taġġusta l-livell tal-P2G fejn xieraq.

b. Meta l-livell ta’ fondi proprji jaqa’ taħt il-livell tal-P2G (filwaqt li jibqa’ ogħla mill-OCR) f’ċirkostanzi speċifiċi għall-istituzzjoni jew esterni b’riżultat tal-materjalizzazzjoni tar-riskji li l-P2G ma kellhiex l-għan li tkopri, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistennew li l-istituzzjoni żżid il-livell tal-fondi proprji għal-livell tal-P2G f’perjodu ta’ żmien xieraq.

c. Meta l-istituzzjoni tinjora l-P2G, ma tinkorporahiex fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskju jew ma tistabbilixxix fondi proprji biex tissodisfa l-P2G fil-limiti ta’ żmien stabbiliti

skont il-paragrafu 438, dan jista' jwassal biex l-awtoritajiet kompetenti japplikaw miżuri superviżorji addizzjonali kif stabbilit fit-Taqsimiet 10.3 u 10.5.

Meta l-permess biex topera taħt il-livell tal-P2G kif imsemmi fil-punt (a) ma jkunx ingħata u l-fondi proprji tal-istituzzjoni jkunu ripetutament taħt il-livell tal-P2G, l-awtorità kompetenti għandha timponi rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali f'konformità mat-Titolu 7.

586. Minkejja risponsi superviżorji partikolari skont il-paragrafu preċedenti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw ukoll l-applikazzjoni tal-miżuri ta' kapital u miżuri superviżorji addizzjonali stabbiliti fit-Taqsimiet 10.3 u 10.5, meta dawn jitqiesu aktar xierqa biex jindirizzaw ir-raġunijiet għalfejn il-fondi proprji qegħdin jaqgħu taħt il-livell iddeterminat mill-P2G.

## 10.8 Interazzjoni bejn miżuri superviżorji u miżuri ta' intervent bikri

587. Minbarra l-miżuri superviżorji msemmija f'dan it-titolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw miżuri ta' intervent bikri kif speċifikat fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/59/UE, li huma maħsuba biex jissupplimentaw is-sett ta' miżuri superviżorji speċifikati fl-Artikoli 104 u 105 tad-Direttiva 2013/36/UE.

588. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw miżuri ta' intervent bikri mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura superviżorja oħra, u meta japplikaw miżuri ta' intervent bikri, għandhom jagħżlu l-miżura/i l-aktar xierqa biex jiġi żgurat rispons li jkun proporzjonat għaċ-ċirkostanzi partikolari.

## 10.9 Interazzjoni bejn il-miżuri superviżorji u dawk makroprudenzjali

589. Meta istituzzjoni tkun soġġetta għal miżuri makroprudenzjali u l-valutazzjoni SREP tiddetermina li dawn il-miżuri makroprudenzjali ma jindirizzawx b'mod adegwat il-profil tar-riskju speċifiku għall-istituzzjoni jew insuffiċjenzi preżenti fl-istituzzjoni (jiġifieri l-istituzzjoni hija esposta jew toħloq livell ogħla ta' riskju mil-livell fil-mira tal-miżura makroprudenzjali, jew l-insuffiċjenzi identifikati jkunu aktar materjali minn dawk immirati mill-miżura), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li jissupplimentaw il-miżuri makroprudenzjali b'miżuri addizzjonali speċifiċi għall-istituzzjoni.

## 10.10 Interazzjoni bejn miżuri superviżorji u tal-AML/CFT

590. Meta l-awtoritajiet kompetenti matul l-eżerċitar tal-attivitajiet superviżorji tagħhom ikollhom indikazzjonijiet raġonevoli ta' nuqqasijiet fil-qafas tas-sistemi u tal-kontrolli tal-istituzzjoni, jew fil-qafas ta' governanza interna li huma relatati mal-AML/CFT, jew raġunijiet raġonevoli biex jissuspettaw li l-istituzzjoni għandha skopertura akbar għar-riskji tal-ML/TF, huma għandhom:

a. jinnotifikaw lis-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT dwar dawn in-nuqqasijiet u r-riskji malli jiġu identifikati u jikkomunikaw magħhom f'konformità mal-Linji Gwida dwar il-Kooperazzjoni tal-AML/CFT[50];

b. jivvalutaw l-impatt li tali nuqqasijiet u riskji jista' jkollhom fuq is-sitwazzjoni prudenzjali tal-istituzzjoni;

c. jikkomunikaw mas-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT u f'konformità mal-mandati u l-funzjonijiet tal-awtoritajiet rispettivi, iqisu l-aktar miżuri superviżorji prudenzjali xierqa biex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet u r-riskji flimkien ma' kwalunkwe miżura meħuda mis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT.

591. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiġu nnotifikati jew isiru konxji tal-miżuri superviżorji jew mis-sanzjonijiet ippjanati jew imposti mis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT, għandhom iqisu jekk u kif l-implikazzjonijiet prudenzjali potenzjali tad-dgħufijiet u tal-fallimenti identifikati mis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT jeħtieġ li jiġu mmitigati.

[50] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Kooperazzjoni fl-AML/CFT (EBA/GL/2021/15).

# Titolu 11: Applikazzjoni tal-SREP għal gruppi transfruntiera

592. Dan it-titolu jindirizza l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-metodoloġija tal-SREP komuni kif speċifikat f'dawn il-linji gwida fir-rigward ta' gruppi transfruntiera u l-entitajiet tagħhom. Huwa jipprovdi wkoll rabtiet mal-valutazzjoni konġunta u l-proċess deċiżjonali li għandhom jitwettqu skont l-Artikolu 113 tad-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 710/2014 fir-rigward tal-kundizzjonijiet uniformi tal-applikazzjoni tal-proċess ta' deċiżjonijiet konġunti dwar ir-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjonijiet.

593. Fl-SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll ir-riskji potenzjali tal-ML/TF, filwaqt li jqisu l-kontribut riċevut mill-awtorità kompetenti tal-AML/CFT tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita impriża omm kif ukoll is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT responsabbli għas-superviżjoni tal-AML/CFT tal-istabbilimenti tal-grupp f'ġuriżdizzjonijiet differenti, b'mod partikolari, il-valutazzjonijiet tar-riskji tal-ML/TF, id-dgħufijiet materjali u l-ksur tal-leġiżlazzjoni tal-AML/CFT, li huma marbuta mal-istruttura tal-grupp bankarju transfruntier.

594. Meta jivvalutaw l-implikazzjonijiet prudenzjali tar-riskji tal-ML/TF fl-SREP għal grupp transfruntier, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingranaw l-informazzjoni miksuba permezz ta' impenji bilaterali mal-awtoritajiet kompetenti tal-AML/CFT rilevanti f'konformità mal-Linji Gwida dwar il-Kooperazzjoni tal-AML/CFT u permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-kulleġġi tal-AML/CFT[51] u l-kulleġġi prudenzjali.

## 11.1 Applikazzjoni tal-SREP għal gruppi transfruntiera

595. Meta japplikaw l-SREP u dawn il-linji gwida għall-gruppi transfruntiera, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-vijabbiltà tal-grupp kollu, kif ukoll l-entitajiet individwali tiegħu. Dan jista' jsir billi l-proċess jiġi diviż f'żewġ partijiet: (1) l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu valutazzjoni inizjali tal-entitajiet taħt is-superviżjoni diretta tagħhom, u (2) l-awtoritajiet kompetenti jiddiskutu u jiffinalizzaw b'mod konġunt il-valutazzjoni fi ħdan il-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri skont ir-rekwiżiti tal-Artikoli 113 u 116 tad-Direttiva 2013/36/UE.

596. F'konformità mal-ambitu tal-applikazzjoni tal-linji gwida kif diskuss fit-Titolu 1:

a. is-superviżuri ta' konsolidazzjoni għandhom iwettqu l-valutazzjoni inizjali tal-impriża prinċipali u l-grupp tal-istituzzjonijiet fuq livell konsolidat; u

[51] Kulleġġi tal-AML/CFT kif definit fil-Linji gwida konġunti dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 bejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji ("il-Linji Gwida tal-Kulleġġi AML/CFT").

b. l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-valutazzjoni inizjali fuq l-entitajiet taħt is-superviżjoni tagħhom (individwali, jew subkonsolidata, fejn rilevanti).

597. Fejn dawn il-linji gwida huma applikati għas-sussidjarji ta’ grupp transfruntier kif speċifikat fil-paragrafu ta’ hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għas-sussidjarji, meta jwettqu l-valutazzjoni inizjali tagħhom, għandhom primarjament jikkunsidraw istituzzjonijiet fuq bażi individwali, jiġifieri jivvalutaw il-mudell tan-negozju, l-istrateġija, il-governanza interna u l-kontrolli fl-istituzzjoni kollha, ir-riskji għall-kapital u l-likwidità, u l-adegwatezza tal-kapital u tal-likwidità ta’ entità bħalma jagħmlu għal istituzzjoni awtonoma. Is-sejbiet minn tali valutazzjonijiet inizjali, fejn rilevanti, għandhom jinkludu wkoll l-identifikazzjoni ta’ vulnerabbiltajiet ewlenin fil-kuntest transfruntier jew tal-grupp, li jistgħu jkunu relatati mad-dipendenza ta’ istituzzjoni fuq il-kumpanija prinċipali/grupp tagħha għall-finanzjament, il-kapital, l-appoġġ teknoloġiku, eċċ. Fil-valutazzjonijiet inizjali tagħhom magħmula fuq bażi individwali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirriflettu wkoll il-punti b’saħħithom u l-fatturi ta’ mitigazzjoni relatati mal-entità li tkun parti mill-grupp, li jistgħu jkunu relatati mal-appoġġ teknoloġiku tal-grupp, l-arranġamenti ta’ appoġġ finanzjarju, eċċ.

598. Ir-riżultati ta’ kwalunkwe tali valutazzjoni inizjali tal-elementi SREP, inkluż, jekk ikunu identifikati, fehmiet dwar dipendenzi ewlenin dwar il-kumpanija prinċipali/grupp, għandhom iservu bħala kontribut fil-valutazzjoni konġunta u l-proċess deċiżjonali skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 113 tad-Direttiva 2013/36/UE, u għalhekk għandhom jiġu diskussi mill-awtoritajiet kompetenti fi ħdan il-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri stabbiliti skont l-Artikolu 116 tad-Direttiva 2013/36/UE.

599. Wara d-diskussjonijiet fil-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri u r-riżultati tal-proċess ta’ valutazzjoni konġunta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffinalizzaw il-valutazzjonijiet SREP rispettivi tagħhom, billi jagħmlu l-aġġustamenti meħtieġa bbażati fuq l-eżiti tad-diskussjonijiet tal-kulleġġ.

600. Fejn valutazzjoni inizjali tal-awtorità kompetenti tkun żvelat insuffiċjenzi speċifiċi relatati mal-pożizzjonijiet intragrupp (eż. konċentrazzjoni għolja ta’ skoperturi għall-impriża prinċipali, dipendenza fuq finanzjament intragrupp, tħassib dwar is-sostenibbiltà tal-istrateġija ta’ entità, eċċ.) li jaffettwaw negattivament il-vijabbiltà ġenerali tal-entità fuq bażi individwali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fil-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri, jiddiskutu jekk il-valutazzjoni finali tal-entità għandhiex tinbidel b’kunsiderazzjoni tad-dimensjoni ġenerali tal-grupp, inkluż il-mudell tan-negozju tal-grupp konsolidat, l-istrateġija u l-eżistenza u l-karatteristiċi speċifiċi ta’ arranġamenti ta’ appoġġ finanzjarju intragrupp.

601. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddiskutu u jikkoordinaw dawn li ġejjin fil-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri:

a. ippjanar, inkluża l-frekwenza, u l-iskedi ta’ żmien għat-twettiq tal-valutazzjoni ta’ diversi elementi tal-SREP għall-grupp ikkonsolidat u l-entitajiet tiegħu biex jiffaċilita

ħejjija tar-rapporti tar-riskju tal-grupp u tar-riskju tal-likwidità meħtieġa għad-deċiżjonijiet konġunti kif speċifikat fl-Artikolu 113 tad-Direttiva 2013/36/UE;

b. dettalji tal-applikazzjoni tal-punti ta' riferiment użati għall-valutazzjoni tal-elementi tal-SREP;

c. approċċ għall-valutazzjoni u l-punteġġ tas-subkategoriji tar-riskji b'mod individwali, fejn tali subkategoriji ġew identifikati bħala materjali;

d. kontributi meħtieġa mill-istituzzjoni fil-livell konsolidat u tal-entità għat-twettiq tal-valutazzjoni tal-elementi SREP, inklużi dawk mill-ICAAP u l-ILAAP;

e. eżiti tal-valutazzjoni, inklużi punteġġi tal-SREP assenjati lil diversi elementi, u l-valutazzjoni REP ġenerali u punteġġ SREP ġenerali fil-livell konsolidat u tal-entità. Meta jiddiskutu l-valutazzjoni tar-riskji individwali għall-kapital u l-likwidità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw fuq ir-riskji li huma identifikati bħala materjali għall-entitajiet rispettivi;

f. l-implikazzjonijiet prudenzjali transfruntiera tar-riskji u t-tħassib tal-ML/TF; u

g. miżuri superviżorji ppjanati u miżuri ta' intervent bikri, jekk rilevanti.

602. Meta jippreparaw is-sommarju tal-valutazzjoni tal-SREP ġenerali għall-grupp transfruntier u l-entitajiet tiegħu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistrutturaw dan b'mod li jiffaċilita l-mili tal-mudelli għar-rapport tal-SREP, ir-rapport tar-riskju tal-grupp, il-valutazzjoni tar-riskju tal-likwidità u mudelli tar-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju tal-likwidità tal-gruppi meħtieġa għad-deċiżjoni konġunta skont l-Artikolu 113 tad-Direttiva 2013/36/UE kif speċifikat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 710/2014 fir-rigward tal-kundizzjonijiet uniformi tal-applikazzjoni tal-proċess ta' deċiżjonijiet konġunti dwar ir-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjonijiet.

## 11.2 Valutazzjoni tal-kapital tal-SREP u r-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjoni

603. Id-determinazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital u r-rekwiżiti u l-gwida relatati f'konformità mal-proċess deskritt fit-Titolu 7 għall-gruppi transfruntiera hija parti mill-proċess tad-deċiżjoni konġunta tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 113 tad-Direttiva 2013/36/UE.

604. L-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji u t-teħid ta' miżuri superviżorji, inkluż fir-rigward tal-impożizzjoni ta' fondi proprji addizzjonali skont l-Artikolu 104(1)(a) fuq il-livell ta' entità kkonsolidata jew individwali kif speċifikat fit-Titolu 7 għandu jkun soġġett għad-deċiżjoni konġunta tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 113 tad-Direttiva 2013/36/UE.

605. Għal istituzzjonijiet prinċipali jew sussidjarji ta' grupp transfruntier, l-applikazzjoni tar-rekwiżiti addizzjonali ta' fondi proprji skont l-Artikolu 104(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE

għandha titwettaq f'konformità mal-proċess tad-deċiżjoni konġunta previst fl-Artikolu 113(1)(a) ta' dik id-Direttiva.

606. Fil-kuntest tad-diskussjonijiet dwar l-adegwatezza tal-livell ta' fondi proprji u d-determinazzjoni ta' rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw:

a. il-valutazzjoni tal-materjalità tar-riskji u n-nuqqasijiet identifikati kemm fil-livell ta' entità konsolidata u fil-livell individwali (jiġifieri liema riskji huma materjali għall-grupp kollu kemm hu u liema huma materjali għal entità waħda biss) u l-livell ta' fondi proprji meħtieġa biex ikopru riskji bħal dawn;

b. fejn in-nuqqasijiet identifikati huma komuni fl-entitajiet kollha (eż. l-istess nuqqasijiet ta' governanza preżenti fl-entitajiet kollha, jew nuqqasijiet fil-mudelli użati f'diversi entitajiet), li jikkoordinaw il-valutazzjoni u r-rispons superviżorju, u b'mod partikolari, li jiddeċiedu jekk għandhomx ikunu imposti miżuri fuq livell konsolidat jew b'mod proporzjonali f'livell ta' entità għall-entitajiet fejn ikun hemm nuqqasijiet komuni;

c. eżiti ta' valutazzjonijiet tal-ICAAP u fehmiet dwar l-affidabbiltà tal-kalkoli tal-ICAAP u l-użu tagħhom bħala kontribut fid-determinazzjoni tar-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji;

d. eżiti tal-kalkoli tal-punti ta' riferiment superviżorji użati biex jiddeterminaw rekwiżiti addizzjonali ta' fondi proprji għall-entitajiet kollha fil-grupp u f'livell konsolidat; u

e. rekwiżiti addizzjonali ta' fondi proprji li jiġu imposti fuq entitajiet u fuq livell konsolidat biex jiżguraw li jkun hemm konsistenza tar-rekwiżiti finali ta' fondi proprji u jekk hemmx ħtieġa għal trasferiment ta' fondi proprji minn livell konsolidat għal dak ta' entità.

607. Biex jiddeterminaw it-TSCR kif speċifikat fit-Titolu 7, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-istess livell ta' applikazzjoni bħar-rekwiżiti ta' deċiżjoni konġunta skont l-Artikolu 113 tad-Direttiva 2013/36/UE. B'mod partikolari, it-TSCR u miżuri oħra kapitali, jekk applikabbli, għandhom jiġu stabbiliti f'livelli konsolidati u uniċi għall-entitajiet li joperaw fi Stati Membri oħra. Għal-livell subkonsolidat, it-TSCR u miżuri oħra kapitali għandhom ikopru biss l-impriża prinċipali tal-grupp subkonsolidat biex jevitaw għadd doppju ta' rekwiżiti addizzjonali ta' fondi proprji kkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti għal sussidjarji fi Stati Membri oħra.

608. Jekk l-eżitu tal-valutazzjoni superviżorja tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv għall-istituzzjonijiet prinċipali jew sussidjarji ta' grupp transfruntier jkun li għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv, dak għandu jitwettaq f'konformità mal-proċess ta' deċiżjoni konġunta previst fl-Artikolu 113(1)(a)

tas-CRD u jirrifletti l-istack separat ta’ rekwiżiti ta’ fondi proprji abbażi tal-proporzjon ta’ ingranaġġ.

609. Fil-kuntest tad-diskussjonijiet dwar l-adegwatezza tal-livell ta’ fondi proprji biex jiġi kopert ir-riskju ta’ ingranaġġ eċċessiv u d-determinazzjoni ta’ rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw:

a. aspetti inklużi fil-paragrafu 394;

b. rekwiżiti addizzjonali ta’ fondi proprji biex ikopru r-riskju ta’ ingranaġġ eċċessiv impost fuq entitajiet u fuq livell konsolidat biex jiżguraw li jkun hemm konsistenza tar-rekwiżiti finali ta’ fondi proprji u jekk hemmx ħtieġa għal trasferiment ta’ fondi proprji minn livell konsolidat għal dak ta’ entità.

610. L-informazzjoni kollha rilevanti fir-rigward tad-determinazzjoni tal-P2G (inkluż id-daqs tagħha, il-kompożizzjoni tal-fondi proprji biex ikopruha u r-reazzjoni superviżorja) għal istituzzjonijiet prinċipali jew sussidjarji ta’ grupp transfruntier għandha tiġi kondiviża bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-istabbiliment tal-P2G u l-P2G-LR għandu jitwettaq f’konformità mal-proċess ta’ deċiżjoni konġunta skont l-Artikolu 113(1)(c), tad-Direttiva 2013/36/UE. B’mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddiskutu l-approċċ biex jistabbilixxu P2G fil-livell individwali meta ma tkun disponibbli l-ebda *data* mit-testijiet tal-istress superviżorji fil-livell individwali, jew, fejn rilevanti, jaqblu dwar l-applikazzjoni tal-P2G fil-livell konsolidat biss.

611. Il-P2G u l-P2G-LR għandhom ikunu soġġetti għal deċiżjoni konġunta tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 113(1)(c) tad-Direttiva 2013/36/UE u għandhom jiġu riflessi kif xieraq fid-dokument tad-deċiżjoni konġunta mħejji f’konformità mal-Artikolu 113 tad-Direttiva 2013/36/UE.

## 11.3 SREP u r-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjoni

612. Għall-Artikolu 113(1)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li l-“kwistjonijiet” ikunu sinifikanti u/jew is-“sejbiet” ikunu materjali tal-anqas fejn:

a. rekwiżiti ta’ likwidità kwantitattivi speċifiċi huma proposti mill-awtoritajiet kompetenti; u/jew

b. miżuri minbarra r-rekwiżiti ta’ likwidità kwantitattivi speċifiċi huma proposti mill-awtoritajiet kompetenti u l-punteġġ mogħti lir-riskju ta’ likwidità u/jew ir-riskju ta’ finanzjament huwa “3” jew “4”.

## 11.4 Applikazzjoni ta’ miżuri superviżorji oħrajn

613. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta’ gruppi transfruntiera u l-entitajiet tagħhom għandhom jiddiskutu u jikkoordinaw, fejn possibbli, l-applikazzjoni tal-miżuri superviżorji kollha u dawk ta’ intervent bikri lill-grupp u/jew lill-entitajiet materjali tiegħu

biex jiżguraw li l-aktar miżuri xierqa jiġu applikati b'mod konsistenti għall-vulnerabbiltajiet identifikati, filwaqt li titqies id-dimensjoni tal-grupp, inklużi interdipendenzi u arranġamenti intragrupp kif diskuss hawn fuq.

614. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni prudenzjali ta' entitajiet ta' grupp transfruntier għandhom, meta jimponu miżuri superviżorji jew amministrattivi, inklużi sanzjonijiet fuq l-istituzzjonijiet għan-nuqqas tagħhom li jindirizzaw in-nuqqasijiet relatati mar-riskji tal-ML/TF b'mod adegwat, jikkomunikaw mas-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT rilevanti f'konformità mat-Taqsima 8 tal-Linji Gwida dwar il-Kooperazzjoni tal-AML/CFT[52] u f'konformità mal-mandati u l-funzjonijiet tal-awtoritajiet rispettivi, iqisu l-aktar miżuri superviżorji prudenzjali xierqa biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet u r-riskji minbarra kwalunkwe miżura meħuda mis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT.

[52] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Kooperazzjoni fl-AML/CFT (EBA/GL/2021/15).

# Titolu 12: Ittestjar tal-istress superviżorju

## 12.1 L-użu ta' ttestjar tal-istress superviżorju mill-awtoritajiet kompetenti

615. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, anke abbażi tal-Artikolu 100 tad-Direttiva 2013/36/UE, jużaw l-ittestjar tal-istress superviżorju biex jiffaċilitaw SREP u, b'mod partikolari, valutazzjoni superviżorja tal-elementi ewlenin tiegħu, kif deskritt fit-Titoli 4 sa 9. B'mod partikolari, l-ittestjar tal-istress superviżorju għandu jgħin lill-awtoritajiet kompetenti, fejn xieraq, b'dan li ġej:

a. Il-valutazzjoni tar-riskji individwali għall-kapital tal-istituzzjonijiet kif imsemmi fit-Titolu 6, jew ir-riskji għal-likwidità u l-finanzjament kif imsemmi fit-Titolu 8.

b. Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà tal-programmi tal-ittestjar tal-istress tal-istituzzjonijiet, kif ukoll ir-rilevanza, is-severità u l-plawżibbiltà tax-xenarji tat-testijiet tal-istress proprji tal-istituzzjonijiet użati għall-finijiet tal-ICAAP u tal-ILAAP. Dan jista' jinkludi li jiġu kkontestati s-suppożizzjonijiet u l-motivaturi tar-riskji ewlenin tal-istituzzjonijiet.

c. Il-valutazzjoni tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet biex jissodisfaw it-TSCR u l-OCR fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital, kif speċifikat fit-Taqsima 7.7. Skont il-kopertura u t-tip tat-test tal-istress superviżorju, din il-valutazzjoni tista' tiġi limitata biss għal xi elementi tat-TSCR koperti mill-karatteristiċi tat-tfassil tal-ittestjar tal-istress superviżorju (pereżempju rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għal kategoriji ta' riskju individwali, jekk it-test tal-istress ikopri biss tali kategoriji tar-riskju).

d. Id-determinazzjoni tal-P2G għall-istituzzjonijiet.

e. L-identifikazzjoni ta' vulnerabbiltajiet jew dgħufijiet possibbli fil-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskji tal-istituzzjonijiet fuq oqsma ta' riskju individwali.

f. L-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet possibbli fl-arranġamenti ta' governanza ġenerali jew il-kontrolli fl-istituzzjoni kollha: l-ittestjar tal-istress superviżorju għandu jiġi kkunsidrat mill-awtoritajiet kompetenti bħala sors ta' informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-valutazzjoni SREP tal-governanza interna u l-kontrolli fl-istituzzjoni kollha kif imsemmi fit-Titolu 5. B'mod partikolari, jekk awtorità kompetenti tidentifika nuqqasijiet fil-programmi tal-ittestjar tal-istress jew fl-infrastruttura tad-*data* li tappoġġja r-riskju tal-istituzzjoni stess permezz ta' ttestjar tal-istress superviżorju, dawn għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-qafas tal-governanza ġenerali u tal-ġestjoni tar-riskju ta' dik l-istituzzjoni.

g. Id-determinazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi kwantitattivi tal-likwidità fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-likwidità, speċjalment meta awtorità kompetenti ma tkunx żviluppat punti ta' riferiment speċifiċi superviżorji għar-rekwiżiti tal-likwidità. Ċerti elementi tat-testijiet tal-istress superviżorji tal-likwidità għandhom, fejn xieraq, jintużaw bħala inputs meta jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-likwidità speċifiċi għall-istituzzjonijiet (pereżempju analiżi komparattiva, taħt xenarji negattivi, ta' flussi ta' ħruġ tal-flus netti u assi tal-likwidità eliġibbli tul sett ta' orizzonti ta' żmien, valutazzjoni tal-iskala tal-maturità taħt stress), kif speċifikat fit-Taqsima 9.4.

616. Barra minn hekk, l-ittestjar tal-istress superviżorju għandu jgħin lill-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-proċeduri organizzattivi superviżorji u jippjanaw riżorsi superviżorji, filwaqt li jikkunsidraw ukoll informazzjoni oħra rilevanti, b'mod partikolari għall-valutazzjoni aktar frekwenti u bir-reqqa ta' ċerti elementi SREP fil-każ ta' istituzzjonijiet mhux tal-Kategorija 1, u bl-għan li jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-programm ta' eżaminazzjoni superviżorja meħtieġ mill-Artikolu 99 tad-Direttiva 2013/36/UE.

617. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fejn xieraq, jużaw ukoll ix-xenarji u l-eżiti tat-testijiet tal-istress superviżorji bħala sorsi ta' informazzjoni addizzjonali fil-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru tal-istituzzjonijiet, b'mod partikolari meta jivvalutaw l-għażla u s-severità tax-xenarji u s-suppożizzjonijiet użati mill-istituzzjoni.

618. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fejn xieraq, jużaw ukoll l-eżiti tal-ittestjar tal-istress superviżorju biex jappoġġjaw l-analiżi meħtieġa għall-finijiet tal-għoti ta' diversi permessi u awtorizzazzjonijiet meħtieġa mir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew mid-Direttiva 2013/36/UE, pereżempju fir-rigward tal-parteċipazzjonijiet kwalifikanti, il-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, u r-riakkwisti tal-azzjonijiet.

619. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw ukoll l-eżiti tal-ittestjar tal-istress superviżorju, fejn xieraq, biex jappoġġjaw analiżi tematika tal-vulnerabbiltajiet ta' grupp ta' istituzzjonijiet bi profili tar-riskju simili.

620. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fejn xieraq, jużaw ukoll l-ittestjar tal-istress superviżorju bħala mod li bih l-istituzzjonijiet jiġu mmotivati biex itejbu l-ittestjar tal-istress intern u l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom: b'mod partikolari, test tal-istress superviżorju b'komponent minn isfel għal fuq jista' jimmotiva lill-istituzzjonijiet biex ikomplu jiżviluppaw u jtejbu l-aggregazzjoni tad-*data*, l-immudellar tar-riskju u l-għodod tal-IT tagħhom għall-finijiet tal-ittestjar tal-istress u l-ġestjoni tar-riskju.

## 12.2 Elementi ewlenin tal-ittestjar tal-istress superviżorju

621. Meta jiddeċiedu dwar l-elementi ewlenin tal-ittestjar tal-istress superviżorju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu, fost l-oħrajn, dan li ġej:

a. Il-kopertura, f'termini ta' kopertura ta' ċerti fatturi ta' riskju jew fatturi ta' riskju multiplu, ċerti portafolli individwali, jew attivitajiet jew setturi/ġeografiji, il-portafolli kollha jew diversi.

b. It-tfassil, f'termini ta' dan li ġej: (1) analiżi tas-sensittività (fattur uniku jew fattur multiplu sempliċi), (2) analiżi tax-xenarju jew (3) ittestjar tal-kawżi possibbli ta' eżiti ta' kriżi speċifiċi. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħżlu d-disinn li huwa l-aktar xieraq għall-objettiv segwit mit-test tal-istress: Normalment, l-analiżi tas-sensittività għal fattur ta' riskju uniku jew fatturi ta' riskju multiplu għandha tingħata preferenza meta jiġi vvalutat ir-riskju individwali għall-kapital jew ir-riskji għal-likwidità jew il-finanzjament; normalment, l-approċċ ta' analiżi tax-xenarju għandu jingħata preferenza meta tkun intalbet valutazzjoni tal-adegwatezza ġenerali tal-kapital; filwaqt li l-ittestjar tal-kawżi possibbli ta' eżiti ta' kriżi speċifiċi jista', fost l-oħrajn, jitqies xieraq biex tiġi vvalutata s-severità tax-xenarji użati mill-istituzzjoni.

c. Il-kamp ta' applikazzjoni, f'termini ta' kopertura tal-perimetru tal-gruppi transfruntiera: għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-adegwatezza ġenerali tal-kapital tal-grupp, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li fit-testijiet tal-istress jitqiesu l-entitajiet kollha rilevanti fil-grupp.

d. Kampjun ta' istituzzjonijiet koperti mit-testijiet tal-istress: meta jippjanaw l-ittestjar tal-istress superviżorju għal aktar minn istituzzjoni waħda, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kampjun xieraq għall-finijiet tal-eżerċizzju, b'mod partikolari meta jużaw l-ittestjar tal-istress superviżorju għal valutazzjonijiet tematiċi ta' ċerti linji tan-negozju/mudelli jew studji tal-impatt/valutazzjonijiet.

e. *Approċċ* (test tal-istress minn fuq għal isfel, test tal-istress minn isfel għal fuq, taħlita tat-tnejn, il-preskrizzjoni ta' xenarji ankra speċifiċi għall-istituzzjonijiet).

622. Meta jfasslu u jwettqu testijiet tal-istress superviżorji għall-finijiet SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-eżiti ta' analiżi tal-kwalità tal-assi (AQR), fejn disponibbli, xierqa u mhux diġà inkorporati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-istituzzjonijiet. Il-kombinazzjoni tal-ittestjar tal-istress superviżorju mal-AQRs tista' titqies utli sabiex jiġi żgurat li l-pożizzjonijiet fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjonijiet koperti mit-testijiet tal-istress superviżorju jiġu rrapportati b'mod preċiż b'punti ta' tluq imtejba u komparabbli fl-istituzzjonijiet parteċipanti kollha.

623. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll li jistabbilixxu proporzjonijiet tal-kapital fil-mira ddefiniti minn qabel, speċjalment fil-kuntest ta' testijiet tal-istress fis-sistema kollha (inklużi testijiet tal-istress fil-livell tal-pajjiż), jew jistabbilixxu livelli limiti ġenerali jew idjosinkratiċi. F'tali każijiet, dawn iridu ikunu adattati u jqisu objettivi superviżorji. Tali miri jew livelli limiti għandhom japplikaw b'mod konsistenti għall-istituzzjonijiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tat-testijiet tal-istress superviżorji.

## 12.3 Arranġamenti organizzattivi u ta' governanza fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti

624. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu programm effettiv għall-ittestjar tal-istress superviżorju. Dan il-programm għandu jiġi appoġġjat b'arranġamenti organizzattivi, ta' governanza u tal-IT xierqa, filwaqt li jiġi żgurat li t-testijiet tal-istress superviżorji jistgħu jitwettqu bi frekwenza xierqa. Il-programm tal-ittestjar tal-istress superviżorju għandu jappoġġja l-implimentazzjoni effettiva tal-programm ta' eżaminazzjoni superviżorju għall-istituzzjonijiet individwali. Il-programm għandu jirrifletti wkoll kif l-awtorità kompetenti tieħu deċiżjonijiet dwar l-għażla ta' forom ta' ttestjar tal-istress superviżorju b'rabta mill-qrib mal-objettivi ta' kull eżerċizzju.

625. L-arranġamenti ta' governanza, tal-organizzazzjoni u tal-IT li jappoġġjaw il-programm tal-ttestjar tal-istress superviżorju għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

a. Riżorsi umani u materjali suffiċjenti, *data* u infrastruttura tal-IT għat-tfassil u t-twettiq ta' testijiet tal-istress superviżorji. B'mod partikolari, il-programm tal-ittestjar tal-istress superviżorju għandu jiġi appoġġjat ukoll b'*data* xierqa u b'approċċ metodoloġiku xieraq li jkopru l-aspetti kollha, inklużi xenarji u suppożizzjonijiet (pereżempju mudelli, gwida, dokumentazzjoni), u jiżgura kemm flessibbiltà kif ukoll livelli xierqa ta' kwalità u kontrolli.

b. Proċess tal-assigurazzjoni tal-kwalità li jkopri t-tfassil tal-ittestjar tal-istress, l-iżvilupp u t-twettiq, u l-komparabbiltà tar-riżultati fl-istituzzjonijiet kollha.

c. L-integrazzjoni tal-ittestjar tal-istress superviżorju fi proċessi superviżorji oħra rilevanti. B'hekk, meta tkun meħtieġa u soġġetta għal kwalunkwe restrizzjoni legali, l-organizzazzjoni għandha tappoġġja l-kondiviżjoni interna tal-informazzjoni u l-utilizzazzjoni tal-aspetti kollha tal-programm tal-ittestjar superviżorju (pereżempju kemm riżultati kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi).

626. Bħala parti mill-arranġamenti ta' governanza, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-programm tal-ittestjar tal-istress superviżorju jiġi rivedut b'mod regolari, kemm b'mod kwalitattiv kif ukoll kwantitattiv, biex jiżguraw li dan huwa adegwat.

627. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ proċessi u arranġamenti għal djalogu effettiv mal-istituzzjonijiet fir-rigward tat-testijiet tal-istress superviżorji u l-eżiti tagħhom. Dan id-djalogu għandu jirrifletti l-objettivi maħsuba, jiġi stabbilit b'mod partikolari iżda mhux esklussivament meta jitwettqu testijiet tal-istress superviżorji għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-adegwatezza ġenerali tal-kapital tal-istituzzjonijiet u jiġi organizzat fi ħdan il-kuntest aktar ġenerali tal-valutazzjonijiet tal-SREP kif stabbilit f'dawn il-linji gwida. Għall-finijiet ta' tali djalogu kemm fil-livell tekniku kif ukoll maniġerjali, fejn rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li:

a. l-istituzzjonijiet jingħataw spjegazzjoni u gwida adegwati, iddettaljati biżżejjed u preċiżi dwar l-applikazzjoni tal-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet użati f'test tal-istress minn isfel għal fuq;

b. l-istituzzjonijiet jingħataw struzzjonijiet adegwati, iddettaljati biżżejjed u preċiżi fir-rigward tal-informazzjoni ta' sostenn meħtieġa minnhom li għandha tiġi sottomessa lill-awtoritajiet kompetenti flimkien mar-riżultati tat-testijiet tal-istress;

c. l-istituzzjonijiet jingħataw spjegazzjoni wara diskussjonijiet, fejn rilevanti, tal-eżiti tat-testijiet tal-istress superviżorji li jwasslu għall-applikazzjoni ta' miżuri superviżorji. Dan għandu jiġi kkunsidrat mill-awtoritajiet kompetenti b'mod partikolari fi-kuntest tat-testijiet tal-istress fis-sistema kollha li jiskattaw miżuri superviżorji.

628. Meta japplikaw l-ittestjar tal-istress superviżorju għal gruppi transfruntiera u l-entitajiet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni u, fejn prattikament possibbli, jiddiskutu kif xieraq il-proċess fi ħdan il-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li d-dettalji rilevanti dwar il-metodoloġiji, ix-xenarji u s-suppożizzjonijiet ewlenin kif ukoll ir-riżultati tat-testijiet tal-istress superviżorji, speċjalment dawk li għandhom l-għan li jivvalutaw l-adegwatezza tal-kapital jew tal-likwidità, isiru disponibbli u jiġu diskussi.

629. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw ukoll liema informazzjoni fir-rigward tat-testijiet tal-istress superviżorji u l-eżiti tagħhom tista' tiġi żvelata lill-pubbliku, filwaqt li jqisu l-finijiet maħsuba tat-testijiet tal-istress superviżorji. Meta jiddeċiedu dwar l-iżvelar pubbliku tar-riżultati jew tal-metodoloġiji tat-testijiet tal-istress superviżorji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ir-rwol tagħhom stess fl-eżerċizzju u l-approċċ magħżula (test tal-istress minn fuq għal isfel, test tal-istress minn isfel għal fuq) u jikkunsidraw ukoll l-firxa tal-analiżi tagħhom stess biex takkumpanja r-riżultati pubblikati.

## 12.4 Proċess u kunsiderazzjonijiet metodoloġiċi

630. Il-programm tal-ittestjar tal-istress superviżorju stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti għandu jiżgura mill-inqas dan li ġej:

a. Meta jfasslu l-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet biex jintużaw fit-testijiet tal-istress superviżorji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeċiedu dwar it-tfassil u l-karatteristiċi tal-eżerċizzju li huma l-aktar adattati għall-iskop maħsub tiegħu, jiġifieri li huma marbuta mal-objettivi superviżorji (jew oħrajn) stabbiliti mill-awtorità kompetenti.

b. Meta jwettqu testijiet tal-istress superviżorji dwar kampjun usa' ta' istituzzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw jadottaw it-tfassil tat-testijiet tal-

istress superviżorji għal kategoriji differenti kif stabbilit fit-Taqsima 2.4, speċjalment jekk l-eżerċizzju jkun minn fuq għal isfel.

c. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-iskadenzi taż-żmien xierqa għat-twettiq tat-testijiet tal-istress superviżorji, inkluż l-orizzont taż-żmien tax-xenarji u l-perjodu li matulu l-azzjonijiet ta' ġestjoni proposti mill-istituzzjonijiet fl-eżerċizzju tat-test tal-istress huma analizzati. L-iskadenzi taż-żmien għall-eżerċizzju għandhom jiġu integrati wkoll fid-djalogu mal-istituzzjoni, fejn rilevanti għall-iskop maħsub tal-eżerċizzju, u l-punt sa fejn id-*data* pprovduta mill-istituzzjoni parteċipanti se tibqa' rilevanti.

d. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw, fejn rilevanti għall-iskop maħsub tal-eżerċizzju, il-bidliet regolatorji kollha futuri magħrufa li jaffettwaw lill-istituzzjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni u l-orizzont taż-żmien tal-eżerċizzju.

631. Fil-każ ta' test tal-istress tal-analiżi tax-xenarju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeċiedu jekk iwettqux xenarju uniku li għandu jiġi applikat għall-istituzzjonijiet kollha inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċizzju, jew jiżviluppawx xenarji speċifiċi għall-istituzzjoni għal istituzzjonijiet individwali (dawn tal-aħħar m'għandhomx jitqiesu bħala li jeħilsu lill-istituzzjonijiet mir-responsabbiltà li jfasslu x-xenarji tagħhom stess għall-finijiet tal-ittestjar tal-istress ICAAP u ILAPP), jew taħlita tat-tnejn. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw it-transferibbiltà tar-riżorsi tal-kapital u tal-likwidità f'kundizzjonijiet ta' stress u kwalunkwe tfixkil ieħor, inkluż tfixkil legali u operazzjonali, li jista' jkun jeżisti.

632. Barra minn hekk, għandhom jiġu kkunsidrati l-aspetti li ġejjin meta jiġu żviluppati l-metodoloġiji għat-testijiet tal-istress superviżorji:

a. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-impatt tat-test tal-istress fuq il-P&L, il-karta bilanċjali, l-ammont tal-iskopertura għar-riskju u l-proporzjon tal-ingranaġġ tal-istituzzjoni, u janalizzaw l-impatt tat-test tal-istress fuq il-proporzjon tal-kapital tal-istituzzjonijiet koperti mill-eżerċizzju.

b. Għall-finijiet tat-testijiet tal-istress minn isfel għal fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-punt sa fejn dawn jippreskrivu l-metodoloġiji għall-immudellar tal-karti bilanċjali u l-P&L tal-istituzzjonijiet. B'mod indikattiv, il-karti bilanċjali tal-istituzzjonijiet jistgħu jittieħdu bħala statiċi, filwaqt li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw ir-riskji attwali maż-żmien. B'mod alternattiv, dawn jistgħu jitħallew ikunu dinamiċi, permissivi, pereżempju esplorazzjoni aktar progressiva ta' kif il-pjanijiet tan-negozju tal-istituzzjonijiet jistgħu jevolvu taħt ix-xenarju ta' stress jew kif il-volumi tal-kreditu jistgħu jevolvu maż-żmien. Għal komparabbiltà mtejba, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw li jagħżlu l-approċċ ta' karta bilanċjali statika. Bil-maqlub, għal feedback imtejjeb dwar ir-

reazzjonijiet maħsuba jew ippjanati tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-istress u x-xokkijiet, l-approċċ ta' karta bilanċjali dinamika jista' jingħata preferenza.

c. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kif għandhom iqisu l-feedback sistemiku jew l-effetti indiretti fit-testijiet tal-istress, fejn rilevanti, filwaqt li jirrikonoxxu l-limitazzjonijiet li jipprovdu suppożizzjonijiet *ex ante* fil-każ ta' testijiet tal-istress minn isfel għal fuq.

d. Għall-finijiet tat-testijiet tal-istress superviżorji minn isfel għal fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom l-għan li jivvalutaw l-impatt ta' tali eżerċizzji b'mod konsistenti u ġust fl-istituzzjonijiet kollha koperti mit-testijiet tal-istress superviżorji, filwaqt li jirrispettaw il-kundizzjonijiet ekwi. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll il-punt sa fejn ir-riżultati tat-test tal-istress jirriflettu d-differenzi fit-tfassil tal-għażliet u l-ġudizzji fost l-istituzzjonijiet, pjuttost milli d-differenzi reali fir-riskji li dawn huma esposti għalihom.

633. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom l-għan li jivvalutaw ir-riskju tal-mudell fl-eżerċizzji kollha tal-ittestjar tal-istress u jkollhom aċċess għal tipi differenti ta' informazzjoni komparattiva. Huwa rrakkomandat li jkollhom, fejn xieraq, diversi perspettivi/punti ta' riferiment. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut il-fatt li l-mudelli kollha huma imperfetti u li jiġu identifikati dgħufijiet magħrufa u potenzjali. Il-fehim ta' dawn il-limitazzjonijiet u d-dgħufijiet ta' mudelli tal-ittestjar tal-istress individwali tal-istituzzjonijiet jista' jinforma l-proċess tal-ittestjar tal-istress superviżorju u jimmitiga l-problemi potenzjali li jirriżultaw mir-riskju tal-mudell.

# Annessi

## Anness 1. Ir-riskju operazzjonali, eżempji tar-rabta bejn it-telf u l-motivaturi tar-riskju

Biex nispjegaw kif jintwera riskju operazzjonali, jeħtieġ li wieħed jifhem ir-relazzjoni bejn il-motivaturi ta' avveniment ta' riskju speċifiku u l-impatt (jiġifieri l-eżitu) tal-avveniment tar-riskju. Xi eżempji ngħataw fit-tabella li ġejja [53].

| | **Sewwieq** | **Avveniment tar-riskju** | **Tipi ta' impatt (eżiti)** |
|---|---|---|---|
| **In-nies** | Ħruq - att intenzjonat imwettaq minn persuna | Nar - l-avveniment | • Mewt/korriment<br>• Telf finanzjarju/spiża<br>• Ħsara fil-proprjetà<br>• Tfixkil tal-klijent |
| **Proċess** | Żball manwali | Kontijiet mhux preċiżi | • Telf finanzjarju<br>• Ħidma mill-ġdid tal-kontijiet |
| **Sistemi** | Ħsara fis-softwer tal-IT | ATMs mitfija/mhux disponibbli | • Ilmenti tal-klijenti<br>• Kumpens<br>• Ħsara fir-reputazzjoni<br>• Ċensura regolatorja |
| **Estern** | Maltempata tas-silġ severa ħafna | Bini inaċċessibbli / invokazzjoni ta' arranġamenti ta' kontinġenza | • Tfixkil tal-klijent<br>• Telf finanzjarju<br>• Spejjeż tat-tiswija |

[53] Il-kawża ewlenija tagħti lok għal avveniment tar-riskju li jirriżulta f'impatt jew eżiti multipli, li wħud minnhom huma kwantifikabbli.

# Anness 2. Karatteristiċi u differenzi ewlenin bejn il-P2R u l-P2G

| | P2R | P2G |
|---|---|---|
| In-natura | Rekwiżit ogħla mill-Pilastru 1 u inqas mir-rekwiżit ta' bafer kombinat stabbilit skont l-Artikolu 104 tas-CRD | Aspettattiva ogħla mir-rekwiżit ta' bafer kombinat |
| Kamp ta' applikazzjoni | (1) Riskju ta' telf mhux mistenni tul 12-il xahar mhux koperti b'rekwiżiti minimi; (2) riskju ta' telf mistenni tul 12-il xahar mhux koperti biżżejjed mid-dispożizzjonijiet; (3) riskju ta' sottovalutazzjoni ta' riskju minħabba nuqqasijiet fil-mudell; (4) riskji li jirriżultaw minn nuqqasijiet fil-governanza | Eżiti kwantitattivi ta' testijiet tal-istress rilevanti (oqsma oħra potenzjali li għandhom jiġu esplorati ulterjorment). |
| Determinazzjoni | Il-kalkolu jqis iċ-ċifri tal-ICAAP, fejn huma vvalutati bħala affidabbli, appoġġjati, pereżempju, minn punti ta' riferiment superviżorji applikati fir-rigward tal-kalkoli tal-ICAAP, ġudizzji superviżorji, eċċ. | Kalkolu bbażat fuq l-impatt massimu tax-xenarju negattiv fuq il-proporzjon CET1, aġġustat, pereżempju, għal azzjonijiet mitiganti kredibbli u fatturi oħra, u bbilanċjat bil-fondi proprji miżmuma sabiex jiġi ssodisfat is-CCB u f'każijiet eċċezzjonali s-CCyB jekk dan ikopri l-istess riskji preżunti fit-test tal-istress. |
| Kwalità tal-kapital | Fondi proprja regolatorji eliġibbli, tal-inqas fl-istess kompożizzjoni bħall-Pilastru 1 | CET1 biss |
| Rilevanza għar-restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet skont l-Artikolu 141 tad- | Iva | Le |

| | | |
|---|---|---|
| Direttiva 2013/36/UE | | |
| Komunikazzjoni lill-istituzzjoni | Parti mill-proporzjon tat-TSCR artikolati fir-rigward tal-proporzjonijiet kollha tal-Pilastru 1 (fondi proprja totali, T1, CET1) | Bħala proporzjon separat, mhux parti mit-TSCR jew l-OCR, li jispjega kif dan jaffettwa l-proporzjonijiet kollha tal-kapital (T1 u fondi proprji totali) |
| Konformità | Ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati l-ħin kollu, inklużi f'kundizzjonijiet ta' stress | L-istituzzjonijiet huma mistennija li jinkorporaw il-P2G fl-ippjanar tal-kapital, fil-ġestjoni tar-riskju u fl-ippjanar ta' rkupru tagħhom, u joperaw 'il fuq mill-P2G |
| Rispons superviżorju għall-ksur | Jistgħu jiġu applikati l-miżuri superviżorji kollha; ksur huwa kundizzjoni potenzjali għall-irtirar ta' awtorizzazzjoni; istituzzjoni li twettaq ksur titqies li qed tfalli jew aktarx tfalli għal raġunijiet ta' riżoluzzjoni | L-ebda rabta awtomatika bejn il-livell tal-fondi proprja li jaqgħu taħt il-P2G u miżuri superviżorji speċifiċi, iżda tiskatta djalogu u impenn superviżorji mtejba ma' istituzzjoni, peress li jkun hemm il-ħtieġa li jiġi pprovdut pjan ta' kapital kredibbli |